**IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA**

IT-TIENI PARTI

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-MISTERU NISRANI

KKK 1066-1690

WERREJ TAT-TIENI PARTI

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI

# TAL-MISTERU NISRANI

1066-1690

Għalfejn il-Liturġija? - Xi tfisser il-kelma Liturġija? - Il-Liturġija bħala għajn ta' ħajja - Talb u Liturġija - Katekeżi u Liturġija ........ 6

## L-EWWEL SEZZJONI
## L-EKONOMIJA SAGRAMENTALI

L-EWWEL KAPITLU: IL-MISTERU TAL-GĦID FI ŻMIEN IL-KNISJA ........ 9

**L-ewwel artiklu: Il-Liturġija – ħidma tat-Trinità Qaddisa** ........ 9

I. Il-Missier - Bidu u Tmiem tal-Liturġija ........ 9
II. Il-ħidma ta' Kristu fil-Liturġija ........ 10
Kristu gglorifikat... - ...sa mill-Knisja tal-Appostli... - ...hu preżenti fil-Liturġija f'din id-dinja... - ...li hu tisħib fil-Liturġija tas-sema.
III. L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja fil-Liturġija ........ 12
L-Ispirtu s-Santu jħejji biex Kristu jiġi milqugħ - L-Ispirtu s-Santu jfakkar il-misteru ta' Kristu - L-Ispirtu s-Santu jġib issa u f'dan il-waqt il-misteru ta' Kristu - L-għaqda fl-Ispirtu s-Santu.
Fil-qosor ........ 15

**It-tieni artiklu: Il-misteru tal-Għid fis-sagramenti tal-Knisja** ........ 15

I. Is-sagramenti ta' Kristu ........ 16
II. Is-sagramenti tal-Knisja ........ 16
III. Is-sagramenti tal-fidi ........ 17
IV. Is-sagramenti ta' salvazzjoni ........ 18
V. Is-sagramenti tal-ħajja ta' dejjem ........ 19
Fil-qosor ........ 19

IT-TIENI KAPITLU:
IĊ-ĊELEBRAZZJONI SAGRAMENTALI TAL-MISTERU TAL-GĦID ........ 20

**L-ewwel artiklu: Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Knisja** ........ 20

I. Min jiċċelebra? ........ 20
Iċ-ċelebranti tal-Liturġija tas-sema - Iċ-ċelebranti tal-Liturġija sagramentali.
II. Kif tiċċelebra? ........ 22
Sinjali u simboli - Kliem u għemil - Kant u mużika - Ix-xbihat mqaddsa.
III. Meta niċċelebraw? ........ 25
Iż-żmien liturġiku - Jum il-Mulej - Is-sena liturġika - Il-qaddisin fis-sena liturġika - Il-Liturġija tas-Sigħat.

IV. Fejn tiċċelebra? .......... 29
Fil-qosor .......... 30

**It-tieni artiklu: Ħafna liturġiji u misteru wieħed** .......... 31
Tradizzjonijiet liturġiċi u Knisja Kattolika - Liturġija u kulturi.
Fil-qosor .......... 33

IT-TIENI SEZZJONI
IS-SEBA' SAGRAMENTI TAL-KNISJA

.......... 35

L-EWWEL KAPITLU: IS-SAGRAMENTI TAD-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA .......... 36

**L-ewwel artiklu: Is-sagrament tal-Magħmudija** .......... 36

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? .......... 36

II. Il-Magħmudija fil-pjan tas-salvazzjoni .......... 37
Xbihat il-Magħmudija fi żmien il-Patt il-Qadim - Il-magħmudija ta' Ġesù - Il-Magħmudija fil-Knisja.
III. Kif jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija? .......... 39
Id-dħul fil-ħajja nisranija - Il-mistagoġija taċ-ċelebrazzjoni.
IV. Min jista' jitgħammed? .......... 41
Il-Magħmudija tal-kbar (adulti) - Il-Magħmudija tat-trabi - Fidi u Magħmudija.
V. Min jista' jgħammed? .......... 43
VI. Il-ħtieġa tal-Magħmudija .......... 43
VII. Il-grazzja tal-Magħmudija .......... 44
Għall-maħfra tad-dnubiet.... - Ħolqien ġdid - Imdaħħlin fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu - Ir-rabta sagramentali tal-għaqda tal-Insara - Siġill spiritwali li ma jitħassar qatt.
Fil-qosor .......... 46

**It-tieni artiklu: Is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof jew Konfermazzjoni** .. 48

I. Il-Konfermazzjoni fil-pjan tas-salvazzjoni .......... 48
Żewġ tradizzjonijiet: il-Lvant u l-Punent
II. Is-sinjali u r-rit tal-Konfermazzjoni .......... 49
Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni.
III. L-effetti tal-Konfermazzjoni jew Griżma tal-Isqof .......... 51
IV. Min jista' jirċievi dan is-sagrament? .......... 52
V. Il-ministru tal-Konfermazzjoni jew Griżma tal-Isqof .......... 53
Fil-qosor .......... 54

**It-tielet artiklu: Is-sagrament tal-Ewkaristija** .......... 55

I. L-Ewkaristija, bidu u quċċata tal-ħajja nisranija .......... 55
II. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? .......... 56
III. L-Ewkaristija fil-pjan tas-salvazzjoni .......... 57
Ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid - L-istituzzjoni tal-Ewkaristija0 - "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi".
IV. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-Ewkaristija .......... 59
Il-Quddiesa tul iż-żminijiet - Iċ-ċelebrazzjoni.
V. Is-sagrifiċċju sagramentali: radd ta' ħajr, tifkira, preżenza .......... 62
Ir-radd ta' ħajr u t-tifħir tal-Missier - It-tifkira sagrifiċjali ta' Kristu u tal-Ġisem tiegħu, il-Knisja - Il-preżenza ta' Kristu bil-qawwa tal-kelma u tal-Ispirtu s-Santu.

VI. L-Ikla tal-Għid ..... 67
"Ħudu u kulu lkoll": it-tqarbin - Il-frott tat-Tqarbin.
VII. L-Ewkaristija - "rahan tal-ħajja ta' dejjem" ..... 71
Fil-qosor ..... 72

IT-TIENI KAPITLU: IS-SAGRAMENTI TAL-FEJQAN ..... 73

**Ir-raba' artiklu: Is-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni ..... 74**

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? ..... 74
II. Għalfejn sagrament ta' Rikonċiljazzjoni wara l-Magħmudija? ..... 74
III. Il-konverżjoni tal-imgħammdin ..... 75
IV. Il-penitenza ġewwinija ..... 76
V. Il-ħafna suriet ta' penitenza fil-ħajja nisranija ..... 76
VI. Is-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni ..... 77
Alla biss jaħfer id-dnubiet - Rikonċiljazzjoni mal-Knisja -
Is-sagrament tal-maħfra.
VII. L-għemejjel tal-penitent ..... 79
Is-sogħba - Il-qrara - It-tewba.
VIII. Il-ministru tas-sagrament ..... 82
IX. L-effetti ta' dan is-sagrament ..... 83
X. L-indulġenzi ..... 84
X'inhi l-indulġenza - Il-pwieni tad-dnub - Fix-xirka tal-qaddisin -
Tikseb l-indulġenza ta' Alla permezz tal-Knisja.
XI. Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Penitenza ..... 85
Fil-qosor ..... 86

**Il-ħames artiklu: Id-dlik tal-morda ..... 87**

I. Is-sisien tas-sagrament fil-pjan tas-salvazzjoni ..... 88
Il-mard fil-ħajja tal-bniedem - Il-marid quddiem Alla - Kristu, it-tabib -
"Fejqu l-morda..." - Sagrament tal-morda.
II. Min jista' jirċievi u min jista' jamministra dan is-sagrament? ..... 90
F'każ ta' mard gravi.... - "....Sejħu l-presbiteri tal-Knisja".
III. Kif jiġi ċċelebrat dan is-sagrament? ..... 91
IV. L-effetti taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament ..... 92
V. Il-Vjatku, l-aħħar sagrament tan-Nisrani ..... 92
Fil-qosor ..... 93

IT-TIELET KAPITLU: IS-SAGRAMENTI TAL-QADI TAX-XIRKA ..... 94

**Is-sitt artiklu: Is-sagrament tal-Ordni ..... 94**

I. Għaliex jissejjaħ sagrament tal-Ordni? ..... 94
II. Is-sagrament tal-Ordni fil-pjan tas-salvazzjoni ..... 95
Is-saċerdozju fil-Patt il-Qadim - Is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu -
Żewġ suriet ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu -
"In persona Christi capitis" - "F'isem il-Knisja kollha".
III. It-tliet gradi tas-sagrament tal-Ordni ..... 98
L-ordinazzjoni episkopali: il-milja tas-sagrament tal-Ordni -
L-ordinazzjoni tal-presbiteri: kooperaturi tal-isqfijiet –
L-ordinazzjoni tad-djakni: "għall-qadi".
IV. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament ..... 102
V. Min jista' jagħti dan is-sagrament? ..... 102
VI. Min jista' jirċievi dan is-sagrament? ..... 103
VII. X'jagħmel is-sagrament tal-Ordni? ..... 104
Karattru li ma jitħassar qatt - Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu.
Fil-qosor ..... 105

**Is-seba' artiklu: Is-sagrament taż-Żwieġ** ........ 107

I. Iż-Żwieġ fil-pjan ta' Alla ........ 107
Iż-Żwieġ fl-ordni tal-ħolqien - Iż-Żwieġ f'qagħda ta' dnub - Iż-Żwieġ taħt il-pedagoġija tal-Liġi - Iż-Żwieġ fil-Mulej - Il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet.
II. Iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ ........ 111
III. Il-kunsens taż-Żwieġ ........ 112
Iż-żwiġijiet imħallta u disparità, jew nuqqas ta' qbil fil-kult.
IV. L-effetti tas-sagrament taż-Żwieġ ........ 114
Ir-rabta taż-żwieġ - Il-grazzja tas-sagrament taż-Żwieġ.
V. Dak li tagħti u dak li titlob l-imħabba fiż-Żwieġ ........ 115
L-unità u l-indissolubbiltà taż-żwieġ - Il-fedeltà u l-imħabba fiż-Żwieġ - Il-ftuħ għall-ħajja.
VI. Il-Knisja tad-dar ........ 117
Fil-qosor ........ 118

IR-RABA' KAPITLU: IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI L-OĦRA ........ 119

**L-ewwel artiklu: Is-sagramentali** ........ 119
Il-karatteristiċi tas-sagramentali - Il-ħafna suriet tas-sagramentali - Reliġjożità popolari.
Fil-qosor ........ 121

**It-tieni artiklu: Il-Funerali Nsara** ........ 122

I. L-aħħar Għid tan-Nisrani ........ 122
II. Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali ........ 122

IT-TIENI PARTI

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI

# TAL-MISTERU NISRANI

## GĦALFEJN IL-LITURĠIJA?

1066 Fis-Simbolu tal-fidi, il-Knisja tistqarr il-misteru tat-Trinità Qaddisa u "l-misteru tar-rieda ta' Alla" *(Ef 1,9)* għall-ħolqien kollu: il-Missier temm "il-misteru tar-rieda tiegħu" billi bagħat lil Ibnu l-Maħbub u l-Ispirtu tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja u għall-glorja ta' ismu. Dan hu l-misteru ta' Kristu,[1] li ntwera u seħħ fl-istorja skont pjan imfassal bl-għerf kollu, li San Pawl isejjaħlu "l-misteru tar-rieda tiegħu" *(Ef 1,9)* u li t-Tradizzjoni ta' Missirjiet il-Knisja sejħitlu "l-Ekonomija tal-Verb magħmul bniedem" jew "l-Ekonomija tas-salvazzjoni".

1067 "Din il-ħidma għall-fidwa tal-bniedem u għall-glorifikazzjoni perfetta ta' Alla, imħejjija mill-għeġubijiet kbar li Alla għamel fost il-poplu tat-Testment il-Qadim, temmha Kristu l-Mulej, l-aktar bil-misteru tal-Għid tal-Passjoni mqaddsa tiegħu, tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u tat-Tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema, li bih Kristu, bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu kisbilna ħajja ġdida; għaliex mill-ġenb ta' Kristu fir-raqda tal-mewt fuq is-salib ħareġ is-sagrament tal-għaġeb tal-Knisja kollha".[2] Hu għalhekk li l-Knisja, fil-liturġija tagħha, tiċċelebra prinċipalment il-misteru tal-Għid li bih Kristu temm l-opra tas-salvazzjoni tagħna.

1068 Hu dan il-misteru ta' Kristu li l-Knisja tħabbar u tiċċelebra fil-liturġija, biex l-Insara jgħixuh u jagħtu xhieda tiegħu lid-dinja:

> Il-liturġija, li biha, speċjalment bis-sagrifiċċju tal-Ewkaristija, isseħħ l-opra tal-fidwa tagħna, tgħin ħafna biex il-fidili juru f'ħajjithom u jħabbru lill-oħrajn il-misteru ta' Kristu u x'inhi tassew il-Knisja.[3]

## XI TFISSER IL-KELMA LITURĠIJA?

1069 Il-kelma "liturġija" fil-bidu kienet tfisser "ħidma pubblika", "servizz mogħti mill-poplu, favur il-poplu". Fit-tradizzjoni nisranija l-kelma saret tfisser li l-poplu ta' Alla għandu sehem "fix-xogħol ta' Alla".[4] Permezz tal-liturġija, Kristu l-Feddej u l-Qassis il-Kbir tagħna, ikompli fil-Knisja tiegħu, magħha u biha, l-opra tal-fidwa tagħna.

1070 Il-kelma "liturġija" fit-Testment il-Ġdid insibuha użata mhux biss biex tfisser il-kult divin[5] imma wkoll it-tħabbira tal-Evanġelju,[6] u għemil ta' mħabba.[7] F'kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet dejjem għandna qadi ta' Alla u tal-

[1] Ara Ef 3,4.
[2] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium* , 5.
[3] *Ibid.*, 2.
[4] Ara Ġw 17,4.
[5] Ara Atti 13,2; Lq 1,23.
[6] Ara Rum 15,16; Fil 2,14-17 u 2,30.
[7] Ara Rum 15,27; 2 Kor 9,12; Fil 2,25.

bnedmin. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija l-Knisja dejjem taqdi, l-istess bħall-Mulej, il-"Liturgu" (ministru) waħdieni,[1] billi tissieħeb fis-saċerdozju (kult) profetiku (tħabbir) u regali (servizz ta' mħabba) tiegħu:

> Bir-raġun kollu l-liturġija titqies bħala ħidma tal-uffiċċju saċerdotali ta' Ġesù Kristu, fejn, permezz ta' sinjali li jidhru jiġi mfisser b'mod proprju għal kull sinjal, u jseħħ it-tqaddis tal-bniedem, u l-Ġisem mistiku kollu ta' Kristu, jiġifieri r-Ras flimkien mal-membri, jiċċelebra kult pubbliku sħiħ. Għalhekk kull ċelebrazzjoni liturġika, bħala għemil ta' Kristu-Saċerdot u tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, hi għemil qaddis mill-aqwa, u ebda għemil ieħor tal-Knisja mhu daqsu fil-qawwa, fl-istess grad tiegħu u għall-istess raġuni.[2]

IL-LITURĠIJA BĦALA GĦAJN TA' ĦAJJA

1071 Il-liturġija, barra li hi ħidma ta' Kristu, hi wkoll ħidma tal-*Knisja* tiegħu. Il-liturġija tagħmel u turi l-Knisja bħala sinjal li jidher tal-għaqda ta' Alla u tal-bnedmin permezz ta' Kristu. Timpenja lill-Insara fil-ħajja ġdida tal-komunità. Titlob li l-Insara jieħdu sehem attiv, ikunu jafu x'qed jagħmlu, u t-tisħib tagħhom jagħti frott.[3]

1072 "Il-liturġija ma tħaddanx il-ħidma kollha tal-Knisja".[4] Qabilha tiġi l-evanġelizzazzjoni, il-fidi u l-konverżjoni; imbagħad tkun tista' tagħti l-frott tagħha fil-ħajja tal-Insara: il-ħajja ġdida skont l-Ispirtu, l-impenn fil-missjoni tal-Knisja, u s-servizz tal-għaqda tagħha.

TALB U LITURĠIJA

1073 Il-liturġija hi wkoll tisħib fit-talba li Kristu jagħmel lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu. F'din it-talba ta' Kristu t-talb nisrani kollu għandu l-bidu u t-tmiem tiegħu. Permezz tal-liturġija, il-bniedem ta' ġewwa jagħmel l-għeruq tiegħu u jinbena[5] fuq "l-imħabba kbira li biha Alla ħabbna" *(Ef 2,4)* f'Ibnu l-Maħbub. Hu l-istess "għemil tal-għaġeb" ta' Alla li ngħixu u li jinsab f'kull xorta ta' talb "f'kull żmien, fl-Ispirtu" *(Ef 6,18).*

KATEKEŻI U LITURĠIJA

1074 "Il-liturġija hi l-qofol li għalih trid tasal kull ħidma tal-Knisja, u fl-istess ħin hi l-għajn li minnha tiġi l-qawwa kollha tagħha".[6] Hi għalhekk il-post privileġġjat fejn issir il-katekeżi tal-poplu ta' Alla. "Il-katekeżi għandha rabta sħiħa u intima mal-ħidma liturġika u sagramentali, għaliex hu fis-sagramenti, u l-aktar fl-Ewkaristija, li Kristu Ġesù jaħdem bil-milja kollha tiegħu ħa jbiddel il-bnedmin".[7]

1075 Il-katekeżi liturġika trid iddaħħal il-bniedem fil-misteru ta' Kristu (għalhekk hi "mistagoġija") billi titlaq minn dak li jidher ħa tasal għal dak li ma jidhirx, minn dak li jfisser għal dak li jitfisser, mis-"sagramenti" għall-"misteru". Din is-sura ta' katekeżi hi proprja tal-katekiżmi lokali u reġjonali. Dan il-

---

[1] Ara Lh 8,2 u 6.
[2] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 7.
[3] *Ibid.*, 11.
[4] *Ibid.*, 9.
[5] Ara Ef 3,16-17.
[6] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*,10.
[7] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika, *Catechesi tradendae*, 23.

katekiżmu, li jrid jaqdi l-Knisja kollha bil-ħafna riti u kulturi li tħaddan,[1] se juri biss dak li għall-Knisja kollha hu fundamentali u ta' kulħadd fil-liturġija bħala misteru u bħala ċelebrazzjoni (l-ewwel taqsima), imbagħad is-seba' sagramenti u s-sagramentali (it-tieni taqsima).

1076 Il-Knisja ġiet murija lid-dinja f'jum Għid il-Ħamsin bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu.[2] Id-don tal-Ispirtu jniedi żmien ġdid fl-"għotja tal-misteru": iż-żmien tal-Knisja li matulu Kristu juri, iġib fid-dieher, u jikkomunika l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni permezz tal-liturġija tal-Knisja tiegħu "sakemm jerġa' jiġi" *(1Kor 11,26).* F'dan iż-żmien tal-Knisja, Kristu issa jgħix u jġib ruħu fil-Knisja tiegħu u magħha, b'mod ġdid li jaqbel ma' dan iż-żmien il-ġdid. Jaħdem permezz tas-sagramenti f'dak li fit-Tradizzjoni komuni tal-Lvant u l-Punent hi msejħa "l-ekonomija sagramentali"; din hi t-tixrid (jew għotja) tal-frott tal-misteru tal-Għid ta' Kristu fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija "sagramentali" tal-Knisja.

Għalhekk hu importanti li l-ewwel jiġi ċċarat dan "it-tqassim tas-sagramenti" *(kapitlu wieħed).* Imbagħad jinftiehmu aħjar in-natura u l-karatteristiċi meħtieġa taċ-ċelebrazzjoni liturġika *(kapitlu tnejn).*

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 3-4.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium* 6; *Lumen gentium,* 2.2

L-EWWEL SEZZJONI

# L-EKONOMIJA SAGRAMENTALI

**L-EWWEL KAPITLU**

# IL-MISTERU TAL-GĦID FI ŻMIEN IL-KNISJA

**L-ewwel artiklu**

## IL-LITURĠIJA HIDMA TAT-TRINITÀ QADDISA

### I. Il-Missier – Bidu u Tmiem tal-Liturġija

1077 "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu, hekk għoġob lir-rieda tiegħu għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu" *(Ef 1,3-6)*.

1078 It-tberik hu ħidma ta' Alla li tagħti l-ħajja u jiġi mingħand il-Missier. Il-barka tiegħu hi fl-istess waqt kelma u don *("bene-dictio", "eu-logia").* Meta ngħiduh għall-bniedem, it-tberik ifisser adorazzjoni u l-għotja tal-istess bniedem f'azzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla l-Ħallieq.

1079 Mill-bidu sa tmiem iż-żminijiet, kull ħidma ta' Alla hi *barka.* Mill-poema liturġika tal-ewwel ħolqien sal-kantiċi ta' Ġerusalemm tas-sema, il-kittieba ispirati ħabbru l-pjan tas-salvazzjoni bħala barka, kbira fuq li kbira, ta' Alla.

1080 Sa mill-bidu Alla bierek il-ħlejjaq ħajjin, u speċjalment ir-raġel u l-mara. Il-Patt ma' Noè u mal-ħlejjaq l-oħra kollha ħajjin iġedded din il-barka ħa joktru, minkejja d-dnub tal-bniedem, li bih l-art hi "misħuta". Iżda hu minn Abraham li l-barka ta' Alla tidħol fil-ġrajja tal-bnedmin mexjin lejn il-mewt, biex ireġġagħha għall-ħajja, għall-bidu tagħha; bil-fidi tal-"missier ta' dawk li jemmnu", li jilqa' l-barka ta' Alla, tibda l-ġrajja tas-salvazzjoni.

1081 Il-barkiet ta' Alla jidhru bħala għemil tal-għaġeb u ta' salvazzjoni: it-twelid ta' Iżakk, il-ħruġ mill-Eġittu (Għid u Eżodu), id-don tal-Art imwiegħda, l-għażla ta' David, il-preżenza ta' Alla fit-tempju, l-eżilju biex il-poplu jissaffa minn ħtijietu u l-"fdal ċkejken" li jerġa' lura. Il-Liġi, il-Profeti u s-Salmi li jinsġu l-liturġija tal-poplu magħżul ta' Alla fl-istess waqt ifakkru dawn il-barkiet ta' Alla u jwieġbu b'barkiet ta' tifħir u radd il-ħajr.

1082 Fil-liturġija tal-Knisja l-barka ta' Alla tidher u tingħata b'mod sħiħ: il-Missier jingħaraf u jiġi meqjum bħala l-Bidu u t-Tmiem tal-barkiet kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni; il-Verb tiegħu, magħmul bniedem, li miet u rxoxta għalina, jimliena bil-barkiet tiegħu, u bih ixerred fi qlubna d-Don li fih jinsabu d-doni kollha: l-Ispirtu s-Santu.

1083 Nifhmu għalhekk liema huma ż-żewġ dimensjonijiet tal-liturġija nisranija bħala tweġiba bil-fidi u l-imħabba għall-"barkiet spiritwali" li bihom il-Missier jogħġbu jimliena. Minn naħa, il-Knisja, f'għaqda ma' Sidha "mqanqla mill-Ispirtu s-Santu" *(Lq 10,21)*, tbierek lil Alla "għad-don tiegħu li ma jitfissirx bil-kliem" *(2 Kor 9,15)* permezz ta' adorazzjoni, tifħir u radd il-ħajr. Min-naħa l-oħra, sa ma l-pjan ta' Alla jilħaq it-tmiem tiegħu, il-Knisja ma tehda qatt twassal lil Alla "l-offerta tad-doni tagħha" u titolbu jibgħat l-Ispirtu tiegħu fuq dawn id-doni, fuqha, fuq l-Insara u fuq id-dinja kollha, sabiex bit-tisħib fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu-Qassis u bil-qawwa tal-Ispirtu, dawn il-barkiet ta' Alla jġibu frott ta' ħajja "għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu" *(Ef 1,6)*.

## II. Il-ħidma ta' Kristu fil-Liturġija

KRISTU GGLORIFIKAT...

1084 Kristu, li "qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier" u jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq il-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, issa qiegħed jaħdem permezz tas-sagramenti li hu waqqaf biex bihom jagħti l-grazzja tiegħu. Is-sagramenti huma sinjali li jidhru (kliem u għemil) li jistgħu jifhmuhom il-bnedmin tal-lum. Jagħtu l-grazzja li jfissru, bil-ħidma ta' Kristu u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

1085 Fil-liturġija tal-Knisja, Kristu jfisser u jagħmel li jseħħ il-misteru tal-Għid tiegħu aktar milli f'xi ħaġ'oħra. Tul ħajtu fid-dinja, Kristu ħabbar bit-tagħlim u bl-għemil tiegħu u wera minn qabel il-misteru tal-Għid tiegħu. Meta waslet is-Siegħa tiegħu,[1] għex il-fatt waħdieni tal-istorja li ma tintemm qatt: Ġesù miet, difnuh, qam mill-imwiet u qagħad fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier "darba għal dejjem" *(Rum 6,10; Lh 7,27; 9,12)*. Hu fatt veru li seħħ fl-istorja tagħna, iżda hu fatt li m'hemmx ieħor bħalu: il-ġrajjiet l-oħra tal-istorja jiġu darba, imbagħad jgħaddu u jinbelgħu fl-imgħoddi. Il-misteru tal-Għid ta' Kristu, għall-kuntrarju, ma jistax jibqa' biss fl-imgħoddi, għax Kristu b'mewtu qered il-mewt, u dak kollu li hu Kristu u dak kollu li għamel u bata għall-bnedmin kollha, għandu sehem mill-eternità ta' Alla u għalhekk iħaddan iż-żminijiet kollha u jagħmilhom kollha "llum". Il-fatt tas-salib u tal-qawmien mill-imwiet *jibqa'* u jiġbed kollox lejn il-Ħajja.

[1] Ara Ġw 13,1; 17,1.

…SA MILL-KNISJA TAL-APPOSTLI…

1086 "Kif Kristu ntbagħat mill-Missier, hekk hu bagħat l-Appostli, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, mhux biss biex ixandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu u jħabbru li l-Iben ta' Alla, bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, ħelisna mill-jasar tax-xitan u mill-mewt, u daħħalna fis-Saltna ta' Missieru, iżda wkoll biex iħaddmu din l-opra tas-salvazzjoni li jħabbru permezz tas-Sagrifiċċju u tas-sagramenti, li fuqhom iddur il-ħajja liturġika kollha kemm hi".[1]

1087 Hekk Kristu rxoxt, huwa u jagħti l-Ispirtu s-Santu lill-Appostli, fdalhom is-setgħa li jqaddsu:[2] saru sinjali sagramentali ta' Kristu. Bil-qawwa tal-istess Spirtu s-Santu l-Appostli għaddew din is-setgħa lis-suċċessuri tagħhom. Din is-"suċċessjoni appostolika" tibni l-ħajja liturġika kollha tal-Knisja; hi stess hi sagramentali li tiġi trażmessa permezz tas-sagrament tal-Ordni.

…HU PREŻENTI FIL-LITURĠIJA F'DIN ID-DINJA…

1088 "Biex isseħħ din il-ħidma hekk kbira – it-tqassim u l-għoti tas-salvazzjoni – Kristu hu dejjem mal-Knisja tiegħu, l-aktar f'kull ħidma liturġika. Jinsab fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa meta, fil-persuna tal-ministru tiegħu, "kif darba offra lilu nnifsu fuq is-salib, joffri lilu nnifsu bil-ministeru tas-saċerdoti", u l-aktar taħt ix-xbihat ewkaristiċi. Jinsab ukoll bil-qawwa tiegħu fis-sagramenti hekk li meta xi ħadd jgħammed, huwa Kristu stess li jkun qed jgħammed. Jinsab fil-kelma tiegħu, hekk li jkun hu li jitkellem meta tinqara l-Iskrittura Mqaddsa fil-Knisja. U fl-aħħar nett jinsab fil-Knisja hija u titlob u tlissen is-Salmi, għax kien wiegħed: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom".[3]

1089 "Biex isseħħ din il-ħidma hekk kbira, li biha Alla hu gglorifikat perfettament u l-bnedmin jitqaddsu, Kristu dejjem isieħeb miegħu l-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li titolbu bħala Sidha u permezz tiegħu tagħti qima lill-Missier ta' dejjem".[4]

…LI HU TISHIB FIL-LITURĠIJA TAS-SEMA

1090 "Aħna u niċċelebraw il-liturġija fuq l-art, nieħdu sehem, billi niggustawha minn qabel, fil-liturġija tas-sema li hi ċċelebrata fil-belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema: aħna sejrin lejha bħala pellegrini, fejn Kristu qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier bħala ministru tas-santwarju u tabernaklu veru; flimkien mal-qtajja' kollha tas-sema nkantaw inni ta' glorja lill-Mulej; aħna u nagħmlu t-tifkira tal-qaddisin, nittamaw li għad ikollna sehem magħhom; aħna u nistennew bil-ħerqa s-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu, biex meta jidher Hu, li hu l-ħajja tagħna, aħna wkoll nidhru flimkien miegħu fil-glorja".[5]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilum*, 6.
[2] Ara Ġw 20,21-23.
[3] Mt 18,20. Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 7.
[4] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 6.
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 8; ara *Lumen gentium* , 50.

## III. L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja fil-Liturġija

1091 Fil-liturġija l-Ispirtu s-Santu hu l-għalliem tal-fidi għall-poplu ta' Alla, dak li bih isiru "l-ħwejjeġ kbar ta' Alla" li huma s-sagramenti tal-Patt il-Ġdid. Ix-xewqa u l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-qalb tal-Knisja huma li aħna ngħixu l-ħajja ta' Kristu rxoxt. Meta jsib fina tweġiba għall-fidi li hu jqanqal, ikun hemm tassew kooperazzjoni vera: hekk il-liturġija ssir ħidma flimkien tal-Ispirtu s-Santu u l-Knisja.

1092 F'dan it-tqassim sagramentali tal-misteru ta' Kristu, l-Ispirtu s-Santu jaħdem kif ħadem fi żminijiet oħra tal-pjan tas-salvazzjoni: iħejji l-Knisja għal-laqgħa mal-Mulej; ifakkar u juri 'l Kristu lill-fidi tal-ġemgħa; iġib u jagħmel li jseħħ fl-istess waqt il-misteru ta' Kristu bis-setgħa tiegħu li jbiddel kollox; u fl-aħħar nett, bħala Spirtu tal-għaqda, jgħaqqad il-Knisja mal-ħajja u l-missjoni ta' Kristu.

L-ISPIRTU S-SANTU JHEJJI BIEX KRISTU JIĠI MILQUGH

1093 L-Ispirtu s-Santu fl-ekonomija sagramentali jtemm ix-xbihat tal-*Patt il-Qadim*. Għaliex il-Knisja "ġiet imħejjija b'mod tal-għaġeb fil-ġrajja tal-poplu ta' Israel u fi żmien il-Patt il-Qadim",[14] il-liturġija tal-Knisja tgħożż xi elementi tal-kult tal-Patt il-Qadim bħala parti integranti tagħha li ma tistax tgħaddi mingħajrhom,[1] u tagħmilhom tagħha:

— prinċipalment il-qari tat-Testment il-Qadim;
— it-talb tas-Salmi;
— u l-aktar, it-tifkira ta' ġrajjiet ta' salvazzjoni u ta' realtajiet li jfissru ħafna, li twettqu fil-misteru ta' Kristu (il-Wegħda u l-Patt, l-Eżodu u l-Għid, is-Saltna u t-Tempju, l-Eżilju u d-dħul lura f'pajjiżhom).

1094 Hi fil-qbil li hemm bejn dawn iż-żewġ Testmenti[2] li sseħħ il-katekeżi tal-Għid tal-Mulej,[3] u dik imbagħad tal-Appostli u ta' Missirijiet il-Knisja. Din il-katekeżi toħroġ għad-dawl dak li kien hemm moħbi fil-kitba tat-Testment il-Qadim, il-misteru ta' Kristu. Tissejjaħ "tipoloġika" għaliex turi l-ħaġa ġdida li hu Kristu, u titlaq mix-"xbihat" (tipi) li ħabbru 'l Kristu bil-ġrajjiet, bil-kliem u bis-simboli tal-Patt il-Qadim. Aħna nitilqu minn Kristu biex naqraw mill-ġdid dawn ix-xbihat taħt it-tmexxija tal-Ispirtu tal-Verità, u *dawn ix-xbihat* noħorġuhom għad-dawl.[4] Hekk naraw li d-dilluvju u l-arka ta' Noè ħabbru s-salvazzjoni li tiġina bil-Magħmudija,[5] u l-istess ħaġa naraw fis-sħaba u l-qsim tal-Baħar l-Aħmar, waqt li l-ilma mill-blata samma hu xbieha tad-doni spiritwali ta' Kristu;[6] u l-manna fid-deżert tħabbar l-Ewkaristija, "il-ħobż tassew mis-sema" *(Ġw 6,32)*.

1095 Hu għalhekk li l-Knisja, speċjalment fi żmien l-Avvent u fi żmien ir-Randan, u l-iktar fil-lejl qaddis tal-Għid, taqra u tgħix mill-ġdid dawn il-ġrajjiet kbar tal-istorja tas-salvazzjoni fl-"illum" tal-liturġija. Iżda dan jitlob ukoll li l-

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 2.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 14-16.
[3] Ara Lq 24,13-49.
[4] Ara 2 Kor 3,14-16.
[5] Ara 1 Piet 3,21.
[6] Ara 1 Kor 10,1-6.

katekeżi tgħin lill-fidili biex jifhmu "spiritwalment" il-pjan tas-salvazzjoni kif tgħarrafhulna l-liturġija tal-Knisja u twassalna biex ngħixuh.

1096 *Liturġija Lhudija u Liturġija Nisranija.* Tagħrif aħjar tal-fidi u tal-ħajja reliġjuża tal-poplu Lhudi, kif għadu qiegħed jistqarrhom u jgħixhom illum, jista' jgħinna biex nifhmu aħjar xi aspetti tal-liturġija nisranija. Kemm għal-Lhud u kemm għall-Insara l-Iskrittura hi parti essenzjali tal-liturġija tagħhom: it-tħabbira tal-kelma ta' Alla, it-tweġiba għall-Kelma, it-talb ta' tifħir u ta' interċessjoni għall-ħajjin u għall-mejtin, u t-talb għall-ħniena ta' Alla. Il-Liturġija tal-Kelma, fl-istruttura proprja tagħha, għandha l-bidu tagħha fit-talb tal-Lhud. Il-Liturġija tas-Sigħat u testi u formularji liturġiċi oħra għandhom testi u formularji jixbhuhom fost il-Lhud, kif ukoll għandhom xebh ma' talb tal-Lhud xi formularji ta' talb nisrani, tassew għeżież għalina, bħalma hi t-talba tal-Missierna. It-Talbiet Ewkaristiċi ġew ispirati minn mudell ta' talb tat-tradizzjoni Lhudija. Ir-relazzjonijiet bejn il-liturġija Lhudija u l-liturġija Nisranija jidhru wkoll b'mod partikulari fil-festi l-kbar tas-sena liturġika, bħalma hi l-festa tal-Għid, imma jidhru wkoll id-differenzi li hemm bejn iż-żewġ liturġiji dwar it-tifsir ta' dawn il-festi. L-Insara u l-Lhud jiċċelebraw il-festa tal-Għid: ġrajja tal-istorja li għadha tħares 'il quddiem fost il-Lhud; ġrajja li laħqet it-tmiem tagħha bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu fost l-Insara, għalkemm l-Insara għadhom jistennew it-tmiem sħiħ tagħha fl-aħħar taż-żmien.

1097 Fil-*liturġija tal-Patt il-Ġdid,* kull azzjoni liturġika, speċjalment iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tas-sagramenti, hi laqgħa ma' Kristu u mal-Knisja. Il-ġemgħa liturġika tinsab miġbura ħaġa waħda "fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu", li jiġbor l-ulied ta' Alla fil-Ġisem wieħed ta' Kristu. Hi għaqda li tisboq ir-rabtiet kollha bejn bnedmin, razez, kulturi u kull rabta soċjali oħra.

1098 Il-ġemgħa trid *tħejji* ruħha biex tiltaqa' mal-Mulej, trid tkun "poplu mħejji sewwa". Din it-tħejjija tal-qlub hi ħidma flimkien tal-Ispirtu s-Santu u tal-ġemgħa stess, b'mod partikulari tal-ministri tal-ġemgħa. Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu tfittex li tqanqal il-fidi, il-konverżjoni tal-qalb u r-rabta mar-rieda tal-Missier. Dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa minn qabel biex ikunu jistgħu jintlaqgħu l-grazzji li tagħti l-istess ċelebrazzjoni u jinkiseb il-frott tal-ħajja ġdida li ċ-ċelebrazzjoni hi mistennija li tagħti wara.

L-ISPIRTU S-SANTU JFAKKAR IL-MISTERU TA' KRISTU

1099 L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja jaħdmu flimkien biex juru lil Kristu u l-opra tiegħu tas-salvazzjoni fil-liturġija. L-aktar fl-Ewkaristija u, analoġikament fis-sagramenti l-oħra, il-liturġija hi t-*tifkira* tal-misteru tas-salvazzjoni. L-Ispirtu s-Santu hu t-tifkira ħajja tal-Knisja.[1]

1100 *Il-kelma ta' Alla.* L-Ispirtu s-Santu l-ewwel ifakkar lill-ġemgħa liturġika t-tifsir tas-salvazzjoni meta jagħti l-ħajja lill-kelma ta' Alla li titħabbar, biex il-ġemgħa tilqagħha u tgħixha:

> Fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, l-Iskrittura għandha importanza mill-aqwa. Mill-Iskrittura jittieħdu s-siltiet li jinqraw u jiġu mfissra fl-omelija, u s-Salmi li jiġu kantati; mill-ispirazzjoni u l-ħeġġa tal-Iskrittura ħarġu l-preċi, it-talb u l-innijiet liturġiċi, u mill-Iskrittura wkoll jirċievu t-tifsir tagħhom l-azzjonijiet u s-simboli liturġiċi.[2]

1101 Hu l-Ispirtu s-Santu li jagħti lil-letturi u lil dawk li jkunu jisimgħu l-qari, skont id-dispożizzjoni tal-qalb ta' kull wieħed, li jifhmu spiritwalment il-kelma ta' Alla. Permezz tal-kliem, tal-għemil u tas-simboli li jinsġu ċ-ċelebrazzjoni, l-

[1] Ara Ġw 14,26.
[2] Konċ. Vatikan II, *Sacrasanctum concilium*, 24.

Ispirtu s-Santu jwassal lill-fidili u lill-ministri biex ikollhom relazzjoni ħajja ma' Kristu nnifsu, il-Kelma u x-Xbieha tal-Missier, ħalli huma jwasslu f'ħajjithom it-tifsir ta' kulma semgħu, fehmu u għamlu waqt iċ-ċelebrazzjoni.

1102 "Hija l-kelma tas-salvazzjoni li tmantni l-fidi fi qlub l-Insara; biha titwieled u tikber l-għaqda tal-Insara".[1] It-tħabbira tal-kelma ta' Alla mhijiex biss tagħlim: hi wkoll *tweġiba ta' fidi,* li wieħed jilqa' u jintrabat biha, minħabba l-Patt bejn Alla u l-Poplu tiegħu. Hu dejjem l-Ispirtu s-Santu li jagħti d-don tal-fidi, isaħħaħha u jkabbarha fi ħdan il-komunità. Il-ġemgħa liturġika hi qabelxejn għaqda fil-fidi.

1103 *L-Anamnesi.* Iċ-ċelebrazzjoni liturġika dejjem tfakkar l-indħil ta' Alla fil-ġrajja tad-dinja għas-salvazzjoni. "Il-pjan tar-rivelazzjoni jseħħ b'għemil u bi kliem marbutin bejniethom b'rabta liema bħalha... Il-kliem iħabbar l-għemil u jwassal biex jingħaraf il-misteru li jinsab fih".[2] Fil-Liturġija tal-Kelma l-Ispirtu s-Santu "jfakkar" lill-ġemgħa dak kollu li Kristu għamel għalina. Skont in-natura tal-azzjoni liturġika li ssir, u t-tradizzjonijiet ritwali tal-Knejjes, iċ-ċelebrazzjoni "tfakkar" il-ħwejjeġ kbar ta' Alla f'Anamnesi ftit jew wisq twila. L-Ispirtu s-Santu, li b'dan il-mod ifakkar lill-Knisja, iwassal imbagħad għar-radd ta' ħajr u t-tifħir (*Dossoloġija).*

L-ISPIRTU S-SANTU JĠIB ISSA U F'DAN IL-WAQT IL-MISTERU TA' KRISTU

1104 Il-liturġija nisranija mhux biss tfakkar il-ġrajjiet li bihom seħħet is-salvazzjoni tagħna, imma tagħmilhom attwali, preżenti, qishom b'xi mod qegħdin iseħħu f'dan il-ħin u f'dan il-waqt. Il-misteru tal-Għid jiġi ċċelebrat, mhux ripetut; huma ċ-ċelebrazzjonijiet li jiġu mtennija; u f'kull ċelebrazzjoni jiġi l-Ispirtu s-Santu li jagħmel preżenti waqt iċ-ċelebrazzjoni l-misteru waħdieni ta' Kristu.

1105 *L-Epiklesi* ("sejħa fuq") hi talba li biha s-saċerdot jitlob lill-Missier biex jibgħat l-Ispirtu s-Santu ħa jqaddes l-offerti biex isiru l-ġisem u d-demm tal-Mulej u biex dawk li jirċevuhom isiru huma wkoll offerta ħajja lil Alla.

1106 Flimkien mal-Anamnesi, l-Epiklesi hi fil-qofol ta' kull ċelebrazzjoni sagramentali u b'mod partikulari taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija:

> Int tistaqsi kif il-ħobż isir ġisem ta' Kristu, u l-inbid... demm ta' Kristu? Jien ngħidhulek: Jiġi bil-qawwa l-Ispirtu s-Santu u jagħmel dak li jisboq kull kelma u kull ħsieb tal-bniedem... Għandu jkun biżżejjed għalik li tifhem illi dan iseħħ bl-Ispirtu s-Santu, l-istess kif ġara fil-Verġni Marija: hu permezz tal-Ispirtu s-Santu li l-Mulej, bih stess u fih stess, sar bniedem.[3]

1107 Il-qawwa għat-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu fil-liturġija tħaffef il-miġja tas-Saltna u t-tmiem u l-milja tal-misteru tas-salvazzjoni. Aħna u nistennew u nittamaw dan, l-Ispirtu s-Santu jwassalna biex tassew inħossu minn qabel l-għaqda sħiħa mat-Trinità Qaddisa. Mibgħut mill-Missier li jilqa' l-Epiklesi tal-Knisja, l-Ispirtu jagħti l-ħajja lil dawk li jilqgħuha u minn issa jkun għalihom ir-"rahan" ta' wirthom.[4]

---

1 Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum Ordinis,* 4.
2 Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum,* 2.
3 San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa,* 4, 13: PG 94, 1142A.
4 Ara Ef 1,14; 2 Kor 1,22.

L-GĦAQDA FL-ISPIRTU S-SANTU

1108 L-għan tal-missjoni tal-Ispirtu s-Santu f'kull azzjoni liturġika hu li sseħħ l-għaqda ma' Kristu biex jissawwar il-Ġisem tiegħu. L-Ispirtu s-Santu qisu l-qawwa li tagħti l-frott lill-friegħi tad-Dielja tal-Missier.[1] Fil-liturġija sseħħ kooperazzjoni mill-iktar intima bejn l-Ispirtu s-Santu u l-Knisja. Hu, l-Ispirtu tal-għaqda, jibqa' bla ma qatt jiġi nieqes fil-Knisja. Għalhekk il-Knisja hi s-sagrament il-kbir tal-għaqda ma' Alla li tiġbor lil ulied Alla li kienu mxerrdin. Il-frott tal-Ispirtu fil-liturġija hu għaqda li qatt ma tiġi nieqsa mat-Trinità Qaddisa u bejn l-aħwa.[2]

1109 L-Epiklesi hi wkoll talba biex isseħħ għalkollox l-għaqda tal-ġemgħa mal-misteru ta' Kristu. "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu" *(2 Kor 13,13)* trid tibqa' dejjem magħna u tibqa' tagħti frott ukoll wara ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika. Għalhekk il-Knisja titlob lill-Missier ħa jibgħat l-Ispirtu s-Santu biex jagħmel il-ħajja tal-Insara offerta ħajja lil Alla, bil-bidla spiritwali fi xbieha ta' Kristu, bil-ħerqa għall-għaqda tal-Knisja, u bit-tisħib fil-missjoni tagħha permezz ta' xhieda u ta' servizz ta' mħabba li tagħmel.

**Fil-qosor**

1110 *Fil-liturġija tal-Knisja, Alla l-Missier hu mbierek u meqjum bħala l-bidu tal-barkiet kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni li bihom berikna f'Ibnu, biex jagħtina l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied.*

1111 *Il-ħidma ta' Kristu fil-liturġija hi sagramentali għax il-misteru tiegħu ta' salvazzjoni jsir preżenti bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiegħu; għaliex il-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja, qisu sagrament (sinjal u strument) li fih l-Ispirtu s-Santu jqassam il-misteru tas-salvazzjoni, għaliex permezz ta' kull azzjoni liturġika l-Knisja li għadha miexja fid-dinja, minn issa stess, tieħu sehem fil-liturġija tas-sema u dduqha minn qabel.*

1112 *Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-liturġija tal-Knisja hu li jħejji l-ġemgħa għal-laqgħa ma' Kristu; li jfakkar u juri 'l Kristu lill-fidi tal-ġemgħa; li bis-setgħa tiegħu jagħmel qisha qed isseħħ issa u f'dan il-waqt il-ħidma ta' Kristu għas-salvazzjoni, u jagħmel li d-Don tal-għaqda fil-Knisja jagħti frott.*

### It-tieni artiklu

## IL-MISTERU TAL-GĦID FIS-SAGRAMENTI TAL-KNISJA

1113 Il-ħajja liturġika kollha tal-Knisja ddur madwar is-Sagrifiċċju ewkaristiku u s-sagramenti.[3] Fil-Knisja hemm seba' sagramenti: Magħmudija, Griżma jew Konfermazzjoni, Ewkaristija, Penitenza, Dlik tal-Morda, Ordni,

[1] Ara Ġw 15,1-17; Gal 5,22.
[2] Ara 1 Ġw 1,3-7.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 6.

Żwieġ.[1] F'dan l-artiklu naraw dak li s-seba' sagramenti tal-Knisja għandhom flimkien f'dak li hu duttrina; naraw fil-Kapitlu II dak li għandhom flimkien f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni tagħhom; u dak li hu proprju ta' kull sagrament narawh fit-tieni sezzjoni.

## I. Is-sagramenti ta' Kristu

1114 "F'rabta sħiħa mat-tagħlim tal-Iskrittura, mat-tradizzjoni tal-Appostli... u mas-sentimenti ta' Missirijiet il-Knisja kollha," aħna nistqarru li "s-sagramenti tal-Liġi l-Ġdida għamilhom kollha Sidna Ġesù Kristu".[2]

1115 Il-kliem u l-għemil ta' Ġesù tul il-ħajja moħbija tiegħu u tul il-ministeru pubbliku tiegħu kienu ġa jagħtu s-salvazzjoni. Urew minn qabel il-qawwa tal-misteru tiegħu tal-Għid. Ħabbru u ħejjew dak li kien se jagħti lill-Knisja wara li kollox ikun mitmum. Il-misteri tal-ħajja ta' Kristu huma l-pedament ta' dak li issa Kristu, permezz tal-ministri tal-Knisja, jagħti fis-sagramenti, għaliex "dak li kien jidher fil-ħajja tas-Salvatur tagħna għadda fil-misteri tiegħu".[3]

1116 "Qawwiet li joħorġu" mill-Ġisem ta' Kristu,[4] dejjem ħaj u jagħti l-ħajja, għemejjel tal-Ispirtu s-Santu li dejjem jaħdem fil-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, is-sagramenti huma "l-għemejjel kbar ta' Alla" fil-Patt il-Ġdid u għal dejjem.

## II. Is-sagramenti tal-Knisja

1117 Permezz tal-Ispirtu li "jwassalha għall-verità kollha" *(Ġw 16,13)*, il-Knisja bħala dik li tamministra bil-fedeltà kollha l-misteri ta' Alla,[5] għarfet bil-mod il-mod it-teżor li rċeviet mingħand Kristu u wriet sewwa kif kellu "jitqassam", l-istess kif għamlet għall-kanoni tal-Iskrittura u għad-duttrina tal-fidi. Hekk il-Knisja, tul iż-żminijiet, għarfet li fost iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha hemm seba' ċelebrazzjonijiet li huma, fis-sens proprju tal-kelma, sagramenti istitwiti mill-Mulej.

1118 Is-sagramenti huma "tal-Knisja", kemm għaliex isiru "permezz tal-Knisja" u kemm għaliex isiru "għall-Knisja". Huma "permezz tal-Knisja" għaliex hi s-sagrament tal-ħidma ta' Kristu li jaħdem fiha permezz tal-missjoni tal-Ispirtu s-Santu. Huma "għall-Knisja" għaliex huma "dawn is-sagramenti li jagħmlu l-Knisja",[6] għaliex juru u jagħtu lill-bnedmin, l-aktar fl-Ewkaristija, il-misteru tal-għaqda ma' Alla li hu Mħabba u wieħed fi Tliet Persuni.

1119 Il-Knisja, li ma' Kristu r-Ras tagħmel "qisu persuna waħda mistika",[7] taħdem fis-sagramenti bħala "komunità saċerdotali", "li għandha struttura

[1] Ara Konċ. ta' Lyon: Denzinger-Schonmetzer, 860; Konċ. ta' Firenze; *ibid.*, 1310; Konċ. ta' Trento; *ibid.*, 1601.
[2] Konċ. ta' Trento; *ibid.*, 1600-1601.
[3] San Ljun il-Kbir, *Sermones*, 74, 2: PL 54, 398A.
[4] Ara Lq 5,17; 6,19; 8,46.
[5] Ara Mt 13,52; 1 Kor 4,1.
[6] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 22, 17; ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 64, 2 ad 3.
[7] Piju XII, enċiklika *Mystici Corporis*.

organika”:[1]permezz tal-Magħmudija u l-Konfermazzjoni jew Griżma, il-poplu saċerdotali jikseb il-ħila li jiċċelebra l-liturġija; barra dan, xi Nsara “jingħataw Ordni mqaddes biex, f’isem Kristu, jirgħu l-Knisja bil-kelma u l-grazzja ta’ Alla”.[2]

1120 Il-ministeru tal-Ordni jew saċerdozju *ministerjali* [3] hu għall-qadi tas-saċerdozju batteżimali (li jingħata fil-Magħmudija). Is-saċerdozju ministerjali hu garanzija li fis-sagramenti huwa Kristu li jaħdem għall-Knisja permezz tal-Ispirtu s-Santu. Il-missjoni ta’ salvazzjoni li l-Missier ried jafda lil Ibnu magħmul bniedem, ġiet fdata lill-Appostli u mingħandhom għaddiet għand is-suċċessuri tagħhom: dawn jirċievu l-Ispirtu ta’ Ġesù biex dak li jagħmlu, jagħmluh f’ismu u fil-persuna tiegħu.[4] Għalhekk il-ministru li jkun ordnat jorbot sagramentalment l-għemil liturġiku ma’ dak li qalu u għamlu l-Appostli, u, permezz tagħhom, ma’ dak li qal u għamel Kristu, bidu u pedament tas-sagramenti.

1121 It-tliet sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma jew Konfermazzjoni u tal-Ordni, barra l-grazzja, jagħtu wkoll *karattru* sagramentali jew “siġill” li bih in-Nisrani jkollu sehem fis-saċerdozju ta’ Kristu u jagħmel parti mill-Knisja skont qagħdiet u uffiċċji diversi. Dan ix-xebh ma’ Kristu u mal-Knisja, li jiġi permezz tal-Ispirtu, ma jitħassar qatt:[5] jibqa’ dejjem fin-Nisrani bħala dispożizzjoni tajba għall-grazzja, bħala wegħda u garanzija tal-ħarsien ta’ Alla, u ħħala sejħa għall-qima ta’ Alla u għall-qadi tal-Knisja. Dawn it-tliet sagramenti ma jistgħux jingħataw aktar minn darba.

## III. Is-sagramenti tal-Fidi

1122 Kristu bagħat l-Appostli biex “l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f’ismu lill-ġnus kollha” *(Lq 24,47)*. “Agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu” *(Mt 28,19)*. Il-missjoni li tgħammed, li għalhekk hi missjoni sagramentali, hi marbuta mal-missjoni tal-evanġelizzazzjoni, għax is-sagrament tal-Magħmudija jitħejja *permezz tal-kelma ta’ Alla u permezz tal-fidi,* li hi l-kunsens għall-kelma ta’ Alla:

> Il-poplu ta’ Alla jinġema’ l-ewwel bil-kelma ta’ Alla l-ħaj... Il-ministeru sagramentali ma jistax jgħaddi mingħajr it-tħabbira tal-Kelma, għaliex dan il-ministeru hu dwar is-sagramenti tal-fidi, u l-fidi teħtieġ il-Kelma biex titwieled u titmantna.[6]

1123 Is-sagramenti għandhom bħala għan li jqaddsu l-bnedmin, li jibnu l-Ġisem ta’ Kristu u, fl-aħħar nett, li tingħata qima lil Alla; iżda bħala sinjali, is-sagramenti jgħallmu wkoll. Mhux biss jissopponu l-fidi, imma permezz tal-Kelma u tal-elementi ritwali jmantnuha, isaħħuha, ifissruha, u għalhekk jissejħu sagramenti *tal-fidi.*[7]

1124 Il-fidi tal-Knisja tiġi qabel il-fidi tan-Nisrani li hu mistieden biex iħaddanha. Meta l-Knisja tiċċelebra s-sagramenti, hi tistqarr il-fidi li rċeviet mill-

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 11.
[2] *Ibid.*
[3] Ara *Ibid.*,10.
[4] Ara Ġw 20,21-23; Lq 24,47; Mt 28,18-20.
[5] Konċ. ta’ Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1609.
[6] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 4.
[7] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 59.

Appostli. Minn hawn il-qawl antik: *lex orandi, lex credendi.*[1] Il-liġi tat-talb hi l-liġi tal-fidi, il-Knisja temmen kif titlob. Il-liturġija hi element kostituttiv tat-Tradizzjoni qaddisa u ħajja.[2]

1125 Minħabba f'hekk ebda rit sagramentali ma jista' jiġi mibdul u mdawwar skont ma jfittillu l-ministru jew ma jfittlilha l-komunità. Lanqas l-ogħla awtorità tal-Knisja ma tista' tbiddel il-liturġija kif jiftlilha, imma tista' tbiddilha biss skont l-ubbidjenza tal-fidi u b'rispett reliġjuż sħiħ għall-misteru tal-liturġija.

1126 Madankollu, minħabba li s-sagramenti jfissru u jiżviluppaw l-għaqda tal-fidi fil-Knisja, il-*lex orandi* (il-liġi tat-talb) hija wieħed mill-kriterji essenzjali tad-djalogu li qed ifittex l-għaqda tal-Insara kollha.[3]

## IV. Is-sagramenti ta' Salvazzjoni

1127 Meta jiġu ċċelebrati b'mod xieraq bil-fidi, is-sagramenti jagħtu l-grazzja li jfissru.[4] Huma effikaċi għax fihom Kristu nnifsu jkun qed jaħdem: hu li jgħammed, hu li jaħdem fis-sagramenti tiegħu biex jagħti l-grazzja mfissra mis-sagrament. Il-Missier dejjem jilqa' t-talba tal-Knisja ta' Ibnu li, fl-epiklesi ta' kull sagrament, tfisser il-fidi tagħha fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Kif in-nar ibiddel fih kulma jmiss, hekk l-Ispirtu s-Santu jbiddel f'ħajja ta' Alla kulma jiġi taħt il-qawwa tiegħu.

1128 Dan ifisser dak li tgħid il-Knisja:[5] li s-sagramenti jaħdmu *ex opere operato* (letteralment "mill-fatt stess li qed isir għemil"), jiġifieri bis-saħħa tal-ħidma għas-salvazzjoni ta' Kristu, ħidma li saret darba għal dejjem. Minn dan jiġi li "s-sagrament ma jseħħx permezz tal-ġustizzja tal-bniedem li jagħti s-sagrament jew jirċevih, iżda permezz tal-qawwa ta' Alla".[6] Sakemm sagrament hu ċċelebrat skont il-fehma tal-Knisja, is-setgħa ta' Kristu u tal-Ispirtu tiegħu jaħdmu fih u permezz tiegħu, tkun xi tkun il-qdusija personali tal-ministru. Iżda l-frott tas-sagramenti jiddependi wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' min jirċevihom.

1129 Il-Knisja tgħallem li, għal dawk li jemmnu, is-sagramenti tal-Patt il-Ġdid huma *meħtieġa għas-salvazzjoni*.[7] Il-"grazzja sagramentali" hi grazzja tal-Ispirtu s-Santu mogħtija minn Kristu, u hi proprja ta' kull sagrament. L-Ispirtu jfejjaq u jġedded lil dawk li jirċievu s-sagramenti u jagħmilhom xebh ma' Bin Alla. Il-frott tal-ħajja sagramentali hu li l-Ispirtu tal-adozzjoni jsieħeb fin-natura ta' Alla[8] lill-Insara billi jgħaqqadhom b'mod ħaj mal-Iben il-waħdieni, is-Salvatur.

---

[1] Jew *Legem credendi lex statuat supplicandi* – "il-liġi li turina kif għandna nitolbu, turina l-liġi li tgħidilna x'għandna nemmnu": din skont San Prosperu ta' Aquitaine, *Epistulae* 217 (Seklu V): PL 45, 1031.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 2 u 15.
[4] Ara Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1605 u 1606.
[5] Ara *Ibid.*, 1608.
[6] San Tumas ta' Aquino, Denzinger-Schonmetzer, 1604.
[7] Ara Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1604.
[8] Ara 2 Piet 1,4.

## V. Is-sagramenti tal-ħajja ta' dejjem

1130 Il-Knisja tiċċelebra l-misteru ta' Sidna "sa meta jerġa' jiġi" u "Alla jkun kollox f'kollox" *(1 Kor 11,26; 15,28)*. Sa minn żmien l-Appostli l-liturġija tħares lejn it-tmiem tagħha bit-tnehid tal-Ispirtu fil-Knisja: "Marana tha!" *(1 Kor 16,22)*. Il-liturġija b'hekk tissieħeb max-xewqa ta' Kristu: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom… sa ma tkun seħħet għalkollox is-Saltna ta' Alla" *(Lq 22,15-16)*. Fis-sagramenti ta' Kristu l-Knisja ġa għandha r-rahan ta' wirtha, hi ġa msieħba fil-ħajja ta' dejjem, "tistenna t-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-kbir Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu" *(Tit 2,13)*. "L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: 'Ejja!… Ejja, Mulej Ġesù'" *(Apok 22,17.20)*.

> San Tumas jiġbor fil-qosor b'dan il-mod id-dimensjonijiet differenti tas-sinjal sagramentali – "Mela s-sagrament hu sinjal li jfakkar dak li għadda, jiġifieri l-passjoni ta' Kristu; sinjal li juri dak li jseħħ fina permezz tal-passjoni ta' Kristu, jiġifieri l-grazzja; u sinjal li jħabbar dak li għad irid jiġi, jiġifieri l-glorja ta' dejjem".[1]

## Fil-qosor

1131 *Is-sagramenti huma sinjali li jagħtu tassew il-grazzja, istitwiti minn Kristu u fdati lill-Knisja, li bihom tingħatalna l-ħajja ta' Alla. Ir-riti li naraw, riti li bihom jiġu ċċelebrati s-sagramenti, ifissru u jagħtu l-grazzji proprji għal kull sagrament. Jagħmlu l-frott f'dawk li jirċevuhom bid-dispożizzjonijiet meħtieġa.*

1132 *Il-Knisja tiċċelebra s-sagramenti bħala komunità saċerdotali, li tinbena permezz tas-saċerdozju li jingħata fil-Magħmudija u tas-saċerdozju tal-ministri ordnati.*

1133 *L-Ispirtu s-Santu jħejji għas-sagramenti permezz tal-kelma ta' Alla u permezz tal-fidi li biha tiġi milqugħa l-Kelma fil-qalb ta' dawk li huma mħejjija għaliha. Imbagħad is-sagramenti jqawwu u juru l-fidi.*

1134 *Il-frott tal-ħajja sagramentali hu fl-istess waqt personali u ekkleżjali. Min-naħa l-waħda l-frott tas-sagramenti hu għal kull Nisrani t-triq lejn Alla fi Kristu Ġesù, u min-naħa l-oħra hu għall-Knisja kobor fl-imħabba u fil-missjoni tagħha ta' xhieda.*

[1] *Summa Theologiae* 3, 60, 3: Unde sacramentum est signum rememorativum eius quod praecessit, scilicet passionis Christi; et demonstrativum eius quod in nobis efficitur per Christi passionem, scilicet gratiae; et prognosticum, id est, praenuntiativum futurae gloriae.

## IT-TIENI KAPITLU

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI SAGRAMENTALI TAL-MISTERU TAL-GHID

1135 Il-katekeżi liturġika titlob li l-ewwel tkun magħrufa l-ekonomija sagramentali (l-ewwel kapitlu). Fid-dawl ta' dan it-tagħrif tidher il-ħaġa ġdida li hi *ċ-ċelebrazzjoni* tas-sagramenti. F'dan il-kapitlu, għalhekk, se nitkellmu dwar iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-Knisja. Naraw dak li dejjem hemm fis-sagramenti kollha, minkejja d-diversità tat-tradizzjonijiet liturġiċi, waqt li dak li hu proprju għaċ-ċelebrazzjoni ta' kull sagrament narawh aktar 'il quddiem. Din il-katekeżi fundamentali dwar iċ-ċelebrazzjonijiet sagramentali trid twieġeb għad-diffikultajiet ewlenin tal-Insara dwar dan is-suġġett, jiġifieri

— min jiċċelebra?
— kif tiċċelebra?
— meta tiċċelebra?
— fejn tiċċelebra?

## L-ewwel artiklu

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-LITURĠIJA TAL-KNISJA

### I. Min jiċċelebra?

1136 Il-liturġija hi "għemil" ta' *Kristu sħiħ ("Christus totus").* Dawk li jiċċelebrawha ġa qed jiċċelebraw, 'l hemm mis-sinjali, il-liturġija tas-sema, fejn iċ-ċelebrazzjoni hi kollha kemm hi għaqda u festa.

IĊ-ĊELEBRANTI TAL-LITURĠIJA TAS-SEMA

1137 L-Apokalissi ta' San Ġwann, li naqraw fil-liturġija tal-Knisja, l-ewwel jurina "tron imwaqqaf fis-sema u wieħed bilqiegħda fuq it-tron" *(Apok 4,2)*, "il-Mulej Alla".[1] Imbagħad jurina l-Ħaruf "bħallikieku kien maqtul" *(Apok 5,6; Ġw 1,29)*: Kristu msallab u rxoxt, li hu waħdu l-Qassis il-Kbir u s-santwarju veru,[2] dak stess "li joffri u jiġi offrut, li jagħti u jingħata".[3] U fl-aħħar nett jurina "x-xmara tal-ilma tal-ħajja, tgelgel mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf" *(Apok 22,1)*, wieħed mill-isbaħ simboli tal-Ispirtu s-Santu.[4]

---

[1] Is 6,1; ara Eżek 1,26-28.
[2] Ara Lh 4,14-15; 10,19-21, u l-bqija.
[3] Anafora tal-Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu.
[4] Ara Ġw 4,10-14; Apok 21,6.

1138 "Imġeddin" fi Kristu u mseħbin fis-servizz ta' tifħir lil Alla u fis-sħuħija tal-pjan tiegħu, hemm is-Setgħat tas-sema,[1] il-ħolqien kollu (l-erba' Ħlejjaq Ħajjin), il-qaddejja tal-Patt il-Qadim u l-Patt il-Ġdid (l-erbgħa u għoxrin Xiħ), il-poplu ġdid ta' Alla (il-mija u erbgħa u erbgħin elf),[2] b'mod partikulari, il-martri "li kienu qatluhom minħabba l-Kelma" *(Apok 6,9-11)* u l-Omm qaddisa ta' Alla (il-Mara;[3] l-Għarusa tal-Ħaruf[4]), u fl-aħħar "kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien" *(Apok 7,9)*.

1139 Hi f'din il-liturġija ta' dejjem li l-Ispirtu s-Santu u l-Knisja jseħbuna, meta niċċelebraw il-misteru tas-salvazzjoni fis-sagramenti.

IĊ-ĊELEBRANTI TAL-LITURĠIJA SAGRAMENTALI

1140 Hija l-*komunità* kollha, il-Ġisem ta' Kristu flimkien mar-Ras tiegħu, li tiċċelebra. "Kull għemil liturġiku mhuwiex xi għemil privat, imma hu ċelebrazzjoni tal-Knisja, li hi 'sagrament tal-għaqda', jiġifieri tal-poplu qaddis ta' Alla miġbur u organizzat taħt it-tmexxija tal-isqfijiet. Hu għalhekk li l-għemil kollu tal-liturġija hu għemil il-Ġisem tal-Knisja kollu kemm hu; iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi juru x'inhu l-Ġisem tal-Knisja u jimpenjawh; il-membri kollha tal-Ġisem tal-Knisja, b'mod jew ieħor, jintlaħqu minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, skont l-ordni jew l-uffiċċji li jkollhom u skont il-mod kif jissieħbu fihom".[5] Għalhekk "kull darba li dawn ir-riti, skont in-natura proprja ta' kull rit, jitolbu li jkunu ċelebrazzjoni komunitarja, jiġifieri bit-tisħib ħaj u attiv tal-fidili, għandha ssir insistenza biex, safejn jista' jkun, ċelebrazzjoni komunitarja tiġi preferita għal ċelebrazzjoni individwali u privata".[6]

1141 Il-ġemgħa li tiċċelebra hi l-komunità tal-Insara li bit-"twelid ġdid u d-dilka tal-Ispirtu s-Santu ġew ikkonsagrati f'dar spiritwali u saċerdozju qaddis biex joffru bħala sagrifiċċju spiritwali l-għemejjel kollha tal-Insara".[7] Dan "is-saċerdozju komuni ta' kulħadd hu s-saċerdozju ta' Kristu, li hu waħdu l-Qassis, saċerdozju li fih għandhom sehem il-membri kollha tiegħu:[8]

> Ommna l-Knisja tixtieq ħafna li l-fidili kollha jaslu għal dan it-tisħib sħiħ u attiv f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u jħossuh; tisħib mitlub mill-istess natura tal-liturġija u li, minħabba l-Magħmudija, hu dritt u dmir tal-poplu nisrani, li hu "ġens maħtur, saċerdozju regali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih".[9]

1142 Iżda "mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol" *(Rum 12,4)*. Xi membri huma msejħin minn Alla, fil-Knisja u permezz tal-Knisja, għall-qadi speċjali fi ħdan il-komunità. Dawn il-qaddejja jintgħażlu u jiġu kkonsagrati permezz tas-sagrament tal-Ordni li bih l-Ispirtu s-Santu jagħtihom il-ħila li dak li jagħmlu jagħmluh fil-Persuna ta' Kristu r-Ras, biex jaqdu l-membri kollha tal-Knisja.[10] Il-ministru ordnat qisu "ikona" ta' Kristu Saċerdot. U għaliex is-

---

[1] Ara Apok 4,5; Is 6,2-3.
[2] Ara Apok 7,1-8; 14,1.
[3] Ara Apok 12.
[4] Ara Apok 21,9.
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 26.
[6] *Ibid.*, 27.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10.
[8] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10; 34; *Presbyterorum ordinis*, 1,2.
[9] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 14. 1 Piet 2,9; ara 2,4-5.
[10] Ara Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis*, 2 u 15.

sagrament tal-Knisja l-aktar li jidher hu fl-Ewkaristija, hu waqt li qiegħed jippresiedi l-Ewkaristija li l-aktar jidher il-ministeru tal-Isqof, u f'xirka miegħu, dak tas-saċerdoti u tad-djakni.

1143 Għall-qadi tal-uffiċċju tas-saċerdozju tal-fidili, hemm imbagħad *ministeri partikulari* oħra, li ma jiġux ikkonsagrati permezz tas-sagrament tal-Ordni, u li l-uffiċċju tagħhom hu determinat mill-isqfijiet skont it-tradizzjonijiet liturġiċi u l-ħtiġiet pastorali. "Il-ministranti, il-letturi, il-kummentaturi u dawk li jagħmlu parti minn *schola cantorum* jaqdu ministeru li hu tassew liturġiku.[1]

1144 Għalhekk, f'kull ċelebrazzjoni tas-sagramenti, il-ġemgħa kollha hi l-"liturgu" (iċ-ċelebrant), kull wieħed skont l-uffiċċju li jkollu, imma dejjem fl-"għaqda tal-Ispirtu" li jaħdem f'kulħadd. "Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kull wieħed, ministru jew fidil, huwa u jaqdi l-uffiċċju tiegħu, għandu jagħmel *dak biss u dak kollu* li hu proprju tiegħu, skont xi jkun qiegħed jagħmel u skont ir-regoli tal-liturġija".[2]

## II. Kif tiċċelebra?

SINJALI U SIMBOLI

1145 Ċelebrazzjoni liturġika tintiseġ b'ħafna sinjali u simboli. Skont il-mod kif Alla jgħallimna ħa niksbu s-salvazzjoni, it-tifsir ta' dawn is-sinjali u ta' dawn is-simboli għandu l-għeruq tiegħu fil-ħolqien u fil-kultura tal-bniedem, għandna ħjiel tiegħu fil-ġrajjiet tal-Patt il-Qadim, u jidher sħiħ fil-persuna u l-ħidma ta' Kristu.

1146 *Sinjali mid-dinja tal-bnedmin.* Is-sinjali u s-simboli għandhom importanza kbira fil-ħajja tal-bniedem. Għaliex il-bniedem għandu ġisem u ruħ għalhekk hu spiritwali u korporali fl-istess ħin, ifisser u jagħraf il-veritajiet spiritwali permezz ta' sinjali u simboli materjali. Għaliex il-bniedem min-natura tiegħu jrid jgħix ma' bnedmin oħra (hu soċjevoli), jeħtieġlu sinjali u simboli biex ikun jista' jikkomunika mal-oħrajn permezz ta' kliem, permezz ta' ġesti, permezz ta' għemil; u ngħidu l-istess ħaġa dwar ir-relazzjonijiet ma' Alla.

1147 Alla jkellem lill-bniedem permezz tal-ħlejjaq li jidhru. Fl-univers materjali, l-intelliġenza tal-bniedem tista' tara s-sinjali tal-Ħallieq.[3] Il-lejl u n-nhar, ir-riħ u n-nar, l-ilma u l-art, is-siġra u l-frott tagħha kollha jitkellmu fuq Alla, u huma simboli tal-kobor tiegħu u fl-istess ħin juru wkoll li hu qrib il-bnedmin.

1148 Dawn il-ħlejjaq, għax nagħrfuhom bis-sensi tagħna, jistgħu jfissru kemm il-ħidma ta' Alla li jqaddes il-bnedmin u kemm il-ħidma tal-bnedmin li jagħtu l-qima tagħhom lil Alla. Ngħidu l-istess ħaġa dwar is-simboli u s-sinjali tal-ħajja soċjali tal-bnedmin: il-ħasil u d-dlik, il-qsim tal-ħobż u x-xorb flimkien jistgħu jfissru l-preżenza ta' Alla li jqaddes u l-ħajr tal-bniedem għal Dak li ħalqu.

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 29.
[2] *Ibid.*, 28.
[3] Ara Gherf 13,1; Rum 1,19-20; Atti 14-17.

1149 Ir-reliġjonijiet kbar tal-bniedem huma xhieda, spiss b'mod li tassew timpressjona, ta' dan is-sens kożmiku u simboliku tar-riti reliġjużi. Il-liturġija tal-Knisja taċċetta, tagħmel tagħha u tqaddes xi elementi tal-ħolqien u tal-kultura tal-bniedem u tagħtihom id-dinjità li jkunu sinjali tal-grazzja, tal-ħolqien ġdid f'Ġesù Kristu.

1150 *Sinjali tal-Patt.* Il-poplu magħżul minn Alla rċieva mingħandu sinjali u simboli magħżulin li ddeterminaw il-ħajja liturġika tiegħu: mhumiex aktar ċelebrazzjonijiet biss ta' ċikli kożmiċi u ta' ġesti soċjali, imma huma wkoll sinjali tal-Patt, sinjali tal-għeġubijiet kbar li Alla għamel għall-poplu tiegħu. Fost dawn is-sinjali liturġiċi tal-Patt il-Qadim nistgħu nsemmu ċ-ċirkonċiżjoni, l-unzjoni u l-konsagrazzjoni tas-slaten u s-saċerdoti, it-tqegħid tal-idejn, is-sagrifiċċji u fuq kollox l-Għid. Il-Knisja f'dawn is-sinjali tara tħabbira tas-sagramenti tal-Patt il-Ġdid.

1151 *Sinjali li ttieħdu minn Kristu.* Kristu, fil-predikazzjoni tiegħu, spiss għamel użu minn sinjali li ħa mill-ħolqien biex jgħarraf il-misteri tas-Saltna ta' Alla.[1] Ta l-fejqan jew wettaq kliemu permezz ta' sinjali materjali jew permezz ta' ġesti simboliċi.[2] Ta tifsir ġdid lill-fatti u lis-sinjali tal-Patt il-Qadim, l-aktar tal-Eżodu u tal-Għid[3] għax hu nnifsu hu t-tifsira ta' dawn is-sinjali kollha.

1152 *Sinjali sagramentali.* Wara Għid il-Ħamsin, hu permezz tas-sinjali sagramentali tal-Knisja tiegħu li l-Ispirtu s-Santu jqaddes. Is-sagramenti tal-Knisja ma neħħewx, imma saffew u għamlu tagħhom l-għana kollu tas-sinjali u tas-simboli tal-ħolqien u tal-ħajja soċjali. Barra dan, iwasslu għat-tmiem tagħhom it-tipi u x-xbihat tal-Patt il-Qadim, ifissru u jagħtu s-salvazzjoni li kiseb Kristu, u jħabbru u jantiċipaw il-glorja tas-sema.

KLIEM U GĦEMIL

1153 Ċelebrazzjoni sagramentali hi laqgħa ta' wlied Alla ma' Missierhom, fi Kristu u l-Ispirtu s-Santu, u din il-laqgħa turi ruħha qisha djalogu permezz ta' għemil u ta' kliem. Veru li l-azzjonijiet simboliċi fihom infushom huma ġa lingwaġġ, imma hu meħtieġ li l-kelma ta' Alla u t-tweġiba għaliha bil-fidi jissieħbu u jagħtu l-ħajja lil dawn l-azzjonijiet, biex iż-żerriegħa tas-Saltna tinbet u tagħti frott għax issib art tajba. Kull azzjoni liturġika tfisser dak li tgħid il-kelma ta' Alla, jiġifieri l-inizjattiva ħielsa ta' Alla flimkien mat-tweġiba bil-fidi tal-poplu tiegħu.

1154 *Il-Liturġija tal-Kelma* hija parti integranti taċ-ċelebrazzjonijiet sagramentali. Biex imantnu l-fidi tal-Insara s-sinjali tal-kelma ta' Alla jridu juru s-siwi tagħhom: Il-Ktieb tal-Kelma (lezzjonarju jew evanġeljarju), il-venerazzjoni li tintwera lejh (purċissjoni, inċens, dwal), il-post tat-tħabbira tal-Kelma (ambone), il-qari b'mod li l-Kelma tinstema' u tinftiehem, l-omelija tal-ministru li tkompli t-tħabbira, it-tweġib tal-ġemgħa (akklamazzjonijiet, salm responsorjali, litaniji, stqarrija tal-fidi...).

[1] Ara Lq 8,10.
[2] Ara Ġw 9,6; Mk 7,33-35; 8,22-25.
[3] Ara Lq 9,31; 22,7-20.

1155 Il-kelma u l-azzjoni liturġika, li bħala sinjali u tagħlim ma' jistgħux jin-firdu minn xulxin, ikunu tassew dan meta jagħmlu dak li jfissru. L-Ispirtu s-Santu ma jagħtix biss li nifhmu l-kelma ta' Alla biex iqajjem fina l-fidi; permezz tas-sagramenti jagħmel ukoll li jseħħu "l-għeġubijiet" ta' Alla mħabbrin mill-Kelma: iġibilna u jagħtina l-opra tal-Missier li seħħet permezz ta' Ibnu l-maħbub.

KANT U MUŻIKA

1156 "It-tradizzjoni mużikali tal-Knisja universali ħolqot teżor ta' siwi bla qies li hu aqwa minn kull espressjoni oħra tal-arti, l-aktar għaliex il-kant sagru marbut mal-kliem hu parti meħtieġa u sħiħa tal-liturġija solenni".[1] Il-kompożizzjoni u l-kant tas-Salmi ispirati, spiss akkumpanjati bid-daqq tal-istrumenti tal-mużika, kellhom ġa rabta mill-aqwa maċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Patt il-Qadim. Il-Knisja kompliet tiżviluppa din it-tradizzjoni: "Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej".[2] "Min ikanta jkun qed jitlob darbtejn".[3]

1157 Il-kant u l-mużika jaqdu l-uffiċċju tagħhom ta' sinjali b'mod li jfisser ħafna, l-aktar għaliex għandhom "rabta aktar qawwija mal-azzjoni liturġika"[4] minħabba tliet kriterji prinċipali: il-ġmiel espressiv tat-talb, it-tisħib tal-ġemgħa kollha flimkien meta jkun il-waqt, u s-solennità taċ-ċelebrazzjoni. B'hekk il-kant u l-mużika jissieħbu mal-ħsieb tal-kliem u tal-azzjoni liturġika: il-glorja ta' Alla u l-qdusija tal-Insara:[5]

> Kemm dmugħ xerridt jiena u nisma' l-għana ħlejju tal-innijiet u l-kantiċi tiegħek jidwi fil-knisja tiegħek u jqanqalni mill-qiegħ ta' qalbi! Dawk l-ilħna kienu jolqtuli widnejja u jsawbuli l-verità f'qalbi u jfawruhieli bi tqanqil ta' tjieba. Id-dmugħ kien iġelben minn għajnejja u dan kien ta' ġid għalija.[6]

1158 L-armonija bejn is-sinjali (kant, mużika, kliem u għemil) f'din il-ħaġa tant tfisser u tant tagħti frott li dejjem tidher fl-*għana kulturali* tal-poplu ta' Alla li qiegħed jiċċelebra.[7] Għalhekk "il-kant reliġjuż popolari għandu jinġieb 'il quddiem b'impenn sħiħ, biex waqt devozzjonijiet qaddisa u ċelebrazzjonijiet liturġiċi" skont in-normi tal-Knisja, "l-Insara jkunu jistgħu jsemmgħu l-ilħna tagħhom".[8] Iżda "l-kliem tal-kant sagru għandu jkun jaqbel mad-duttrina Kattolika, u kemm jista' jkun għandu jittieħed mill-Kotba Mqaddsa u mill-għejjun tal-liturġija".[9]

IX-XBIHAT IMQADDSA

1159 Ix-xbieha mqaddsa, l-"ikona" liturġika, tirrappreżenta prinċipalment lil *Kristu.* Ma tistax tirrappreżenta lil Alla li ma jidhirx u li l-moħħ tal-bniedem ma jasalx biex jifhmu; hi l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla li tat bidu għal' "ekonomija" ġdida tax-xbihat:

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 112.
[2] Ara Ef 5,19; ara Kol 3,16-17.
[3] Santu Wistin, *Enarratio in Psalmos*, 72, 1.
[4] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 112.
[5] *Ibid.*,
[6] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 9, 6, 14.
[7] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 119.
[8] *Ibid.*, 118.
[9] *Ibid.*, 121.

> Fl-imgħoddi Alla li ma għandux ġisem, lanqas sura, bl-ebda mod ma seta' jiġi rraffigurat f'xi xbieha. Imma issa li Alla ried juri ruħu f'ġisem ta' bniedem u għex mal-bnedmin, ma nibżax nagħmel xbieha ta' dak li rajt ta' Alla... fil-wiċċ mikxuf aħna nikkontemplaw il-glorja tal-Mulej.[1]

1160 L-ikonografija nisranija twassal permezz tax-xbihat il-messaġġ tal-Evanġelju li l-Iskrittura twassal bil-kliem. Xbieha u Kelma jdawlu 'l xulxin, waħda lill-oħra:

> Fi ftit kliem, aħna ngħożżu bla mittiefsa t-tradizzjonijiet ekkleżjastiċi li waslulna, kemm miktubin u kemm mhux miktubin. Fost dawn it-tradizzjonijiet hemm it-tpinġija ta' xi xbieha, tpinġija li taqbel max-xandir tal-ġrajja tal-Evanġelju, u tgħin sewwa biex inkunu żguri li l-Verb ta' Alla sar bniedem tassew u mhux taparsi, ħaġa li hi wkoll ta' siwi. Il-ħwejjeġ li jiċċaraw lil xulxin żgur ifissru wkoll lil xulxin.[2]

1161 Is-sinjali kollha taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għandhom relazzjoni ma' Kristu: ix-xbihat ta' Omm Alla u tal-qaddisin ukoll. Fil-fatt ifissru 'l Kristu li ġie gglorifikat fihom. Huma juru "s-sħaba kbira ta' xhieda" *(Lh 12,1)* li jkomplu jissieħbu fis-salvazzjoni tad-dinja u li magħhom aħna marbutin, l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni sagramentali. Permezz tal-ikoni (xbihat) tagħhom, dak li tara l-fidi tagħna huwa l-bniedem "xbieha ta' Alla" trasfigurat fis-"sura tax-xbieha"[3] tal-Iben ta' Alla; u l-istess anġli, huma wkoll iġġeddu fi Kristu:

> Aħna u nimxu fuq it-tagħlim ispirat tal-Missirijiet qaddisa tagħna, u fuq it-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika – u aħna nafu li hu l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fiha – ngħidu, żguri fuq li żguri, u bilgħaqal kollu li, l-istess bħax-xbieha tas-salib għażiż li tana l-ħajja, ix-xbihat qaddisa u meqjuma, kemm jekk impinġija u kemm jekk magħmulin fil-mużajk jew b'xi materjal ieħor adatt, xieraq li jkunu fil-knejjes qaddisa ta' Alla, fuq it-tagħmir u l-ilbies qaddis, fuq il-ħitan u fi kwadri, fid-djar u fit-triqat: hekk ukoll ix-xbihat ta' Sidna, Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu, dawk ta' Sidtna l-Omm safja u qaddisa ta' Alla, tal-anġli qaddisa, tal-qaddisin kollha u tal-ġusti.[4]

1162 "Il-ġmiel u l-ilwien tax-xbihat iħajru għat-talb. Huma festa għall-għajnejn daqs kemm id-dehra tal-kampanja tqanqal lil qalbi biex inrodd ħajr lil Alla".[5] Il-kontemplazzjoni tal-ikoni mqaddsa, flimkien mal-meditazzjoni tal-kelma ta' Alla u l-kant tal-innijiet liturġiċi, hi parti mill-armonija tas-sinjali taċ-ċelebrazzjoni tal-misteru biex dan jibqa' ffissat fil-memorja tal-qalb u mbagħad juri ruħu fil-ħajja ġdida tal-Insara.

## III. Meta niċċelebraw?

IŻ-ŻMIEN LITURĠIKU

1163 "Ommna l-Knisja Mqaddsa tħoss li huwa dmir tagħha li tiċċelebra l-opra tas-salvazzjoni li għamel l-Għarus tagħha b'tifkira mqaddsa, f'ċerti ġranet tul is-sena kollha. Kull ġimgħa, nhar ta' Ħadd, li l-Knisja ssejjaħlu Jum il-Mulej, hi tfakkar il-qawmien tal-Mulej mill-imwiet, ġrajja li tfakkar ukoll flimkien mal-Passjoni mqaddsa tiegħu darba fis-sena bis-solennità kollha fl-Għid il-Kbir tal-

---

[1] San Ġwann Damaxxenu, *De sacris imaginibus orationes*, 1, 16: PG 96, 1245A.
[2] It-tieni Konċ. ta' Niċea fis-sena 787, *Conciliorum oecumenicorum decreta*, 111.
[3] Ara Rum 8,29.
[4] Konċilju ta' Niċea II, Denzinger-Schonmetzer, 600.
[5] San Ġwann Damaxxenu, *De Sacris imaginibus orations*, 1, 27: PG 94, 1268B.ż

Mulej. Tqassam matul is-sena kollha l-misteru kollu ta’ Kristu... Hija u tiċċelebra b’dan il-mod il-misteri tal-fidwa, tiftaħ għall-fidili kollha l-għana tal-virtujiet u tal-merti ta’ Sidha, b’mod li matul iż-żminijiet kollha tagħmilhomlhom preżenti biex huma jiltaqgħu magħhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni”.[1]

1164 Il-poplu ta’ Alla, sa minn żmien il-liġi ta’ Mosè, kien jaf b’solennitajiet fissi, ibda mill-Għid, solennitajiet biex jitfakkru l-għemejjel tal-għaġeb ta’ Alla s-Salvatur, biex jintraddlu ħajr, biex tibqa’ ħajja t-tifkira tagħhom u jkunu jafu bihom il-ġenerazzjonijiet ġodda ħa jfasslu fuqhom l-imġiba tagħhom. Fi żmien il-Knisja, żmien li jiġi bejn l-Għid ta’ Kristu li ġa seħħ darba għal dejjem u ż-żmien li fih is-Saltna ta’ Alla tilħaq il-milja tagħha, il-liturġija ċċelebrata fi ġranet fissi, hi kollha kemm hi mimlija bil-Ħaġa l-ġdida li hi l-misteru ta’ Kristu.

1165 Il-Knisja, hija u tiċċelebra l-misteru ta’ Kristu, fit-talb tagħha spiss ittenni: *Illum,* bi tweġiba għat-talba li għallimha Sidha[2] u għas-sejħa tal-Ispirtu s-Santu.[3] Hu “llum” ta’ Alla l-ħaj li fih il-bniedem hu msejjaħ biex jidħol fis-“Siegħa” tal-Għid ta’ Ġesù li tidħol fl-istorja u hi l-qofol tagħha:

> Il-ħajja xterdet fil-ħlejjaq kollha u mliethom b’dawl kbir. Dak li tela’ mil-Lvant mela l-univers kollu; u dak li kien qabel “il-kewkba ta’ filgħodu” u qabel il-kwiekeb kollha, dak li hu immortali u ta’ kobor bla qies, Kristu l-kbir jiddi fuq il-ħlejjaq kollha aktar milli tiddi x-xemx. Hu għalhekk li għalina li nemmnu fih, twaqqaf jum ta’ dawl, jum twil, bla tmiem u ma jintemm qatt: l-Għid mistiku.[4]

JUM IL-MULEJ

1166 “Il-Knisja tiċċelebra kull tmint ijiem il-misteru tal-Għid, skont tradizzjoni minn żmien l-Appostli, tradizzjoni li bdiet mill-jum stess tal-qawmien ta’ Kristu mill-imwiet: bir-raġun kollu dan il-jum jissejjaħ Jum il-Mulej, il-Ħadd”.[5] Ħadd”.[5] Jum il-Qawmien ta’ Kristu hu fl-istess ħin “l-ewwel jum tal-ġimgħa”, tifkira tal-ewwel jum tal-ħolqien, u t-“tmien jum” li fih Kristu, wara l-“mistrieħ” tiegħu tas-Sibt il-Kbir, ta bidu għall-Jum “li għamel il-Mulej”, “jum li ma għandux filgħaxija”.[6] “L-ikla tal-Mulej” hi ċ-ċentru ta’ dan il-Jum, għax hu f’din l-ikla li l-komunità kollha tal-fidili tiltaqa’ mal-Mulej li qam mill-imwiet, u li jistedinha għall-ikla tiegħu:[7]

> Jum il-Mulej, jum il-Qawmien mill-imwiet, jum l-Insara, hu l-jum tagħna. Hu għalhekk li jissejjaħ Jum il-Mulej, għax hu proprju f’dan il-jum li l-Mulej reġa’ lura rebbieħ għand il-Missier. Jekk il-pagani jsejħulu Jum ix-Xemx, aħna wkoll ma nsibuhiex bi tqila li nsejħulu hekk, għax illum tela’ d-dawl tad-dinja, illum dehret ix-xemx tal-ġustizzja li r-raġġi tagħha jagħtu s-salvazzjoni.[8]

1167 Il-Ħadd hu l-jum proprju tal-ġemgħa liturġika, meta l-Insara jinġabru “ħa jisimgħu l-kelma ta’ Alla, jieħdu sehem fl-Ewkaristija, u jagħmlu t-tifkira tal-Passjoni, tal-

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 102.
[2] Ara Mt 6,11.
[3] Ara Lh 3,7-4, 11; Salm 95,7.
[4] San Ippolitu ta’ Ruma, *De paschate*, 1-2.
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 106.
[6] Liturġija Biżantina.
[7] Ara Ġw 21,12; Lq 24,30.
[8] San Ġirolmu, *In die dominica Paschae hamilia:* CCL 78, 550, 52.

Qawmien mill-imwiet u tal-Glorja tal-Mulej Ġesù, huma u jroddu ħajr lil Alla li tahom twelid ġdid għal tama ħajja permezz tal-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet":[1]

> Meta aħna nimmeditaw, O Kristu, l-għeġubijiet li seħħu f'jum il-Ħadd tal-Qawmien tiegħek, aħna ngħidu: Imbierek jum il-Ħadd, għax fih kellhom bidu l-ħolqien... is-salvazzjoni tad-dinja... it-tiġdid tal-ġens kollu tal-bnedmin... Hu f'dan il-jum li thennew is-sema u l-art, u l-univers imtela bid-dawl. Imbierek jum il-Ħadd għax f'dan il-jum infetħu l-bibien tas-sema biex Adam u l-imkeċċijin kollha setgħu jidħlu bla biża'.[2]

IS-SENA LITURĠIKA

1168 Mit-Tlett ijiem imqaddsa tal-Għid, bħal mill-għajn tiegħu ta' dawl, iż-żmien il-ġdid tal-qawmien mill-imwiet jimla s-sena liturġika kollha bid-dija tiegħu. Minn naħa għall-oħra ta' din l-għajn, is-sena tiġi trasformata pass pass mil-liturġija. Hi verament "is-sena tal-grazzja tal-Mulej".[3] Il-pjan tas-salvazzjoni qiegħed jaħdem fi ħdan iż-żmien, iżda minn meta l-pjan seħħ bl-Għid ta' Ġesù u bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu, it-tmiem tal-istorja hu antiċipat, "l-hena tiegħu qed jinħass minn qabel", is-Saltna ta' Alla daħlet fiż-żmien tagħna.

1169 Għalhekk l-*Għid* mhuwiex biss festa waħda fost oħrajn: hu l-"Festa tal-festi kollha", "is-Solennità tas-solennitajiet kollha", kif l-Ewkaristija hi s-Sagrament tas-sagramenti kollha (is-Sagrament il-Kbir). San Atanasju jsejjaħ Jum l-Għid il-"Ħadd il-Kbir",[4] kif il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Lvant hi msejħa "l-Ġimgħa l-Kbira" (kif ngħidu aħna wkoll). Il-misteru tal-qawmien mill-imwiet, li fih Kristu ħassar il-mewt, jimla ż-żmien il-qadim tagħna bil-qawwa setgħana tiegħu, sakemm iġib kollox taħtu.

1170 Fil-Konċilju ta' Niċea (sena 325) il-Knejjes kollha qablu bejniethom biex l-Għid Nisrani jiċċelebrawh il-Ħadd li jaħbat wara l-qamar kwinta (14 ta' Nisan) li jiġi wara l-bidu tar-rebbiegħa. Minħabba l-metodi differenti użati biex jiġi kalkulat l-14 ta' Nisan, l-Għid il-Kbir mhux dejjem jaħbat fl-istess jum fil-Lvant u l-Punent. Għalhekk il-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent illum qegħdin ifittxu li jilħqu ftehim bejniethom biex jibdew mill-ġdid jiċċelebraw il-festa tal-Għid il-Kbir fl-istess jum.

1171 Is-sena liturġika tiżviluppa aspetti diversi tal-misteru waħdieni tal-Għid. Dan jgħodd l-aktar għaċ-ċiklu tal-festi tal-misteru tal-Inkarnazzjoni (Tħabbira tal-Mulej, Milied, Epifanija), li jfakkru l-bidu tas-salvazzjoni tagħna, u jagħtuna l-ewwel frott tal-misteru tal-Għid.

IL-QADDISIN FIS-SENA LITURĠIKA

1172 "Hija u tiċċelebra kull sena l-misteru ta' Kristu, il-Knisja mqaddsa tivvenera b'imħabba speċjali l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, li ngħaqdet ma' Binha b'rabta li ma tinħall qatt fl-opra tiegħu ta' salvazzjoni. F'Marija l-Knisja tammira u tfaħħar l-ogħla frott tal-fidwa u tara fiha, qisu fi xbieha l-aktar safja, dak li tixtieq u tittama li għad tkun kollha kemm hi fil-ħajja ta' dejjem".[5]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 106.
[2] Fanqith, Uffiċċju Siro-Antjoken, vol.6, l-ewwel taqsima tas-sajf, paġ. 1396.
[3] Ara Lq 4,19.
[4] San Atanasju, *Epistula festivalis*, 329: PG 26, 1366A.
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 103.

1173 Meta l-Knisja kull sena tagħmel it-tifkira tal-martri u tal-qaddisin l-oħra, hija tkun qed "ixxandar il-misteru tal-Għid" f'dawk "li batew ma' Kristu u ġew igglorifikati flimkien miegħu, u turihom lill-Insara bħala eżempji li jiġbduhom ilkoll lejn il-Missier permezz ta' Ġesù Kristu, u titlob f'ġieħ il-merti tagħhom kull ġid mingħand Alla.[1]

IL-LITURĠIJA TAS-SIGĦAT

1174 Il-misteru ta' Kristu, l-Inkarnazzjoni u l-Għid tiegħu, li aħna niċċelebraw fl-Ewkaristija, speċjalment fil-ġemgħa tal-Ħadd, jidħol f'kull ġurnata u jbiddilha biċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat, "l-Uffiċċju divin".[2] Din iċ-ċelebrazzjoni, li twieġeb bil-fedeltà kollha għar-rakkomandazzjonijiet tal-Appostli biex "nitolbu bla heda",[3] hi mfassla b'mod li matul il-jum u matul il-lejl ma jieqaf qatt it-tifħir ta' Alla.[4] Il-Liturġija tas-Sigħat hi "t-talba pubblika tal-Knisja",[5] u biha l-fidili (kjeriċi, reliġjużi u lajċi) jaqdu s-saċerdozju regali tal-imgħammdin. Il-Liturġija tas-Sigħat, ċelebrata "skont is-sura" approvata mill-Knisja, "hi verament leħen l-istess Għarusa li tkellem l-Għarus tagħha, u hi wkoll it-talba ta' Kristu lill-Missier flimkien mal-Ġisem tiegħu".[6]

1175 Il-Liturġija tas-Sigħat għandha tkun *it-talba* tal-poplu kollu ta' Alla. Fiha, Kristu stess "ikompli jaqdi l-uffiċċju saċerdotali tiegħu permezz tal-Knisja";[7] kull wieħed jieħu sehem fiha skont il-post proprju tiegħu fil-Knisja u skont iċ-ċirkostanzi ta' ħajtu: is-saċerdoti, għax huma impenjati fil-ministeru pastorali, huma għalhekk imsejħin biex ma jieqfu qatt mit-talb u x-xandir tal-Kelma;[8] ir-reliġjużi, irġiel u nisa, minħabba l-kariżma tal-ħajja konsagrata tagħhom;[9] l-Insara kollha kif jistgħu. "Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom ifittxu li s-Sigħat ewlenin, u l-aktar l-Għosrien fil-Ħdud u s-solennitajiet, ikollhom ċelebrazzjoni komunitarja fil-knisja. Il-lajċi wkoll huma mħajrin jgħidu l-uffiċċju divin, jew mas-saċerdoti, jew meta jkunu miġburin flimkien, jew ukoll għal rashom".[10]

1176 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat mhux biss trid li jkun hemm armonija sħiħa bejn il-fomm u l-qalb ta' min jitlob, imma titlob ukoll li min jitlob "għandu jfittex li jkollu għarfien aħjar tal-liturġija u tal-Iskrittura, u l-aktar tas-Salmi".[11]

1177 L-innijiet u l-litaniji tal-Liturġija tas-Sigħat idaħħlu t-talb tas-Salmi fi żmien il-Knisja, għax ifissru s-simboliżmu tal-ħin tal-jum, taż-żmien liturġiku jew tal-festa li qed tiġi ċċelebrata. Barra dan, il-qari tal-kelma ta' Alla f'kull Siegħa bir-responsorji u t-troparji li jseħbuha, il-qari minn Missirijiet il-Knisja u tal-Għalliema spiritwali f'ċerti Sigħat, juru aktar fil-fond it-tifsir tal-misteru li jkun qed jiġi ċċelebrat, jgħinu biex wieħed jifhem aħjar is-Salmi, u jħejju għat-talb fis-

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 104; ara wkoll 108 u 111.
[2] Ara *Ibid.*, 83-101.
[3] 1 Tes 5,17; Ef 6,18.
[4] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 84.
[5] *Ibid.*, 98.
[6] *Ibid.*, 84.
[7] *Ibid.*, 83.
[8] Ara i*bid.*, 86; 96; *Presbyterorum Ordinis*, 5.
[9] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 98.
[10] *Ibid.*, 100.
[11] *Ibid.*, 90.

skiet. Il-*lectio divina,* jew il-kelma ta' Alla li tinqara u tiġi mmeditata biex issir talba, hi wkoll għandha l-għeruq tagħha fiċ-ċelebrazzjoni liturġika.

1178 Il-Liturġija tas-Sigħat qisha tkompli ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika; ma twarrabx, anzi ghandha ssaħħaħ, il-ħafna devozzjonijiet tal-poplu ta' Alla, b'mod partikulari l-adorazzjoni u l-qima tas-Sagrament imqaddes.

## IV. Fejn tiċċelebra?

1179 Il-qima "fl-ispirtu u l-verità" *(Ġw 4,24)* tal-Patt il-Ġdid mhijiex marbuta ma' xi post wieħed biss. L-art kollha hi mqaddsa u fdata lil ulied il-bnedmin. Dak li jiġi l-ewwel, meta l-Insara jinġabru f'xi mkien wieħed, huwa "l-ġebel ħaj", l-Insara stess li nġabru "ħa jinbnew f'dar spiritwali" *(1 Piet 2,4-5)*. Il-ġisem ta' Kristu rxoxt hu t-tempju spiritwali li minnu toħroġ għajn ta' ilma ħaj. Imdaħħlin fil-Ġisem ta' Kristu permezz tal-Ispirtu s-Santu, "aħna t-tempju ta' Alla l-ħaj" *(2 Kor 6,16)*.

1180 Meta l-libertà reliġjuża ma tkunx imfixkla,[1] l-Insara jtellgħu bini ħa jservi għall-kult divin. Dawn il-knejjes li jidhru mhumiex biss postijiet fejn l-Insara jiltaqgħu, imma jfissru u juru l-Knisja li qiegħda tgħix f'dan l-imkien, l-għamara ta' Alla mal-bnedmin, li tħabbu u ngħaqdu flimkien fi Kristu.

1181 "Id-dar tat-talb fejn l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata u fejn tinżamm, fejn jinġabru l-Insara, fejn hu preżenti l-Iben ta' Alla, is-Salvatur tagħna, li ġie offrut għalina fuq l-artal tas-sagrifiċċju u jiġi meqjum bħala għajnuna u faraġ tal-Insara, għandha tkun sabiħa, u adatta għat-talb u għaċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi".[2] F'din "id-dar ta' Alla", il-verità u l-armonija tas-sinjali li jagħmluha d-dar ta' Alla, iridu juru 'l Kristu li jinsab u jagħmel il-ħidma tiegħu fiha.[3]

1182 *L-artal* tal-Patt il-Ġdid hu s-salib tal-Mulej,[4] li minn fuqu ħarġu s-sagramenti tal-misteru tal-Għid. Fuq l-artal, li hu ċ-ċentru tal-Knisja, iseħħ is-sagrifiċċju tas-salib taħt ix-xbihat sagramentali. Hu wkoll il-Mejda tal-Mulej, li għaliha hu mistieden il-poplu ta' Alla.[5] F'xi liturġiji tal-Lvant l-artal hu wkoll simbolu tal-Qabar (Kristu miet tassew u rxoxta tassew).

1183 *It-tabernaklu* għandu jitqiegħed "fil-post l-aktar xieraq fil-knejjes u għandu jingħatalu l-ogħla ġieħ".[6] Il-ġmiel, il-pożizzjoni u s-sigurezza tat-tabernaklu ewkaristiku[7] għandhom jgħinu jgħinu lill-fidili biex jersqu jaduraw lill-Mulej tassew preżenti fis-Sagrament imqaddes tal-artal.

*Iż-żejt tal-griżma* (*"Myron"* – "miru" bil-Malti, fl-imgħoddi): id-dlik jew l-unzjoni hu sinjal tas-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu; tradizzjonalment jinżamm u jiġi meqjum f'post żgur fil-presbiterju; miegħu jista' jinżamm iż-żejt tal-katekumeni u dak tal-morda.

1184 *Is-sedja* tal-isqof (katedra) jew dik tas-saċerdot għandha tfisser l-uffiċċju ta' dak li jippresiedi l-ġemgħa u jmexxi t-talb".[8]

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 3.
[2] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 5; ara *Sacrosanctum concilium,* 122-127.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 7.
[4] Ara Lq 13,10.
[5] Ara Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 259.
[6] Pawlu VI, enċiklika *Mysterium fidei.*
[7] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 128.
[8] Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 271.

*L-ambone:* il-kelma ta' Alla jistħoqqilha ġieħ kbir u għalhekk jeħtieġ li fil-knisja jkun hemm post jixraq lix-xandir tagħha, post li malajr jiġbed l-attenzjoni tal-fidili matul il-Liturġija tal-Kelma".[1]

1185 Il-ġemgħa tal-poplu ta' Alla tibda permezz tal-Magħmudija; il-knisja għalhekk irid ikollha post fejn tiġi ċċelebrata l-Magħmudija (battisteru) u xi ħaġa li tfakkar il-wegħdiet tal-Magħmudija lill-Insara (l-ilma mbierek).

It-tiġdid tal-ħajja li nkisbet fil-Magħmudija titlob *il-penitenza*. Il-knisja għalhekk trid tkun imħejjija biex tilqa' s-sogħba u l-indiema tal-midneb u tagħtih il-maħfra: fil-knisja għalhekk irid ikun hemm post adatt fejn jiġu milqugħa l-penitenti.

Il-knisja trid tkun ukoll post li jistieden għall-ġabra u għat-talb fis-skiet, li jtawwal it-talba solenni tal-Ewkaristija u jgħin biex din it-talba tidħol fil-fond tal-qalb tal-Insara.

1186 Fl-aħħar nett il-knisja għandha tifsira eskatoliġika. Biex wieħed jidħol fid-dar ta' Alla jrid jgħaddi minn fuq *l-għatba*, simbolu tal-mogħdija minn din id-dinja, imġarrba mid-dnub, għad-dinja tal-Ħajja Ġdida li l-bnedmin kollha huma msejħin għaliha. Il-knisja li naraw hi simbolu ta' dar Missierna lejn fejn miexi l-poplu ta' Alla, u fejn il-Missier "jixxotta kull demgħa minn għajnejna" *(Apok 21,4)*. Hu għalhekk ukoll li l-knisja hi d-dar ta' *kulħadd*, tal-ulied *kollha* ta' Alla, dejjem miftuħa beraħ ħa tilqagħhom bil-qalb.

## Fil-qosor

1187 *Il-liturġija hi l-ħidma ta' Kristu sħiħ: ir-Ras u l-Ġisem. Il-Qassis il-Kbir tagħna jiċċelebraha bla heda fil-liturġija tas-sema, flimkien mal-Imqaddsa Omm Alla, mal-qaddisin kollha, u mal-kotra kbira ta' bnedmin li ġa daħlu fis-Saltna.*

1188 *F'ċelebrazzjoni liturġika l-ġemgħa kollha hi "liturgu", jiġifieri ċelebrant, u kulħadd jiċċelebra skont l-uffiċċju li jkollu. Is-saċerdozju batteżimali, li jingħata fil-Magħmudija, hu s-saċerdozju tal-Ġisem kollu ta' Kristu. Iżda xi fidili jiġu ordnati permezz tas-sagrament tal-Ordni biex ikunu rappreżentanti ta' Kristu bħala Ras tal-Ġisem.*

1189 *Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tagħmel użu minn sinjali u simboli ġejjin mill-ħolqien (dawl, ilma, nar), mill-ħajja tal-bniedem (ħasil, dlik, qsim tal-ħobż), u mill-ġrajja tas-salvazzjoni (ir-riti tal-Għid). Dawn l-elementi tad-dinja, dawn ir-riti tal-bnedmin, dawn il-ġesti li jfakkruna f'Alla, iwasslulna l-ħidma li ssalva u tqaddes ta' Kristu, għax ġew imdaħħla fid-dinja tal-fidi bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.*

1190 *Il-Liturġija tal-Kelma hi parti integranti taċ-ċelebrazzjoni. It-tifsir taċ-ċelebrazzjoni jingħata permezz tal-kelma ta' Alla li titħabbar u permezz tal-impenn tal-fidi bi tweġiba għaliha.*

1191 *Il-kant u l-mużika għandhom rabta liema bħalha mal-azzjoni liturġika. Il-kriterji dwar l-użu tajjeb tal-kant u l-mużika huma dawn: il-ġmiel ta' kif jiġi mfisser it-talb; is-sehem tal-ġemgħa kollha kemm hi; il-karattru sagru taċ-ċelebrazzjoni.*

[1] Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 272.

1192 *Ix-xbihat imqaddsa li jinsabu fil-knejjes tagħna u fi djarna, iridu jqajmu fina u jmantnu l-fidi fil-misteru ta' Kristu. Quddiem l-ikona ta' Kristu u tal-għemejjel tiegħu għas-salvazzjoni, aħna nkunu qegħdin naduraw mhux ix-xbieha, imma lil Kristu stess. Quddiem ix-xbihat qaddisa ta' Omm Alla, tal-anġli u tal-qaddisin, aħna nivveneraw mhux ix-xbihat imma lil dawk stess li jirrappreżentaw.*

1193 *Il-Ħadd, "Jum il-Mulej", hu l-jum ewlieni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għaliex hu jum il-Qawmien mill-imwiet. Hu jum il-ġemgħa liturġika b'mod speċjali, u hu wkoll il-jum tal-familja nisranija, il-jum tal-hena u l-mistrieħ mix-xogħol. Hu "pedament u qofol tas-sena liturġika kollha".*[1]

1194 *Il-Knisja "tqassam iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu tul is-sena kollha, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid sat-Tlugħ fis-sema tal-Mulej, sa jum Għid il-Ħamsin u sal-istennija tat-tama hienja tal-miġja tal-Mulej".*[2]

1195 *Hija u tagħmel it-tifkira tal-qaddisin, u l-ewwel nett tal-Imqaddsa Omm Alla, imbagħad tal-Appostli, tal-martri u tal-qaddisin l-oħra, fi ġranet fissi tas-sena liturġika, il-Knisja fuq l-art turi li hi marbuta mal-liturġija tas-sema; tigglorifika lil Kristu li temm l-opra tiegħu ta' salvazzjoni fil-membri gglorifikati tal-Ġisem tiegħu; l-eżempju tagħhom iħeġġiġha fil-mixi tagħha lejn il-Missier.*

1196 *L-Insara li jiċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat jingħaqdu ma' Kristu, il-Qassis il-Kbir tagħna, permezz tat-talb tas-Salmi, tal-meditazzjoni tal-kelma ta' Alla, tal-kantiċi u l-barkiet, biex jissieħbu fit-talba universali tiegħu li ma tieqaf qatt, ħa jagħtu glorja lill-Missier, u jitolbu d-don tal-Ispirtu s-Santu għad-dinja kollha.*

1197 *Kristu hu l-veru Tempju ta' Alla, "il-post fejn tgħammar il-glorja tiegħu"; permezz tal-grazzja ta' Alla l-Insara jsiru huma wkoll tempji tal-Ispirtu s-Santu, il-ġebel ħaj li bih tinbena l-Knisja.*

1198 *Fil-qagħda tagħha fid-dinja, il-Knisja teħtieġ postijiet fejn il-komunità tista' tinġabar: il-knejjes tagħna li naraw huma postijiet imqaddsa, xbihat tal-Belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema, lejn fejn aħna mexjin.*

1199 *Hu fil-knejjes tagħha li l-Knisja tiċċelebra l-qima pubblika għall-glorja tat-Trinità Qaddisa, u tisma' t-tħabbira tal-kelma ta' Alla u tkanta t-tifħir tiegħu, titlob u toffri s-sagrifiċċju ta' Kristu li jinsab sagramentalment f'nofs il-ġemgħa. Dawn il-knejjes huma wkoll postijiet ta' ġabra u ta' talb personali.*

**It-tieni artiklu**

## HAFNA LITURĠIJI U MISTERU WIEĦED

TRADIZZJONIJIET LITURĠIĊI U KNISJA KATTOLIKA

1200 Minn żmien l-ewwel komunità ta' Ġerusalemm sa żmien il-Parusija, il-Knejjes ta' Alla, b'fedeltà sħiħa għall-fidi tal-Appostli, kullimkien jiċċelebraw l-

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 106.
[2] *Ibid.*, 102.

istess misteru tal-Għid. Il-misteru li jiġi ċċelebrat fil-liturġija hu wieħed, imma s-suriet taċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru huma ħafna.

1201 L-għana tal-misteru ta' Kristu hu hekk kbir li ebda tradizzjoni liturġika ma tasal biex tfissru kollu. L-istorja ta' kif bdew u żviluppaw dawn ir-riti turi b'liema mod tassew tal-għaġeb huma kumplimentari għal xulxin. Sakemm il-Knejjes għexu t-tradizzjonijiet liturġiċi tagħhom f'għaqda bejniethom fil-fidi u fis-sagramenti tal-fidi, stagħnew b'xulxin u kibru fil-fedeltà lejn it-Tradizzjoni u l-missjoni komuni tal-Knisja kollha.[1]

1202 Il-ħafna tradizzjonijiet liturġiċi nibtu minħabba l-istess missjoni tal-Knisja. Il-Knejjes tal-istess naħa ġeografika u kulturali waslu biex jiċċelebraw il-misteru ta' Kristu skont il-mod partikulari kif in-nies tal-post ifissru ħsibijiethom u juru s-sura tal-kultura tipika tagħhom: skont il-mod kif għaddew lill-oħrajn "it-teżor sabiħ tal-fidi" *(2 Tim 1,14)* fis-simboliżmu liturġiku tagħhom, skont l-organizzazzjoni tax-xirka bejn l-aħwa, skont il-mod kif fehmu teoloġikament il-misteri, u skont is-suriet tal-qdusija tagħhom. Hekk Kristu, id-dawl u s-salvazzjoni tal-popli kollha, permezz tal-ħajja liturġika tal-Knisja, jintwera lill-popli u lill-kulturi fejn il-Knisja ntbagħtet u niżżlet għeruqha fosthom. Il-Knisja hi kattolika: tista' tilqa' fl-għaqda tagħha u ssaffi l-għana veru tal-kulturi kollha.[2]

1203 It-tradizzjonijiet liturġiċi jew riti li hemm illum fil-Knisja huma r-rit Latin (prinċipalment ir-rit Ruman, iżda wkoll ir-riti ta' xi Knejjes lokali bħalma hu r-rit Ambrożjan u r-riti ta' xi ordnijiet reliġjużi), ir-rit Biżantin, ir-rit Alessandrin jew Kopt, ir-rit Sirjak, ir-rit Armen, ir-rit Maronit, u r-rit tal-Kaldej. "Il-Konċilju, b'rispett sħiħ għat-tradizzjoni, jiddikjara li Ommna l-Knisja mqaddsa tqis indaqs, fid-drittijiet u d-dinjità tagħhom, ir-riti kollha li huma magħrufin leġittimament, u trid li jinżammu fil-ġejjieni u jkunu megħjunin b'kull manjiera".[3]

LITURĠIJA U KULTURI

1204 Iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija għalhekk trid tkun taqbel mal-ġenju u mal-kultura ta' popli differenti.[4] Il-misteru ta' Kristu, biex "jiġi mgħarraf lill-ġnus kollha ħa jwassalhom għall-ubbidjenza tal-fidi" *(Rum 16,26)*, irid jiġi mħabbar lill-kulturi kollha ħa jiċċelebrawh u jgħixuh, b'mod li mhux jinqerdu permezz tiegħu imma jiġu mifdijin u jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom.[5] Hu bil-kultura tal-bnedmin u permezz tagħha, kultura meħuda minn Kristu u mġedda minnu, li l-kotra ta' wlied Alla jkollhom id-dħul għal għand il-Missier, biex jigglorifikawh fi Spirtu wieħed.

1205 "Fil-liturġija, u l-aktar fil-liturġija tas-sagramenti, hemm parti *li ma tista' tinbidel qatt,* għax riedha l-Mulej u ħallieha taħt il-ħarsien tal-Knisja, u hemm mbagħad *partijiet li jistgħu jinbidlu*, li l-Knisja tista' u xi kultant għandha tbiddel biex tadattahom għall-kulturi tal-ġnus li jkunu għadhom kemm laqgħu t-tħabbira tal-Evanġelju".[6]

---

[1] Ara Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 63-64.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 23; *Unitatis redintegratio*, 4.
[3] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 4.
[4] *Ibid.*, 37-40.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 53.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 21; Ġwanni Pawlu II, Ittra appostolika *Vicesimus quintus annus*, 16.

1206 “Il-varjetà fil-liturġija tista’ tkun sors ta’ għana, imma tista’ wkoll toħloq inkwiet, nuqqas ta’ ftehim u saħansitra firdiet. Jidher ċar għalhekk li f’din il-ħaġa l-varjetà ma għandhiex tkun ta’ ħsara għall-għaqda; għandha sseħħ biss b’fedeltà sħiħa lejn il-fidi ta’ kulħadd, lejn is-sagramenti li l-Knisja rċeviet mingħand Kristu, u lejn ix-xirka tal-ġerarkija. L-adattament kulturali jitlob il-konverżjoni tal-qalb u, meta jkun meħtieġ, iċ-ċaħda wkoll ta’ drawwiet antiki li ma jaqblux mal-fidi Kattolika”.[1]

## Fil-qosor

1207 *Hu meħtieġ li l-liturġija tfisser lilha nfisha fil-kultura tal-poplu fejn tkun il-Knisja, iżda mingħajr ma toqgħod għaliha. Min-naħa l-oħra l-liturġija stess tagħti bidu u ssawwar il-kulturi.*

1208 *Il-ħafna tradizzjonijiet jew riti liturġiċi, magħrufin leġittimament, għaliex ifissru u jwasslu l-misteru ta’ Kristu, juru li l-Knisja hi kattolika.*

1209 *Il-kriterju li juri li l-Knisja hi waħda waqt li t-tradizzjonijiet liturġiċi huma ħafna, hu l-fedeltà għat-tradizzjoni appostolika, jiġifieri għaqda fil-fidi u s-sagramenti li ġew mill-Appostli, għaqda li hi mfissra u ggarantita mis-suċċessjoni appostolika.*

---

[1] *Ibid.* Arra Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 21; Ġwanni Pawlu II, Ittra appostolika *Vicesimus quintus annus*, 16.

IT-TIENI SEZZJONI

# IS-SEBA’ SAGRAMENTI TAL-KNISJA



Trittiku tas-Seba' Sagramenti minn Rogier van der Weyden (c. 1545)

1210 Is-sagramenti tal-Liġi l-Ġdida waqqafhom Kristu u huma sebgħa: Magħmudija, Griżma tal-Isqof jew Konfermazzjoni, Ewkaristija, Penitenza, Dlik tal-Morda, Ordni u Żwieġ. Is-seba' sagramenti jinteressaw il-passi kollha u l-mumenti kollha importanti tal-ħajja tan-Nisrani: jagħtu twelid u kobor, fejqan u missjoni lill-ħajja tal-fidi tal-Insara. Hemm ċertu xebh bejn il-mumenti kollha tal-ħajja naturali tal-bniedem u l-mumenti tal-ħajja spiritwali tiegħu.[1]

1211 Nimxu fuq din l-analoġija biex l-ewwel nitkellmu fuq it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija (l-ewwel kapitlu), imbagħad fuq is-sagramenti tal-fejqan (it-tieni kapitlu), u fl-aħħar fuq is-sagramenti għall-qadi tax-xirka u għall-missjoni tal-fidili (it-tielet kapitlu). Stajna mxejna skont ordni ieħor, iżda dan l-ordni jgħinna naraw li s-sagramenti flimkien jiffurmaw organiżmu, fejn kull sagrament għandu l-post vitali tiegħu. F'dan l-organiżmu l-Ewkaristija għandha mbagħad post speċjali għaliex hi "s-Sagrament tas-sagramenti"; is-sagramenti l-oħra huma kollha ordnati għaliha, bħala l-għan tagħhom".[2]

[1] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 3, 65, 10.
[2] *Ibid.*, 3, 65, 3.

### L-EWWEL KAPITLU

# IS-SAGRAMENTI TAD-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA

1212 Is-sagrament tad-dħul fil-ħajja nisranija – Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija – iqiegħdu *l-pedamenti* tal-ħajja nisranija kollha. "It-tisħib fin-natura ta' Alla, mogħti lill-bnedmin permezz tal-grazzja ta' Alla, għandu ċerta analoġija mal-bidu, mal-kobor u mal-manteniment tal-ħajja naturali. L-Insara, imweldin għall-ħajja ġdida permezz tal-Magħmudija, jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni, u fl-Ewkaristija jirċievu l-ħobż tal-ħajja ta' dejjem. B'dan il-mod, permezz tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, jirċievu dejjem aktar l-għana kollu tal-ħajja ta' Alla u jimxu 'l quddiem lejn il-perfezzjoni tal-imħabba".[1]

### L-ewwel artiklu

## IS-SAGRAMENT TAL-MAGĦMUDIJA

1213 Il-Magħmudija hi l-pedament tal-ħajja nisranija kollha, l-għatba tal-ħajja fl-Ispirtu *("vitae spiritualis ianua")*, il-bieb li minnu ngħaddu għas-sagramenti l-oħra. Bil-magħmudija ninħelsu mid-dnub u nitwieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, insiru membri ta' Kristu u nissieħbu mal-Knisja u fil-missjoni tagħha,[2] *Baptismus est sacramentum regenerationes per aquam in verbo"* – "Il-Magħmudija hi s-sagrament tat-twelid mill-ġdid bl-ilma u fil-kelma".[3]

### I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1214 Is-sagrament jissejjaħ *Magħmudija* miċ-ċermonja ċentrali tar-rit li bih iseħħ: tgħammed ("baptizejn" bil-Grieg, "baptizare" bil-Latin) ifisser "tgħaddas", "iddaħħal fl-ilma". "Tgħaddas" fl-ilma hu simbolu tad-dfin fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma joħroġ permezz tal-qawmien ma' Kristu[4] bħala "ħolqien ġdid" *(2 Kor 5,17; Gal 6,15).*

1215 Dan is-sagrament jissejjaħ ukoll *il-ħasil tat-twelid ġdid u tat-tiġdid* fl-Ispirtu s-Santu *(Titu 3,5),* għax ifisser u jagħti dan it-twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, twelid li mingħajru "ħadd ma jista' jidħol fis-saltna ta' Alla" *(Ġw 3,5).*

---

[1] Pawlu VI, kostituzzjoni appostolika *Divinae consortium naturae* AAS 63 (1971) 657-664; ara O*rdo Initiationes Christianae Adultorum, praenotanda*, 1-2.
[2] Ara Konċ. ta' Firenze: Denzinger-Schonmetzer, 1314; Codex Iuris Canonici kan 204§1; 843; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium,* 675, §1.
[3] *Catechismus Roamnus*, 2, 2, 5.
[4] Ara Rum 6,3-4; Kol 2,12.

1216 "Dan il-ħasil jissejjaħ ukoll *tidwil,* għaliex dawk li jirċievu dan it-tagħlim ikollhom l-ispirtu tagħhom imdawwal..."[1] L-imgħammed, għaliex fil-Magħmudija jkun irċieva l-Verb "id-dawl veru li jdawwal lil kull bniedem" *(Ġw 1,9),* "wara li jkun imdawwal" *(Lh 10,32),* isir wieħed minn "ulied id-dawl" *(1 Tes 5,5)* u jkun hu nnifsu "dawl" *(Ef 5,8)*:

> Il-Magħmudija hi l-isbaħ u l-ogħla don ta' Alla. Insejħulha don, grazzja, unzjoni, tidwil, libsa bla ebda taħsir, ħasil ta' twelid ġdid, siġill, u dak kollu li hu mill-aktar għażiż. *Don* għax tingħata lil dawk li qatt ma taw xejn: *grazzja* għax tingħata wkoll lil min hu ħati; *Magħmudija* għax id-dnub jindifen fl-ilma; *unzjoni* għax min jirċeviha hu kkonsagrat u regali (dawn huma dawk li jirċievu l-unzjoni); *tidwil,* għaliex hi dawl kollu dija; *libsa* għax tgħatti l-mistħija kollha tagħna, *ħasil* għax tnaddafna; *siġill* għax tħarisna u hi sinjal tas-setgħa ta' Alla.[2]

## II. Il-Magħmudija fil-Pjan tas-Salvazzjoni

XBIHAT IL-MAGĦMUDIJA FI ŻMIEN IL-PATT IL-QADIM

1217 Fil-liturġija tal-lejl tal-Għid, waqt it-*tberik tal-ilma tal-Magħmudija,* il-Knisja tfakkar solenniment il-ġrajjiet tal-għaġeb tal-istorja tas-salvazzjoni, li ħabbru minn qabel il-misteru tal-Magħmudija:

> Bil-qawwa tiegħek, Mulej, inti tagħmel l-għeġubijiet tas-sagramenti tiegħek, u b'ħafna modi ħejjejt l-ilma, li inti ħlaqt, biex juri l-grazzja tal-Magħmudija.[3]

1218 Sa mill-bidu tad-dinja, l-ilma, dan il-ħolqien umli u tal-għaġeb fl-istess ħin, hu għajn ta' ħajja u ta' frott. L-Iskrittura mqaddsa tarah qisu "mdellel" bl-Ispirtu ta' Alla:[4]

> Fil-bidu tad-dinja, l-Ispirtu tiegħek ittajjar fuq l-ilmijiet, biex sa minn dak iż-żmien stess l-ilma jieħu ġewwa fih il-qawwa li jqaddes.[5]

1219 Fl-Arka ta' Noè l-Knisja tara xbieha tas-salvazzjoni permezz tal-Magħmudija. Permezz tal-Arka, "ftit, tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma" *(1 Piet 3,20)*:

> Fl-ilma tad-dilluvju, int tajtna sinjal ta' twelid ġdid biex bil-misteru tal-istess ilma, jinqerdu d-drawwiet ħżiena u jitnisslu drawwiet tajba.[6]

1220 Jekk l-ilma ta' fawwara hu simbolu tal-ħajja, l-ilma tal-baħar hu simbolu tal-mewt. Għalhekk seta' jfisser il-misteru tas-salib. Hekk ukoll, b'dan is-simboliżmu l-Magħmudija tfisser xirka fil-mewt ta' Kristu.

1221 Iżda l-aktar hi l-mogħdija mill-Baħar l-Aħmar, li ġabet il-ħelsien veru ta' Israel mill-jasar tal-Eġittu, li tħabbar il-ħelsien li jseħħ permezz tal-Magħmudija:

> Int għaddejt lil ulied Abraham fl-inxief minn nofs il-Baħar tal-Qasab, biex il-poplu tiegħek, meħlus mill-jasar tal-Fargħun, ikun xhieda minn qabel tal-poplu mgħammed.[1]

[1] San Ġustinu, *Apologia*, 1, 61, 12.
[2] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes 40, 3-4;* PG 36, 361C.
[3] Missal Ruman, Vġili tal-Għid, tberik tal-ilma tal-Magħmudija.
[4] Ara Ġen 1,2.
[5] Missal Ruman, Vġili tal-Għid, tberik tal-ilma tal-Magħmudija.
[6] *Ibid.*

1222 Fl-aħħar nett il-Magħmudija hi mxebbha mal-qsim tax-xmara Ġordan, qsim li bih il-poplu ta' Alla rċieva d-don tal-art imwiegħda lil nisel Abraham, xhieda tal-ħajja ta' dejjem. Il-wegħda ta' dan il-wirt hieni sseħħ fil-Patt il-Ġdid.

IL-MAGĦMUDIJA TA' ĠESÙ

1223 Kulma tħabbar minn qabel fi żmien il-Patt il-Qadim seħħ fi Kristu Ġesù. Wara li ġie mgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan,[2] beda l-ħajja pubblika tiegħu, u wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet Ġesù ta din il-missjoni lill-Appostli: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien".[3]

1224 Il-Mulej ried joqgħod minn rajh għall-Magħmudija ta' Ġwanni, Magħmudija li kienet għall-midinbin, biex "itemm is-sewwa kollu" *(Mt 3,15).* Dan il-ġest ta' Ġesù hu dehra tal-verità li hu "xejjen lilu nnifsu" *(Fil 2,7).* L-Ispirtu li kien jinfirex fuq l-ilmijiet fl-ewwel ħolqien, issa jinżel fuq Kristu, bħala l-preludju tal-ħolqien ġdid, u l-Missier juri lil Ġesù bħala "Ibnu l-Maħbub" (*Mt 3,16-17).*

1225 Kien fl-Għid li Kristu fetaħ għall-bnedmin kollha l-għajn tal-Magħmudija. Kien ġa tkellem dwar il-Passjoni tiegħu li kellu jġarrab f'Ġerusalemm bħala "Magħmudija" li kien jeħtieġlu jitgħammed biha.[4] Id-demm u l-ilma li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu msallab *(Ġw 19,34)* huma tipi jew simboli tal-Magħmudija u tal-Ewkaristija, is-sagramenti tal-ħajja ġdida:[5] minn dak iż-żmien wieħed jista' "jitwieled mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu" biex jidħol fis-Saltna ta' Alla *(Ġw 3,5).*

> Ara fejn tgħammidt, minn fejn ġejja l-Magħmudija; mhux mis-salib ta' Kristu, mill-mewt ta' Kristu? Hemm hu l-misteru kollu: bata għalik. Fih ġejt mifdi, fih ġejt salvat.[6]

IL-MAGĦMUDIJA FIL-KNISJA

1226 Minn nhar Għid il-Ħamsin, il-Knisja tiċċelebra u tamministra l-Magħmudija. San Pietru lill-folla, imqanqla mill-predikazzjoni tiegħu, qalilha: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u intom tirċievu d-don tal-Ispirtu s-Santu" *(Atti 2,38).* L-Appostli u l-kollaboraturi tagħhom kienu jagħtu l-Magħmudija lil kull min kien jemmen fi Kristu: Lhud, nies li kellhom il-biża' ta' Alla, pagani.[7] Il-Magħmudija dehret dejjem marbuta mal-fidi: "Emmen fil-Mulej Ġesù u ssalva int u l-familja tiegħek," qal San Pawl lill-għassies tal-ħabs ta' Filippi. U l-ġrajja tkompli: "Bla telf ta' żmien tgħammed l-għassies u niesu kollha" *(Atti 16,31-33).*

1227 Skont San Pawl, permezz tal-Magħmudija min jemmen jissieħeb fil-mewt ta' Kristu, jindifen miegħu biex miegħu jirxoxta:

---

[1] Missal Ruman, Vġili tal-Għid, tberik tal-ilma tal-Magħmudija.
[2] Ara Mt 3,13.
[3] Mt 28,19-20; ara Mk 16,15-16.
[4] Mk 10,38; ara Lq 12,50.
[5] Ara 1 Ġw 5,6-8.
[6] San Ambroġ, *De Sacramentis*, 2, 6: PL 16, 425C.
[7] Ara Atti 2,41; 8,12-13; 10,48; 16,15.

Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija, sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida.[1]

L-imgħammdin "jilbsu 'l Kristu" *(Gal 3,27).* Permezz tal-Ispirtu s-Santu, il-Magħmudija hi ħasil li jnaddaf, iqaddes u jiġġustifika.[2]

1228 Il-Magħmudija mela hi ħasil bl-ilma li fih "iż-żerriegħa li ma titħassarx" tal-kelma ta' Alla tagħti l-ħajja.[3] Santu Wistin għall-Magħmudija qal: "*accedit verbum ad elementum et fit sacramentum*" – "tissieħeb il-kelma mal-element tal-ilma, u jkun hemm is-sagrament".[4]

## III. Kif jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija?

ID-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA

1229 Sa minn żmien l-Appostli wieħed isir Nisrani permezz ta' mixja li matulha hemm ħafna waqfiet li bihom wieħed jagħraf aktar x'qed jintalab minnu. Dan il-mixi jista' jsir kemm mgħaġġel u kemm bil-mod. Iżda dejjem irid ikollu xi elementi li huma verament essenzjali: it-tħabbira tal-Kelma, l-aċċettazzjoni tal-Evanġelju li titlob konverżjoni, l-istqarrija tal-fidi, il-Magħmudija, l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, it-tqarbin.

1230 Ir-riti tad-dħul fil-ħajja nisranija varjaw ħafna tul iż-żminijiet u skont iċ-ċirkostanzi. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja l-inizjazzjoni nisranija, jiġifieri d-dħul fil-ħajja nisranija, kienet żviluppata ħafna bi żmien twil ta' *katekumenat* u għadd ta' riti ta' tħejjija wieħed wara l-ieħor, li liturġikament kienu juru t-triq tat-tħejjija tal-katekumenu, u jwasslu għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija.

1231 Fejn beda jkun hemm Magħmudijiet ta' trabi, il-Magħmudija bdiet issir f'ċelebrazzjoni waħda li fiha nġabru, fil-qasir ħafna, ir-riti kollha tal-inizjazzjoni nisranija li jiġu qabel il-ħasil bl-ilma. Min-natura tagħha l-Magħmudija tat-trabi titlob katekumenat wara l-Magħmudija. Dan ma għandux ikun biss it-tagħlim li jingħata wara l-Magħmudija, imma għandu jkun l-iżvilupp meħtieġ tal-grazzja tal-Magħmudija waqt li dak li tgħammed jkun qed jikber. Hu proprju dan il-waqt tal-katekiżmu.

1232 Il-Konċilju Vatikan II ta mill-ġdid lill-Knisja Latina "l-katekumenat tal-kbar, imqassam f'għadd ta' waqfiet fil-mixi 'l quddiem lejn il-Magħmudija".[5] Ir-riti ta' dan il-katekumenat jinsabu fl-*Ordni għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija* (1972). Il-Konċilju ppermetta wkoll li, "barra dawk l-elementi tal-inizjazzjoni li ġejjin mit-tradizzjoni nisranija", fl-artijiet tal-missjoni jiżdiedu wkoll "elementi oħra ta' inizjazzjoni, li jkunu fid-drawwiet ta' kull poplu, sakemm dawn l-elementi jkunu jistgħu jiġu adattati għar-rit nisrani".[6]

1233 Illum, għalhekk, fir-riti Latini u Orjentali kollha, l-inizjajzzjoni nisranija tal-kbar tibda bid-dħul tagħhom fil-katekumenat, biex tilħaq il-qofol tagħha f'ċelebrazzjoni waħda tat-tliet sagramenti flimkien: Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija.[7] Fir-riti tal-Knejjes tal-Lvant, id-dħul fil-ħajja nisranija tat-trabi tibda bil-Magħmudija, u minnufih wara jiġu l-Konfermazzjoni

[1] Rum 6,3-4; ara Kol 2,12.
[2] Ara 1 Kor 6,11,12,13.
[3] Ara 1 Piet 1,23; Ef 5,26.
[4] Santu Wistin, *In Evangelium Joannis tractatus*
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 64.
[6] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 65; ara wkoll 37-40.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 14; CIC kan 851; 865; 866.

u t-Tqarbin; waqt li fir-rit Ruman l-inizjazzjoni nisranija tibqa' sejra tul għadd ta' snin ta' katekeżi u tilħaq il-milja tagħha aktar tard bil-Konfermazzjoni u l-ewwel tqarbina.[1]

IL-MISTAGOĠIJA TAĊ-ĊELEBRAZZJONI

1234 It-tifsir u l-grazzja tas-sagrament tal-Magħmudija jidhru b'mod l-aktar ċar fir-riti taċ-ċelebrazzjoni. L-Insara jaslu biex jaraw l-għana kollu mfisser u mogħti minn dan is-sagrament lill-imgħammdin ġodda, jekk jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u joqogħdu attenti għall-ġesti li jsiru u għall-kliem li jingħad.

1235 *Is-sinjal tas-salib,* fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, hu l-marka ta' Kristu fuq dak li se jkun tiegħu u jfisser il-grazzja tal-fidwa li Kristu kisbilna permezz tas-salib.

1236 *It-tħabbira tal-kelma ta' Alla* ddawwal lill-kandidati u lill-ġemgħa bid-dawl tal-verità u tqanqal fihom tweġiba ta' fidi, li ma tistax tkun mifruda mill-Magħmudija. Il-Magħmudija, b'mod partikulari, hi "sagrament tal-fidi" għax hi dħul sagramentali għall-ħajja tal-fidi.

1237 Għaliex il-Magħmudija hi ħelsien mid-dnub u mix-xitan li jħajjar għad-dnub, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija jingħad *eżorċiżmu* jew aktar minn *eżorċiżmu* wieħed fuq il-kandidat għas-sagrament. Dan jindilek biż-żejt tal-katekumeni jew inkella ċ-ċelebrant iqiegħed idu fuqu, u hu jiċħad espliċitament ix-xitan. Imħejji b'dan il-mod, jista' jistqarr il-fidi tal-Knisja li lilha se "jiġi fdat" permezz tal-Magħmudija.[2]

1238 *L-ilma tal-Magħmudija* mbagħad jiġi kkonsagrat permezz ta' talba ta' epiklesi (jew dak il-ħin stess taċ-ċelebrazzjoni jew fil-lejl qaddis tal-Għid). Il-Knisja titlob lil Alla biex, permezz ta' Ibnu, il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tinżel fl-ilma, biex dawk li se jitgħammdu bih "jitwieldu mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu" *(Ġw 3,5).*

1239 Jiġi mbagħad ir-*rit essenzjali* tas-sagrament: il-*Magħmudija fiha nfisha,* li tfisser u ġġib il-qerda tad-dnub u d-dħul fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa permezz tax-xebh mal-misteru tal-Għid ta' Kristu. Il-Magħmudija tingħata, b'mod li jfisser ħafna, permezz tal-immersjoni għal tliet darbiet fl-ilma tal-Magħmudija. Iżda sa minn żmien ilu l-Magħmudija kienet tista' tingħata wkoll bit-tiswib għal tliet darbiet tal-ilma fuq ras dak li jitgħammed.

1240 Fil-Knisja Latina dan it-tiswib għal tliet darbiet tal-ilma hu msieħeb mal-kliem "N., jien ngħammdek fl-Isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu". Fil-liturġiji tal-Lvant, wara li l-katekumenu jdur lejn il-Lvant, is-saċerdot jgħid: "Il-qaddej ta' Alla N. hu mgħammed fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" u malli tissemma kull Persuna tat-Trinità, il-katekumenu jiġi mgħaddas fl-ilma u mtella' minnu.

1241 *Id-dlik biż-żejt tal-griżma,* żejt imħallat bil-balzmu u kkonsagrat mill-isqof, ifisser id-don tal-Ispirtu s-Santu lill-imgħammed il-ġdid. Sar Nisrani (Kristjan) jiġifieri "midluk" mill-Ispirtu s-Santu, imdaħħal fil-Ġisem ta' Kristu, li hu midluk saċerdot, profeta u sultan.[3]

---

[1] Ara CIC kan 851, 2°; 868.
[2] Ara Rum 6,17.
[3] Ara Ritwal Ruman, Il-Magħmudija tat-Trabi, 62.

1242 Fil-liturġija tal-Knejjes tal-Lvant, id-dlik li jsir wara l-Magħmudija hu s-sagrament tal-Griżma jew Konfermazzjoni. Fil-liturġija Rumana jħabbar it-tieni dilka li tingħata mill-isqof aktar 'il quddiem, jiġifieri s-sagrament tal-Konfermazzjoni, li jwettaq ("jikkonferma"), biex ngħidu hekk, dak li għamlet id-dilka tal-Magħmudija.

1243 *Il-libsa bajda* tfisser li l-imgħammed "libes 'il Kristu" *(Gal 3,27):* irxoxta ma' Kristu. *Ix-xemgħa* mixgħula mill-blandun tħabbar li Kristu dawwal lill-imgħammed il-ġdid (in-neofita). Fi Kristu, l-imgħammdin huma "dawl tad-dinja".[1]

L-imgħammed il-ġdid issa hu iben Alla fl-Iben il-waħdieni. Issa jista' jgħid it-talba ta' wlied Alla: il-*Missierna.*

1244 *L-ewwel tqarbina ewkaristika.* Magħmul iben Alla, liebes il-libsa tat-tieġ, in-neofita jidħol "għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf", u jieħu l-ikel tal-ħajja l-ġdida, il-ġisem u d-demm ta' Kristu. Il-Knejjes tal-Lvant jgħożżu b'mod tassew ħaj ir-rabta li hemm bejn it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija: hekk iqarbnu minnufih lil dawk li jkunu għadhom kemm irċevew il-Magħmudija u l-Konfermazzjoni, ukoll lit-tfal żgħar huma u jiftakru fi kliem il-Mulej: "Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, iżżommuhomx" *(Mk 10,14).* Il-Knisja Latina tagħti l-ewwel tqarbina lit-tfal malli jaslu għall-età tar-raġuni, u tfisser il-fatt li l-Magħmudija tiftaħ it-triq lejn l-Ewkaristija, billi tressaq quddiem l-artal it-tarbija li tkun għadha kemm tgħammdet biex hemm tingħad it-talba tal-*Missierna.*

1245 *Il-barka solenni* tagħlaq iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija. Fil-Magħmudija tat-trabi, il-barka tal-omm għandha post speċjali.

## IV. Min jista' jitgħammed?

1246 "Kull bniedem mhux mgħammed, u hu biss, jista' jiġi mgħammed".[2]

### IL-MAGĦMUDIJA TAL-KBAR (ADULTI)

1247 Sa mill-bidu tal-Knisja, il-Magħmudija tal-kbar hi ċ-ċelebrazzjoni li l-aktar issir fejn it-tħabbira tal-Evanġelju tkun għadha kemm bdiet. Il-katekumenat (jiġifieri t-tħejjija għall-Magħmudija) f'dan il-każ ikollu importanza kbira, għaliex jagħti d-dħul fil-fidi u l-ħajja nisranija u jħejji l-katekumenu biex jirċievi d-don ta' Alla fil-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u l-Ewkaristija.

1248 Il-katekumenat, jew it-tħejjija tal-katekumeni, bħala għan għandu li jħejji lil dawn biex iwieġbu għall-inizjattiva jew għas-sejħa ta' Alla u, f'għaqda mal-komunità ekkleżjali, iwasslu l-konverżjoni u l-fidi tagħhom għall-kobor sħiħ tagħha. Hi "formazzjoni għall-ħajja nisranija sħiħa... li biha d-dixxipli jingħaqdu ma' Kristu l-Imgħallem tagħhom. Il-katekumeni jridu jaslu biex ikunu jafu... l-misteri tas-salvazzjoni, jgħixu ħajja skont l-Evanġelju u, permezz ta' riti mqaddsa

[1] Mt 5,14; ara Fil 2,15.
[2] CIC kan 864. *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 679.

ċċelebrati fi żminijiet wieħed wara l-ieħor, jidħlu fil-ħajja tal-fidi, tal-liturġija u tal-imħabba tal-poplu ta' Alla".[1]

1249 Il-katekumeni huma "ġa magħqudin mal-Knisja, huma ġa fid-dar ta' Kristu, u mhijiex ħaġa rari li ġa jkunu jgħixu ħajja ta' fidi, tama u mħabba".[2] "Il-Knisja-Omm ġa tħaddanhom bħala tagħha hija u tieħu ħsiebhom".[3]

IL-MAGĦMUDIJA TAT-TRABI

1250 It-trabi, għax jitwieldu b'natura mħassra u midruba mid-dnub tan-nisel, jeħtieġu huma wkoll twelid ġdid fil-Magħmudija,[4] biex jinħelsu mis-setgħa tad-dlamijiet u jgħaddu għas-saltna tal-ħelsien ta' wlied Alla[5] li huma msejħin għaliha l-bnedmin kollha. Fil-Magħmudija tat-trabi jidher b'mod tassew ċar li l-grazzja tas-salvazzjoni tingħata kollha kemm hi b'xejn. Il-Knisja u l-ġenituri jkunu jċaħħdu lit-tarbija tagħhom mill-grazzja kbira li tkun iben Alla jekk ma jgħammduhiex ftit wara li titwieled.[6]

1251 Il-ġenituri nsara għandhom ikunu jafu li din id-drawwa taqbel ħafna mad-dmir tagħhom li jieħdu ħsieb il-ħajja li Alla jafdalhom.[7]

1252 Id-drawwa tal-Magħmudija tat-trabi hi drawwa ġejja mill-imgħoddi mbiegħed tal-Knisja. Tissemma espliċitament fit-tieni seklu, u jista' jkun li kienet teżisti wkoll sa mill-bidu tal-predikazzjoni tal-Appostli, għax meta "familja" kollha kienet tiġi mgħammda,[8] it-trabi wkoll aktarx kienu jitgħammdu.[9]

FIDI U MAGĦMUDIJA

1253 Il-Magħmudija hi s-sagrament tal-fidi.[10] Iżda l-fidi teħtieġ komunità ta' nies li jemmnu. Hi fil-fidi tal-Knisja li kull Nisrani jrid jemmen. Il-fidi li tinkiseb fil-Magħmudija mhijiex fidi perfetta li laħqet il-kobor sħiħ tagħha, imma hi bidu li hu mistenni li jiġi 'l quddiem. Issir din il-mistoqsija lill-katekumenu jew lil parrinuh: "X'titlob mill-Knisja ta' Alla?" u hu jwieġeb: "Il-fidi".

1254 Wara l-Magħmudija l-fidi trid tikber fl-imgħammdin kollha, kemm kbar u kemm trabi. Hu għalhekk li kull sena l-Knisja, fil-lejl qaddis tal-Għid, tiċċelebra t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija. It-tħejjija għall-Magħmudija twassal biss sal-għatba tal-ħajja ġdida. Il-Magħmudija hi l-għajn tal-ħajja ġdida fi Kristu, li minnha tfawwar il-ħajja nisranija kollha.

1255 Biex il-grazzja tal-Magħmudija tista' tiġi 'l quddiem, l-għajnuna tal-ġenituri hi importanti ħafna. Hawn ukoll jidħol id-dmir tal-*parrinu* jew tal-*parrina,* li għandhom ikunu Nsara ta' fidi sħiħa, li jkollhom il-ħila u jkunu lesti jgħinu l-imgħammed ġdid, tarbija jew kbir li jkun, fit-triq tal-ħajja nisranija.[11]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 14; ara *Ordo initiationis Christianae Adultorum,* 19 u 98.
[2] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 14.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 14. ara CIC kan 206; 788 §3
[4] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1514.
[5] Ara Kol 1,12-14.
[6] Ara CIC kan 867; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 681; 686 §1.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 11, 41; *Gaudium et spes,* 48; CIC kan 868.
[8] Ara Atti 16,15.33; 18,8; 1 Kor 1,16.
[9] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Pastoralis actio* (AAS 72 (1980) paġ.1137-1156).
[10] Ara Mk 16,16.
[11] Ara CIC kan 872-874.

Dmirhom hu vera ħidma ekkleżjastika (*"officium"*).[1] Il-komunità nisranija kollha, kollha, min-naħa tagħha, għandha sehem fir-responsabbiltà għall-iżvilupp u għall-ħarsien tal-grazzja li tkun ingħatat fil-Magħmudija.

## V. Min jista' jgħammed?

1256 Ministri ordinarji tal-Magħmudija huma l-Isqof u s-saċerdot, u, fil-Knisja Latina, id-djaknu wkoll.[2] Fil-każ ta' ħtieġa, kull persuna, ukoll persuna mhix mgħammda, tista' tgħammed, sakemm ikollha l-intenzjoni meħtieġa, billi tgħid il-formula trinitarja. L-intenzjoni meħtieġa hi dik li tagħmel dak li tagħmel il-Knisja meta tgħammed, u tgħid il-formula trinitarja tal-Magħmudija mat-tiswib tal-ilma. Ir-raġuni ta' dan, il-Knisja taraha fir-rieda ta' Alla li kulħadd isalva,[3] u fil-ħtieġa tal-Magħmudija għas-salvazzjoni.[4]

## VI. Il-ħtieġa tal-Magħmudija

1257 Il-Mulej innifsu jgħid li l-Magħmudija hi meħtieġa għas-salvazzjoni.[5] Hu kkmanda wkoll lid-dixxipli li jħabbru l-Evanġelju u jgħammdu lill-ġnus kollha.[6] Il-Magħmudija hi meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dawk li lilhom tħabbar l-Evanġelju u setgħu jitolbu li jitgħammdu.[7] Il-Knisja ma tafx b'xi mezz ieħor barra barra l-Magħmudija li jiżgura d-dħul fil-ħajja ta' dejjem. Għalhekk toqgħod attenta ħafna li ma tittraskurax il-missjoni li rċeviet mingħand il-Mulej li tagħti "twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu" lil dawk kollha li jistgħu jitgħammdu. *Alla rabat is-salvazzjoni mas-sagrament tal-Magħmudija, iżda hu mhuwiex marbut bis-sagramenti tiegħu.*

1258 Minn dejjem, il-Knisja kellha konvinzjoni sħiħa li dawk li jġarrbu l-mewt minħabba l-fidi, għalkemm ma ġewx imgħammdin, jitgħammdu bil-mewt tagħhom għal Kristu u flimkien miegħu. *Il-Magħmudija tad-demm,* l-istess bħax-*xewqa tal-Magħmudija,* tagħti l-frott tal-Magħmudija, għalkemm ma jkunx hemm is-sagrament.

1259 Għall-*katekumeni* li jmutu qabel jitgħammdu, ix-xewqa ċara tagħhom li jirċievu l-Magħmudija, flimkien mas-sogħba għal dnubiethom u l-imħabba, tiżguralhom is-salvazzjoni li ma setgħux jirċievu bil-Magħmudija.

1260 "Għaliex Kristu miet għal kulħadd, u għaliex verament waħda hi s-sejħa tal-aħħar għal kull bniedem, dik ta' Alla, għandna nemmnu li l-Ispirtu s-Santu joffri lil kulħadd, b'mod li Alla biss jafu, il-possibbiltà li jissieħeb fil-misteru tal-

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 67.
[2] Ara CIC kan 861 §1; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan677 §1.
[3] Ara 1 Tim 2,4.
[4] Ara Konċ. ta' Firenze: Denzinger-Schonmetzer, 1315; Nikola I, tweġiba *Ad consulta vestra: ibid.,* 646; CIC kan 861 §2. Ara Mk 16,16.
[5] Ara Ġw 3,5.
[6] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1618; Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium, 14; Ad gentes,* 5. Ara Mt 28,20.
[7] Ara Mk 16,16.

Għid".[1] Kull bniedem li ma jafx bl-Evanġelju ta' Kristu u bil-Knisja tiegħu, li qed ifittex il-verità u qed jagħmel ir-rieda ta' Alla kif jaf hu, jista' jsalva. Nistgħu nissoponu li dawn in-nies kien ikollhom *ix-xewqa espliċita tal-Magħmudija* kieku kienu jafu bil-ħtieġa tagħha.

1261 Dwar *it-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija,* il-Knisja ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tafdahom lill-ħniena ta' Alla, kif tagħmel fir-rit tal-funerali tagħhom. Il-ħniena kbira ta' Alla li jrid lill-bnedmin kollha jsalvaw[2] u l-ħlewwa ta' Ġesù mat-tfal żgħar li ġegħlitu jgħid: "Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi: iżżommuhomx" *(Mk 10,14),* iġegħluna nittamaw li hemm ukoll triq għas-salvazzjoni tat-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija. Wisq aktar hi importanti l-istedina tal-Knisja biex trabi ma jinżammux li jmorru għand Ġesù permezz tad-don tal-Magħmudija.

## VII. Il-grazzja tal-Magħmudija

1262 L-effetti diversi tal-Magħmudija huma mfissrin mill-elementi li jidhru fir-rit tas-sagrament. L-inżul fl-ilma jfakkar is-simboliżmu tal-mewt u tat-tisfija, u jfakkar ukoll it-twelid ġdid u t-tiġdid. Iż-żewġ effetti ewlenin, mela, huma t-tisfija mid-dnubiet u t-twelid ġdid fl-Ispirtu s-Santu.[3]

GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET...

1263 Bil-Magħmudija, id-dnubiet kollha jinħafru, id-dnub tan-nisel u d-dnubiet personali kollha, flimkien mal-pwieni kollha tad-dnub.[4] F'dawk li jitwieldu mill-ġdid, ma jibqa' xejn x'iżommhom milli jidħlu fis-Saltna ta' Alla, la d-dnub ta' Adam, la d-dnubiet personali, u lanqas il-konsegwenzi tad-dnub, li l-akbar waħda hi l-firda minn Alla.

1264 Iżda wara l-Magħmudija jibqgħu xi konsegwenzi temporali tad-dnub, li huma t-tbatija, il-mard, il-mewt u n-nuqqasijiet tal-ħajja stess bħalma hi d-dgħufija tal-karattru, u l-bqija; kif ukoll ċerta ġibda lejn id-dnub li t-tradizzjoni ssejħilha *konkupixxenza,* jew metaforikament "dak li jkebbes id-dnub" ("*fomes peccati"*) "Imħollija fina biex niġġilduha, ma tistax tagħmel ħsara lil dawk li ma joqogħdux għaliha u bil-kuraġġ kollu jżommulha iebes permezz tal-grazzja ta' Kristu. Anzi min ikun tqabad kontriha kif għandu jkun, jirċievi l-kuruna tal-glorja *(2 Tim 2,5)".*[5]

ĦOLQIEN ĠDID

1265 Il-Magħmudija ma tnaddafniex biss mid-dnubiet kollha, imma lin-neofita tagħmlu "ħolqien ġdid" *(2 Kor 5,17),* iben adottiv ta' Alla,[6] u "msieħeb fin-

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22; ara *Lumen gentium*, 16; *Ad gentes*, 7.
[2] Ara 1 Tim 2,4.
[3] Ara Atti 2,38; Ġw 3,5.
[4] Ara Konċ. ta' Firenze: Denzinger-Schonmetzer, 1316.
[5] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1515.
[6] Ara Gal 4,5-7.

fin-natura ta' Alla" *(2 Piet 1,4),* membru ta' Kristu[1] u werriet flimkien ma' Kristu,[2] tempju tal-Ispirtu s-Santu.[3]

1266 It-Trinità Qaddisa tagħti lil min hu mgħammed il-grazzja qaddisa (santifikanti) tal-*ġustifikazzjoni* li

- tagħtih il-ħila jemmen f'Alla, jittama fih u jħobbu permezz tal-*virtujiet teologali;*

- tagħtih is-setgħa li jgħix u jitmexxa fil-ħidmiet kollha tiegħu mill-Ispirtu s-Santu permezz tad-*doni tal-Ispirtu s-Santu;*

- tgħinu jikber f'dak li hu sewwa permezz tal-*virtujiet morali.*

IMDAĦĦLIN FIL-KNISJA, IL-ĠISEM TA' KRISTU

1267 Il-Magħmudija tagħmilna membri tal-Ġisem ta' Kristu. "Aħna membri ta' xulxin" *(Ef 4,25).* Il-Magħmudija ddaħħalna *fil-Knisja.* Mill-fonti tal-Magħmudija jitwieled il-poplu waħdieni ta' Alla tal-Patt il-Ġdid, poplu li jmur 'l hemm mil-limiti naturali jew umani tan-nazzjonijiet, tal-kulturi, tar-razez u tas-sess: "Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed, biex nagħmlu ġisem wieħed" *(1 Kor 12,13).*

1268 L-imgħammdin isiru "ġebel ħaj" għall-"bini ta' dar spiritwali, għal saċerdozju qaddis" *(1 Piet 2,56).* Bil-Magħmudija l-imgħammdin jieħdu sehem mis-saċerdozju ta' Kristu, jissieħbu fil-missjoni profetika u regali tiegħu, u huma "ġens magħżul, saċerdozju regali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixandru l-glorja ta' dak li sejħilhom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb" *(1 Piet 2,9). Il-Magħmudija ssieħeb fis-saċerdozju komuni tal-fidili.*

1269 L-imgħammed, magħmul membru tal-Knisja, ma għadux aktar tiegħu nnifsu,[4] imma ta' dak li miet u rxoxta għalih.[5] Għalhekk hu msejjaħ biex joqgħod joqgħod għall-oħrajn,[6] jaqdihom[7] fix-xirka tal-Knisja, "joqgħod" għal dawk li jmexxu l-Knisja u "jobdihom" *(Lh 13,17)* u jgħożżhom u jħobbhom.[8] Jekk il-Magħmudija hi għajn ta' responsabbiltajiet u ta' dmirijiet, lil min hu mgħammed tagħtih ukoll xi drittijiet fi ħdan il-Knisja: li jirċievi s-sagramenti, li jitmanta bil-kelma ta' Alla, u li jkun sostnut mill-għajnuniet spiritwali l-oħra tal-Knisja.[9]

1270 L-imgħammdin, "għax saru wlied Alla bit-twelid ġdid (li tathom il-Magħmudija), huma fid-dmir li jistqarru quddiem il-bnedmin il-fidi li rċevew

[1] Ara 1 Kor 6,15; 12,27.
[2] Ara Rum 8,17.
[3] Ara 1 Kor 6,19.
[4] 1 Kor 6,19.
[5] Ara 2 Kor 5,15.
[6] Ara Ef 5,21; 1 Kor 16,15-16.
[7] Ara Ġw 13,12-15.
[8] Ara 1 Tes 5,12-13.
[9] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 37; CIC kan 208-231; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 675 §2.

mingħand Alla permezz tal-Knisja",[1] u jissieħbu fil-ħidma appostolika u missjunarja tal-poplu ta' Alla.[2]

IR-RABTA SAGRAMENTALI TAL-GĦAQDA TAL-INSARA

1271 Il-Magħmudija hi l-pedament tal-għaqda bejn l-Insara kollha, bejn dawk ukoll li għad mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika. "Dawk kollha li jemmnu fi Kristu u huma mgħammdin validament, huma ġa magħqudin, għalkemm mhux perfettament, mal-Knisja Kattolika... Ġustifikati permezz tal-fidi li rċevew fil-Magħmudija, imseħbin fil-Ġisem ta' Kristu, bir-raġun kollu jistgħu jġibu l-isem ta' Nsara, u wlied il-Knisja Kattolika jagħrfuhom bid-dritt kollu bħala ħuthom fil-Mulej".[3] Il-Magħmudija hi għalhekk *ir-rabta sagramentali tal-għaqda* li hemm bejn dawk kollha li twieldu mill-ġdid permezz ta' Kristu".[4]

SIĠILL SPIRITWALI LI MA JITĦASSAR QATT...

1272 Min hu mgħammed, għax imsieħeb fil-Ġisem ta' Kristu, hu xebh ma' Kristu.[5] Il-Magħmudija tissiġilla lin-Nisrani b'siġill spiritwali li ma jitħassar qatt *(il-karattru),* li juri li hu ta' Kristu. Dan is-siġill ma jitħassar bl-ebda dnub, ukoll jekk id-dnub ma jħallix li l-Magħmudija tagħti l-frott tas-salvazzjoni.[6] Mogħtija darba għal dejjem, il-Magħmudija ma tistax tingħata għat-tieni darba.

1273 L-Insara, imseħbin fil-Knisja permezz tal-Magħmudija, jirċievu l-karattru tas-sagrament li jikkonsagrahom għall-qima reliġjuża nisranija.[7] Is-siġill siġill tas-sagrament jagħti l-ħila u jimpenja lill-Insara biex jieħdu sehem attiv fil-liturġija mqaddsa tal-Knisja u biex jaqdu s-saċerdozju li rċevew fil-Magħmudija permezz tax-xhieda ta' ħajja qaddisa u ta' mħabba bil-fatti.[8]

1274 Is-*siġill tal-Mulej*[9] hu s-siġill li bih l-Ispirtu s-Santu mmarkana "għal jum il-fidwa".[10] "Il-Magħmudija hi s-siġill tal-ħajja ta' dejjem".[11] In-Nisrani li "jgħożż is-siġill" sal-aħħar, jiġifieri li jibqa' dejjem fidil għal dak li titlob minnu l-Magħmudija, jista' jimxi 'l quddiem "bis-sinjal tal-fidi" li ħa fil-Magħmudija[12] waqt li jistenna d-dehra hienja ta' Alla – il-milja tal-fidi – fit-tama tal-qawmien mill-imwiet.

## Fil-qosor

1275 *Id-dħul fil-ħajja nisranija jseħħ permezz ta' tliet sagramenti flimkien: il-Magħmudija li hi l-bidu tal-ħajja ġdida, il-Konfermazzjoni li twettaq din il-ħajja*

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 11.
[2] Ara Konċ. Vatian II, *Lumen gentium,* 17; *Ad gentes* 7, 23.
[3] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 3.
[4] *Ibid.,* 22.
[5] Ara Rum 8,29.
[6] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1609-1619.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 11.
[8] Ara *ibid.,* 10.
[9] *Dominicus character,* Santu Wistin, *Epistulae* 98, 5: PL 33, 362.
[10] Ef 4,30; ara Ef 1,13-14; 2 Kor 1,21-22.
[11] San Irinew, *Demonstratio apostolica,* 3.
[12] Missal Ruman, Kanone Ruman.

*ġdida, u l-Ewkaristija li tmantni d-dixxiplu ta' Kristu bil-ġisem u d-demm tal-Mulej biex jinbidlu fih.*

1276 *"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom"* (Mt 28,19-20).

1277 *Il-Magħmudija hi twelid għall-ħajja ġdida fi Kristu. Hi meħtieġa għas-salvazzjoni, kif hi meħtieġa l-Knisja li wieħed jidħol fiha permezz tal-Magħmudija, għax din hi r-rieda tal-Mulej.*

1278 *Ir-rit essenzjali tal-Magħmudija hu li l-kandidat għaliha jitniżżel taħt l-ilma jew li jissawwab l-ilma fuq rasu, waqt li tissemma t-Trinità Qaddisa, jiġifieri l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

1279 *Il-frott tal-Magħmudija hu l-grazzja li tagħti l-Magħmudija; hi realtà ta' għana liema bħalu, għax iġġib: il-maħfra tad-dnub tan-nisel u tad-dnubiet kollha personali; it-twelid għall-ħajja ġdida li biha l-bniedem isir iben adottiv ta' Alla l-Missier, membru ta' Kristu, tempju tal-Ispirtu s-Santu. Proprju għax mgħammed, jissieħeb fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, u jkollu sehem fis-saċerdozju ta' Kristu.*

1280 *Il-Magħmudija tħalli fir-ruħ sinjal spiritwali li ma jitħassar qatt, il-karattru li jikkonsagra lil min hu mgħammed għall-kult tar-reliġjon nisranija. Minħabba dan il-karattru l-Magħmudija ma tistax tingħata għat-tieni darba.*[1]

1281 *Jistgħu jsalvaw dawk li tingħatalhom il-mewt minħabba l-fidi, il-katekumeni u l-bnedmin kollha li mqanqla mill-grazzja, mingħajr ma jkunu jafu bil-Knisja, ifittxu bis-sinċerità lil Alla u jħabirku biex jagħmlu r-rieda tiegħu, ukoll jekk ma jkunux irċevew il-Magħmudija.*[2]

1282 *Sa mill-eqdem żminijiet, il-Magħmudija dejjem ingħatat lit-trabi, għax hi grazzja u don ta' Alla li ma jitlobx li jkun hemm merti tal-bniedem; it-trabi jitgħammdu fil-fidi tal-Knisja. Id-dħul fil-ħajja nisranija jwassal għall-ħelsien veru.*

1283 *Dwar it-trabi li jmutu mhux mgħammdin, il-liturġija tal-Knisja tistedinna nafdaw fil-ħniena ta' Alla, u nitolbuh għas-salvazzjoni tagħhom.*

1284 *F'każ ta' ħtieġa kulħadd jista' jgħammed, basta jkollu l-intenzjoni li jagħmel dak li tagħmel il-Knisja, u jsawwab l-ilma fuq ras il-kandidat għall-Magħmudija huwa u jgħid: "Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".*

---

[1] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1609 u 1624.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16.

### It-tieni artiklu

# IS-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF JEW KONFERMAZZJONI

1285 Flimkien mal-Magħmudija u mal-Ewkaristija, is-sagrament tal-Konfermazzjoni jagħmel dak li flimkien huma "s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija". Din ir-rabta ta' dawn it-tliet sagramenti trid tiġi mħarsa sewwa. Għalhekk jeħtieġ li l-Insara jiġu mgħallmin dwar il-ħtieġa li jirċievu s-sagrament tal-Konfermazzjoni ħalli tissaħħaħ il-grazzja tal-Magħmudija.[1] Dan għaliex "permezz tal-Konfermazzjoni, ir-rabta tal-imgħammdin mal-Knisja ssir aktar perfetta, huma jistagħnew b'qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu, u hekk jiġu impenjati aktar biex ixandru u jħarsu l-fidi bil-kliem u bl-għemil bħala veri xiehda ta' Kristu".[2]

## I. Il-Konfermazzjoni fil-Pjan tas-Salvazzjoni

1286 Fit-*Testment il-Qadim* il-profeti ħabbru li l-Ispirtu tal-Mulej kellu jistrieħ fuq il-Messija mistenni[3] minħabba l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni.[4] Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq Ġesù fil-Magħmudija tiegħu minn San Ġwann kien is-sinjal li hu kien dak li kellu jiġi, li hu kien il-Messija, l-Iben ta' Alla.[5] Imnissel mill-Ispirtu s-Santu, ħajtu kollha u l-missjoni kollha tiegħu seħħew f'għaqda sħiħa mal-Ispirtu s-Santu li l-Missier tah "bla kejl" *(Ġw 3,34).*

1287 Iżda, din il-milja tal-Ispirtu s-Santu ma kellhiex tibqa' biss għall-Messija; kellha tingħata lill-*poplu messjaniku kollu*.[6] Kemm il-darba Kristu wiegħed dan l-għoti tal-Ispirtu s-Santu,[7] wegħda li Hu wettaq l-ewwel nhar l-Għid[8] u mbagħad b'mod aktar tal-għaġeb, nhar Għid il-Ħamsin.[9] Mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, l-Appostli bdew ixandru "l-għeġubijiet ta' Alla" *(Atti 2,11)* u San Pietru ħabbar li dak l-għoti tal-Ispirtu s-Santu kien is-sinjal ta' żmien il-Messija.[10] Dawk li dak inhar emmnu kliem l-Appostli u tgħammdu, irċevew huma wkoll l-Ispirtu.[11]

1288 "Minn dak iż-żmien l-Appostli, biex jagħmlu dak li riedhom Kristu, taw lin-neofiti, bit-tqegħid tal-idejn, id-don tal-Ispirtu li wassal għas-sħuħija l-grazzja tal-Magħmudija.[12] Hu għalhekk li fl-Ittra lil-Lhud insibu, fost l-elementi ewlenin tal-katekeżi nisranija, tagħlim dwar il-Magħmudija u t-tqegħid tal-idejn.[13] It-

[1] Ara Ritwal Ruman, Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma, daħla.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 11; ara Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma, daħla.
[3] Ara Is 11,2.
[4] Ara Lq 4,16-22; Is 61,1.
[5] Ara Mt 3,13-17; Ġw 1,33-34.
[6] Ara Eżek 36,25-27; Ġoel 3,1-2.
[7] Ara Lq 12,12; Ġw 3,5-8; 7,37-39; 16,7-15; Atti 1,8.
[8] Ġw 20,22.
[9] Ara Atti 2,1-4.
[10] Ara Atti 2,17-18.
[11] Ara Atti 2,38.
[12] Ara Atti 8,15-17; 19,5-6.
[13] Ara Lh 6,2.

tradizzjoni Kattolika bir-raġun kollu tqis it-tqegħid tal-idejn bħala l-ewwel oriġini tas-sagrament tal-Konfermazzjoni li jkompli, b'xi mod, fil-Knisja l-grazzja ta' Għid il-Ħamsin".[1]

1289 Kmieni ħafna fiż-żmien, biex jitfisser aħjar id-don tal-Ispirtu s-Santu, mat-tqegħid tal-idejn żdied id-dlik biż-żejt tal-griżma. Dan id-dlik juri xi jfisser l-isem "Nisrani – Kristjan"; ifisser "midluk" jew "irċieva l-unzjoni", u dan ġej minn Kristu, li "Alla kkonsagrah (dilku) bl-Ispirtu s-Santu" *(Atti 10,38)*, jiġifieri tah l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Dan it-rit tad-dlik jew unzjoni għadu jeżisti sal-lum kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent. Għalhekk fil-Lvant dan is-sagrament jissejjaħ *Chrismatio,* jiġifieri unzjoni biż-żejt tal-griżma, li l-Griegi jsejħulu *myron.* F'pajjiżna jissejjaħ Griżma tal-Isqof, iżda jkun aħjar jekk jissejjaħ Konfermazzjoni, kif jissejjaħ fil-Punent: kelma li turi li dan is-sagrament iwettaq jew jikkonferma s-Sagrament tal-Magħmudija u jsaħħaħ il-grazzja tal-Magħmudija.

ŻEWĠ TRADIZZJONIJIET: IL-LVANT U L-PUNENT

1290 Fl-ewwel sekli, il-Konfermazzjoni ġeneralment kienet ċelebrazzjoni waħda flimkien mal-Magħmudija, hekk li ż-żewġ sagramenti flimkien, fi kliem San Ċiprijanu, kienu jiffurmaw "sagrament doppju". Iżda għax, fost ħafna raġunijiet oħra, il-Magħmudijiet tat-tfal li bdew jiżdiedu ħafna u jsiru tul is-sena kollha, it-tkattir tal-parroċċi fil-kampanja u t-tkabbir tad-djoċesijiet ma ppermettewx aktar li l-isqof ikun preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Magħmudija. Fil-Punent, minħabba li kien hemm ix-xewqa li jkun l-isqof li jwassal għall-milja tal-grazzja tal-Magħmudija, iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni ġiet mifruda minn dik tal-Magħmudija. Il-Lvant żamm ċelebrazzjoni waħda għaż-żewġ sagramenti u l-Konfermazzjoni bdiet tingħata mis-saċerdot li jgħammed. Iżda s-saċerdot irid jagħti s-sagrament bi dlik bil-*myron* li jrid ikun dejjem ikkonsagrat minn isqof.[2]

1291 Drawwa tal-Knisja ta' Ruma ħaffet l-iżvilupp li seħħ fil-Punent: fil-Knisja ta' Ruma, kif jitgħammed, in-neofitu kien jirċievi żewġ unzjonijiet biż-żejt tal-griżma: waħda minnufih wara l-Magħmudija u din l-unzjoni kienet tingħata mis-saċerdot li jgħammed, u l-oħra magħmula mill-isqof fuq ġbin l-imgħammdin kollha.[3] L-ewwel unzjoni biż-żejt tal-griżma, dik li kien jagħmel is-saċerdot, baqgħet fir-rit tal-Magħmudija u tfisser it-tisħib tal-imgħammed fil-missjoni profetika, saċerdotali u regali ta' Kristu. Fil-Magħmudija tal-kbar ma tingħatax din l-unzjoni tal-Magħmudija, tingħata biss l-unzjoni tal-Konfermazzjoni.

1292 L-użu tal-Knejjes tal-Lvant juri sewwa r-rabta li hemm bejn it-tliet sagramenti tal-inizjazzjoni nisranija. Id-drawwa tal-Knisja Latina tfisser b'mod aktar ċar ir-rabta tan-Nisrani ġdid mal-isqof tiegħu, li hu l-qaddej u d-difensur tal-għaqda tal-Knisja tiegħu, tal-kattoliċità u l-appostoliċità tagħha u, għalhekk, ir-rabta tagħha mal-bidu appostoliku tal-Knisja ta' Kristu.

## II. Is-sinjali u r-rit tal-Konfermazzjoni

1293 Fir-rit ta' dan is-sagrament jaqbel inqisu s-sinjal ta*l-unzjoni* u dak li l-unzjoni turi u tagħti: *is-siġill* spiritwali.

---

[1] Pawlu VI, kostituzzjoni appostolika *Divinae consortium naturae.*
[2] Ara *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 695 §1; 696 §1.
[3] Ara San Ippolitu, *Traditio apostolica*, 21.

*L-unzjoni,* fis-simboliżmu tal-Iskrittura u fis-simboliżmu tal-antiki għandha ħafna tifsiriet: iż-żejt hu sinjal ta' abbundanza,[1] ta' ferħ u hena[2]; iż-żejt inaddaf (dlik biż-żejt qabel u wara banju); iż-żejt iħoll in-nervaturi tal-ġisem u jagħmlu aktar flessibbli (id-dlik tal-atleti u l-ġellieda); iż-żejt hu sinjal ta' fejqan, għax itaffi t-tbenġil u l-ġrieħi,[3] u jagħmel aktar jiddu l-ġmiel, is-saħħa u l-qawwa.

1294 Dan it-tifsir kollu tad-dlik biż-żejt insibuh fil-ħajja sagramentali. Id-dlik qabel il-Magħmudija biż-żejt tal-katekumeni jfisser safa u saħħa. Id-dlik tal-morda jfisser fejqan u faraġ. Id-dlik taż-żejt tal-griżma wara l-Magħmudija, fil-Konfermazzjoni u fl-Ordinazzjoni, hu sinjal ta' konsagrazzjoni. Permezz tal-Konfermazzjoni, l-Insara (Kristjani), jiġifieri dawk li ħadu l-unzjoni, huma mseħbin aktar fil-missjoni ta' Kristu u fil-milja tal-Ispirtu s-Santu li bih huma mimlija, biex il-ħajja kollha tagħhom ixxerred "il-fwieħa ta' Kristu" *(2 Kor 2,15).*

1295 B'din id-dilka, min jirċievi s-sagrament tal-Konfermazzjoni, jirċievi "l-marka", *is-siġill* tal-Ispirtu s-Santu. Is-siġill hu l-marka tal-persuna,[4] is-sinjal tal-awtorità tal-persuna[5] u tas-setgħa tal-persuna fuq xi ħaġa[6] – lis-suldati kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom, u l-ilsiera wkoll bis-siġill ta' sidhom. Is-siġill juri li att ġuridiku hu awtentiku,[7] jew dokument hu awtentiku,[8] u jekk ikun il-każ jagħmlu dokument sigriet.[9]

1296 Kristu stess jgħid li hu mmarkat bis-siġill tal-Missier.[10] In-Nisrani, hu wkoll, hu mmarkat b'siġill: Alla "hu li wettaq kemm lilkom u kemm lilna fi Kristu, li kkonsagrana għalih innifsu: hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna".[11] Dan is-siġill tal-Ispirtu juri li aħna kollna kemm aħna ta' Kristu, u qegħdin dejjem għall-qadi tiegħu. Iżda hu wkoll wegħda tal-ħarsien ta' Alla meta tasal il-prova tal-aħħar, il-prova eskatoloġika.[12]

## IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-KONFERMAZZJONI

1297 Mument importanti ħafna li jiġi qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni, iżda li b'xi mod hu parti minnha, hija l-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma. Hu l-isqof, li nhar Ħamis ix-Xirka, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Griżma, jikkonsagra ż-żejt tal-griżma għad-djoċesi kollha tiegħu. Fil-Knejjes tal-Lvant din il-konsagrazzjon hi riservata lill-Patrijarka:

> Il-liturġija ta' Antjokja għandha din l-epiklesi għall-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma *(myron)*: "Missier... ibgħat l-Ispirtu s-Santu fuqna u fuq dan iż-żejt li għandna quddiemna, u kkonsagrah, biex ikun għal dawk kollha li jiġu midlukin u mmarkati bih, *myron* saċerdotali, *myron* regali, unzjoni ta' hena, libsa ta' dawl, mantar ta' salvazzjoni,

1 Ara Dewt 11,14 u l-bqija.
2 Ara Salm 23,5; 104,15.
3 Ara Is 1,6; Lq 10,34.
4 Ara Ġen 38,18; Għan 8,6.
5 Ara Ġen 41,42.
6 Ara Dewt 32,34.
7 Ara 1 Slat 21,8.
8 Ara Ġer 32,10.
9 Ara Is 29,11.
10 Ara Ġw 6,27.
11 2 Kor 1,22; ara Ef 1,13; 4,30.
12 Ara Apok 7,2-3; 9,4; Eżek 9,4-6,

don spiritwali, qdusija tar-ruħ u l-ġisem, tjieba li ma tintemm qatt, siġill li ma jitħassar qatt, tarka tal-fidi u elmu tal-biża' kontra l-għemejjel kollha tal-għadu".[1]

1298 Meta ċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni ssir għaliha u mhux mal-Magħmudija, kif hi d-drawwa fir-rit Ruman, il-liturġija tas-sagrament tibda bit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija u bl-istqarrija tal-fidi ta' dawk li se jirċievu s-sagrament. Dan juri b'mod ċar li l-Konfermazzjoni postha hu wara l-Magħmudija.[2] Meta wieħed adult jitgħammed, jirċievi minnufih il-Konfermazzjoni u jieħu sehem fl-Ewkaristija.[3]

1299 Fir-rit Ruman l-isqof jifrex idu fuq il-ġemgħa kollha ta' dawk li se jirċievu s-sagrament, ġest li, sa minn żmien l-Appostli, hu sinjal tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu. Hu l-isqof li jitlob li jingħata l-Ispirtu s-Santu:

> O Alla li tista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu, int tajt twelid ġdid lil dawn il-qaddejja tiegħek mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu u ħlisthom minn dnubiethom; ibgħat fuqhom, Mulej, l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur; agħtihom l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-Ispirtu tal-għaqal u l-qawwa, l-Ispirtu tax-xjenza u l-pjetà; imliehom bl-Ispirtu tal-biża' tiegħek. Bi Kristu Sidna.[4]

1300 Jiġi mbagħad *ir-rit essenzjali* tas-sagrament. Fir-rit Latin "is-sagrament tal-Konfermazzjoni jingħata permezz tad-dlik biż-żejt tal-griżma fuq il-ġbin, magħmul bit-tqegħid tal-id, waqt li jingħad il-kliem: "Hu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu'".[5] Fil-Knejjes tal-Lvant ta' rit Biżantin, wara t-talba tal-epiklesi jsir id-dlik bil-*myron* tal-partijiet l-aktar importanti tal-ġisem: il-ġbin, l-għajnejn, l-imnifsejn, il-widnejn, ix-xufftejn, iż-żaqq, id-dahar, l-idejn u s-saqajn, u kull dilka hi msieħba bil-kliem: *Spragis doreas pneumatos hagiou* (is-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu).

1301 Il-bewsa tal-paċi li biha tagħlaq iċ-ċelebrazzjoni tfisser u turi l-għaqda fil-Knisja mal-isqof u mal-Insara kollha.[6]

## III. L-effetti tal-Konfermazzjoni jew Griżma tal-Isqof

1302 Fiċ-ċelebrazzjoni jidher ċar li l-effett tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni hu għoti speċjali tal-Ispirtu s-Santu, kif darba ngħata lill-Appostli nhar Għid il-Ħamsin.

1303 Il-Konfermazzjoni twassal biex il-grazzja tal-Magħmudija tiżdied u tissaħħaħ aktar u tidħol aktar fil-fond:

— tniżżel fina aktar fil-fond l-għeruq tagħna, bħala wlied Alla, biex dejjem aktar inkunu nistgħu nsejħu lil Alla 'Abba! Missier!' *(Rum 8,15);*

— tgħaqqadna b'mod aktar sħiħ ma' Kristu;

— tkattar fina d-doni tal-Ispirtu s-Santu;

---

1 Liturġija Siro-Antjokena: epiklesi għall-konsagrazzjoni taż-żejt tal-Griżma.
2 Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 71.
3 Ara CIC kan 866
4 Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma, 29.
5 Għall-formula tar-Rit Latin: Pawlu VI, kostituzzjoni appostolika *Divinae consortium naturae:* "Accipe signaculum doni Spiritus Sancti." Għall-formula tar-Rit Biżantin: *Rituale per le Chiese Orientali di rito bizantino in lingua greca*, pars 1, Libr. Edit. Vaticana 1954, p.36.
6 Ara San Ippolitu, *Traditio apostolica*, 21.

— tagħmel aktar perfetta r-rabta tagħna mal-Knisja;[1]

— tagħtina "qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu" biex "inxandru u niddefendu l-fidi bil-kliem u bl-għemil bħala veri xiehda ta' Kristu", ħalli "bil-kuraġġ kollu nistqarru l-isem ta' Kristu", u biex qatt ma nistħu mis-salib tiegħu:[2]

> Ftakar mela li int irċevejt is-sinjal spiritwali, l-Ispirtu tal-għerf u tad-dehen, l-Ispirtu tal-għaqal u tal-qawwa, l-Ispirtu tax-xjenza u tal-pjetà, l-Ispirtu tal-biża' qaddis, ħarsien ta' dak li rċevejt. Alla l-Missier immarkak bis-siġill tiegħu, Kristu l-Mulej wettqek u qiegħed f'qalbek ir-rahan tal-Ispirtu.[3]

1304 Bħall-Magħmudija, li tagħha hi s-sħuħija, il-Konfermazzjoni tista' tittieħed darba biss. Dan għaliex il-Konfermazzjoni tħalli fir-ruħ *marka spiritwali li ma titħassar qatt,* "il-karattru"[4] li hu s-sinjal li Ġesù Kristu mmarka n-Nisrani bis-siġill tal-Ispirtu tiegħu u libbsu b'qawwa mis-sema ħa jkun xhud tiegħu.[5]

1305 Il-"karattru" jagħmel aktar perfett is-saċerdozju komuni tal-Insara li ngħata fil-Magħmudija. U dak li jkun irċieva s-sagrament tal-Konfermazzjoni jkollu l-qawwa li jistqarr il-fidi ta' Kristu quddiem id-dinja, bħallikieku dan kien dmir l-uffiċċju tiegħu *(quasi ex officio).*[6]

## IV. Min jista' jirċievi dan is-sagrament?

1306 L-imgħammdin kollha li ma jkunux irċevew is-sagrament tal-Konfermazzjoni jistgħu u għandhom jirċievu dan is-sagrament.[7] Il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u l-Ewkaristija flimkien jagħmlu għaqda bejniethom. Għalhekk "il-fidili huma obbligati jirċievu dan is-sagrament f'waqtu",[8] għaliex mingħajr il-Konfermazzjoni u l-Ewkaristija, is-sagrament tal-Magħmudija, iva, jiswa u jġib l-effetti tiegħu, iżda d-dħul fil-ħajja nisranija ma jseħħx għalkollox.

1307 Għal bosta sekli, id-drawwa Latina qieset "l-età tar-raġuni" bħala ż-żmien li fih għandha tingħata l-Konfermazzjoni.

F'periklu ta' mewt, is-sagrament għandu jingħata, ukoll jekk wieħed ma jkunx għadu wasal fl-età tar-raġuni.[9]

1308 Xi kultant jingħad li l-Konfermazzjoni hi s-sagrament tal-"kobor sħiħ bħala Nisrani". Iżda dan ma għandux iwassalna biex ngħidu li wieħed jilħaq il-kobor sħiħ fil-fidi meta jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala bniedem (l-età ta' wieħed adult fil-fidi mhijiex l-età ta' adult bħala bniedem); dan għaliex ma għandniex ninsew li l-grazzja tal-Magħmudija hi grazzja ta' għażla li Alla jagħmel minn rajh mingħajr ebda mertu tagħna, u għalhekk ma teħtieġ ebda "ratifika" biex tibda sseħħ. Dan ifakkru San Tumas:

---

1 Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
2 Ara Konċ. ta' Firenze: Denzinger-Schonmetzer, 1319; Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11; 12.
3 San Ambroġ, *De mysteriis*, 7, 42: PL 16, 402-403.
4 Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1609.
5 Ara Lq 24,48-49.
6 San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 72, 5 ad 2
7 Ara CIC kan 889 §1.
8 *Ibid.* kan 890.
9 *Ibid.* kan 891; 883 §3.

L-età tal-ġisem ma għandhiex tkun ta' tfixkil u ta' preġudizzju għar-ruħ. Għalhekk fit-tfulija wkoll il-bniedem jista' jilħaq il-perfezzjoni tal-għomor spiritwali li fuqu jitkellem il-Ktieb tal-Għerf (4,8): "Ix-xjuħija ta' ġieħ mhijiex dik tal-għomor twil, u lanqas titqies min-numru tas-snin". Hu għalhekk li ħafna tfal, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li kienu rċevew, tqabdu bil-kuraġġ kollu sat-tixrid ta' demmhom għal Kristu.[1]

1309 *It-tħejjija* għall-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lin-Nisrani għall-għaqda aktar intima ma' Kristu, għall-familjarità aktar ħajja mal-Ispirtu s-Santu, mal-ħidma, id-doni u s-sejħat tiegħu, biex wieħed ikun jista' jidħol aktar għar-responsabbiltajiet appostoliċi tal-ħajja nisranija. Minħabba f'dan, il-katekeżi tal-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lil dawk li se jirċievu s-sagrament ħa jħossu verament li huma membri tal-Knisja ta' Kristu, kemm tal-Knisja universali u kemm tal-komunità parrokkjali. Min qed iħejji lil dawk li se jirċievu s-sagrament għandu responsabbiltà partikulari biex iwassalhom ħa jħossu li huma parti mill-komunità parrokkjali.[2]

1310 Min jirċievi s-sagrament tal-Konfermazzjoni jrid ikun fil-grazzja ta' Alla. Jaqbel, għalhekk, li jfittex is-sagrament tal-Penitenza biex jissaffa minn dnubietu ħa jirċievi d-don tal-Ispirtu s-Santu. Talb aktar imħeġġeġ għandu jħejji lil dawk li se jirċievu l-Konfermazzjoni biex jilqgħu l-qawwa u l-grazzji tal-Ispirtu s-Santu, ħa jkunu dejjem lesti li joqogħdu għal dak li jitlobhom, u jagħmlu dak li jrid minnhom.[3]

1311 Għall-Konfermazzjoni, il-kandidati għandhom ifittxu li jkollhom l-għajnuna spiritwali ta' *parrinu* jew ta' *parrina,* l-istess bħalma jiġri fil-Magħmudija. Jaqbel li dawn ikunu dawk stess tal-Magħmudija biex tidher ċara r-rabta li hemm bejn iż-żewġ sagramenti.[4]

## V. Il-Ministru tal-Konfermazzjoni jew Griżma tal-Isqof

1312 *Il-ministru ordinarju* tal-Konfermazzjoni hu l-Isqof.[5]

Fil-*Lvant,* bħala regola, is-saċerdot li jgħammed jagħti wkoll minnufih il-Konfermazzjoni fl-istess ċelebrazzjoni waħda. Iżda juża ż-żejt tal-griżma kkonsagrat mill-patrijarka jew l-isqof, u dan juri l-għaqda appostolika fil-Knisja, li r-rabtiet tagħha jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni. Fil-Knisja *Latina* hemm din l-istess dixxiplina fil-Magħmudijiet tal-adulti jew meta jiġi biex jidħol fl-għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika wieħed mgħammed f'komunità nisranija mhux Kattolika li fiha ma jingħatax validament is-sagrament tal-Konfermazzjoni.[6]

1313 Fir-rit Latin, il-ministru ordinarju hu l-Isqof.[7] Meta jkun meħtieġ, l-Isqof jista' jagħti lil xi saċerdoti l-fakultà li jamministraw is-Sagrament tal-

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* 3, 72, 8 ad 2.
[2] Ara Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma, daħla, 3.
[3] Ara Atti 1,14.
[4] Ara Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma, daħla, 5, 6; CIC kan 893 §1.2.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 26.
[6] Ara CIC kan 883 §2.
[7] Ara CIC kan 882.

Konfermazzjoni.[1] Iżda dejjem jixraq, u dan minħabba t-tifsir stess taċ-ċelebrazzjoni, li jkun l-Isqof li jagħti dan is-Sagrament, għax ma għandux jinsa li ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Konfermazzjoni nfirdet minn dik tal-Magħmudija proprju biex ikun l-isqof li jamministraha. L-isqfijiet huma s-suċċessuri tal-Appostli, huma rċevew il-milja tas-sagrament tal-Ordni. L-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Konfermazzjoni mill-isqof turi sewwa li l-effett tas-sagrament hu li jgħaqqad lil dawk li jirċevuh b'rabta aktar qawwija mal-Knisja, mal-bidu tagħha mill-Appostli, u mal-missjoni tagħha li tagħti xhieda għal Kristu.

1314 Jekk Nisrani hu fil-periklu tal-mewt, kull saċerdot jista' jagħtih is-sagrament tal-Konfermazzjoni.[2] Dan għaliex il-Knisja trid li ebda wieħed minn uliedha, ukoll jekk l-iċken, joħroġ minn din id-dinja mingħajr ma jkun laħaq il-perfezzjoni permezz tal-Ispirtu s-Santu bid-don tal-milja ta' Kristu.

## Fil-qosor

1315 *"L-Appostli li kienu Ġerusalemm, semgħu li s-Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla u bagħtu kemm lil Pietru u kemm 'il Ġwanni. Dawn niżlu hemm u talbu biex dawk li kienu emmnu jirċievu l-Ispirtu s-Santu, għax l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma niżel fuq ħadd minnhom, imma kienu tgħammdu biss f'isem il-Mulej Ġesù. Imbagħad l-Appostli qiegħdu idejhom fuqhom u rċevew l-Ispirtu s-Santu"* (Atti 8,14-17).

1316 *Il-Konfermazzjoni twassal il-grazzja tal-Magħmudija għall-perfezzjoni; hi s-sagrament li jagħti l-Ispirtu s-Santu biex aħna nniżżlu aktar fil-fond l-għeruq tagħna bħala wlied Alla, biex ningħaqdu b'mod aktar sħiħ ma' Kristu, biex insaħħu dejjem aktar l-għaqda tagħna mal-Knisja, biex nissieħbu aħjar fil-missjoni tagħha u jkollna l-għajnuna biex nagħtu xhieda tal-fidi nisranija bil-kliem u bl-għemil.*

1317 *Bħall-Magħmudija, il-Konfermazzjoni tħalli sinjal spiritwali jew karattru li ma jitħassar qatt fir-ruħ tan-Nisrani. Għalhekk dan is-sagrament jingħata darba biss.*

1318 *Fil-Lvant, dan is-sagrament jingħata minnufih wara l-Magħmudija; u mbagħad minnufih ukoll tiġi l-Ewkaristija, tradizzjoni li turi liema rabta kbira hemm bejn dawn it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Fil-Knisja Latina dan is-sagrament jingħata lil min ikun wasal "fl-età tar-raġuni", u bħala regola, jiġi amministrat mill-isqof, biex hekk jidher li dan is-sagrament isaħħaħ ir-rabtiet mal-Knisja.*

1319 *Kandidat għall-Konfermazzjoni li laħaq l-età tar-raġuni, irid jistqarr il-fidi, ikun fil-grazzja ta' Alla, ikollu l-intenzjoni li jirċievi s-sagrament, u jkun lest li jidħol għad-dmir ta' dixxiplu tal-Mulej u xhud ta' Kristu, fi ħdan il-komunità tal-Knisja u fid-dinja.*

[1] CIC kan 884 §2.
[2] Ara *ibid.*, kan 883 §3.

1320 *Ir-rit essenzjali tal-Konfermazzjoni hu d-dlik biż-żejt tal-griżma fuq il-ġbin ta' min hu mgħammed* (fil-Lvant id-dlik isir ukoll fuq partijiet oħra tal-ġisem), *bit-tqegħid ta' idejn il-ministru u l-kliem: "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu"* ("Accipe signaculum doni Spiritus Sancti") *fir-Rit Ruman, u "Is-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu" (*"Signaculum doni Spiritus Sancti") *fir-Rit Biżantin.*

1321 *Meta l-Konfermazzjoni ma tingħatax flimkien mal-Magħmudija, ir-rabta tagħha mal-Magħmudija tintwera bit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, u b'modi oħra wkoll. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni waqt il-liturġija ewkaristika tgħin biex turi l-għaqda li hemm bejn is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija.*

### It-tielet artiklu

## IS-SAGRAMENT TAL-EWKARISTIJA

1322 L-Ewkaristija mqaddsa tagħlaq ir-riti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Dawk li kisbu d-dinjità tas-saċerdozju regali permezz tal-Magħmudija u saru xebh ma' Kristu bil-Konfermazzjoni, permezz tal-Ewkaristija jissieħbu flimkien mal-komunità kollha fis-sagrifiċċju stess tal-Mulej.

1323 Il-Feddej tagħna, fl-Aħħar Ikla tiegħu, fil-lejl li ġie ttradut, waqqaf is-sagrifiċċju ewkaristiku tal-ġisem u tad-demm tiegħu biex ikompli s-sagrifiċċju tiegħu tas-salib tul iż-żminijiet sa ma jerġa' jiġi, u biex iħalli f'idejn il-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu: sagrament ta' tjieba, sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba, l-ikla ta' "r-rahan tal-ħajja ta' dejjem".[1]

### I. L-Ewkaristija bidu u quċċata tal-ħajja nisranija

1324 "L-Ewkaristija hi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha".[2] "Is-sagramenti l-oħra, l-istess bħall-ministeri kollha ekkleżjastiċi u l-ħidmiet tal-appostolat, huma kollha marbutin mal-Ewkaristija u jwasslu għaliha. Dan għaliex fl-Ewkaristija jinsab l-għana spiritwali kollu tal-Knisja, jiġifieri Kristu nnifsu, l-Għid tagħna".[3]

1325 "L-Ewkaristija tfisser u ġġib ix-xirka fil-ħajja ma' Alla u l-għaqda tal-poplu kollu ta' Alla: bihom il-Knisja hi dik li hi. Fl-Ewkaristija nsibu fl-istess waqt il-qofol kemm tal-ħidma li biha, fi Kristu, Alla jqaddes id-dinja, u kemm il-qima li fl-Ispirtu s-Santu l-bnedmin jagħtu lil Kristu, u permezz tiegħu, lill-Missier".[4]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 47.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[3] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis*, 5.
[4] Kongregazzjoni tar-Riti, istruzzjoni *Eucharisticum mysterium*, 6; AAS 59 (1967), 539-573.

1326 Fl-aħħar nett iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ġa tgħaqqadna mal-liturġija tas-sema u hekk aħna ngħixu minn qabel il-ħajja ta' dejjem meta Alla jkun kollox f'kollox.[1]

1327 Fi ftit kliem, l-Ewkaristija tiġbor fiha l-fidi tagħna kollha u hi l-quċċata ta' din il-fidi: "Il-mod kif aħna naħsbu jaqbel mal-Ewkaristija, u min-naħa tagħha l-Ewkaristija taqbel mal-mod kif aħna naħsbu".[2]

## II. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1328 L-għana bla qies ta' dan is-sagrament jidher mill-ħafna ismijiet li ngħatawlu. Kull wieħed minn dawn l-ismijiet ifakkarna f'xi aspetti tiegħu. Dan is-sagrament jissejjaħ:

— *Ewkaristija* għaliex hu radd ta' ħajr lil Alla. Il-kelmiet "ewkaristejn" *(Lq 22,19; 1Kor 11,24)* u "ewlogejn" *(Mt 26,26; Mk 14,22)* ifakkru l-barkiet tal-Lhud li jħabbru – l-aktar waqt l-ikel – l-għeġubijiet ta' Alla, il-ħolqien, il-fidwa u t-tqaddis.

1329 — *L-ikla tal-Mulej*[3] għax is-sagrament hu l-*Ikla* li l-Mulej għamel mad-dixxipli tiegħu awl il-lejl qabel ma bata għalina u hu *antiċipazzjoni tal-ikla tat-tieġ tal-Haruf*[4] f'Ġerusalemm tas-sema.

— *Il-qsim tal-ħobż* għaliex dan ir-rit, proprju tal-ikla tal-Lhud, Ġesù użah huwa u jbierek u jaqsam il-ħobż bħala dak li hu f'ras il-mejda[5] u l-aktar fl-Aħħar Ikla.[6] Hu f'dan il-ġest li d-dixxipli għarfu lil Kristu meta ltaqgħu miegħu wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.[7] L-ewwel Insara kienu jsejħu l-ġemgħat ewkaristiċi ewkaristiċi tagħhom "qsim il-ħobż".[8] Dan il-ġest ifisser li dawk kollha li jieklu mill-ħobża waħda maqsuma, Kristu, jingħaqdu miegħu, u mhumiex ħlief ġisem wieħed miegħu.[9]

- *Ġemgħa ewkaristika* ("sinaksis"), għaliex l-Ewakristija tiġi ċċelebrata fil-ġemgħa tal-Insara, li hi dehra tal-Knisja.[10]

1330 - *Tifkira* tal-Passjoni u l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

- *Sagrifiċċju qaddis* għax iġedded is-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu u fih tinsab ukoll l-offerta tal-Knisja; jissejjaħ ukoll *is-sagrifiċċju mqaddes tal-Quddiesa, "sagrifiċċju ta' tifħir";*[11] *sagrifiċċju spiritwali,*[12] *sagrifiċċju safi*[1] *u qaddis,*

[1] Ara 1 Kor 15,28.
[2] San Irinew ta' Lyon, *Adversus haereses* 4, 18, 5.
[3] Ara 1 Kor 11,20.
[4] Ara Apok 19,9.
[5] Ara Mt 14,19; 15,36; Mk 8,6.19.
[6] Ara Mt 26,26; 1 Kor 11,24.
[7] Ara Lq 24,13-35.
[8] Ara Atti 2,42.46; 20,7.11.
[9] Ara 1 Kor 10,16-17.
[10] Ara 1 Kor 11,17-34.
[11] Lh 13,15; ara Salm 116,13.17.
[12] 1 Piet 2,5.

*qaddis,* għax itemm is-sagrifiċċji kollha tal-Patt il-Qadim u hu wisq aqwa minnhom kollha.

– *Liturġija qaddisa u divina* għax il-liturġija kollha tal-Knisja ssib il-qofol tagħha u l-espressjoni l-aktar għolja tagħha fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament. Minħabba f'hekk ukoll dan is-sagrament jissejjaħ ċelebrazzjoni tal-*Misteri Qaddisa.* Nitkellmu wkoll dwar is-*Santissimu Sagrament,* jew *Sagrament imqaddes* għaliex hu s-Sagrament tas-sagramenti. B'dan l-isem jissejħu l-ispeċi ewkaristiċi merfugħin fit-tabernaklu.

1331 *Tqarbin,* għaliex hu permezz ta' dan is-sagrament li aħna ningħaqdu ma' Kristu, li jagħtina nieklu l-ġisem u d-demm tiegħu biex nagħmlu ġisem wieħed miegħu.[2] Jissejjaħ ukoll il-*ħwejjeġ qaddisa* ("ta ħagija; sankta")[3] – hu l-ewwel tifsir tal-frażi "xirka tal-qaddisin", li fuqha jitkellem is-Simbolu tal-Appostli – *ħobż tal-anġli, ħobż tas-sema ħaj, duwa tal-immortalità,*[4] vjatku...

1332 *Sancta Missa* bil-Latin u mill-kelma Latina ħarġu *Messa* bit-Taljan, *Mass* bl-Ingliż, *Messe* bil-Franċiż... għaliex il-liturġija li fiha jseħħ il-misteru tas-salvazzjoni, tintemm billi l-Insara jintbagħtu *("missio")* – morru agħmlu r-rieda ta' Alla fil-ħajja tagħkom ta' kuljum. Bil-Malti ngħidu *Quddiesa* għaliex il-liturġija li tiċċelebra dan is-sagrament hi liturġija qaddisa u divina kif rajna aktar 'il fuq.

## III. L-Ewkaristija fil-pjan tas-salvazzjoni

IX-XBIHAT TAL-ĦOBŻ U L-INBID

1333 Fil-qalba taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewakristija għandna l-ħobż u l-inbid li, bi kliem il-Mulej u l-invokazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, isiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu. B'fedeltà sħiħa għall-ordni tal-Mulej, il-Knisja tkompli tagħmel, b'tifkira tiegħu, sa ma jerġa jiġi fil-glorja, dak li għamel awlillejl qabel il-Passjoni tiegħu. "Ħa l-ħobż...", "Ħa l-kalċi bl-inbid..." Il-ħobż u l-inbid, waqt li b'misteru jsiru l-ġisem u d-demm tal-Mulej, jibqgħu jfissru wkoll it-tjieba tal-ħolqien. Għalhekk, fl-offertorju, inroddu ħajr lill-Ħallieq għall-ħobż u l-inbid,[5] frott "tax-xogħol tal-bniedem", iżda qabelxejn huma "frott tal-art" u "frott tad-dielja", doni tal-Ħallieq. Fil-ġest ta' Melkisedek, sultan u qassis "li ħareġ bil-ħobż u l-inbid" *(Ġen 14,18),* il-Knisja tara x-xbieha tal-offerta tagħha.[6]

1334 Fi żmien il-Patt il-Qadim kienu joffru b'sagrifiċċju l-ħobż u l-inbid mal-ewwel frott tal-art, b'sinjal ta' radd il-ħajr lill-Ħallieq. Iżda l-ħobż u l-inbid kisbu wkoll tifsir ġdid bl-Eżodu: il-ħobż bla ħmira, il-ħobż ażżmu li l-Lhud jieklu kull sena fl-Għid, ifakkar il-ħeffa li biha ħarġu ħielsa mill-Eġittu; it-tifkira tal-manna fid-deżert bla heda tfakkar lil Iżrael li għandu jgħix bil-ħobż tal-kelma ta' Alla.[7] Fl-aħħar nett il-ħobż ta' kuljum hu l-frott tal-Art Imwiegħda, rahan tal-fedeltà ta'

---

1 Ara Mal 1,11.
2 Ara 1 Kor 10,16-17.
3 *Constituiones apostolorum,* 13, 12; *Didake,* 9, 5; 10,6.
4 San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Ephesios,* 20, 2.
5 Ara Salm 104,13-15.
6 Ara Missal Ruman, it-talba "Ixħet fuqhom" *(Supra quae)* tal-Kanone Ruman.
7 Ara Dewt 8,3.

Alla għall-wegħdiet tiegħu. “Il-kalċi mbierek” *(1 Kor 10,16)* fi tmiem l-ikla tal-Għid tal-Lhud, mal-ferħ li jagħti l-inbid fil-festi, iżid dimensjoni eskatoloġika, jiġifieri hu tħabbira tal-miġja tal-Messija u t-twaqqif mill-ġdid ta’ Ġerusalemm. Ġesù waqqaf l-Ewkaristija tiegħu billi ta’ tifsir ġdid u għal dejjem lill-barka tal-ħobż u tal-kalċi bl-inbid.

1335 Il-mirakli tat-tkattir tal-ħobż, meta l-Mulej ħa l-ħobżiet, berikhom, qasamhom u tahom lid-dixxipli biex jitimgħu l-folla, kienu xbieha tat-tkattir bla qies tal-ħobża waħda tal-Ewkaristija tiegħu.[1] Is-sinjal tal-ilma mibdul fi nbid f’Kana[2] ġa jħabbar is-siegħa tal-glorifikazzjoni ta’ Ġesù. Juri li għad isseħħ l-ikla tat-tieġ fis-Saltna tal-Missier, fejn il-fidili jixorbu l-inbid ġdid[3] li sar id-demm ta’ Kristu.

1336 L-ewwel tħabbira tal-Ewkaristija ġiebet firda fost id-dixxipli, l-istess kif ġara meta t-tħabbira tal-Passjoni skandalizzathom. “Iebes dan il-kliem. Min jiflaħ jisimgħu?” (*Ġw 6,60).* L-Ewkaristija u s-salib huma ġebla ta’ tfixkil. Hu dejjem l-istess misteru, u jibqa’ dejjem okkażjoni ta’ firda. “Tridux titilqu intom ukoll? *(Ġw 6, 67).* Din il-mistoqsija mtennija tul iż-żminijiet kollha hi stedina tal-imħabba ta’ Ġesù biex nagħrfu li Hu biss għandu “l-kliem tal-ħajja ta’ dejjem” *(Ġw 6,68),* u li meta nilqgħu bil-fidi d-don tal-Ewkaristija tiegħu, inkunu qegħdin nilqgħu lilu stess.

L-ISTITUZZJONI TAL-EWKARISTIJA

1337 Il-Mulej, li ħabb lil tiegħu, ħabbhom għall-aħħar. Billi kien jaf li kienet waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, waqt l-ikla ħasel saqajn l-Appostli u tahom il-kmandament tal-imħabba.[4] Ġesù biex iħallilhom rahan ta’ mħabbtu, biex ma jitbiegħed qatt minn dawk li kienu tiegħu u jagħtihom sehem fi-Għid tiegħu, waqqaf l-Ewkaristija bħala tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu, u ordnalhom jiċċelebrawha sa ma jerġa’ jiġi, “u hekk għamilhom saċerdoti tat-Testment il-Ġdid”.[5]

1338 It-tlett Evanġelji Sinottiċi u San Pawl ħallewlna r-rakkont tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija. San Ġwann, min-naħa tiegħu, ħallielna kliem Ġesù fis-sinagoga ta’ Kafarnahum, kliem li kienu tħejjija għall-istituzzjoni tal-Ewkaristija. Kristu wera lilu nnifsu bħala l-ħobż ħaj li niżel mis-sema.[6]

1339 Ġesù għażel żmien il-Għid biex jagħmel dak li kien ħabbar f’Kafarnahum: jagħti ġismu u demmu lid-dixxipli tiegħu:

> Wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid. Ġesù bagħat lil Pietru u lil Ġwanni u qalilhom: “Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf... Marru... u ħejjew l-ikla tal-Għid. Meta sar il-ħin qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli. U Ġesù qalilhom: “Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati. Għaliex m’iniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għalkollox is-Saltna ta’ Alla”... Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: “Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b’tifkira tiegħi”. Hekk ukoll wara

[1] Ara Mt 14,13-21; 15,32-39.
[2] Ara Ġw 2,11.
[3] Ara Mk 14,25.
[4] Ara Ġw 13,1-17.
[5] Konċ. ta’ Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1740.
[6] Ara Ġw 6.

l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid f'demmi, id-demm li jixxerred għalikom".[1]

1340 Ġesù, huwa u jiċċelebra l-Aħħar Ikla mal-Appostli tiegħu waqt l-ikla tal-Għid, ta t-tifsir sħiħ u definittiv tal-Għid tal-Lhud. Dan għaliex il-mogħdija ta' Ġesù għal għand il-Missier permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu, imħabbra minn qabel fl-Aħħar Ikla u ċċelebrata fl-Ewkaristija, twassal sal-aħħar l-Għid tal-Lhud u tħabbar minn qabel l-Għid aħħari tal-Knisja fil-glorja tas-Saltna.

"AGHMLU DAN B'TIFKIRA TIEGHI"

1341 Bl-ordni lid-dixxipli li jtennu l-ġesti tiegħu u kliemu "sa ma jerġa' jiġi," Ġesù ma riedx biss li ssir it-tifkira tiegħu u ta' kulma għamel. Ried ċelebrazzjoni liturġika, permezz tal-Appostli u tas-suċċessuri tagħhom, li tkun *tifkira (*"memorjal") tal-ħajja, tal-mewt, tal-qawmien tiegħu mill-imwiet u tal-interċessjoni tiegħu quddiem il-Missier.

1342 Sa mill-bidu l-Knisja obdiet din l-ordni tal-Mulej. Għall-Knisja ta' Ġerusalemm intqal:

> Kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb... Kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja *(Atti 2,42-46).*

1343 L-Insara kienu jiltaqgħu għall-"qsim tal-ħobż" l-aktar "fl-ewwel jum tal-ġimgħa", jiġifieri f'jum il-Ħadd, f'jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet.[2] Minn dak iż-żmien 'l hawn, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija baqgħet dejjem issir, b'mod li llum insibuha kullimkien fil-Knisja, bl-istess struttura li kellha fil-bidu. Għadha fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja.

1344 B'dan il-mod, minn ċelebrazzjoni għal oħra, bit-tħabbira tal-misteru tal-Għid tal-Mulej "sa ma jerġa' jiġi" *(1 Kor 11,26),* il-poplu ta' Alla fil-pellegrinaġġ tiegħu f'din id-dinja "jimxi 'l quddiem mit-triq id-dejqa tas-salib"[3] lejn l-ikla tas-sema, meta l-magħżulin kollha joqogħdu għall-mejda tas-Saltna.

## IV. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-Ewkaristija

IL-QUDDIESA TUL IŻ-ŻMINIJIET

1345 Fit-tieni seklu għandna ġa x-xhieda ta' San Ġustinu, martri, dwar il-punti ewlenin taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika. Dawn baqgħu l-istess sal-lum fil-familji liturġiċi ewlenin kollha. Ara x'kiteb San Ġustinu għall-ħabta tas-sena 155, biex ifisser lill-imperatur pagan Antoninu t-Twajjeb (138-161) dak li jagħmlu l-Insara:

> [F'jum ix-xemx kif insejħulu, dawk kollha li jgħammru sew fl-ibliet u sew fl-irħula jinġabru flimkien fl-istess post.

[1] Lq 22,7-20; ara Mt 26,17-29; Mk 14,12-15; 1 Kor 11,23-26.
[2] Ara Atti 20,7.
[3] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, I.

Jinqraw it-tifkiriet tal-Appostli u l-kitba tal-profeti sakemm jippermetti l-ħin.

Wara li l-lettur itemm il-qari, dak li jippresiedi jitkellem u jħeġġiġna biex nagħmlu l-ħwejjeġ sbieħ li smajna fuqhom fil-qari.

Wara dan, ilkoll bilwieqfa nitolbu flimkien], għalina stess... u għal kulħadd, huma fejn huma, biex ilkoll ninstabu ġusti f'ħajjitna u f'għemilna u fidili fil-ħarsien tal-kmandamenti, ħalli hekk niksbu l-ħajja ta' dejjem.

Wara li ntemmu t-talb, insellmu lil xulxin b'bewsa.

Imbagħad il-ħobż u l-kalċi bl-inbid imħallat bl-ilma jinġiebu lil dak li qiegħed jippresiedi.

Jeħodhom u jfaħħar u jsebbaħ lill-Missier ta' kulħadd f'isem Ibnu u l-Ispirtu s-Santu u jrodd ħajr (bil-Grieg *ewkaristejn*) fit-tul għall-ġid kollu li stħoqqilna nirċievu mingħandu.

Meta jtemm it-talb u r-radd il-ħajr, il-ġemgħa kollha tqum bilwieqfa u turi li ssieħbet fit-talb u r-radd il-ħajr billi tlissen b'leħen għoli: Ammen.

Wara li dak li jkun jippresiedi jtemm ir-radd il-ħajr u l-poplu jkun wieġeb għalih, id-djakni, kif insejħulhom aħna, iqassmu bħala ikel lil kull min ikun hemm il-ħobż u l-inbid imħallat bl-ilma li fuqu ntqal ir-radd il-ħajr, u jitħalla wkoll xi ftit għal dawk li ma kinux hemm.[1]

1346 Il-Liturġija tal-Ewkaristija għandha struttura fundamentali li baqgħet dejjem l-istess tul iż-żminijiet kollha, mill-bidu sal-lum. Għandha żewġ mumenti tassew importanti, li jagħmlu għaqda waħda bejniethom:

- il-ġemgħa, il-*Liturġija tal-Kelma,* bil-qari, bl-omelija u t-talba tal-fidili;
- il-*Liturġija Ewkaristika,* bil-preżentazzjoni tal-offerti tal-ħobż u l-inbid, ir-radd ta' ħajr li matulu ssir il-konsagrazzjoni tal-offerti, u t-tqarbin.

Il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija Ewkaristika flimkien jagħmlu "att wieħed ta' kult"[2] għaliex il-mejda li titħejja għalina fl-Ewkaristija, hi fl-istess waqt il-mejda tal-Kelma ta' Alla u l-mejda tal-Ġisem tal-Mulej.[3]

1347 Mhux hekk ukoll kienet l-ikla tal-Għid li Ġesù rxoxt għamel mad-dixxipli tiegħu? Huwa u miexi fit-triq fissrilhom l-Iskrittura, u mbagħad qagħad magħhom fuq il-mejda, "ħa l-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" *(Lq 24,13-35).*

IĊ-ĊELEBRAZZJONI

1348 *Il-ġemgħa.* L-Insara jinġabru fl-istess post għall-ġemgħa ewkaristika. Kristu nnifsu hu r-Ras tagħha, li hu l-attur prinċipali fl-Ewkaristija. Hu l-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid. Hu nnifsu jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika kollha, għalkemm ma jidhirx; bħala rappreżentant tiegħu, dak li jagħmel l-isqof jew is-saċerdot jagħmlu *"in persona Christi"* – fil-persuna ta' Kristu: jippresiedi l-ġemgħa, jitkellem wara l-qari, jilqa' l-offerti, u jgħid it-talba ewkaristika. *Kulħadd*

---

[1] San Ġustinu, *Apologia* 1, 65; l-ewwel parti tas-silta, bejn parentesi, hi minn 1, 67.
[2] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 56 .
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 21.

għandu l-parti attiva tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni, kull wieħed skont il-manjiera tiegħu: il-letturi, dawk li jwasslu l-offerti, dawk li jqarbnu, u l-poplu kollu kemm hu; l-Ammen li tingħad minn kulħadd turi din il-parteċipazzjoni.

1349 Il-*Liturġija tal-Kelma:* "il-kitba tal-profeti" jiġifieri l-qari mit-Testment il-Qadim, u "t-tifkiriet tal-Appostli" l-ittri u l-Evanġelji tagħhom; wara l-omelija, li tħeġġeġ biex il-Kelma tiġi milqugħa bħala dak li tassew hi, il-kelma ta' Alla[1] u ssir bil-fatti, jiġu l-interċessjonijiet għall-bnedmin kollha, skont kliem l-Appostlu: "Nitlobkom l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonjiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha, għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità" *(1 Tim 2,1-2).*

1350 *Il-preżentazzjoni tal-offerti* (offertorju): jitwasslu mbagħad fuq l-artal, drabi f'purċissjoni, il-ħobż u l-inbid li jiġu offerti mis-saċerdot, f'isem Kristu, waqt is-sagrifiċċju ewkaristiku fejn isiru l-ġisem u d-demm tiegħu. Huma l-istess ġesti ta' Kristu fl-Aħħar Ikla, "huwa u jieħu f'idejh il-ħobż u l-kalċi". "Din l-offerta l-Knisja biss toffriha safja, lill-Ħallieq hija u toffrilu b'radd ta' ħajr dak li hu ħalaq".[2] Il-preżentazzjoni tal-offerti fuq l-artal hi l-istess ġest ta' Melkisedek, u d-doni tal-Ħallieq jingħataw f'idejn Kristu. Hu Kristu li, fis-sagrifiċċju tiegħu, wassal għall-perfezzjoni dak kollu li ppruvaw jagħmlu l-bnedmin biex joffru s-sagrifiċċji.

1351 Sa mill-bidu l-Insara, flimkien mal-ħobż u l-inbid għall-Ewkaristija, kienu jġibu d-doni tagħhom ħa jaqsmuhom ma' dawk li jkunu jinsabu f'xi ħtieġa. Din id-drawwa tal-*ġabra,*[3] drawwa li hu dejjem żmienha, issib l-ispirazzjoni tagħha fl-eżempju ta' Kristu stess, li ftaqar biex nistagħnew aħna:[4]

> L-għonja u dawk kollha li jridu, jagħtu kull wieħed skont ma jidhirlu, u dak li jinġabar jingħata lil min jippresiedi, u dan jgħin bih lill-iltiema u r-romol, lill-morda u l-foqra, lil dawk li huma fil-ħabs u l-barranin, f'kelma waħda, lil dawk kollha li għandhom xi ħtieġa.[5]

1352 *L-anafora.* Bit-talba ewkaristika, talba ta' radd il-ħajr u ta' konsagrazzjoni, naslu fil-qalba u l-qofol taċ-ċelebrazzjoni:

Fil-*prefazju* l-Knisja trodd ħajr lill-Missier, bi Kristu fl-Ispirtu s-Santu, għall-għemejjel kollha tiegħu, għall-ħolqien, għall-fidwa, u għall-qdusija. Il-ġemgħa kollha tingħaqad imbagħad mat-tifħir dejjem sejjer li l-Knisja tas-sema, l-anġli u l-qaddisin kollha, ikantaw lil Alla, tliet darbiet Qaddis.

1353 Fl-*epiklesi* l-Knisja titlob lill-Missier biex jibgħat l-Ispirtu s-Santu (jew il-qawwa tal-barka tiegħu)[6] fuq il-ħobż u l-inbid, biex bis-setgħa tiegħu, isiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesù Kristu, u biex dawk kollha li jieħdu sehem fl-Ewkaristija jkunu ġisem wieħed u ruħ waħda bejniethom (xi tradizzjonijiet liturġiċi għandhom l-epiklesi wara l-anamnesi).

Fir-*rakkont tal-istituzzjoni* l-qawwa tal-kliem u tal-għemil ta' Kristu u s-setgħa tal-Ispirtu s-Santu jagħmlu preżenti sagramentalment, taħt ix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid, il-ġisem u d-demm ta' Kristu, is-sagrifiċċju li offra fuq is-salib darba għal dejjem.

---

[1] Ara 1 Tes 2,13.
[2] San Irinew, *Adversus haereses*, 4, 18, 4. Ara Mal 1,11.
[3] Ara 1 Kor 16,1.
[4] Ara 2 Kor 8,9.
[5] San Ġustinu, *Apologia*, 1, 67, 6.
[6] Ara Missal Ruman, Kanone Ruman.

1354 Fl-*anamnesi* li tiġi wara, il-Knisja tfakkar il-Passjoni, il-Qawmien mill-imwiet, u l-miġja mill-ġdid ta' Kristu fil-glorja; tippreżenta lill-Missier l-offerta ta' Ibnu li jerġa' jħabbibna miegħu.

Fl-*interċessjonijiet* il-Knisja turi li l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata f'għaqda sħiħa mal-Knisja kollha kemm hi, tal-art u tas-sema, tal-ħajjin u tal-mejtin, f'rabta sħiħa mar-ragħajja tal-Knisja: il-Papa, l-isqof tad-djoċesi, il-presbiterju u d-djakni, u mal-isqfijiet kollha tad-dinja, flimkien mal-Knejjes tagħhom.

1355 Fit-*tqarbin,* wara t-talba tal-Mulej u l-qsim tal-ħobż, l-Insara jirċievu "l-ħobż tas-sema ħaj" u "l-kalċi tas-salvazzjoni", il-ġisem u d-demm ta' Kristu li ngħata "għall-ħajja tad-dinja" *(Ġw 6,51):*

> Għaliex dan il-ħobż u dan l-inbid ġew "ewkaristizzati" – hekk kienu jgħidu fl-antik, – aħna nsejħu dan l-ikel Ewkaristija, u ħadd ma jista' jissieħeb fl-*Ewkaristija* jekk ma jemminx li hu veru dak li ngħallmu, u ma jkunx tgħammed ħa jinħafrulu dnubietu, u jitwieled mill-ġdid ħa jgħix kif għallimna Kristu.[1]

## V. Is-sagrifiċċju sagramentali: radd ta' ħajr, tifkira, preżenza

1356 Jekk l-Insara ċċelebraw l-Ewkaristija sa mill-bidu, u f'sura li ma tbiddlitx fis-sustanza tagħha minkejja d-diversità kbira taż-żminijiet u tal-liturġiji, dan ġara għaliex nafu li aħna marbutin mal-ordni li l-Mulej ta lejlet il-Passjoni tiegħu: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" *(1 Kor 11,24-25).*

1357 Din l-ordni tal-Mulej inħarsuha meta nagħmlu *t-tifkira tas-sagrifiċċju tiegħu.* Aħna u nagħmlu dan, inkunu qegħdin *noffru lill-Missier* dak li hu stess tana: id-doni tal-ħolqien, il-ħobż u l-inbid li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u ta' kliem Kristu, saru l-ġisem u d-demm ta' Kristu: Kristu hu għalhekk realment u b'mod misterjuż *preżenti.*

1358 Mela rridu nqisu l-Ewkaristija:

— bħala radd ta' ħajr u ta' tifħir lill-*Missier,*

— bħala tifkira sagrifiċjali ta' *Kristu* u tal-Ġisem tiegħu;

— bħala preżenza ta' Kristu permezz tal-qawwa tal-kelma tiegħu u tal-*Ispirtu* tiegħu.

IR-RADD TA' ĦAJR U T-TIFĦIR TAL-MISSIER

1359 L-Ewkaristija, is-sagrament tas-salvazzjoni tagħna li Kristu temm fuq is-salib, hi wkoll sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr għall-opra tal-ħolqien. Fis-sagrifiċċju ewkaristiku l-ħolqien kollu, maħbub minn Alla, jiġi ppreżentat lill-Missier permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Permezz ta' Kristu, il-Knisja tista' toffri s-sagrifiċċju ta' tifħir u ta' radd il-ħajr għal kulma Alla għamel tajjeb, sabiħ u ġust fil-ħolqien u fil-ġens kollu tal-bnedmin.

1360 L-Ewkaristija hi sagrifiċċju ta' radd il-ħajr lill-Missier, barka li biha l-Knisja turi l-ħajr tagħha lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel, għal kulma wettaq bil-ħolqien, bil-fidwa u bit-tqaddis. L-Ewkaristija hi qabelxejn radd ta' ħajr.

[1] San Ġustinu, *Apologia*, 1, 66, 1-2.

1361 L-Ewkaristija hi wkoll sagrifiċċju ta' tifħir, li bih il-Knisja tkanta l-glorja ta' Alla f'isem il-ħolqien kollu. Dan is-sagrifiċċju ta' tifħir jista' jsir biss bi Kristu: hu jgħaqqad lill-fidili mal-persuna tiegħu, mat-tifħir u t-talb tiegħu, b'mod li l-Knisja toffri s-sagrifiċċju ta' tifħir lill-Missier *bi* Kristu u *ma'* Kristu biex jiġi milqugħ *fih.*

IT-TIFKIRA SAGRIFIĊJALI TA' KRISTU U TAL-ĠISEM TIEGĦU, IL-KNISJA

1362 L-Ewkaristija hi t-tifkira tal-Għid ta' Kristu, it-tiġdid u l-offerta sagramentali tas-sagrifiċċju waħdieni tiegħu, fil-liturġija tal-Knisja, li hi l-Ġisem tiegħu. Fit-talbiet ewkaristiċi kollha nsibu, wara l-kliem tal-istituzzjoni, talba msejħa *anamnesi* jew tifkira.

1363 Fil-fehma tal-Kotba Mqaddsa *t-tifkira* mhijiex biss tifkira ta' ġrajjiet tal-imgħoddi, imma tħabbira tal-għeġubijiet li Alla għamel mal-bnedmin.[1] Fiċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' dawn il-ġrajjiet, dawn b'xi mod isiru preżenti u attwali. Hu b'dan il-mod li Israel jifhem il-ħelsien tiegħu mill-Eġittu: kull darba li ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid, dawk li jemmnu jġibu quddiemhom il-ġrajjiet tal-Eżodu biex isawru ħajjithom fuqhom.

1364 It-tifkira tieħu tifsira ġdida fit-Testment il-Ġdid. Meta l-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija, hija tagħmel it-tifkira tal-Għid tal-Mulej, u dan isir preżenti: is-sagrifiċċju li Kristu offra darba għal dejjem fuq is-salib jibqa' dejjem tal-lum.[2] "Kull darba li s-sagrifiċċju tas-salib, li bih Kristu l-Għid tagħna ġie ssagrifikat, jiġi ċċelebrat fuq l-artal, isseħħ l-opra tal-fidwa tagħna".[3]

1365 Għax hi tifkira tal-Għid tal-Mulej, l-Ewkaristija hi wkoll sagrifiċċju. Il-karattru sagrifiċjali tal-Ewkaristija jidher mill-kliem stess tal-istituzzjoni: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" u "Dan il-kalċi hu l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" *(Lq 22,19-20).* Fl-Ewkaristija Kristu jagħti l-istess ġisem li ngħata għalina fuq is-salib, l-istess demm "li xxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" *(Mt 26,28).*

1366 L-Ewkaristija mela hi sagrifiċċju għax tirrippreżenta (tagħmel preżenti) s-sagrifiċċju tas-salib, għaliex hi *t-tifkira* tiegħu u *tagħti* l-frott tiegħu:

> (Kristu), Alla u Sidna, offra darba għal dejjem lilu nnifsu lil Alla l-Missier, meta miet fuq l-artal tas-Salib biex jagħti (lill-bniedem) fidwa għal dejjem. Iżda għaliex is-saċerdozju tiegħu ma kellux jintemm bil-mewt tiegħu *(Lh 7,24-27),* fl-Aħħar Ikla, "fil-lejl li kien ittradut" *(1 Kor 11,23)* ried iħalli lill-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, sagrifiċċju li jidher (kif titlob in-natura stess tal-bnedmin), sagrifiċċju li bih jiġġedded is-sagrifiċċju li seħħ darba għal dejjem bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, ħalli t-tifkira tiegħu tibqa' ssir sal-aħħar taż-żmien *(1 Kor 11,23)* u l-qawwa tiegħu għas-salvazzjoni tingħata għall-maħfra tad-dnubiet li aħna nagħmlu kuljum.[4]

1367 Is-sagrifiċċju ta' Kristu u s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija huma *sagrifiċċju wieħed:* "Il-vittma hi waħda u l-istess, u l-istess hu dak li issa joffri bil-ministeru tas-saċerdoti u offra lilu nnifsu fuq is-salib. Il-mod kif issir l-offerta mhux l-istess". "F'dan is-sagrifiċċju divin li jseħħ fil-Quddiesa, hu l-istess Kristu, li darba

[1] Ara Eż 13,3.
[2] Ara Lh 7,25-27.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 3
[4] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1740.

offra lilu nnifsu bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, li joffri lilu nnifsu bla tixrid tad-demm".[1]

1368 *L-Ewkaristija hi wkoll is-sagrifiċċju tal-Knisja.* Il-Knisja, li hi l-Ġisem ta' Kristu, tissieħeb fl-offerta tar-Ras tagħha. Miegħu, hi tiġi offruta kollha kemm hi. Tissieħeb mal-interċessjoni tiegħu għall-bnedmin kollha quddiem il-Missier. Fl-Ewkaristija, is-sagrifiċċju ta' Kristu jsir ukoll sagrifiċċju tal-membri tal-Ġisem tiegħu. Il-ħajja tal-Insara, it-tifħir, it-tbatijiet, it-talb, u x-xogħol tagħhom jingħaqdu ma' dawk ta' Kristu u mal-offerta sħiħa tiegħu, u hekk jiksbu siwi ġdid.[2] Is-sagrifiċċju ta' Kristu li jseħħ fuq l-artal jagħti lill-ġenerazzjonijiet kollha tal-Insara l-okkażjoni biex jissieħbu mal-offerta tiegħu.

> Fil-katakombi, il-Knisja spiss narawha bħala mara titlob, b'dirgħajha miftuħin, fil-qagħda ta' min jitlob. Bħal Kristu li fetaħ dirgħajh fuq is-Salib, bih, miegħu, u fih, il-Knisja toffri lilha nfisha u titlob għall-bnedmin kollha.

1369 *Il-Knisja kollha tingħaqad mal-offerta u l-interċessjoni ta' Kristu.* Il-*Papa,* mogħti l-ministeru ta' San Pietru fil-Knisja, hu msieħeb f'kull ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fejn ismu jissemma bħala sinjal u qaddej tal-għaqda tal-Knisja kollha. L-*Isqof* tal-post hu dejjem responsabbli tal-Ewkaristija, ukoll jekk jippresiediha *saċerdot;* isem l-isqof jissemma biex ifisser li hu l-president tal-Knisja partikulari, imdawwar bil-presbiterju tiegħu u bl-assistenza tad-*djakni.* Il-komunità kollha wkoll titlob għall-ministri kollha li joffru s-sagrifiċċju ewkaristiku għaliha u magħha:

> Għandha biss titqies skont il-liġi l-Ewkaristija li jippresiediha l-isqof, jew min ikun imqabbad mill-isqof.
>
> Hu permezz tas-saċerdoti li s-sagrifiċċju spiritwali tal-Insara jsir perfett, għax jingħaqad mas-sagrifiċċju ta' Kristu, il-Medjatur waħdieni; dan is-sagrifiċċju jiġi offrut fl-Ewkaristija permezz tas-saċerdoti f'isem il-Knisja kollha, bla tixrid ta' demm u sagramentalment, sa ma jerġa' jiġi l-Mulej innifsu.[3]

1370 Mal-offerta ta' Kristu jingħaqdu mhux biss il-membri tiegħu li għadhom hawn fuq l-art, imma wkoll dawk li ġa qegħdin *fil-glorja tas-smewwiet.* Il-Knisja toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku f'għaqda mal-Verġni mqaddsa Marija, hija u tagħmel it-tifkira tagħha, flimkien ma' dik tal-qaddisin kollha. Fl-Ewkaristija l-Knisja tkun qisha qiegħda ħdejn is-salib ma' Marija f'rabta sħiħa mal-offerta u l-interċessjoni ta' Kristu.

1371 Is-sagrifiċċju ewkaristiku noffruh ukoll għall-*mejtin,* li "mietu fi Kristu u għad mhumiex għalkollox safja mit-tinġis tad-dinja",[4] biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dawl u l-hena ta' Kristu:

> Idfnu dan il-ġisem xi mkien, fejn ikun: tħabblux raskom bih. Ħaġa waħda nitlobkom: tkunu fejn tkunu, ftakru fija fuq l-artal tal-Mulej.[5]
>
> Imbagħad (fl-anafora) nitolbu għall-missirijiet qaddisa u għall-isqfijiet li raqdu (r-raqda tal-mewt) u għal dawk kollha li raqdu qabilna, għax nemmnu li dan it-talb ikun

[1] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1743.
[2] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Smyrnaeos* 8,1.
[3] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 2.
[4] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1741.
[5] Kliem Santa Monika lil Santu Wistin u lil ħuh hija u tmut (ara *Stqarrijiet,* 5.9, 10).

> ta' siwi kbir għall-erwieħ, li għalihom isir dan it-talb waqt li għandna quddiemna l-Vittma qaddisa u tal-biża'... Aħna u noffru lil Alla t-talb għal dawk li raqdu, ukoll jekk kienu midinbin... noffru lil Kristu ssagrifikat għal dnubietna, biex Alla, il-ħabib tal-bnedmin, iħenn għalihom u għalina.[1]

1372 Santu Wistin b'mod tal-għaġeb ġabar fil-qosor dan it-tagħlim li jħeġġiġna biex nissieħbu b'mod dejjem aktar sħiħ fis-sagrifiċċju tal-feddej tagħna li niċċelebraw fl-Ewkaristija:

> Din il-belt, mifdija kollha kemm hi, jiġifieri l-ġemgħa u s-soċjetà tal-qaddisin, toffri lil Alla sagrifiċċju universali permezz tal-Qassis il-Kbir, li f'sura ta' lsir, offra lilu nnifsu għalina fil-passjoni tiegħu, u jagħmilna ġisem ta' Ras tassew kbira... Dan hu s-sagrifiċċju tal-Insara, li huma "ħafna, imma ġisem wieħed fi Kristu" *(Rum 12,5).* Dan is-sagrifiċċju l-Knisja ma tieqaf qatt iġġeddu fis-sagrament tal-artal, sagrifiċċju magħruf sewwa mill-Insara, sagrifiċċju li fih il-Knisja tara lilha nfisha f'dak li toffri.[2]

IL-PREŻENZA TA' KRISTU BIL-QAWWA TAL-KELMA U TAL-ISPIRTU S-SANTU

1373 "Kristu Ġesù, li miet, jew aħjar, qam mill-imwiet, jinsab fil-lemin ta' Alla, hu jidħol għalina" *(Rum 8,34),* hu preżenti f'ħafna suriet fil-Knisja tiegħu:[3] fil-kelma tiegħu, fit-talb tal-Knisja tiegħu, "fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismu" *(Mt 18,20),* fil-foqra, fil-morda, f'dawk li huma fil-ħabs,[4] fis-sagramenti li hu l-awtur tagħhom, fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, fil-persuna tal-ministru. Iżda hu preżenti bl-aqwa mod taħt l-ispeċi ewkaristiċi.[5]

1374 Il-mod tal-preżenza ta' Kristu taħt l-ispeċi ewkaristiċi m'hemmx ieħor bħalu: jgħolli l-Ewkaristija 'l fuq mis-sagramenti l-oħra kollha u jagħmilha "bħala l-perfezzjoni tal-ħajja spiritwali u l-għan li lejh jinġibdu s-sagramenti kollha".[6] Fis-Sagrament imqaddes tal-Ewkaristija hemm *verament, realment u sustanzjalment* il-ġisem u d-demm flimkien mar-ruħ u d-divinità ta' Sidna Ġesù Kristu, u għalhekk hemm *Kristu kollu kemm hu".*[7] "Din il-preżenza nsejħulha 'preżenza reali', mhux għax m'hemmx 'preżenzi reali' oħra, imma għax hi preżenza tassew eċċellenti, għax hi preżenza *sustanzjali,* u biha Kristu, Alla u bniedem, jagħmel lilu nnifsu preżenti kollu kemm hu".[8]

1375 Hu bit-*tibdil* tal-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm ta' Kristu li Kristu jkun preżenti fis-sagrament. Missirijiet il-Knisja, bil-qawwa kollha, stqarru l-fidi tal-Knisja fil-qawwa tal-kelma ta' Kristu u fil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu biex isseħħ din il-bidla. Hekk jitkellem San Ġwann Griżostmu:

> Mhuwiex il-bniedem li jbiddel l-offerti fil-ġisem u d-demm ta' Kristu, imma Kristu stess li ġie msallab għalina. Is-saċerdot, xbieha ta' Kristu, itenni l-kliem, iżda l-qawwa tagħhom u l-grazzja huma ta' Alla. *"Dan hu ġismi",* jgħid. Dan il-kliem ibiddel l-offerti.[9]

U San Ambroġ, dwar dan it-tibdil, jgħid:

---

[1] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses mystagogicae,* 5, 9,10: PG 33 1116B-1117A.
[2] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla,* 10,6.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 48.
[4] Ara Mt 25,31-46.
[5] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 7.
[6] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* 3, 73, 3.
[7] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1651.
[8] Pawlu VI, enċiklika *Mysterium Fidei.,* 30.
[9] San Ġwann Griżostmu, *De proditione Iudae* 1, 6: PG 49, 380C

> Għandna nkunu persważi għalkollox li hawn m'hawnx dak li għamlet in-natura imma dak li ġie kkonsagrat bil-barka, u l-barka għandha qawwa aktar miin-natura, għaliex bil-barka n-natura stess tinbidel... Il-kelma ta' Kristu li tagħmel mix-xejn dak li ma kienx, ma tistax tbiddel dak li hu f'dak li mhuwiex? Mhijiex xi ħaġa inqas tqila tagħti natura ġdida lill-ħlejjaq milli tbiddel in-natura tagħhom? [1]

1376 Il-Konċilju ta' Trento jiġbor fil-qosor il-fidi Kattolika meta jgħid: "Għaliex Kristu, il-Feddej tagħna, qal li dak li offra taħt l-ispeċi tal-ħobż kien tassew ġismu, il-Knisja dejjem kienet żgura, u issa qed itennih dan il-Konċilju, li bil-konsagrazzjoni tal-ħobż u tal-inbid is-sustanza kollha tal-inbid tinbidel fis-sustanza tad-demm ta' Kristu: din il-bidla l-Knisja Kattolika bir-raġun kollu u b'mod eżatt, sejħitilha *transustanzazzjoni*".[2]

1377 Il-preżenza ewkaristika ta' Kristu tibda mill-mument tal-konsagrazzjoni u tibqa' sakemm jibqgħu l-ispeċi ewkaristiċi. Kristu hu kollu tagħhom, hekk li l-qsim tal-ħobż ma jaqsamx lil Kristu.[3]

1378 *Il-qima tal-Ewkaristija.* Fil-liturġija tal-Quddiesa aħna nuru l-fidi tagħna fil-preżenza reali ta' Kristu taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid billi, fost ġesti oħra, ninżlu għarkupptejna, jew inbaxxu rasna sewwa b'sinjal ta' adorazzjoni tal-Mulej. "Il-Knisja Kattolika tat u tibqa' tagħti dan il-kult ta' adorazzjoni li għandu jingħata lill-Ewkaristija mhux biss waqt il-Quddiesa, imma wkoll barra ċ-ċelebrazzjoni tagħha billi tħares b'għożża kbira l-ostji kkonsagrati, meta tippreżentahom lill-Insara biex b'solennità kbira jivvenerawhom, u toħroġ bihom f'purċissjoni".[4]

1379 Għall-ewwel l-Ewkaristija kienet tinżamm fit-tabernaklu mħarsa kif inhu xieraq biex tkun tista' tittieħed lill-morda jew tingħata barra mill-Quddiesa lil dawk li ma jkunux għall-Quddiesa. Bid-dħul aktar fil-fond tal-fidi fil-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija, il-Knisja għarfet it-tifsir ta' adorazzjoni fis-skiet tal-Mulej preżenti taħt l-ispeċi ewkaristiċi. Hu għalhekk li t-tabernaklu jrid jitqiegħed f'post mill-aktar xieraq tal-knisja: irid ikun magħmul b'mod li juri u jsaħħaħ il-verità tal-preżenza reali ta' Kristu fis-sagrament imqaddes tal-artal.

1380 Jaqbel ħafna li Kristu ried ikun preżenti għall-Knisja tiegħu b'dan il-mod uniku. Għaliex Kristu kien se jħalli lil tiegħu u ma kinux se jarawh aktar, ried jagħtina l-preżenza sagramentali tiegħu; għax kien sejjer joffri lilu nnifsu fuq is-salib biex isalvana, ried li aħna jkollna t-tifkira tal-imħabba li biha ħabbna "sal-aħħar" *(Ġw 13,1),* sa ma tana ħajtu stess. Fil-fatt, bil-preżenza reali tiegħu, Kristu jibqa' b'mod misterjuż fostna bħala dak li ħabbna u ta ruħu għalina,[5] u jibqa' taħt taħt l-ispeċi li juruna u jagħtuna din l-imħabba tiegħu:

> Il-Knisja u d-dinja jeħtieġu ħafna l-qima ewkaristika. Ġesù jistenniena f'dan is-sagrament tal-imħabba. Jalla ma niċħdulux iż-żmien li rridu biex immorru niltaqgħu miegħu fl-adorazzjoni u l-kontemplazzjoni, mimlijin bil-fidi u lesti npattu għall-ħtijiet kbar u għad-delitti tad-dinja. Jalla ma tiġi nieqsa qatt l-adorazzjoni tagħna.[6]

1381 "Il-preżenza tal-ġisem veru u tad-demm veru ta' Kristu f'dan is-sagrament bl-ebda mod ma narawha bis-sensi tagħna", jgħid San Tumas, "imma

---

[1] San Ambroġ, *De mysteriis* 9, 50.52: PL 16, 405-406.
[2] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1642.
[3] *Ibid.*, 1641.
[4] Pawlu VI, enċiklika *Mysterium Fidei*, 56.
[5] Ara Gal 2,20.
[6] Ġwanni Pawlu II, ittra appostolika *Dominicae coenae*, 3.

*bil-fidi biss,* li toqgħod fuq l-awtorità ta' Alla". Hu għalhekk li San Ċirillu, meta jikkummenta kliem San Luqa 22,19: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom", jgħid: 'Tistaqsix jekk dan huwiex veru, imma ilqa' bil-fidi kliem il-Mulej għax hu, li hu l-Verità, ma jigdibx":[1]

> Jien nadurak bil-qima, Alla li tinsab
> moħbi hawn quddiemi taħt dawn ix-xbihat;
> lilek qalbi kollha hawn f'riġlejk nagħtik;
> meta naħseb fuqek ħsiebi nitlef fik.
>
> L-għajn, l-idejn, it-togħma lilek ma jħossux;
> iżda biss b'li smajna għala ma nemmnux?
> Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej
> xejn mhu iżjed minnu mill-kliem tal-Feddej.[2]

## VI. L-ikla tal-Għid

1382 Il-Quddiesa hi fl-istess ħin ħaġa waħda mat-tifkira sagrifiċjali li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib u l-ikla mqaddsa tal-għaqda mal-ġisem u d-demm ta' Kristu bit-Tqarbin. Is-sagrifiċċju ewkaristiku kollu kemm hu jrid iġib l-għaqda intima tal-Insara ma' Kristu permezz tat-Tqarbin. Titqarben jiġifieri tirċievi lil Kristu stess li offra lilu nnifsu għalina.

1383 L-*artal,* li madwaru l-Knisja tinġabar għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, juri żewġ aspetti tal-istess misteru: l-artal tas-sagrifċċju u l-mejda tal-Mulej, u dan aktar u aktar għaliex l-artal nisrani hu simbolu ta' Kristu stess, preżenti f'nofs il-ġemgħa tal-Insara, fl-istess waqt vittma offerta għar-rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u ikel tas-sema li jingħata lilna. "X'inhu mela l-artal ta' Kristu jekk mhux ix-xbieha tal-ġisem ta' Kristu?" jgħid San Ambroġ;[3] u band'oħra: "L-artal jirrappreżenta l-ġisem (ta' Kristu) u l-ġisem ta' Kristu hu fuq l-artal".[4] Il-liturġija turi din ir-rabta bejn is-sagrifiċċju u t-Tqarbin f'ħafna talbiet. Il-Knisja ta' Ruma hekk titlob fl-anafora:

> Fiċ-ċokon tagħna nitolbuk, O Alla li tista' kollox, agħmel li l-anġlu qaddis tiegħek iwassalhom quddiem l-artal tiegħek fis-sema, biex aħna lkoll, li nieħdu sehemna mill-artal u nitqarbnu bil-ġisem u d-demm ta' Kristu, nimtlew b'kull barka u grazzja tas-sema.[5]

---

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 3, 75, 1, kwotat mill-Papa Pawlu VI fl-enċiklika *Mysterium fidei* 18: ara San Ċirillu ta' Lixandra, *Commentarius in Lucam,* 22, 19: PG 72, 921B.

[2] Adoro te devote, latens Deitas,
Quae sub his figuris vere latitas,
Tibi se cor meum totum subjicit,
Quia te contemplas totum deficit.

Visus, tactus, gustus in te fallitur,
Sed auditu solo tuto creditur;
Credo quidquid dixit Dei Filius,
Nil hoc verbo veritatis verius.

[3] San Ambroġ, *De sacramentis* 5, 7: PL 16, 447C.

[4] *Ibid.,* 4.7.

[5] Missal Ruman, talba tal-Kanone Ruman: "Supplices te rogamus, omnipotens Deus, iube haec perferri per manus sancti Angeli tui in sublime altare tuum, in conspectu divinae maiestatis tuae ut quotquot ex hac altaris participatione sacrosanctum Filii tui Corpus et Sanguinem sumpserimus, omni benedictione caelesti et gratia repleamur."

“HUDU U KULU LKOLL”: IT-TQARBIN

1384 Il-Mulej jagħmlilna stedina ħerqana biex nirċevuh fis-sagrament tal-Ewkaristija: “Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta’ Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom” *(Ġw 6,53).*

1385 Biex inwieġbu għal din l-istedina, irridu *nħejju ruħna* għal dan il-mument hekk kbir u hekk qaddis. San Pawl iħeġġiġna biex ngħarblu l-kuxjenza tagħna: “Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess” *(1 Kor 11,27-29).* Min ikun jaf li hu ħati ta’ dnub gravi, għandu l-ewwel jirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni qabel jersaq jitqarben.

1386 Quddiem il-kobor ta’ dan is-sagrament, in-Nisrani ma jistax ħlief itenni bl-umiltà kollha u b’fidi mħeġġa kliem iċ-ċenturjun (ara *Mt 8,8): Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa.* U fil-liturġija ta’ San Ġwann Griżostmu l-fidili jitolbu bl-istess spirtu:[1]

> O Iben ta’ Alla, agħtina li nissieħbu llum fl-ikla mistika. Għax jien mhux se ngħarraf il-misteru lill-għedewwa tiegħek u lanqas se nagħtik il-bewsa ta’ Ġuda. Iżda bħall-ħalliel it-tajjeb, ngħidlek: Ftakar fija, Mulej, fis-saltna tiegħek.[2]

1387 Is-sagrifiċċju ta’ Kristu u s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija huma l-istess sagrifiċċju wieħed: il-vittma hija waħda u l-istess, u l-istess hu dak li issa joffri bil-ministeru tas-saċerdoti u li offra lilu nnifsu fuq is-salib; biss il-mod kif issir l-offerta mhux l-istess. Dan is-sagrifiċċju hu tassew sagrifiċċju propizjatorju, ġaladarba f’dan is-sagrifiċċju divin li hu ċċelebrat fil-quddiesa, huwa l-istess Kristu, li darba offra lilu nnifsu bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, li issa joffri lilu nnifsu bla tixrid ta’ demm.[3] L-imġiba minn barra (ġesti, ilbies) trid turi r-rispett, is-solennità, il-ferħ ta’ dan il-mument li fih Kristu jkun qed jistedinna għandu.

1388 Jaqbel mal-istess tifsira tal-Ewkaristija li l-Insara, jekk għandhom id-dispożizzjoni meħtieġa, jitqarbnu meta jieħdu sehem fil-Quddiesa. *“Valde commendatur illa perfectior Missae participatio qua fideles post Communionem sacerdotis ex eodem Sacrificio Corpus Dominicum sumant* –“. “Ta’ min jirrakkomanda dak it-tisħib aktar perfett fil-Quddiesa meta l-Insara, wara t-tqarbin tas-saċerdot, jirċievu ġisem il-Mulej mill-istess sagrifiċċju”.[4]

1389 Il-Knisja tobbliga lill-Insara “jieħdu sehem fil-liturġija mqaddsa fil-Ħdud u l-festi”[5] u jitqarbnu almenu darba fis-sena, jekk jista’ jkun fi żmien il-Għid,[6] wara li jħejju ruħhom bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Iżda l-Knisja tirrakkomanda bil-ħerqa kollha lill-Insara biex jitqarbnu fil-Ħdud u l-festi, u aktar ta’ spiss ukoll, kuljum ukoll.

---

[1] *Domine non sum dignus ut intres sub tectum meum, sed tantum dic verbo et sanabitur anima mea.*

[2] Liturġija ta’ San Ġwann Griżostmu, Fit-tħejjija għat-tqarbin.

[3] Ara CIC kan 919. Konċilju ta’ Trento (1562) *Doctrina de Ss. Missae sacrificio*, c. 2: DS 1743; Ara Heb 9,14.27.

[4] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 55. Ara kan 917 tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika: L-Insara jistgħu jirċievu l-Ewkaristija darbtejn biss fl-istess jum (ara Pontificia Commissio Codici Iuris Canoni authentice interpretando, responsa ad dubia 1 AAS 76 (1984) p.746.

[5] Konċ. Vatikan II, *Orientalium ecclesiarum*, 15.

[6] Ara CIC kan 920.

1390 Għaliex Kristu hu preżenti sagramentalment f'kull waħda miż-żewġ speċi, it-tqarbin bl-ispeċi tal-ħobż biss hu biżżejjed biex wieħed jirċievi l-frott kollu tal-grazzja tal-Ewkaristija. Għal raġunijiet pastorali dan il-mod tat-tqarbin bl-ispeċi biss tal-ħobż sar leġittimament il-mod abitwali tat-Tqarbin fir-rit Latin. "Is-sura tat-Tqarbin biż-żewġ speċi, minħabba s-sinjal tiegħu, hija sura aqwa, għax f'din is-sura s-sinjal tal-ikla ewkaristika jidher wisq aħjar".[1] Hija s-sura abitwali tat-Tqarbin fir-riti tal-Lvant.

IL-FROTT TAT-TQARBIN

1391 *It-Tqarbin ikabbar l-għaqda tagħna ma' Kristu.* It-Tqarbin bħala frott ewlieni tiegħu għandu l-għaqda intima ma' Kristu. Il-Mulej qal: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih" *(Ġw 6,56).* Il-ħajja fi Kristu għandha l-pedament tagħha fl-ikla ewkaristika: "Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija" *(Ġw 6,57)*:

> Fil-festi tal-Mulej, meta l-fidili jirċievu l-ġisem tal-Iben, iħabbru lil xulxin il-Bxara t-Tajba li ngħata r-rahan tal-ħajja, kif l-anġlu ħabbar lil Marija ta' Magdala: "Kristu qam mill-imwiet!" Araw li minn issa stess il-ħajja u l-qawmien mill-imwiet jingħataw lil min irċieva 'l Kristu.[2]

1392 Dak li jagħmel l-ikel materjali fil-ħajja ta' ġisimna, it-Tqarbin jagħmlu b'mod tal-għaġeb fil-ħajja tar-ruħ. It-Tqarbin bil-ġisem ta' Kristu rxoxt, "mogħti l-ħajja mill-Ispirtu s-Santu u jagħti l-ħajja",[3] iħares, ikabbar u jġedded il-ħajja tal-grazzja li ngħatat fil-Magħmudija. Dan il-kobor fil-ħajja nisranija jeħtieġ jitmantna bit-Tqarbin, l-ikel tal-pellegrinaġġ tagħna f'din id-dinja, sal-mument tal-mewt, meta jingħatalna bħala vjatku.

1393 *It-tqarbin jifridna mid-dnub.* Il-ġisem ta' Kristu li nirċievu fit-tqarbin "ngħata għalina", u d-demm li nixorbu "xxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet". Għalhekk l-Ewkaristija ma tistax tgħaqqadna ma' Kristu jekk ma ssaffiniex fl-istess waqt minn dnubietna tal-imgħoddi, u tħarisna mid-dnubiet tal-ġejjieni:

> "Kull darba li nirċevuh, inxandru l-mewt tal-Mulej" *(1 Kor 11,26).* Aħna u nħabbru l-mewt tal-Mulej, inħabbru l-maħfra tad-dnubiet. Jekk kull darba li demmu jixxerred, jixxerred għall-maħfra tad-dnubiet, jien imissni nirċevih dejjem biex dejjem jaħfirli dnubieti. Jien li nidneb dejjem, għandu jkolli duwa dejjem.[4]

1394 Kif l-ikel tal-ġisem jagħti mill-ġdid is-saħħa li tkun naqset, hekk l-Ewkaristija ssaħħaħ l-imħabba li, fil-ħajja ta' kuljum, dejjem tiddgħajjef xi ftit; u *din l-imħabba ħajja tneħħi d-dnubiet venjali.*[5] Huwa u jagħti lilu nnifsu lilna, Kristu jqajjem l-imħabba tagħna u jagħtina l-ħila ninqatgħu mir-rabtiet diżordinati tagħna mal-ħlejjaq u nniżżlu l-għeruq tagħna fih:

> Għaliex Kristu miet għall-imħabba tagħna, kull meta noffru sagrifiċċju b'tifkira tal-mewt tiegħu, aħna nitolbu biex ikollna l-imħabba billi jiġi fina l-Ispirtu s-Santu; dan għaliex aħna, fix-xejn tagħna nitolbu li bil-qawwa tal-imħabba li biha Kristu miet għalina, aħna wkoll nagħrfu li d-dinja hi msallba għalina meta nirċievu l-grazzja tal-

[1] Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 240.
[2] Fanqith, Uffiċċju Siro-Antjokenu, vol.I, Komun, paġ. 237 a.b.
[3] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis*, 5.
[4] San Ambroġ, *De sacramentis* 4, 28: PL 16, 446A.
[5] Ara Konċ ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1683.

Ispirtu s-Santu... u bid-don tal-imħabba li nkunu rċevejna, immutu għad-dnub u ngħixu għal Alla.[1]

1395 Bl-istess imħabba li tiddi fina, l-Ewkaristija *tħarisna mid-dnubiet mejta fil-ġejjieni.* Aktar ma nissieħbu fil-ħajja ta' Kristu, aktar nimxu 'l quddiem fil-ħbiberija miegħu, aktar isir diffiċli għalina niksruha miegħu mid-dnub il-mejjet. L-Ewkaristija ma taħfirx id-dnubiet mejta. Dawn jinħafru bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Hu proprju tal-Ewkaristija li tkun is-sagrament ta' dawk li huma f'għaqda sħiħa mal-Knisja.

1396 *L-għaqda tal-Ġisem mistiku: L-Ewkaristija tagħmel il-Knisja.* Dawk li jitqarbnu jingħaqdu ma' Kristu b'rabta aktar sħiħa. Bl-Ewkaristija, Kristu jgħaqqadhom mal-fidili kollha f'Ġisem wieħed: il-Knisja. It-tqarbin iġedded, iqawwi, isaħħaħ din ir-rabta mal-Knisja li ġa seħħet bil-Magħmudija. Fil-Magħmudija aħna ġejna msejħin biex inkunu Ġisem wieħed.[2] L-Ewkaristija tagħmel li sseħħ din is-sejħa. "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka, mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" *(1 Kor 10,16-17)*:

> Jekk intom il-Ġisem ta' Kristu u membri tiegħu, hu l-misteru tagħkom li jitqiegħed fuq il-mejda tal-Mulej, u intom tirċievu l-misteru tagħkom. Intom twieġbu "Ammen" (Iva! Hekk hu!) għal dak li tirċievu, u dan twettquh bit-tweġiba tagħkom. Int tisma' l-kelmiet: "Il-ġisem ta' Kristu", u twieġbu: "Ammen". Kun mela membru ta' Kristu, biex l-Ammen tiegħek ikun veru.[3]

1397 *L-Ewkaristija timpenjana favur il-foqra.* Biex nirċievu fil-verità l-ġisem u d-demm ta' Kristu, li ngħata għalina, jeħtiġilna naraw lil Kristu fil-ħutu l-foqra:[4]

> Int xrobt mid-demm tal-Mulej, u lanqas tagħraf lil ħuk. Int tnaqqas il-ġieħ ta' din l-istess mejda meta tqis li ma jistħoqqlux jissieħeb miegħek fl-ikel dak li ġie meqjus li jistħoqqlu jiekol minn din il-mejda. Alla ħelsek minn dnubietek kollha. U int, l-istess bħal qabel, ma sirtx aktar ħanin.[5]

1398 *L-Ewkaristija u l-għaqda tal-Insara.* Quddiem il-kobor ta' dan il-misteru, Santu Wistin tenna: "O sagrament ta' tjieba! O sinjal ta' għaqda! O rabta ta' mħabba!".[6] Għalhekk jinħass tassew in-niket tal-firdiet fil-Knisja li ma jħallux lil kulħadd jissieħeb flimkien fil-mejda tal-Mulej. Kemm jeħtieġ isir talb aktar ħerqan biex ifittxu jaslu l-jiem tal-għaqda sħiħa bejniethom ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu.

1399 Il-Knejjes tal-Lvant li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika, jiċċelebraw l-Ewkaristija b'imħabba kbira. "Dawn il-Knejjes, għalkemm mifrudin, għandhom sagramenti veri, l-aktar minħabba s-suċċessjoni appostolika, is-saċerdozju u l-Ewakristija: bihom huma marbutin magħna b'rabta liema bħalha".[7] Għalhekk ċerta għaqda *in sacris* (fil-ħwejjeġ qaddisa), u għalhekk

[1] San Fulġenz ta' Ruspe, *Contra gesta Fabiani* 28, 16-19: CCL 19A, 813-814; ara Liturġija tas-Sigħat, uffiċċju tal-qari tat-Tnejn tat-28 ġimgħa.
[2] Ara 1 Kor 12,13.
[3] Santu Wistin, *Sermones*, 272: PL 38, 1247.
[4] Ara Mt 25,40.
[5] San Ġwann Griżostmu, *Homilia in primum ad Corinthios* 27, 4: PG 69, 229-230.
[6] *O sacramentum pietatis! O signum unitatis! O vinculum caritatis!:* Santu Wistin, *In Evangelium Johannis tractatus* 26, 6, 13; ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 47.
[7] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 15.

għalhekk fl-Ewkaristija, mhux biss hija possibbli, imma wkoll ta' min jirrakkomandaha f'ċerti ċirkostanzi favorevoli, u bl-approvazzjoni tal-awtorità ekkleżjastika".[1]

1400 Il-komunitajiet ekkleżjali li ħarġu mir-Riforma Protestanta, mifrudin mill-Knisja Kattolika "l-aktar minħabba n-nuqqas tas-sagrament tal-Ordni, ma żammewx l-essenza vera u sħiħa tal-Misteru ewkaristiku".[2] Għal din ir-raġuni, għall-Knisja Kattolika ma jistax ikun hemm xi mod ta' għaqda magħhom fl-Ewkaristija. Iżda dawn il-komunitajiet ekkleżjali, "meta jagħmlu t-tifkira tal-mewt u tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet, fl-Ikla mqaddsa huma jkunu jistqarru li l-ħajja tikseb it-tifsir sħiħ tagħha f'għaqda ma' Kristu, huma u jistennew it-tieni miġja tiegħu fil-glorja".[3]

1401 F'każ ta' ħtieġa, li fil-fehma tal-Ordinarju tkun ħtieġa kbira, il-ministru Kattoliku jista' jagħti s-sagrament (Ewkaristija, Penitenza, Dlik tal-morda) lill-Insara mhux Kattoliċi li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika, jekk jitolbuhom huma minn rajhom. Iżda f'dan il-każ iridu juru li jistqarru l-fidi Kattolika dwar dawn is-sagramenti u li għandhom id-dispożizzjonijiet meħtieġa.[4]

meħtieġa.[4]

## VII. L-Ewkaristija – "Rahan tal-Ħajja ta' dejjem"

1402 F'talba antika, il-Knisja ssellem lill-misteru tal-Ewkaristija b'dan il-kliem: "O mejda mqaddsa li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, issir it-tifkira tal-passjoni tiegħu, ir-ruħ timtela bil-grazzja, u lilna jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem".[5] Jekk l-Ewkaristija hija t-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jekk bit-tisħib tagħna fl-artal tal-Mulej aħna "nimtlew b'kull barka u grazzja tas-sema",[6] l-Ewkaristija hi hi wkoll għalina tħabbira tal-glorja tas-sema.

1403 Waqt l-Aħħar Ikla l-Mulej innifsu għarraf lid-dixxipli tiegħu li l-Għid jilħaq il-milja tiegħu fis-saltna ta' Alla: "Ngħidilkom li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob l-inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri".[7] Kull darba li l-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija, tiftakar f'din il-wegħda u ħsiebha jmur "f'Dak li għad irid jiġi" *(Apok 1,4).* Fit-talb tagħha, il-Knisja ssejjaħlu, hija u tgħid: "Maranatha" *(1 Kor 16,22),* "Ejja, Mulej Ġesù" *(Apok 22,20),* "Jalla tiġi l-grazzja tiegħek u tgħaddi din id-dinja".[8]

1404 Il-Knisja taf li sa minn issa l-Mulej jiġi fl-Ewkaristija tiegħu, u qiegħed hemm f'nofsna. Iżda din il-preżenza tiegħu hi moħbija. Hu għalhekk li aħna niċċelebraw l-Ewkaristija "aħna u nistennew u nittamaw l-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu",[9] u nitolbu biex idaħħalna fis-saltna tiegħu "biex ilkoll flimkien nitgħaxxqu għal dejjem bis-sebħ tiegħu, fejn hu jixxotta kull

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 15; ara CIC kan 844 §3.
[2] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 22.
[3] *Ibid.*
[4] Ara CIC kan844 §3.
[5] *O sacrum convivium in quo Christus sumitur, recolitur memoria passionis eius, mens impleturgratia et futurae gloriae nobis pignus datur.*
[6] Missal Ruman, talba mill-Kanone Ruman: "Fiċ-ċokon tagħna......(*Supplices te rogamus.....).*
[7] Mt 26,29; ara Lq 22,18; Mk 14,25.
[8] *Didake*, 10, 6.
[9] *Expectantes beatam spem et adventum Salvatoris nostri Jesu Christi:* emboliżmu ta' wara l-"Missierna" – ara Tit 2,13.

demgħa minn għajnejna, u hemm narawh, Alla tagħna, kif inhu fih innifsu, u hemm insiru nixbhuh għal dejjem, u għal dejjem infaħħruh".[1]

1405 Ta' din it-tama kbira, dik tas-smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja[2] ma għandniex rahan aqwa, sinjal aktar ċar mill-Ewkaristija. Dan għaliex kull darba li aħna niċċelebraw dan il-misteru "sseħħ l-opra tal-fidwa tagħna"[3] u aħna "naqsmu ħobża li hija duwa tal-immortalità, rimedju kontra l-mewt, u ikel għall-ħajja ta' dejjem f'Ġesù Kristu".[4]

## Fil-qosor

1406 *Ġesù qal: "Jiena hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema! Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem... Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem... u jibqa' fija u jiena fih"* (Ġw 6,51.54.56).

1407 *L-Ewkaristija hi l-qalba u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja għax fiha Kristu jsieħeb il-Knisja u l-membri kollha tiegħu fis-sagrifiċċju ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li offra darba għal dejjem fuq is-salib lil Missieru: b'dan is-sagrifiċċju hu jxerred il-grazzji tas-salvazzjoni fuq Ġismu, li hi l-Knisja.*

1408 *Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika għandha dejjem: it-tħabbira tal-kelma ta' Alla; ir-radd ta' ħajr lil Alla l-Missier għall-ġid kollu li jagħtina, u l-aktar għad-don ta' Ibnu stess; il-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid; u t-tisħib fl-ikla liturġika bit-tqarbin bil-ġisem u d-demm tal-Mulej. Dawn l-elementi kollha jagħmlu wieħed u l-istess att ta' kult.*

1409 *L-Ewkaristija hi t-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri l-opra tal-fidwa li ssir preżenti permezz tal-ħajja, bil-mewt u bil-qawmien ta' Kristu, opra li terġa' sseħħ permezz tal-azzjoni liturġika.*

1410 *Hu Kristu nnifsu, il-Qassis il-Kbir u ta' dejjem tal-Patt il-Ġdid, li permezz tal-ministeru tas-saċerdoti, joffri s-sagrifiċċju ewkaristiku. U hu wkoll l-istess Kristu, realment preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid, li hu l-offerta tas-sagrifiċċju ewkaristiku.*

1411 *Is-saċerdoti biss li ġew ordnati validament jistgħu jippresiedu l-Ewkaristija u jikkonsagraw il-ħobż u l-inbid biex isiru l-ġisem u d-demm tal-Mulej.*

1412 *Is-sinjali essenzjali tas-sagrament ewkaristiku hu l-ħobż mid-dqiq tal-qamħ u l-inbid mill-għeneb tad-dielja, li fuqhom tintalab il-barka tal-Ispirtu s-Santu u s-saċerdot itenni l-kliem tal-konsagrazzjoni li qal Kristu fl-Aħħar Ikla: "Dan hu ġismi li ngħata għalikom... Dan hu l-kalċi ta' demmi..."*

1413 *Permezz tal-konsagrazzjoni sseħħ it-transustanzazzjoni tal-ħobż u tal-inbid fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. Taħt l-ispeċi kkonsagrati tal-ħobż u tal-inbid,*

[1] Missal Ruman, Talba ewkaristika III, Talba għall-mejtin.
[2] Ara 2 Piet 3,13.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 3.
[4] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Ephesos*, 20, 2.

*Kristu nnifsu kollu kemm hu, ħaj u glorjuż, hu preżenti, verament, realment u sustanzjalment, b'ġismu, b'demmu, b'ruħu u bid-divinità tiegħu.*[1]

1414 *L-Ewkaristija, bħala sagrifiċċju, hi wkoll offerta ta' tpattija għad-dnubiet tal-ħajjin u tal-mejtin, u offerta wkoll biex niksbu mingħand Alla kull ġid spiritwali u temporali.*

1415 *Min irid jirċievi 'l Kristu fit-Tqarbin irid ikun fil-grazzja ta' Alla. Min iħoss li għamel xi dnub mejjet, ma għandux jitqarben mingħajr ma jkun irċieva l-assoluzzjoni qabel fis-sagrament tal-Penitenza.*

1416 *It-Tqarbina bil-ġisem u d-demm ta' Kristu tgħaqqad aktar ma' Kristu lil min jitqarben, taħfirlu d-dnubiet venjali, u tħarsu mid-dnubiet gravi. U għaliex ir-rabtiet ta' mħabba bejn min jitqarben u Kristu jissaħħu, it-Tqarbin isaħħaħ l-għaqda tal-Knisja, il-Ġisem mistiku ta' Kristu.*

1417 *Il-Knisja tirrikkmanda bil-qawwa kollha lill-Insara biex jitqarbnu meta jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija; iżda tobbligahom biss li jitqarbnu darba fis-sena.*

1418 *Għaliex Kristu stess hu preżenti fis-Sagrament tal-artal, għandu jiġi meqjum b'kult ta' adorazzjoni. "Iż-żjara lis-Sagrament imqaddes hi prova ta' ħajr, sinjal ta' mħabba, u dmir ta' adorazzjoni lejn Kristu Sidna".*[2]

1419 *Kristu, li għadda minn din id-dinja għal għand il-Missier, fl-Ewkaristija jagħtina rahan tal-glorja miegħu. It-tisħib fis-sagrifiċċju mqaddes jagħmilna ħaġa waħda ma' Qalbu, iwettaqna fil-mixi tagħna f'din id-dinja, jagħmilna nixtiequ l-ħajja ta' dejjem, u jgħaqqadna minn issa mal-Knisja tas-sema, mal-Verġni Marija u mal-Qaddisin kollha.*

## IT-TIENI KAPITLU

# IS-SAGRAMENTI TAL-FEJQAN

1420 Bis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, il-bniedem jieħu l-ħajja ġdida fi Kristu. Issa, din il-ħajja aħna nġorruha "f'ġarar tal-fuħħar" *(2 Kor 4,7).* Għalissa għadha "moħbija ma' Kristu f'Alla" *(Kol 3,3).* Għadna "fl-għamara tagħna fl-art" *(2 Kor 5,1),* imġarrbin mit-tbatija, il-mard u l-mewt. Din il-ħajja ġdida ta' wlied Alla tista' tiddgħajjef u tintilef ukoll permezz tad-dnub.

1421 Il-Mulej Ġesù Kristu, it-tabib ta' ruħna u ta' ġisimna, li ħafer id-dnubiet tal-mifluġ u tah is-saħħa ta' ġismu,[3] ried li l-Knisja tiegħu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, tkompli l-ħidma tiegħu ta' fejqan u ta' salvazzjoni wkoll mal-membri tal-

[1] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1640; 1651.
[2] Pawlu VI, enċiklika *Mysterium fidei.*
[3] Ara Mk 2,1-12.

Ġisem tiegħu. Dan hu l-għan taż-żewġ sagramenti tal-fejqan: is-sagrament tal-penitenza u d-dlik tal-morda.

**Ir-raba' artiklu**

# IS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA U TAR-RIKONĊILJAZZJONI

1422 "Dawk li jersqu għas-sagrament tal-Penitenza jirċievu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra għall-offiżi li jkunu għamlulu u minnufih jiġu rikonċiljati wkoll mal-Knisja li huma jkunu darbu bi dnubiethom, u li, permezz tal-imħabba, tal-eżempju tajjeb, u tat-talb, tħabrek għall-konverżjoni tagħhom".[1]

## 1. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1423 Dan is-sagrament jissejjaħ *Sagrament tal-indiema* għaliex jagħmel li sseħħ sagramentalment l-istedina ta' Ġesù għall-indiema,[2] u l-mixi lura għand il-Missier[3] li minnu wieħed ikun tbiegħed bid-dnub.

Jissejjaħ *sagrament tal-Penitenza* għax jikkonsagra l-mixja personali u ekkleżjali ta' konverżjoni, indiema u tpattija tan-Nisrani midneb.

1424 Jissejjaħ *sagrament tal-qrar* għaliex il-qrara tad-dnubiet lis-saċerdot hi element essenzjali ta' dan is-sagrament. Fit-tifsir aktar għoli tiegħu dan is-sagrament hu wkoll "stqarrija", ħajr u tifħir tal-qdusija ta' Alla u tal-ħniena tiegħu għall-bniedem midneb.

Jissejjaħ ukoll *sagrament tal-maħfra* għaliex permezz tal-assoluzzjoni sagramentali tas-saċerdot, Alla jagħti lill-penitent "maħfra u sliem".[4]

Jissejjaħ ukoll *sagrament ta' Rikonċiljazzjoni* għax jagħti lill-penitent l-imħabba ta' Alla li jħabbu mill-ġdid miegħu. "Agħmlu ħbieb ma' Alla" *(2 Kor 5,20).* Min jgħix bl-imħabba kollha ħniena ta' Alla, dejjem lest iwieġeb għall-istedina tal-Mulej: "Mur l-ewwel irranġa ma' ħuk" *(Mt 5,24).*

## II. Għalfejn sagrament ta' rikonċiljazzjoni wara l-Magħmudija?

1425 "Tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna" *(1 Kor 6,11).* Irridu nagħrfu sewwa x'kobor ta' don Alla tana permezz tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija biex nifhmu kemm id-dnub hu ħaġa li ma għandhiex tkun għal min "libes 'il Kristu" *(Gal 3,27).* Iżda l-Appostlu San Ġwann jgħid ukoll: "Jekk ngħidu li ma għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina" *(1 Ġw 1,8).* U l-Mulej stess

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 11.
[2] Ara Mk 1,15.
[3] Ara Lq 15,18.
[4] Ordni għall-Penitenza, formula tal-assoluzzjoni.

għallimna nitolbu: "Aħfrilna dnubietna" *(Lq 11,4),* waqt li rabat il-maħfra li nagħtu lil xulxin għal ħtijietna mal-maħfra li Alla jagħtina għal dnubietna.

1426 *Il-konverżjoni* lejn Kristu, it-twelid ġdid fil-Magħmudija, id-don tal-Ispirtu s-Santu, il-ġisem u d-demm ta' Kristu li nirċievu bħala ikel u xorb għal ruħna "jagħmluna qaddisa u bla tebgħa quddiem Alla" *(Ef 1,4),* bħalma l-Knisja stess, l-Għarusa ta' Kristu, hi "qaddisa u bla tebgħa quddiemu" *(Ef 5,27).* Iżda l-ħajja ġdida li rċevejna bid-dħul tagħna fil-ħajja nisranija ma neħħietx il-fraġilità u d-dgħufija tan-natura tagħna, u lanqas il-ġibda lejn id-dnub li t-tradizzjoni ssejjaħ *konkupixxenza,* li tibqa' fl-imgħammdin biex joħorġu rebbieħa fil-provi tagħhom fil-ġlieda tal-ħajja nisranija, megħjunin bil-grazzja ta' Kristu.[1] Din il-ġlieda hija dik tal-*konverżjoni* ħa tinkiseb il-qdusija u l-ħajja ta' dejjem li l-Mulej qatt ma jieqaf isejħilna għalihom.[2]

## III. Il-konverżjoni tal-imgħammdin

1427 Ġesù jsejħilna għall-indiema. Din is-sejħa hi parti essenzjali mit-tħabbira tas-Saltna: "Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" *(Mk 1,15).* Din l-istedina, fil-predikazzjoni tal-Knisja, issir l-ewwel lil dawk li għad ma jafux bi Kristu u l-Evanġelju tiegħu. Il-Magħmudija mbagħad hi l-ewwel post, u l-post fundamentali tal-konverżjoni. Hu permezz tal-fidi fil-Bxara t-Tajba u permezz tal-Magħmudija[3] li niċħdu l-ħażen u niksbu s-salvazzjoni, jiġifieri l-maħfra ta' dnubietna kollha u d-don tal-ħajja ġdida.

1428 Issa, is-sejħa ta' Kristu għall-konverżjoni tibqa' tiġi mtennija tul il-ħajja tan-Nisrani. Din *it-tieni konverżjoni* hi dmir li ma jintemm qatt għall-Knisja kollha, li "fi ħdanha għandha l-midinbin" u hi għalhekk "fl-istess ħin qaddisa u msejħa biex tissaffa u bla heda tħabrek għall-indiema u t-tiġdid".[4] Dan it-tħabrik għall-konverżjoni mhuwiex biss ħidma tal-bniedem. Hu ċ-ċaqliq ta' "qalb niedma" *(Salm 51,19),* miġbuda u mbuttata mill-grazzja[5] biex twieġeb għall-imħabba kollha ħniena ta' Alla li ħabbna qabel stess ħabbejnieh aħna.[6]

1429 Ta' dan hi xhieda l-konverżjoni ta' San Pietru wara li kien ċaħad lill-Imgħallem tiegħu għal tliet darbiet. Il-ħarsa kollha ħniena ta' Ġesù wasslitu biex ixerred dmugħ ta' ndiema *(Lq 22,61)* u, wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, wasslitu biex jistqarr għal tliet darbiet l-imħabba tiegħu għal Kristu.[7] It-tieni konverżjoni għandha wkoll dimensjoni *komunitarja.* Dan jidher mill-istedina tal-Mulej lill-Knisja kollha: "Indem!" *(Apok 2,5.16)*

> San Ambroġ dwar dawn iż-żewġ konverżjonijiet jgħid li fil-Knisja "hemm l-ilma u d-dmugħ: l-ilma tal-Magħmudija u d-dmugħ tal-Penitenza".[8]

---

[1] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1515.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1545; Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 40.
[3] Ara Atti 2,38.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[5] Ara Ġw 6,44; 12,32.
[6] Ara 1 Ġw 4,10.
[7] Ara Ġw 21,15-17.
[8] San Ambroġ, *Epistulae,* 41, 12: PL 16, 1116B.

## IV. Il-penitenza ġewwinija

1430 Kif ġara fi żmien il-profeti, l-istedina ta' Ġesù għall-indiema u għall-penitenza, fil-bidu ma kinitx tintwera b'għemil minn barra, *in cinere et cilicio* (bl-irmied u ċ-ċilizju), bis-sawm u t-tgħakkis, imma *bil-konverżjoni tal-qalb u l-pentenza ġewwinija.* Mingħajrha, l-għemejjel kollha tal-penitenza li nagħmlu ma jkollhomx frott u jkunu gidba, waqt li l-konverżjoni fir-ruħ minn ġewwa, tfittex li turi ruħha minn barra permezz ta' sinjali li jidhru, ta' ġesti u ta' għemil ta' penitenza.[1]

1431 Il-penitenza fir-ruħ, ġewwinija, hi bidla radikali fis-sura kollha tal-ħajja: induru lejn Alla, nerġgħu lura għandu b'qalbna kollha, nieqfu mid-dnub, inwarrbu l-ħażen bi stmerrija għal kull għemil ħażin li nkunu għamilna. Fl-istess ħin dan ifisser ukoll xewqa u fehma soda li nbiddlu ħajjitna bit-tama li Alla jħenn għalina u b'fiduċja sħiħa fl-għajnuna tal-grazzja tiegħu. Din il-konverżjoni tal-qalb hi msieħba ma' sogħba u niket li jkunu tassew ta' ġid, sogħba u dieqa li Missirijiet il-Knisja sejħulhom *animi cruciatus* (dieqa kbira fir-ruħ), *compunctio cordis* (qsim il-qalb).[2]

1432 Il-qalb tal-bniedem hi tqila u iebsa, hi qalb tal-ġebel. Jeħtieġ li Alla jagħti lill-bniedem qalb ġdida.[3] Il-konverżjoni hi qabel kollox ħidma tal-grazzja ta' Alla li ddawrilna qlubna lejh: "Reġġagħna lejk, Mulej, u nerġgħu lura" *(Lam 5,21).* Alla jagħtina l-qawwa biex nibdew mill-ġdid. Hu meta nintebħu bil-kobor tal-imħabba ta' Alla, li qalbna titqanqal quddiem il-kruha u t-toqol tad-dnub u tibda tibża' toffendi lil Alla permezz tad-dnub u hekk tinfired minnu. Il-qalb tal-bniedem tinbidel meta tħares lejn dak li ġie msallab minn dnubietna:[4]

> B'għajnejna fissi fuq id-demm ta' Kristu, ejjew nifhmu kemm hu għażiż għal Alla Missieru; għaliex imxerred għas-salvazzjoni tagħna, ġieb għad-dinja kollha l-grazzja tal-indiema.[5]

1433 Wara l-Għid, hu l-Ispirtu s-Santu li juri lid-dinja li "għandha żball dwar id-dnub" *(Ġw 16,8-9),* għax ma emmnitx f'dak li l-Missier bagħat. Iżda hu l-istess Spirtu li jikxef id-dnub, hu d-Difensur[6] li jagħti lill-qalb tal-bniedem il-grazzja tal-tal-indiema u l-konverżjoni.[7]

## V. Il-ħafna suriet ta' penitenza fil-ħajja nisranija

1434 Il-penitenza fir-ruħ, ġewwinija, tan-Nisrani tista' tintwera b'ħafna manjieri. L-Iskrittura u Missirijiet il-Knisja jinsistu l-aktar fuq tliet manjieri: *is-sawm, it-talb u l-karità:*[8] dawn dawn ifissru li wieħed inbidel, ikkonverta, fir-relazzjonijiet miegħu nnifsu, fir-relazzjonijiet ma' Alla u fir-relazzjonijiet ma' għajru. Flimkien mat-tisfija radikali li sseħħ bil-Magħmudija u bil-martirju, isemmu, bħala mezz biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet, l-isforzi li wieħed jagħmel biex

---

[1] Ara Ġoel 2,12-13; Is 1,16-17; Mt 6,1-6.16-18.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1676-1678; 1705; *Catechismus Romanus*, 2, 5, 4.
[3] Ara Eżek 36,26-27.
[4] Ara Ġw 19,37; Żak 12,10.
[5] San Klement ta' Ruma, *Epistula ad Corinthios* 7, 4.
[6] Ara Ġw 15,26.
[7] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Dominum et Vivificantem*, 27-48. Ara Atti 2,36-38.
[8] Ara Tob 12,8; Mt 6,1-18.

jerġa' jinħabb ma' għajru, id-dmugħ tas-sogħba, il-ħerqa għas-salvazzjoni tal-oħrajn,[1] it-talb tal-qaddisin, u l-imħabba bil-fatti għax "l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet" *(1 Piet 4,8).*

1435 il-konverżjoni sseħħ fil-ħajja ta' kuljum permezz ta' ġesti ta' rikonċiljazzjoni, ta' ħerqa għall-foqra, tat-tħaddim u tal-ħarsien tal-ġustizzja u tad-dritt,[2] bl-istqarrija tal-ħtijiet magħmula lill-aħwa, bil-korrezzjoni fraterna, bir-reviżjoni tal-ħajja, bl-eżami tal-kuxjenza, bid-direzzjoni spiritwali, bl-aċċettazzjoni tat-tbatija, bis-sabar fil-persekuzzjoni minħabba l-ġustizzja. Terfa' salibek kuljum u tmur wara Ġesù hi t-triq l-aktar żgura tal-penitenza.[3]

1436 *Ewkaristija u penitenza.* Il-konverżjoni u l-penitenza ta' kuljum għandhom il-bidu u l-manteniment tagħhom fl-Ewkaristija, għaliex fiha jseħħ is-sagrifiċċju ta' Kristu li bih reġa ħabbibna ma' Alla; jitmantnu u jissaħħu biha dawk li jgħixu l-ħajja ta' Kristu: l-Ewkaristija "hi r-rimedju li teħlisna mill-ħtijiet ta' kuljum u tħarisna mid-dnubiet mejta".[4]

1437 Il-qari tal-Kotba Mqaddsa, it-talba tal-Liturġija tas-Sigħat u t-talba tal-Missierna, kull għemil ta' qima u ta' tjieba li joħroġ mill-qalb iqawwi fina l-ispirtu tal-konverżjoni u tal-penitenza u jgħin għall-maħfra ta' dnubietna.

1438 *Iż-żminijiet u l-jiem ta' penitenza* tul is-sena liturġika (ir-Randan u kull Ġimgħa b'tifkira tal-mewt tal-Mulej) huma mumenti qawwija fil-prattika penitenzjali tal-Knisja.[5]

1439 *Il-mixja tal-indiema u tal-penitenza* ġiet imfissra b'mod tassew tal-għaġeb minn Ġesù permezz tal-parabbola tal-iben il-ħali, li bħala qofol tagħha għandha "l-missier kollu ħniena għal ibnu l-ħali" *(Lq 15,11-24):* is-seher ta' libertà qarrieqa, it-tluq mid-dar ta' missieru, il-miżerja kbira li sab ruħu fiha l-iben wara li berbaq ġidu kollu, l-umiljazzjoni kbira li kellu jġarrab jirgħa l-qżieqeż u wisq aktar dik tax-xewqa li jtaffi l-ġuħ bil-ħarrub li kienu jieklu l-qżieqeż; il-ħsieb tal-ġid li tilef, l-indiema u l-fehma li jistqarr li hu ħati quddiem missieru, it-triq lura, il-laqgħa bil-qalb ta' missieru; dawn kollha huma l-passi proprji tal-mixja tal-konverżjoni. Il-libsa sabiħa, iċ-ċurkett, il-festa huma s-simboli tal-ħajja ġdida, safja, xierqa, kollha ferħ, tal-ħajja tal-bniedem li jerġa' lura għand Alla u lura fi ħdan il-familja tiegħu li hi l-Knisja. Kristu biss, li kien jaf l-għoli u l-fond tal-imħabba tal-Missier, seta' jurina l-kobor tal-ħniena ta' Alla b'mod hekk sempliċi u hekk sabiħ.

## VI. Is-Sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni

1440 Id-dnub hu qabelxejn offiża lil Alla, ksur tar-rabta tagħna miegħu. Fl-istess waqt, id-dnub jolqot ukoll ix-xirka tal-Knisja. Għalhekk il-konverżjoni ġġib fl-istess waqt il-maħfra ta' Alla u r-rikonċiljazzjoni mal-Knisja li tiġi mfissra u sseħħ liturġikament bis-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni.[6]

ALLA BISS JAHFER ID-DNUBIET

1441 Alla biss jaħfer id-dnubiet.[7] Għaliex Ġesù hu l-Iben ta' Alla, qal għalih innifsu: "Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art" *(Mk 2,10)* u għamel użu minn din is-setgħa tiegħu ta' Alla: "Dnubietek maħfura!" *(Mk 2,5; Lq*

[1] Ara Ġak 5,20.
[2] Ara Għam 5,24; Is 1,17.
[3] Ara Lq 9,23.
[4] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1437.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 109-110; CIC kan 1249-2253; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 880-883.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[7] Ara Mk 2,7.

*7,48).* Anzi, minħabba l-awtorità tiegħu ta' Alla, hu jagħti din is-setgħa lill-bnedmin[1] biex jużawha f'ismu.

1442 Kristu ried li l-Knisja tiegħu kollha kemm hi, bit-talb, bil-ħajja u bl-għemil tagħha tkun sinjal u strument tal-maħfra u tar-rikonċiljazjoni li kisbilna bil-prezz ta' demmu. Iżda ried jafda t-tħaddim tas-setgħa tal-assoluzzjoni lil ministeru appostoliku. Ġie fdat lilu "l-ministeru ta' din il-ħbiberija" *(2 Kor 5,18).* L-appostlu jintbagħat "f'isem Kristu" u huwa "Alla nnifsu" li, permezz tiegħu, iħeġġeġ u jitlob: "Agħmlu ħbieb ma' Alla" *(2 Kor 5,20).*

RIKONĊILJAZZJONI MAL-KNISJA

1443 Tul il-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù mhux biss ħafer id-dnubiet iżda wera wkoll l-effett ta' din il-maħfra: daħħal mill-ġdid il-midinbin li qalgħu l-maħfra fil-komunità tal-poplu ta' Alla, li d-dnub kien begħedhom jew saħansitra warrabhom minnha. Sinjal tassew tal-għaġeb hu l-fatt li Ġesù jilqa' l-midinbin għall-mejda tiegħu, anzi joqgħod għall-mejda magħhom, ħaġa li b'mod tassew iħawwad u jfixkel iżda fl-istess waqt juri sew il-maħfra ta' Alla[2] u sew id-dħul mill-ġdid tal-midneb fi ħdan il-poplu ta' Alla.[3]

1444 Meta lill-Appostli tahom sehem mis-setgħa tiegħu li jaħfru d-dnubiet, il-Mulej Ġesù tahom ukoll l-awtorità li jħabbu mill-ġdid mal-Knisja. Din id-dimensjoni ekkleżjali ta' dan l-uffiċċju tidher l-aktar fil-kliem solenni ta' Kristu lil San Pietru: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" *(Mt 16,19).* Dan l-istess uffiċċju li jorbot u jħoll li ngħata lil San Pietru, ingħata wkoll lill-kulleġġ tal-Appostli, magħqudin mal-kap tagħhom".[4]

1445 Il-kelmiet *torbot u tħoll* ifissru: dak li intom twarrbu mill-għaqda tagħkom, ikun imwarrab ukoll mill-għaqda ma' Alla; dak li intom tilqgħu mill-ġdid fl-għaqda tagħkom, Alla wkoll jilqgħu mill-ġdid fl-għaqda miegħu. *Ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja ma tistax tinfired mir-rikonċiljazzjoni ma' Alla.*

IS-SAGRAMENT TAL-MAĦFRA

1446 Kristu waqqaf is-sagrament tal-Penitenza għall-membri kollha midinbin tal-Knisja tiegħu u, qabelxejn, għal dawk li wara l-Magħmudija waqgħu fi dnub gravi u hekk tilfu l-grazzja tal-Magħmudija u darbu u ġerrħu x-xirka tal-Knisja. Hu lil dawn li s-sagrament tal-Penitenza joffri okkażjoni oħra ta' ndiema biex jerġa' jkollhom il-grazzja tal-ġustifikazzjoni. Missirijiet il-Knisja jxebbhu dan is-sagrament ma' "tavla oħra (ta' salvazzjoni) wara l-għarqa li hi t-telf tal-grazzja".[5]

grazzja".[5]

1447 Tul iż-żminijiet, is-sura li biha fil-fatt il-Knisja ħaddmet is-setgħa li rċeviet mingħand il-Mulej, varjat ħafna. Fl-ewwel sekli, ir-rikonċiljazzjoni tal-Insara li jkunu għamlu xi dnubiet tassew gravi wara l-Magħmudija (bħalma huma l-idolatrija, l-omiċidju jew l-adulterju) kienet marbuta ma' dixxiplina ta' ebbusija liema bħalha: din id-dixxiplina kienet titlob li dawn il-

[1] Ara Ġw 20,21-23.
[2] Ara Lq 15.
[3] Ara Lq 19,9.
[4] Mt 18,18; 28,16-20. *Ibid.*, 22.
[5] Tertulljan, *De poenitentia*, 4,2; ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1542.

midinbin jagħmlu pubblikament penitenza għall-dnubiethom, penitenza li kienet spiss iddum ħafna snin qabel ma jirċievu l-assoluzzjoni. Il-midinbin ma tantx kienu jidħlu malajr f'dan "l-ordni tal-penitenti" (li kien biss għal ċerti dnubiet gravi), u f'xi postijiet, dan kien jingħatalhom darba biss f'ħajjithom. Mis-seba' seklu 'l hawn, ispirati mit-tradizzjoni monastika tal-Lvant, l-irħieb Irlandiżi xerrdu mal-Ewropa l-penitenza "privata", li ma kinitx titlob għemejjel ta' penitenza magħmulin pubblikament u għal żmien twil qabel ma wieħed jiġi rikonċiljat mal-Knisja. Minn dak iż-żmien is-sagrament baqa' jiġi ċċelebrat b'manjiera aktar sigrieta bejn il-penitent u s-saċerdot. Din id-drawwa ġdida kienet tissopponi li s-sagrament jista' jiġi mtenni, u hekk fetħet it-triq biex l-Insara jersqu regolarment għas-sagrament tal-Penitenza. Din id-drawwa ppermettiet li f'ċelebrazzjoni sagramentali waħda tingħata l-maħfra kemm għad-dnubiet mejta u kemm għad-dnubiet venjali. Hu f'din is-sura, li fissirna fuq fuq, li l-Knisja baqgħet tiċċelebra s-sagrament tal-Penitenza sa żmienna.

1448 Minkejja t-tibdil kollu li sar tul iż-żminijiet fid-dixxiplina u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament, *l-istruttura fundamentali* baqgħet dejjem l-istess. Fiha naraw żewġ elementi essenzjali: min-naħa għandna l-għemejjel tal-bniedem li jindem u jikkonverti, imqanqal mill-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, u dawn l-għemejjel huma s-sogħba, il-qrara u t-tewba (il-penitenza); u min-naħa l-oħra hemm il-ħidma ta' Alla permezz tal-Knisja. Il-Knisja li, permezz tal-isqof u tas-saċerdoti tiegħu, tagħti f'isem Ġesù Kristu l-maħfra tad-dnubiet, tgħid b'liema mod għandha ssir it-tewba, titlob ukoll għall-midneb u tagħmel penitenza miegħu. B'dan il-mod il-midneb jiġi mfejjaq u mdaħħal mill-ġdid fl-għaqda tal-Knisja.

1449 Il-formola tal-assoluzzjoni li tintuża fil-Knisja Latina turi liema huma l-elementi neċessarji ta' dan is-sagrament: Missier il-ħniena hu l-għajn ta' kull maħfra: iħabbeb mill-ġdid miegħu l-midinbin bl-Għid ta' Ibnu u d-don tal-Ispirtu s-Santu, permezz tat-talb u tal-ministeru tal-Knisja:

> Alla, Missier il-ħniena, bil-mewt u l-qawmien ta' Ibnu għall-ħajja, ħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu u sawwab fuqha l-Ispirtu qaddis tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet. Hu, bil-ministeru tal-Knisja, jaħfirlek u jagħtik is-sliem. U jien naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

## VII. L-Għemejjel tal-Penitent

1450 *"Poenitentia cogit peccatorem omnia libenter sufferre: in corde eius contritio, in ore confessio, in opere tota humilitas vel fructifera satisfactio"* – "Il-penitenza ġġiegħel lill-midneb joqgħod għalkollox minn rajh: f'qalbu s-sogħba, il-qrara fuq fommu, u f'għemilu umiltà kbira jew tpattija li tagħti frott".[1]

IS-SOGĦBA

1451 Is-sogħba hi l-ewwel att li jrid jagħmel il-penitent. Hi "n-niket tar-ruħ u l-istmerrija tad-dnub flimkien mal-fehma li ma jidneb qatt u qatt iżjed".[2]

1452 Meta din is-sogħba tkun imqanqla mill-imħabba għal Alla, maħbub fuq kollox u qabel kollox, tkun sogħba "perfetta" (*contritio*, sogħba ta' mħabba). Din

[1] *Catechismus Romanus*, 2, 4, 21; ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1673.
[2] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1676.

is-sogħba taħfer id-dnubiet venjali u taqla' wkoll il-maħfra tad-dnubiet mejta, jekk tkun imsieħba ma' fehma soda li, malli jista' jkun, wieħed ifittex li jqerr.[1]

1453 Is-sogħba "imperfetta" (jew *attritio*) hi wkoll don ta' Alla, tqanqila mill-Ispirtu s-Santu. Tiġi meta wieħed iqis il-kruha tad-dnub jew ikollu l-biża' tat-telfien ta' dejjem u ta' pwieni oħra li bihom il-midneb hu mhedded (sogħba ta' biża'). Dan it-tqanqil tal-kuxjenza jista' jwassal għall-bidla fir-ruħ li tista' ssir bidla sħiħa, bl-għajnuna tal-grazzja, permezz tal-assoluzzjoni sagramentali. Waħedha s-sogħba imperfetta ma taqlax il-maħfra tad-dnubiet mejta, imma tħejji biss biex tinkiseb il-maħfra permezz tas-sagrament tal-Penitenza.[2]

1454 Jaqbel li wieħed iħejji ruħu għas-sagrament tal-Penitenza permezz ta' eżami tal-kuxjenza magħmul fid-dawl tal-kelma ta' Alla. Is-siltiet l-aktar adatti jinsabu fil-katekeżi morali tal-Evanġelji u fil-kitbiet tal-Appostli: id-diskors tal-muntanja u t-tagħlim tal-Appostli.[3]

IL-QRARA

1455 L-istqarrija tad-dnubiet (il-qrara), ukoll bħala għemil naturali tal-bniedem, tħallina ħielsa u tħaffef ir-rikonċiljazzjoni tagħna mal-oħrajn. Meta l-bniedem jistqarr ħtijietu, ikun qiegħed iħares b'wiċċu minn quddiem lejn id-dnubiet li tagħhom hu ħati: ikun qiegħed jammetti li hu responsabbli tagħhom, u b'hekk ikun qiegħed jinfetaħ mill-ġdid għal Alla u għax-xirka tal-Knisja biex ikun jista' jkollu ġejjieni ġdid.

1456 L-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot hi parti essenzjali tas-sagrament tal-Penitenza: "Il-penitenti, fil-qrar, għandhom isemmu d-dnubiet kollha mejta li jafu li għamlu wara stħarriġ serju li jagħmlu tagħhom infushom, ukoll jekk id-dnubiet ma huma bla ebda mod magħrufin minn ħadd jew huma dnubiet biss kontra l-aħħar żewġ kmandamenti,[4] għax dawn id-dnubiet iġerrħu b'mod aktar serju lir-ruħ u huma aktar perikolużi għax isiru mingħajr ħadd ma jkun jaf bihom":[5]

> Meta l-fidili ta' Kristu jiġu biex iqerru d-dnubiet kollha li jiftakru, ma għandhomx għax jiddubitaw li mhumiex juruhom kollha lill-ħniena ta' Alla. Dawk li jagħmlu mod ieħor jew jaħbu xi dnubiet u jkunu jafu li qed jagħmlu dan, ikunu qishom ma qed juru xejn lit-tjieba ta' Alla, minn dak kollu li jista' jinħafrilhom bil-ministeru tas-saċerdot. Dan għaliex "jekk il-marid jistħi juri l-ġerħa tiegħu lit-tabib, id-duwa ma tfejjaqx dak li ma tafx bih".[6]

1457 Skont il-preċett tal-Knisja "kull Nisrani li jasal għall-età tar-raġuni għandu jqerr almenu darba fis-sena, id-dnubiet mejta kollha li jaf bihom".[7] Min jaf li għamel xi dnub mejjet, ma għandux jersaq jitqarben, ukoll jekk iħoss sogħba kbira, qabel ma jkun irċieva l-assoluzzjoni sagramentali[8] sakemm ma jkunx

---

[1] *Ibid.*, 1677.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1678; 1705.
[3] Ara Rum 12-15; 1 Kor 12-13; Gal 5; Ef 4-6.
[4] Ara Eż 20,17; Mt 5,28.
[5] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1680.
[6] San Ġirolmu, *Commentarii in Ecclesiasten* 10, 11: PL 23, 1096; Konċ. ta'Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1680.
[7] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1683; ara 1706; CIC kan 989.
[8] Ara *ibid.*, 1647; 1661.

hemm raġuni gravi biex jitqarben u ma jkunx jista' jersaq għall-qrar.[1] It-tfal għandhom jersqu għas-sagrament tal-Penitenza qabel jagħmlu l-ewwel tqarbina.[2]

1458 Għalkemm mhijiex ħaġa għalkollox meħtieġa, il-Knisja tirrakkomanda bil-ħrara kollha l-qrar tad-dnubiet li nagħmlu kuljum (id-dnubiet venjali).[3] Dan għaliex il-qrara regolari tad-dnubiet venjali tgħinna nsawru l-kuxjenza tagħna, neħduha kontra l-ġibdiet ħżiena tagħna, niġu mfejqa minn Kristu, u nimxu 'l quddiem fit-triq tal-Ispirtu. Aktar ma nirċievu ta' spiss id-don tal-ħniena tal-Missier permezz ta' dan is-sagrament, aktar inkunu mġegħlin nuru ħniena bħalu:[4]

> Kull min jistqarr dnubietu ġa qed jaqbel ma' Alla. Alla jikkundanna dnubietek; jekk int tikkundannahom ukoll, int tingħaqad ma' Alla. Il-bniedem u l-midneb, biex ngħidu hekk, huma ħaġa u oħra: bħala bniedem, hu Alla li għamlu; il-midneb hu l-bniedem innifsu li għamlu. Eqred ja bniedem dak li int għamilt, biex Alla jsalva dak li għamel hu… Meta int tibda tobgħod dak li għamilt int, imbagħad jibda l-għemil it-tajjeb tiegħek għax tikkundanna l-għemejjel ħżiena tiegħek. L-għemil it-tajjeb jibda meta tagħraf l-għemejjel ħżiena. Agħmel il-verità u tiġi għad-Dawl.[5]

IT-TEWBA

1459 Ħafna dnubiet jagħmlu ħsara lil għajrna. Għandu isir kulma jista' jkun biex titpatta din il-ħsara (bħala eżempji: trodd il-misruq; tagħti mill-ġdid fama tajba lil min naqqasthielu; tħallas għall-ġerħiet li tkun għamilt). Dan titolbu l-ġustizzja. Iżda d-dnub jagħmel aktar minn hekk: jidrob u jdgħajjef lill-midneb innifsu u r-relazzjonijiet tiegħu ma' Alla u ma' għajru. L-assoluzzjoni tneħħi d-dnub, iżda ma tfejjaqx it-taħwid kollu li d-dnub ikun ġieb.[6] Il-midneb, wara li jkun tneħħielu d-dnub, ikun għadu ma kisibx saħħa spiritwali sħiħa. Irid jagħmel xi ħaġa aktar, biex ipatti għal dnubietu: Irid "ipatti" b'mod adatt, jew "iħallas" id-dejn ta' dnubietu. Din it-tpattija nsejħulha tewba jew penitenza.

1460 Il-*penitenza* jew tewba li l-konfessur jagħti lill-penitent trid tqis il-qagħda personali tal-penitent u trid tfittex ukoll il-ġid spiritwali tiegħu. Trid tkun taqbel kemm jista' jkun mal-gravità u man-natura tad-dnubiet magħmula mill-penitent. Tista' tkun talb, offerta, għemil ta' ħniena, qadi tal-proxxmu, ċaħdiet volontarji, sagrifiċċji, u fuq kollox is-sabar fis-slaleb li rridu nġorru. Penitenzi bħal dawn jgħinuna nixxiebhu ma' Kristu, li waħdu patta għal dnubietna[7] darba għal dejjem. Jgħinuna nkunu werrieta ma' Kristu rxoxt, "għax aħna nbatu miegħu" *(Rum 8,17)*:[8]

> Iżda t-tpattija tagħna, dik li nagħmlu għal dnubietna, issir permezz ta' Ġesù Kristu; aħna waħedna ma nistgħu nagħmlu xejn, imma "għal kollox nifilħu bis-saħħa ta' dak li jqawwina" *(Fil 4,13)*. Hekk il-bniedem ma għandux biex jiftaħar, iżda "t-tifħir" kollu tagħna hu fi Kristu… li fih inpattu "billi nuru ndiema bl-imġiba tajba tagħna" *(Lq 3,8)*, li

---

[1] Ara CIC kan 916; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 711.
[2] Ara CIC kan 914.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1680: CIC kan 988 §2.
[4] Ara Lq 6,36.
[5] Santu Wistin, *Evangelium Joannis tractatus*, 12, 13.
[6] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1712.
[7] Ara Rum 3,25; 1 Ġw 2,1-2.
[8] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1690.

fih turi l-qawwa tagħha, bih tiġi offruta lill-Missier u minħabba fih tiġi milqugħa mill-Missier.[1]

### VIII. Il-Ministru tas-sagrament

1461 Għaliex Kristu ried jafda lill-Appostli l-ministeru tiegħu tar-rikonċiljazzjoni,[2] l-isqfijiet suċċessuri tal-Appostli u l-presbiteri kollaboraturi tal-tal-isqfijiet, baqgħu jaqdu dan il-ministeru. Dan għaliex huma l-isqfijiet u l-presbiteri li, bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, għandhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".

1462 Il-maħfra tad-dnubiet tħabbeb mill-ġdid ma' Alla u mal-Knisja wkoll. L-isqof, il-kap viżibbli tal-Knisja partikulari, għalhekk jitqies dejjem, u bir-raġun kollu, sa mill-ewwel żminijiet, bħala dak li prinċipalment għandu s-setgħa u l-ministeru tar-rikonċiljazzjoni: hu l-moderatur tad-dixxiplina penitenzjali.[3] Il-presbiteri, bħala kollaboraturi tal-isqof, jaqdu dan il-ministeru skont kif jiddeterminalhom l-isqof (jew superjur reliġjuż), jew il-Papa, permezz tal-liġijiet tal-Knisja.[4]

1463 Xi dnubiet tassew gravi jġibu magħhom l-iskomunika, il-piena l-aktar gravi tal-Knisja: min hu skumnikat ma jistax jirċievi s-sagramenti u lanqas jagħmel xi attivitajiet ekkleżjastiċi, u għalhekk ma tistax tingħatalu l-assoluzzjoni, skont il-liġi tal-Knisja, jekk mhux mill-Papa, jew l-isqof tal-post jew is-saċerdot awtorizzat minnhom.[5] F'periklu ta' mewt kull saċerdot, ukoll dak li ma għandux il-fakultà tal-qrar, jista' jassolvi minn kull dnub[6] u minn kull skomunika.

1464 Is-saċerdoti għandhom iħeġġu lill-fidili biex jersqu għas-sagrament tal-Penitenza, u għandhom ikunu dejjem lesti jiċċelebraw dan is-sagrament kull darba li l-Insara jitolbuh b'mod raġonevoli.[7]

1465 Is-saċerdot, huwa u jiċċelebra s-sagrament tal-Penitenza, ikun qed jaqdi l-ministeru tar-Ragħaj it-tajjeb li jfittex in-nagħġa mitlufa, tas-Samaritan it-tajjeb li jdewwi l-ġrieħi, tal-Missier li jistenna l-iben il-ħali jerġa' lura ħa jilqgħu fi ħdanu, tal-Imħallef ġust li ma jħarisx lejn wiċċ in-nies u jagħmel il-ħaqq skont il-ġustizzja u l-ħniena. F'kelma waħda, is-saċerdot hu sinjal u strument tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-midneb.

1466 Il-konfessur mhux is-sid imma l-qaddej tal-maħfra ta' Alla. Il-ministru ta' dan is-sagrament irid jingħaqad "mal-intenzjoni u mal-imħabba ta' Kristu".[8] Irid ikun jaf sewwa x'inhi l-imġiba nisranija, irid ikollu l-esperjenza ta' kulma hu tal-bniedem, juri rispett u ħlewwa ma' min ikun waqa' fid-dnub, iħobb il-verità,

[1] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1691.
[2] Ara Ġw 20,23; 2 Kor 5,18.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 26.
[4] Ara CIC kan 844, 969, 972; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 722, §3-4.
[5] Ara CIC kan 1331; 1354-1357; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 1431; 1434; 1420.
[6] Ara CIC kan 976; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 725.
[7] Ara CIC kan 986; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 735; Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum Ordinis*, 13.
[8] Ara Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis*, 13.

irid ikun fidil lejn il-maġisteru tal-Knisja, u jwassal bis-sabar kollu l-penitent għall-fejqan u għall-kobor sħiħ tiegħu. Irid jitlob għalih u jagħmel penitenza għalih huwa u jafdah lill-ħniena ta' Alla.

1467 Minħabba d-delikatezza u l-kobor ta' dan il-ministeru u minħabba r-rispett li għandu jkollu kull bniedem, il-Knisja trid li kull saċerdot li jqarar ikun obbligat li jżomm mistura għalkollox d-dnubiet li l-penitenti jkunu stqarrewlu, u hemm pwieni ħorox għal min jikser is-sigriet tal-qrar.[1] Lanqas ma jista' jagħmel użu minn dak li jsir jaf fil-qrar dwar il-ħajja tal-penitenti. Dan is-sigriet, li ma jammettix eċċezzjonijiet, jissejjaħ ukoll "is-siġill tas-sagrament", għax dak li l-penitent jistqarr lis-saċerdot jibqa' "ssiġillat" permezz tas-sagrament.

## IX. L-effetti ta' dan is-sagrament

1468 *"Poenitentiae omnis in eo vis est, ut nos in Dei gratiam restituat, cum eoque summa amicitia coniungat"* – "Il-qawwa kollha tal-Penitenza tinsab fil-fatt li troddna lura għall-grazzja ta' Alla u tgħaqqadna miegħu bi ħbiberija mill-akbar".[2] Mela l-għan u l-effett ta' dan is-sagrament hu r-*rikonċiljazzjoni ma' Alla.* F'dawk li jirċievu dan is-sagrament tal-Penitenza b'qalb niedma u sogħbiena u b'dispożizzjoni reliġjuża xierqa jġib "il-paċi u serħan fil-kuxjenza flimkien ma' faraġ spiritwali tassew kbir".[3] Dan għaliex is-sagrament tal-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla jġib veru "qawmien spiritwali", irodd lura d-dinjità u l-ġid tal-ħajja ta' wlied Alla, li l-aqwa ħaġa għażiża tagħha hi l-ħbiberija ma' Alla *(Lq 15,32)*.

1469 Dan is-sagrament *iħabbibna mill-ġdid mal-Knisja.* Id-dnub ikisser jew jidrob l-għaqda bejn l-aħwa. Is-sagrament tal-Penitenza jsewwiha jew iġeddidha. F'dan is-sens, is-sagrament mhux biss jerġa' jdaħħal il-penitent fl-għaqda tal-Knisja imma jqawwi wkoll il-ħajja tal-Knisja li tbati minħabba d-dnubiet ta' membru tagħha.[4] Imdaħħal u mqiegħed mill-ġdid fix-xirka tal-qaddisin, il-midneb jissaħħaħ bil-bdil tal-ġid spiritwali bejn il-membri ħajjin kollha tal-Ġisem ta' Kristu, kemm jekk għadhom mexjin lejn is-sema pajjiżhom u kemm jekk ġa huma hemm:[5]

> Irridu niftakru li r-rikonċiljazzjoni ma' Alla għandha bħala konsegwenza, biex ngħidu hekk, rikonċiljazzjonijiet oħra, li jsewwu firdiet oħra li ġieb id-dnub: il-penitent li qala' l-maħfra hu rikonċiljat miegħu nnifsu fil-fond ta' ħajtu stess, fejn isib mill-ġdid il-verità sħiħa tiegħu nnifsu; jirrikonċilja ruħu ma' ħutu li b'xi mod darabhom u offendihom; jirrikonċilja ruħu mal-Knisja; jirrikonċilja ruħu mal-ħolqien kollu.[6]

1470 F'dan is-sagrament, il-midneb huwa u jafda ruħu għall-ġudizzju kollu ħniena ta' Alla, ikun qiegħed b'xi mod *jantiċipa l-ġudizzju* li jrid jgħaddi minnu meta jiġi biex iħalli din id-dinja. Dan għaliex hu issa, f'din il-ħajja, li rridu nagħmlu l-għażla bejn il-mewt u l-ħajja, u huwa mit-triq tal-konverżjoni biss li rridu ngħaddu biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla, li minnha jwarrabna kull dnub

[1] CIC kan 1388; *Corpus Canonum Eccelsiarum Orientalium* kan 1456.
[2] *Catechismus Romanus*, 2, 5, 18.
[3] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1674.
[4] Ara 1 Kor 12,26.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48-50.
[6] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Reconciliatio et poenitentia*, 31.

mejjet.[1] Il-midneb, huwa u jdur lejn Kristu bil-penitenza u bil-fidi, jgħaddi mill-mewt għall-ħajja "u ma jsirx ħaqq minnu" *(Ġw 5,24)*.

## X. L-indulġenzi

1471 Id-duttrina u l-użu tal-indulġenzi fil-Knisja għandhom rabta tassew kbira mal-effetti tas-sagrament tal-Penitenza.

X'INHI L-INDULĠENZA

"L-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqq minħabba dnubiet li l-ħtija tagħhom ġa tħassret. Maħfra li n-Nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb taħt ċerti kundizzjonijiet determinati, permezz tal-ħidma tal-Knisja li, bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorità tagħha t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin".

"L-indulġenzi huma parzjali jew plenarji skont jekk jeħilsux parti mill-piena taż-żmien li kienet tistħoqq għad-dnubiet jew ineħħuha kollha". L-Insara jistgħu jirbħu l-indulġenzi għalihom stess jew japplikawhom għall-mejtin.[2]

IL-PWIENI TAD-DNUB

1472 Biex nifhmu din id-duttrina u din id-drawwa tal-Knisja għandna nkunu nafu li d-dnub iġib miegħu *żewġ konsegwenzi.* Id-dnub il-mejjet itellfilna l-għaqda ma' Alla, u għalhekk ma nkunux nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem, u ċ-ċaħda ta' din il-ħajja tissejjaħ "il-piena ta' dejjem" tad-dnub. Min-naħa l-oħra kull dnub, ukoll dnub venjali, iġib miegħu rabta ħażina mal-ħlejjaq, u wieħed irid jitfejjaq minn din ir-rabta jew f'din id-dinja, jew wara l-mewt fi stat li nsejħulu l-Purgatorju. Din it-tisfija teħles minn dik li nsejħulha "l-piena taż-żmien" mistħoqqa għad-dnub. Dawn iż-żewġ pwieni ma għandniex inqisuhom xi vendetta fuqna min-naħa ta' Alla, imma huma pwieni li joħorġu min-natura stess tad-dnub. Sogħba u konverżjoni li jkunu ġejjin minn imħabba kollha ħeġġa jaslu biex jeħilsu għalkollox il-midneb, hekk li ma jkollu ebda piena xi jħallas.[3]

1473 Il-maħfra tad-dnub u l-ħbiberija mill-gdid ma' Alla jġibu magħhom ukoll il-maħfra tal-piena ta' dejjem għad-dnub. Iżda l-pwieni taż-żmien jibqgħu. In-Nisrani għalhekk għandu jħabrek biex huwa u jilqa' bis-sabar kollu t-tbatijiet u t-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum, meta jasal il-waqt, jersaq bla biża' lejn il-mewt. Għandu jħabrek biex b'għemejjel ta' ħniena u ta' mħabba, flimkien mat-talb u mal-ħafna suriet ta' penitenza, jinża' għalkollox mill-"bniedem il-qadim" u jilbes "il-bniedem il-ġdid".[4]

FIX-XIRKA TAL-QADDISIN

1474 In-Nisrani li jfittex li jissaffa minn dnubietu u jitqaddes bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla mhuwiex waħdu. "Il-ħajja ta' kull wieħed minn ulied Alla hi marbuta b'mod tal-għaġeb, fi Kristu u bi Kristu, mal-ħajja ta' ħutna l-Insara kollha fl-għaqda sopranaturali tal-Ġisem mistiku ta' Kristu, qisu f'persuna mistika".[5]

1475 "Fix-xirka tal-qaddisin bejn il-fidili kollha – bejn dawk li ġa waslu fis-saltna tas-sema, u dawk li daħlu fil-Purgatorju għat-tisfija minn dnubiethom, u dawk li għadhom mexjin f'din id-dinja – hemm mela rabta ta' mħabba li tibqa' dejjem u hemm bdil kotran ta' kull ġid".[6] F'dan il-bdil tal-għaġeb il-qdusija ta' wieħed hi ta' ġid għall-oħrajn, wisq aktar mill-ħsara li d-dnub ta'

[1] Ara 1 Kor 5,11; Gal 5,19-21; Apok 22,15.
[2] Pawlu VI, Kostituzzjoni appostolika *Indulgentiarum doctrina*, Normae 1-3, AAS 59 (1967) 5.24; ara CIC kan 994.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1712-1713; 1820.
[4] Ara Ef 4,24.
[5] Pawlu VI, Kostituzzjoni appostolika *Indulgentiarum doctrina*, 5.
[6] *Ibid.*

wieħed jista' jagħmel lill-oħrajn. Minħabba f'dan, ix-xirka tal-qaddisin twassal midneb sogħbien għal dnubietu, biex jissaffa minnhom aktar malajr u aħjar.

1476 Dan il-ġid spiritwali tax-xirka tal-qaddisin, aħna nsejħulu wkoll it-*teżor tal-Knisja* "li mhuwiex xi ġabra sħiħa ta' ġid, bħalma hi l-ġabra tal-ġid kollu materjali li nġabar tul iż-żminijiet, imma hu s-siwi bla qies li ma jintemm qatt tat-tpattija u tal-merti ta' Kristu l-Mulej, li hu offra biex il-bnedmin kollha jeħilsu mid-dnub u jaslu għall-għaqda mal-Missier. Fi Kristu l-Feddej hemm tpattija bil-kotra u l-merti kollha tal-fidwa tagħna".[1]

1477 "Jagħmlu wkoll parti minn dan it-teżor is-siwi tassew kbir, li ma jistax jitqies u li hu dejjem ġdid, li għandhom quddiem Alla t-talb u l-għemejjel tajba tal-Verġni Mqaddsa Marija u tal-qaddisin kollha li tqaddsu bil-grazzja ta' Kristu, għax imxew fuq il-passi tiegħu u għamlu ħidma li togħġob lill-Missier, hekk li huma u jħabirku għas-salvazzjoni tagħhom għenu wkoll għas-salvazzjoni ta' ħuthom fl-għaqda tal-Ġisem mistiku.[2]

TIKSEB L-INDULĠENZA TA' ALLA PERMEZZ TAL-KNISJA

1478 L-indulġenza tinkiseb permezz tal-Knisja li, bis-setgħa li tħoll u torbot mogħtija lilha minn Kristu, tindaħal favur in-Nisrani u tiftaħlu t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin biex taqlagħlu mingħand il-Missier ta' kull ħniena l-maħfra tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqqlu għal dnubietu. B'hekk il-Knisja ma tkunx biss tgħin in-Nisrani, imma tkun ukoll tħajru jagħmel għemejjel ta' tjieba, ta' penitenza u ta' mħabba.[3]

1479 Għaliex il-mejtin li għadhom jissaffew minn dnubiethom fil-Purgatorju huma wkoll membri tal-istess xirka tal-qaddisin, nistgħu ngħinuhom ukoll, fost ħwejjeġ oħra, billi naqilgħu għalihom indulġenzi, b'mod li jitnaqqsulhom il-pwieni taż-żmien li stħaqqulhom għal dnubiethom.

## XI. Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Penitenza

1480 Il-Penitenza, bħas-sagramenti l-oħra, hi azzjoni liturġika. Ġeneralment dawn huma l-elementi taċ-ċelebrazzjoni: tislima u barka tas-saċerdot, qari tal-kelma ta' Alla biex iddawwal il-kuxjenza u tqanqal is-sogħba; eżortazzjoni għall-indiema; l-istqarrija tad-dnubiet magħrufa lis-saċerdot; l-għoti u l-aċċettazzjoni tal-penitenza jew tewba; l-assoluzzjoni tas-saċerdot; tifħir u radd il-ħajr; barka tas-saċerdot.

1481 Il-Liturġija Biżantina għandha ħafna formoli ta' assoluzzjoni f'sura ta' talba (deprekattiva) li jfissru b'mod tal-għaġeb il-misteru tal-maħfra: "Alla li ħafer permezz tal-profeta Natan lil David meta stqarr dnubietu, lil Pietru wara li xerred dmugħ ta' mrar, lill-mara midinba wara li xerrdet dmugħ fuq saqajh, u lill-Pubblikan u lill-iben il-ħali, jalla, permezz tiegħi, dan l-istess Alla jaħfer lilek ukoll, midneb, f'din il-ħajja u fl-oħra, u jħallik tidher quddiem it-tribunal tiegħu u ma jikkundannakx: hu li hu mbierek għal dejjem ta' dejjem. Ammen."

1482 Is-sagrament tal-Penitenza jista' jiġi ċċelebrat b'*ċelebrazzjoni komunitarja,* li fiha kulħadd flimkien iħejji ruħu għall-qrar u kulħadd flimkien irodd ħajr għall-maħfra li tinkiseb. F'dan il-każ il-qrara personali u l-assoluzzjoni individwali jsibu posthom waqt il-liturġija tal-kelma ta' Alla, bil-qari u l-omelija, bl-eżami tal-kuxjenza flimkien, bit-talba komunitarja għall-maħfra, bil-"Missierna" u radd ta' ħajr komunitarju. Din iċ-ċelebrazzjoni komunitarja turi aħjar u b'mod aktar ċar il-karattru ekkleżjali tal-Penitenza. Hu liema hu l-mod kif issir iċ-ċelebrazzjoni,

[1] Ara Lh 7,23-25; 9,11-28.
[2] Pawlu VI, Kostituzzjoni appostolika *Indulgentiarum doctrina*, 5.
[3] Ara Pawlu VI, Kostituzzjoni appostolika *Indulgentiarum doctrina*, 8; Konċ. ta' Trento: Denzinger -Schonmetzer, 1835.

is-sagrament tal-Penitenza jibqa' dejjem, min-natura tiegħu stess, ħidma liturġika għalhekk ħidma ekkleżjali u pubblika.[1]

1483 F'każ ta' ħtieġa kbira tista' ssir *ċelebrazzjoni komunitarja ta' rikonċiljazzjoni bi qrara ġenerali u assoluzzjoni ġenerali.* Ħtieġa kbira tista' tkun periklu ta' mewt imminenti tant li s-saċerdot jew is-saċerdoti ma jkollhomx żmien biżżejjed biex iqarru lil kull wieħed. Jista' jkun hemm ħtieġa kbira wkoll meta m'hemmx saċerdoti biżżejjed biex iqarru lil kull wieħed fi żmien raġonevoli, b'mod li ħafna penitenti bla ebda ħtija tagħhom jibqgħu għal żmien twil imċaħħdin mill-grazzja tas-sagrament jew mit-Tqarbin, tant tkun kbira l-folla tan-nies li jkunu jridu jqerru. F'dan il-każ, biex l-assoluzzjoni tkun valida, il-fidili jeħtieġ li jkollhom il-ħsieb li jqerru individwalment id-dnubiet gravi tagħhom fi żmien xieraq.[2] Hu l-isqof djoċesan li jiddetermina jekk ikunx hemm il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-assoluzzjoni ġenerali.[3] Folol kbar ta' fidili fl-okkażjoni ta' festi kbar jew ta' pellegrinaġġi ma joħolqux ħtieġa kbira.[4]

1484 Il-qrara individwali u sħiħa bl-assoluzzjoni tibqa' s-sura waħda ordinarja li biha l-fidili jiksbu r-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja, iżda huma meħlusin li jqerru b'dan il-mod meta dan mhux possibbli għalihom fiżikament jew moralment.[5] Għal dan irid ikun hemm raġunijiet serji. Kristu jaqdi l-ħidma tiegħu f'kull sagrament. Ikellem hu personalment lil kull midneb: "Ibni, dnubietek maħfura" *(Mk 2,5)*; hu t-tabib li jitbaxxa fuq kull marid li jeħtieġu[6] biex ifejqu, jerfgħu u jdaħħlu mill-ġdid fix-xirka tal-aħwa. Il-qrara personali hi għalhekk l-aktar sura li tfisser ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja.

## Fil-qosor

1485 *Hadd il-Għid filgħaxija l-Mulej Ġesù qagħad f'nofs id-dixxipli u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20,22-23).*

1486 *Il-maħfra tad-dnubiet li jsiru wara l-Magħmudija tingħata permezz ta' sagrament proprju msejjaħ sagrament tal-konverżjoni, tal-qrar, tal-penitenza u tar-rikonċiljazzjoni.*

1487 *Min jidneb jidrob il-ġieħ ta' Alla u l-imħabba tiegħu, id-dinjità tiegħu bħala bniedem imsejjaħ biex ikun wieħed minn ulied Alla, u l-ġid spiritwali tal-Knisja li fiha kull Nisrani għandu jkun ġebla ħajja.*

1488 *Għall-għajnejn tal-fidi ebda deni mhu hekk gravi daqs kemm hu d-dnub u xejn daqsu ma jġib konsegwenzi hekk koroh għall-istess midinbin, għall-Knisja, u għad-dinja kollha.*

1489 *Il-mixi lura lejn l-għaqda mill-ġdid ma' Alla, għaqda li tkun intilfet bid-dnub, għandu l-bidu tiegħu fil-grazzja ta' Alla, ħanin u kollu ħerqan għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Għandna nitolbu dan id-don għażiż għalina nfusna u għall-oħrajn ukoll.*

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 26-27.
[2] Ara CIC kan 962 §1.
[3] Ara *ibid.*, kan 981 §2.
[4] Ara *ibid.*, kan 961 §1.
[5] Rit tal-Penitenza, 31.
[6] Ara Mk 2,17.

1490 *Il-mixi lura għal għand Alla, li jissejjaħ konverżjoni u pentiment, jitlob sogħba għad-dnubiet li wieħed ikun għamel u stmerrija għalihom, u fehma soda li qatt u qatt aktar ma jerġa' jidneb. Il-konverżjoni għalhekk hi kemm dwar l-imgħoddi u kemm dwar il-ġejjieni, u titmantna bit-tama fil-ħniena ta' Alla.*

1491 *Is-sagrament tal-Penitenza jiġbor fih tliet għemejjel tal-penitent flimkien mal-assoluzzjoni tas-saċerdot. L-għemejjel tal-penitent huma s-sogħba, il-qrara jew l-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot, u l-fehma li jpatti għad-dnubiet b'għemil ta' tpattija.*

1492 *Is-sogħba (li tissejjaħ ukoll "*contritio*") trid titqanqal minn raġunijiet li jiġu mill-fidi. Jekk is-sogħba titqanqal minn imħabba ħerqana għal Alla, hi "ndiema perfetta"; jekk tkun imqanqla minn raġunijiet oħra, hi "ndiema imperfetta".*

1493 *Min irid jikseb ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja jrid jgħid lis-saċerdot id-dnubiet mejta kollha li għadu ma qerrhomx u li jiftakarhom wara li jagħmel eżami serju tal-kuxjenza. Għalkemm mhuwiex meħtieġ, il-qrar tad-dnubiet venjali hu rrikkmandat ħafna mill-Knisja.*

1494 *Il-konfessur jissuġġerixxi lill-penitent xi għemil ta' "tpattija" jew ta' "penitenza", biex ipatti għall-ħsara li għamel bid-dnub u jerġa' lura għad-drawwiet proprji ta' dixxiplu ta' Kristu.*

1495 *Is-saċerdoti biss għandhom mill-awtorità tal-Knisja l-fakultà li jaħfru d-dnubiet f'isem Kristu.*

1496 *L-effetti spiritwali tas-sagrament tal-penitenza huma:*

— *ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla: biha l-penitent jerġa' jikseb il-grazzja;*

— *ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja;*

— *il-maħfra tal-piena ta' dejjem li tingħata għad-dnubiet mejta;*

— *il-maħfra, almenu parti minnha, tal-pwieni taż-żmien minħabba d-dnub;*

— *sliem u hena fil-kuxjenza, u faraġ spiritwali;*

— *tkattir tal-għajnuniet spiritwali għat-taqbida nisranija.*

1497 *Il-qrara individwali u sħiħa tad-dnubiet mejta flimkien mal-assoluzzjoni tibqa' s-sura waħda ordinarja għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja.*

1499 *Bl-indulġenzi l-fidili jistgħu jiksbu għalihom stess u għall-erwieħ tal-Purgatorju wkoll, il-maħfra tal-piena taż-żmien mistħoqqa għad-dnubiet.*

### Il-ħames artiklu

## ID-DLIK TAL-MORDA

1499 "Bid-dlik imqaddes tal-morda u bit-talba tas-saċerdoti, hi l-Knisja kollha kemm hi li tafda l-morda lill-Mulej, li bata u hu glorjuż, biex ifarraġhom u

jsalvahom; anzi tħeġġiġhom biex, huma u jissieħbu minn rajhom mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu, jagħtu sehemhom għall-ġid tal-poplu ta' Alla".[1]

## I. Is-sisien tas-sagrament fil-Pjan tas-Salvazzjoni

IL-MARD FIL-ĦAJJA TAL-BNIEDEM

1500 Il-mard u t-tbatija minn dejjem kienu wieħed mill-problemi l-aktar serji li jġarrbu l-ħajja tal-bniedem. Fil-mard il-bniedem jara kemm ma jista' jagħmel xejn, jagħraf il-limiti tiegħu, u jifhem li jrid jintemm. Kull marda tista' tagħtina ħjiel tal-mewt.

1501 Il-mard jista' jwassal biex naqtgħu qalbna, ningħalqu fina nfusna, xi kultant ukoll niddispraw u neħduha kontra Alla. Iżda jista' jwassal ukoll biex nilħqu aktar il-kobor sħiħ tagħna, inkunu aktar maturi, naraw dak li mhuwiex essenzjali f'ħajjitna biex induru lejn dak li hu essenzjali. Spiss il-mard iwassal biex wieħed ifittex lil Alla u jerġa' lura għandu.

IL-MARID QUDDIEM ALLA

1502 Il-bniedem fit-Testment il-Qadim għex il-mard tiegħu quddiem Alla. Hu quddiem Alla li jitniehed minħabba l-marda tiegħu[2] u mingħand Alla, Sid il-ħajja u l-mewt, li jitlob il-fejqan.[3] Il-mard isir triq għall-konverżjoni,[4] u l-maħfra ta' Alla tagħti bidu għall-fejqan.[5] Israel, bl-esperjenza tiegħu, ra li l-mard hu marbut b'mod misterjuż mad-dnub u l-ħażen, u l-fedeltà lejn Alla skont il-Liġi tagħti l-ħajja: "għax jien il-Mulej li nfejqek" *(Eż 15,26)*. Il-profeta ntebaħ li t-tbatija jista' jkollha wkoll sens ta' fidwa għad-dnubiet tal-oħrajn.[6] U fl-aħħar nett Isaija jħabbar li Alla għad iġib żmien għal Sijon li fih jaħfer kull ħtija u jfejjaq kull mard.[7]

KRISTU – IT-TABIB

1503 Il-mogħdrija ta' Kristu għall-morda u l-ħafna fejqan li ta minn kull xorta ta' mard[8] huma sinjal ċar li "Alla ġie jżur il-poplu tiegħu" *(Lq 7,16)* u li s-Saltna ta' ta' Alla hi fil-qrib. Ġesù ma għandux biss is-setgħa li jfejjaq imma wkoll is-setgħa li jaħfer id-dnubiet:[9] ġie biex ifejjaq il-bniedem sħiħ, fir-ruħ u l-ġisem; hu t-tabib li jeħtieġu l-morda.[10] Il-mogħdrija tiegħu għal dawk kollha li qegħdin ibatu hi tant kbira li hu jqis ruħu ħaġa waħda magħhom: "Kont marid u ġejtu tarawni" *(Mt 25,36)*. L-imħabba speċjali tiegħu għall-morda, li qatt ma naqset tul kull żmien, tiġbed attenzjoni kollha kemm hi partikulari tal-Insara favur dawk li

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[2] Ara Salm 6,3; Is 38; Salm 38.
[3] Ara Salm 6,3; Is 38.
[4] Ara Salm 38,5; 39,9.12.
[5] Ara Salm 32,5; 107,20; Mk 2,5-12.
[6] Ara Is 53,11.
[7] Ara Is 33,24.
[8] Ara Mt 4,24.
[9] Ara Mk 2,5-12.
[10] Ara Mk 2,17.

huma batuti fir-ruħ u l-ġisem. Tat bidu għal sforzi li qatt ma naqsu ta' faraġ għalihom.

1504 Ġesù spiss talab il-fidi mill-morda.[1] Għamel użu minn sinjali biex ifejjaq: ifejjaq: ir-riq u t-tqegħid tal-idejn,[2] it-tajn u l-ħasil.[3] Il-morda kienu jfittxu li jmissuh[4] "għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd" *(Lq 6,19)*. U hekk, fis-sagramenti Kristu jkompli "jmissna" biex ifejjaqna.

1505 Imqanqal minn tant tbatija, Kristu, mhux biss kien iħalli l-morda jmissuh, imma l-miżerji tagħhom kien jagħmilhom tiegħu: "Hu refa' fuqu l-mard tagħna u tgħabba bl-uġigħ tagħna".[5] Ma fejjaqx il-morda kollha. Il-fejqan li ta kien kien sinjal tal-miġja tas-Saltna ta' Alla; kien iħabbar fejqan aktar radikali: ir-rebħa fuq id-dnub u l-mewt bl-Għid tiegħu. Fuq is-salib Kristu tgħabba bil-piż tal-ħażen kollu[6] u neħħa "d-dnub tad-dinja" *(Ġw 1,29)* li l-mard hu l-effett tiegħu. tiegħu. Bil-passjoni u l-mewt fuq is-Salib Kristu ta tifsira ġdida lit-tbatija: issa tista' twassalna biex inkunu xebh ma' Kristu u nissieħbu fil-passjoni tiegħu għas-salvazzjoni.

"FEJQU L-MORDA..."

1506 Kristu jistieden lid-dixxipli tiegħu biex jimxu warajh billi jerfgħu salibhom huma wkoll.[7] Fil-mixi tagħhom warajh, jiksbu fehma ġdida dwar il-mard u l-morda. Ġesù jseħibhom miegħu fil-ħajja fqira tiegħu ta' qadi, u fil-ministeru tiegħu ta' mogħdrija u ta' fejqan: "Ħarġu jxandru biex in-nies jindmu, u keċċew bosta xjaten u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom" *(Mk 6,12-13)*.

1507 Il-Mulej, meta qam mill-imwiet, ġedded din il-missjoni: "F'ismi tqiegħdu idejkom fuq il-morda u dawn ifiqu" *(Mk 16,17-18)*, u jwettaqha bis-sinjali li tagħmel il-Knisja hija u ssejjaħ ismu.[8] Dawn is-sinjali juru b'manjiera kollha kemm hi speċjali li Ġesù hu tassew "Alla li jsalva".[9]

1508 L-Ispirtu s-Santu jagħti lil xi wħud il-kariżma speċjali tal-fejqan[10] biex juri l-qawwa tal-grazzja tal-Irxoxt. Iżda t-talb l-aktar imħeġġeġ mhux dejjem jaqla' l-fejqan mill-mard kollu. Hu għalhekk li San Pawl kellu jitgħallem mingħand il-Mulej li: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef"[11] u li t-tbatijiet li jġarrab jistgħu jfissru li "bihom itemm f'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja".[12]

---

[1] Ara Mt 5,34.36; 36,9.23.
[2] Ara Mk 7,32-36; 8,22-25.
[3] Ara Ġw 9,6s.
[4] Ara Mk 1,41; 3,10; 6,56.
[5] Mt 8,17; ara Is 53,40.
[6] Ara Is 53,4-6.
[7] Ara Mt 10,38.
[8] Ara Atti 9,34; 14,3.
[9] Ara Mt 1,21; Atti 4,12.
[10] Ara 1 Kor 12,9.28.30.
[11] Ara 2 Kor 12,9.
[12] Ara Kol 1,24.

1509 "Fejqu l-morda" *(Mt 10,8)*. Din l-ordni l-Knisja rċevietha mingħand il-Mulej u tfittex tobdiha kemm bl-għajnuna li tagħti lill-morda u kemm bit-talba ta' interċessjoni li biha tissieħeb magħhom. Temmen fil-preżenza ta' Kristu li tagħti l-ħajja, ta' Kristu t-tabib tar-ruħ u l-ġisem. Din il-preżenza ta' Kristu taħdem b'mod partikulari permezz tas-sagramenti u b'mod għalkollox speċjali permezz tal-Ewkaristija, il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem.[1] San Pawl ukoll jagħti ħjiel tar-rabta tal-Ewkaristija mas-saħħa tal-ġisem.[2]

1510 Il-Knisja ta' żmien l-Appostli kienet taf b'rit favur il-morda li San Ġakbu hu xhud tiegħu: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż–żejt f'isem il-Mulej; u t-talba tal-fidi ssalva lill-marid u l-Mulej iqajmu, u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" *(Ġak 5,14-15)*. It-tradizzjoni għarfet f'dan ir-rit wieħed mis-seba' sagramenti tal-Knisja.[3]

SAGRAMENT TAL-MORDA

1511 Il-Knisja temmen u tistqarr li, fost is-seba' sagramenti, hemm sagrament speċjali li jfarraġ lil dawk li huma mġarrbin mill-mard: id-Dlik tal-morda (jew kif imdorrijin ngħidu aħna l-Griżma tal-morda):

> Dan id-dlik imqaddes tal-morda waqqfu Kristu l-Mulej bħala sagrament veru tat-Testment il-Ġdid. San Mark jagħti xi ħjiel tiegħu[4] u ġie rrikkmandat u mxandar lill-fidili fidili minn San Ġakbu, l-appostlu u ħu l-Mulej.[5]

1512 Fit-tradizzjoni liturġika, kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent, sa mill-qedem hemm xhieda ta' dlik tal-morda b'żejt imbierek. Tul iż-żminijiet dan id-dlik tal-morda beda dejjem aktar jiġi riservat għal dawk li jkunu waslu biex imutu. Minħabba f'hekk is-sagrament beda jissejjaħ "l-Aħħar Dilka" (*Extreme Unction* bl-Ingliż, *Estrema Unzione* bit-Taljan). Minkejja dan it-tibdil, il-liturġija qatt ma waqfet titlob lill-Mulej biex jagħti fejqan lill-marid jekk dan ikun jaqbillu għas-salvazzjoni.[6]

1513 Il-Kostituzzjoni appostolika *"Sacram unctionem infirmorum"* tat-30 ta' Novembru 1972, wara l-Konċilju Vatikan II[7] iffissat li, fir-rit Ruman, għandu jitħares dan li ġej għall-quddiem:

> Is-sagrament tad-Dlik jew Griżma tal-morda jingħata lill-persuni li huma morda gravi, u d-dlik isir fuq il-ġbin u fuq l-idejn b'żejt imbierek kif għandu jkun – żejt taż-żebbuġa jew żejt ieħor mill-pjanti – waqt li jingħad darba biss: *"Per istam sanctam unctionem et suam piissimam misericordiam adiuvet te Dominus gratia Spiritus Sancti ut, a peccatis liberatum, te salvet atque propitius adiuvet"* – "B'din id-dilka mqaddsa u għat-tjieba u l-ħniena kbira tiegħu, jieqaf miegħek il-Mulej bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu. Jaħfirlek dnubietek, isalvak, iħenn għalik u jgħinek".[8]

## II. Min jista' jirċievi u min jista' jamministra dan is-Sagrament?

[1] Ara Ġw 6,54.58.
[2] Ara 1 Kor 11,30.
[3] Ara Innoċenz I ittra *Si instituta ecclesiastica:* Denzinger-Schonmetzer, 216; Konċ. ta' Firenze: *ibid.*, 1324-1325; Konċ. ta' Trento: *ibid.*, 1695-1696; 1716-1717.
[4] Ara Mk 6,13.
[5] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1695. Ara Ġak 5,14-15.
[6] Ara *ibid.*, 1696.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 73.
[8] Ara CIC kan 857 §1.

F'KAŻ TA' MARD GRAVI…

1514 "Id-Dlik tal-morda mhuwiex biss is-sagrament ta' dawk li waslu fi tmiem ħajjithom. Iż-żmien adatt biex wieħed jirċievi dan is-sagrament jasal meta n-Nisrani jibda jkun fil-periklu tal-mewt minħabba l-marda li ddgħajjfu fiżikament jew minħabba x-xjuħija".[1]

1515 Jekk marid li rċieva d-dilka mqaddsa jerġa' jikseb saħħtu, jista' jerġa' jirċievi dan is-sagrament, f'każ ta' marda gravi oħra. Tul l-istess marda dan is-sagrament jista' jiġi mtenni jekk il-marda ssir aktar gravi. Hi ħaġa xierqa li wieħed jirċievi d-Dilka mqaddsa qabel operazzjoni serja. L-istess jingħad għax-xjuħ meta tiżdied id-dgħufija tagħhom.

"… SEJĦU L-PRESBITERI TAL-KNISJA"

1516 Is-saċerdoti biss (isqfijiet u presbiteri) huma l-ministri tad-Dlik tal-morda.[2] Hu dmir ir-ragħajja tal-erwieħ li jgħallmu 'l-fidili fuq il-ġid li jagħmel dan dan is-sagrament u jgħallmuhom iħajru 'l-morda biex isejħu lis-saċerdot ħa jirċievu dan is-sagrament. Il-morda jħejju ruħhom għal dan is-sagrament b'dispożizzjonijiet tajba, bl-għajnuna tal-kappillan tagħhom u tal-komunità ekkleżjali kollha, li għandha tinġabar madwar il-morda bit-talb tagħha u b'sinjali ta' mħabba tal-aħwa.

## III. Kif jiġi ċċelebrat dan is-sagrament?

1517 Bħas-sagramenti l-oħra kollha d-Dlik tal-morda hu ċelebrazzjoni liturġika u komunitarja,[3] kemm jekk issir fid-dar, u kemm jekk issir fl-isptar jew fil-knisja, għal marid wieħed jew għal ħafna morda flimkien. Jaqbel ħafna li d-dlik tal-morda jsir waqt ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, it-tifkira tal-Għid tal-Mulej. Jekk iċ-ċirkostanzi jitolbuh, qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tad-Dlik imqaddes, jista' jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Penitenza u wara s-sagrament tal-Ewkaristija. Bħala sagrament tal-Għid ta' Kristu, l-Ewkaristija hi dejjem l-aħħar sagrament fil-mixi tagħna f'din id-dinja, il-"vjatku" għad-"dħul" fil-ħajja ta' dejjem.

1518 Il-kliem u s-sagrament jagħmlu ħaġa waħda. Il-Liturġija tal-Kelma, b'att penitenzjali qabilha, tiftaħ iċ-ċelebrazzjoni. Kliem Kristu, ix-xhieda tal-Appostli jqanqlu l-fidi tal-marid u tal-komunità biex titlob lill-Mulej il-qawwa tal-Ispirtu tiegħu.

1519 Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament għandha prinċipalment dawn l-elementi: "il-presbiteri tal-Knisja" *(Ġak 5,14)* iqiegħdu idejhom fis-skiet fuq il-morda; jitolbu fuq il-morda bil-fidi tal-Knisja;[4] hi l-epiklesi proprja ta' dan is-sagrament; jagħtu d-dilka mqaddsa biż-żejt imbierek, dilka li jekk jista' jkun, jagħtiha l-isqof.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 73; ara CIC kan 1004 §1; 1005; 1007; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 738.

[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1697; 1719; CIC kan 1003; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 739 §1.

[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 27.

[4] Ara Ġak 6,15.

Dan l-għemil liturġiku juri xi grazzja jagħti s-sagrament lill-morda.

## IV. L-effetti taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament

1520 *Don partikulari tal-Ispirtu s-Santu.* Il-grazzja ewlenija ta' dan is-sagrament hi grazzja ta' faraġ, ta' paċi u ta' kuraġġ biex jintrebħu d-diffikultajiet proprji ta' marda gravi jew ta' xjuħija dgħajfa. Din il-grazzja hi don tal-Ispirtu s-Santu li jġedded il-fiduċja u l-fidi f'Alla u jqawwi kontra t-tiġrib tal-Ħażin u kontra tentazzjoni ta' qtigħ il-qalb u tal-biża' tal-mewt.[1] Din l-għajnuna tal-Mulej, bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu, twassal 'il-marid għall-fejqan tar-ruħ, kif ukoll għall-fejqan tal-ġisem jekk din hi r-rieda ta' Alla.[2] Barra dan, "jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" *(Ġak 5,15)*.[3]

1521 *Għaqda mal-Passjoni ta' Kristu.* Bil-grazzja ta' dan is-sagrament il-marid jirċievi l-qawwa u d-don li jingħaqad b'mod aktar intimu mal-passjoni ta' Kristu: hu b'xi mod *ikkonsagrat* biex jikseb frott mix-xebh mal-passjoni tas-Salvatur li fdietna. It-tbatija, konsegwenza tad-dnub tan-nisel, tieħu tifsir ġdid: issir tisħib fl-opra ta' Ġesù għas-salvazzjoni.

1522 *Grazzja ekkleżjali.* Il-morda li jirċievu dan is-sagrament, "huma u jissieħbu minn rajhom mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu", jagħtu "sehemhom għall-ġid tal-poplu kollu ta' Alla".[4] Hija u tiċċelebra dan is-sagrament, il-Knisja, fix-xirka tal-qaddisin, titlob għall-ġid tal-marid, u dan, min-naħa tiegħu, bil-grazzja ta' dan is-sagrament, jgħin għall-qdusija tal-Knisja u għall-ġid tal-bnedmin kollha li għalihom il-Knisja tbati u toffri lilha nfisha, bi Kristu, lil Alla l-Missier.

1523 *Tħejjija għall-aħħar pass.* Jekk is-sagrament tad-Dilka mqaddsa jingħata lil dawk kollha li jbatu b'mard gravi u dgħufija kbira, wisq aktar għandu jingħata lil dawk li waslu biex joħorġu minn din il-ħajja:[5] għalhekk li dan is-sagrament jissejjaħ ukoll "is-sagrament ta' dawk li telqin".[6] Id-Dlik tal-morda jwassal biex jagħtina xebh sħiħ mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, l-istess kif bdiet tagħmel fina l-Magħmudija. Id-Dilka tal-morda twassal id-dilkiet imqaddsa kollha li jingħataw tul il-ħajja nisranija għall-qofol sħiħ tagħhom; id-dlik li jsir fil-Magħmudija jissiġilla fina l-ħajja ġdida; dak tal-Konfermazzjoni (Griżma) jsaħħaħna għat-taqbida ta' din il-ħajja. Din l-aħħar dilka ssaħħaħ tmiem ħajjitna fuq l-art bħala sur qawwi kontra l-aħħar theddid qabel nidħlu f'Dar Missierna.[7]

## V. Il-Vjatku, l-aħħar sagrament tan-Nisrani

[1] Ara Lh 2,15.
[2] Ara Konċ. ta' Firenze: Denzinger-Schonmetzer, 1325.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1717.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[5] *In exitu vitae constituti:* Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1698.
[6] *Sacramentum exeuntium: ibid.*
[7] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer,1694.

1524 Lil dawk li se jħallu din il-ħajja, barra d-Dilka mqaddsa, il-Knisja toffrilhom ukoll l-Ewkaristija bħala vjatku. It-tqarbina bil-ġisem u d-demm ta' Kristu qabel it-tluq għal għand il-Missier għandha tifsira u importanza tassew partikulari. Hi ż-żerriegħa tal-ħajja ta' dejjem u qawwa għall-qawmien mill-imwiet, skont kliem il-Mulej: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" *(Ġw 6,54)*. L-Ewkaristija, is-sagrament ta' Kristu mejjet u rxoxt, hawn hi s-sagrament tal-mogħdija mill-mewt għall-ħajja, minn din id-dinja għal għand il-Missier.[1]

1525 Għalhekk kif is-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni (Griżma) u tal-Ewkaristija flimkien huma "s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija", hekk is-sagramenti tal-Penitenza, tad-Dilka tal-morda u tal-Ewkaristija bħala vjatku, meta l-ħajja tan-Nisrani tasal fi tmiemha, huma "s-sagramenti li jħejju għall-Pajjiż tas-sema" jew is-sagramenti li jtemmu l-mixja tagħna fid-dinja.

### Fil-qosor

1526 *"Hemm xi ħadd marid fostkom? Halli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; u t-talba tal-fidi ssalva l-marid u l-Mulej iqajmu, u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu"* (Ġak 5,14-15).

1527 *Is-sagrament tad-Dilka jew Griżma tal-morda jagħti grazzja speċjali lin-Nisrani li jkun għaddej mid-diffikultajiet proprji ta' marda gravi u jew ta' xjuħija dgħajfa.*

1528 *L-aħjar żmien biex wieħed jirċievi s-sagrament tad-Dilka jew Griżma tal-morda jasal żgur meta n-Nisrani jibda jkun fil-periklu tal-mewt minħabba l-mard jew ix-xjuħija.*

1529 *Kull darba li n-Nisrani jimrad gravi, jista' jirċievi d-Dilka mqaddsa, u jista' jerġa' jirċeviha wkoll jekk il-marda tiħrax.*

1530 *Is-saċerdoti (isqfijiet u presbiteri) biss jistgħu jagħtu s-sagrament tad-Dilka jew Griżma tal-Morda; jużaw żejt imbierek mill-isqof, jew f'każ ta' ħtieġa, żejt imbierek mis-saċerdot li jiċċelebra s-sagrament.*

1531 *Dak li hu essenzjali f'dan is-sagrament hu d-dlik tal-ġbin u tal-idejn tal-marid (fir-rit Ruman) jew ta' partijiet oħra tal-ġisem (fir-riti tal-Lvant), dlik imsieħeb mat-talba liturġika tas-saċerdot ċelebrant, li jitlob il-grazzja speċjali ta' dan is-sagrament.*

1532 *Il-grazzja speċjali tas-sagrament tad-Dilka jew Griżma tal-morda għandha dawn l-effetti:*

— *l-għaqda tal-marid mal-Passjoni ta' Kristu għall-ġid tiegħu u tal-Knisja kollha;*

[1] Ara Ġw 13,1.

— *il-faraġ, il-paċi u l-kuraġġ biex wieħed iġarrab ta' Nisrani t-tbatija tal-marda jew tax-xjuħija;*

— *il-maħfra tad-dnubiet jekk il-marid ma setax jikseb din il-maħfra bis-sagrament tal-Penitenza;*

— *is-saħħa mill-ġdid jekk dan ikun jaqbel mas-saħħa spiritwali tal-marid;*

— *it-tħejjija għall-mogħdija fil-ħajja ta' dejjem.*

### IT-TIELET KAPITLU

## IS-SAGRAMENTI TAL-QADI TAX-XIRKA

1533 Il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni (Griżma), u l-Ewkaristija huma s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Huma l-pedament tal-vokazzjoni tad-dixxipli kollha tal-Mulej, vokazzjoni għall-qdusija u għall-missjoni tax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja. Jagħtu l-grazzji meħtieġa għall-ħajja skont l-Ispirtu f'din il-ħajja tagħna ta' pellegrini mexjin lejn is-sema pajjiżna.

1534 Żewġ sagramenti oħra, l-Ordni u ż–Żwieġ, huma għas-salvazzjoni tal-oħrajn. Jekk huma ta' għajnuna għas-salvazzjoni personali, dan jagħmluh permezz tal-qadi li jingħata lill-oħrajn. Jagħtu missjoni partikulari fi ħdan il-Knisja u jgħinu għall-bini tal-poplu ta' Alla.

1535 F'dawn is-sagramenti, dawk li ġa ġew *ikkonsagrati* fil-Magħmudija u l-Konfermazzjoni (Griżma)[1] għas-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, jirċievu *konsagrazzjonijiet* oħra. Dawk li jirċievu s-sagrament tal-Ordni jiġu *kkonsagrati* biex ikunu, f'isem Kristu, "bil-kelma u l-grazzja ta' Alla ragħajja tal-Knisja".[2] Min-naħa tagħhom "l-għarajjes insara, biex jaqdu b'mod xieraq id-dmirijiet tal-istat tagħhom, huma mqawwija u, b'xi mod *ikkonsagrati* permezz ta' sagrament speċjali".[3]

### Is-sitt artiklu

## IS-SAGRAMENT TAL-ORDNI

1536 L-Ordni hu s-sagrament li bih il-missjoni fdata lill-Appostli minn Kristu titkompla fil-Knisja sal-aħħar taż-żmien. Hu mela s-sagrament tal-ministeru appostoliku. Għandu tliet gradi: l-episkopat, il-presbiterat, u d-djakonat. (Dwar l-istituzzjoni u l-missjoni tal-ministeru appostoliku minn Kristu, ara aktar lura. Hawn nitkellmu biss dwar il-mod sagramentali kif jingħata dan il-ministeru).

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.

## I. Għaliex jissejjaħ sagrament tal-Ordni?

1537 Il-kelma *Ordni* fi żmien ir-Rumani tal-qedem kienet tfisser korp jew grupp ta' nies fis-soċjetà ċivili; kienet tfisser l-aktar il-korp ta' dawk li jiggvernaw. *"Ordinatio"* kienet tfisser tidħol, tagħmel parti minn xi *"ordo"*, minn xi grupp. Fil-Knisja hemm korpi jew gruppi kostitwiti li t-Tradizzjoni, mhux mingħajr bażi fl-Iskrittura mqaddsa,[1] sa mill-bidu nett sejħitilhom "taksejis" bil-Grieg, u "ordines" bil-Latin. Għalhekk naraw il-liturġija titkellem dwar *"ordo episcoporum", "ordo presbyterorum"* u *"ordo diaconorum"* – il-korp tal-isqfijiet, il-korp tal-presbiteri u l-korp tad-djakni. Gruppi oħra wkoll kienu jingħataw l-isem ta' "ordo": il-katekumeni, il-verġni, l-għarajjes, u n-nisa romol.

1538 Id-dħul jew integrazzjoni f'wieħed minn dawn il-korpi tal-Knisja kien isir permezz ta' rit li kien jissejjaħ *ordinatio*, att reliġjuż u liturġiku, konsagrazzjoni, barka jew sagrament. Illum il-kelma *"ordinazzjoni"* tintuża biss għall-att sagramentali li bih wieħed jidħol fl-ordni tal-isqfijiet, tal-presbiteri u tad-djakni, dħul li hu xi ħaġa aktar minn sempliċi *elezzjoni, desinjazzjoni, delegazzjoni* jew *istituzzjoni* mill-komunità, għaliex jagħti d-don tal-Ispirtu s-Santu li bih wieħed ikun jista' jeżerċita "setgħa mqaddsa",[2] li ma tistax tiġi jekk mhux biss minn Kristu, permezz tal-Knisja. L-ordinazzjoni tissejjaħ ukoll "konsagrazzjoni" għaliex Kristu nnifsu jwarrab għalih lil dak li jkun u jagħtih setgħa għall-ġid tal-Knisja tiegħu. *It-tqegħid tal-idejn* mill-Isqof, flimkien ma' talba ta' konsagrazzjoni, huma s-sinjal li jidher ta' din il-konsagrazzjoni.

## II. Is-sagrament tal-Ordni fil-Pjan tas-Salvazzjoni

IS-SAĊERDOZJU FIL-PATT IL-QADIM

1539 Alla għamel 'il-poplu magħżul "saltna ta' qassisin u ġens qaddis".[3] Iżda fi ħdan il-poplu ta' Israel Alla għażel waħda mit-tnax-il tribù, dik ta' Levi, u warrabha għas-servizz liturġiku;[4] Alla nnifsu hu s-sehem ta' wirtha.[5] Rit proprju kkonsagra l-bidu tas-saċerdozju tal-Patt il-Qadim.[6] Is-saċerdoti huma mqiegħda "għall-bniedem f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla biex joffru doni u sagrifiċċji għad-dnubiet".[7]

1540 Dan is-saċerdozju, imwaqqaf biex iħabbar il-kelma ta' Alla[8] u biex iwaqqaf għaqda ma' Alla permezz tas-sagrifiċċji u tat-talb, ma seta' jagħmel xejn għas-salvazzjoni, għax kellu jibqa' jtenni dejjem is-sagrifiċċji u qatt ma seta' jwassal għall-qdusija sħiħa,[9] qdusija li seta' jagħtiha biss is-sagrifiċċju ta' Kristu.

---

1 Ara Lh 5,6; 7,11 Salm 110,4.
2 *Sacra potestas:* ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10.
3 Eż 19,6; ara Is 61,6.
4 Ara Num 1,48-53.
5 Ara Ġoż 13,33.
6 Ara Eż 29,1-30; Lev 8.
7 Ara Lh 5,1.
8 Ara Mal 2,7.9.
9 Ara Lh 5,3; 7,27; 10,1-4.

1541 Iżda l-liturġija tal-Knisja tara fis-saċerdozju ta' Aron u fis-servizz tal-Leviti, kif ukoll fl-għażla tas-sebgħin "Xiħ",[1] xbihat tal-ministeru ordnat tal-Patt il-Ġdid. Għalhekk fir-rit Latin, fit-talba tal-konsagrazzjoni fl-ordinazzjoni tal-isqfijiet il-Knisja titlob hekk:

> O Alla Missier Sidna Ġesù Kristu… bil-kelma tal-grazzja tiegħek tajt direttivi lill-Knisja tiegħek; sa mill-bidu ppredestinajt il-ġens tal-ġusti minn Abraham, għamilt prinċpijiet u saċerdoti u ma ħallejtx nieqes mill-ministeru s-santwarju tiegħek…[2]

1542 Waqt l-ordinazzjoni tal-presbiteri l-Knisja titlob:

> Mulej, Missier qaddis… sa minn żmien il-Patt il-Qadim b'riti mistiċi twaqqfu l-uffiċċji u kotru; għalhekk, meta qegħidt lil Mosè u lil Aron biex imexxu u jqaddsu l-poplu, għażilt irġiel oħra, ta' dinjità u grad inqas minnhom biex, imseħbin magħhom, jgħinuhom fil-ħidma tagħhom. Hekk fid-deżert int xerridt l-ispirtu ta' Mosè fir-ruħ ta' sebgħin raġel bilgħaqal biex hu, bl-għajnuna tagħhom, seta' jmexxi aħjar il-poplu tiegħek. Hekk ukoll xerridt fuq ulied Aron il-milja tas-saċerdozju ta' missierhom…[3]

1543 U fit-talba tal-konsagrazzjoni għall-ordinazzjoni tad-djakni, il-Knisja tistqarr:

> Alla li tista' kollox… (biex il-Knisja) tkun it-tempju ġdid tiegħek… waqqaft fiha ministeru qaddis, imqassam fi tliet gradi ta' ministri, u għamilthom qaddejja ta' ismek; bħalma fil-bidu kont għażilt lil ulied Levi biex jaqdu t-tabernaklu tal-ewwel…[4]

IS-SAĊERDOZJU WAĦDIENI TA' KRISTU

1544 Ix-xbihat jew figuri tas-saċerdozju tal-Patt il-Qadim isibu s-sħuħija kollha tagħhom fi Kristu Ġesù "l-medjatur waħdieni bejn Alla u l-bnedmin" *(1 Tim 2,5)*. Melkisedek, "il-qassis ta' Alla l-Għoli" *(Ġen 14,18),* hu meqjus mit-Tradizzjoni Nisranija kollha bħala figura tas-saċerdozju ta' Kristu, il-"Qassis il-Kbir waħdieni skont l-ordni ta' Melkisedek" *(Lh 5,10; 6,20)*, "qaddis, innoċenti, safi" *(Lh 7,26)* li "b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa qaddes" *(Lh 10,14)*, jiġifieri bis-sagrifiċċju tas-salib.

1545 Is-sagrifiċċju ta' Kristu għall-fidwa hu sagrifiċċju uniku, magħmul darba għal dejjem. Iżda jiġġedded fis-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Knisja. L-istess ħaġa ngħidu dwar is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu: jiġġedded fis-saċerdozju ministerjali mingħajr ma jiġi nieqes bl-ebda mod il-fatt li s-saċerdozju ta' Kristu hu uniku. *"Et ideo solus Christus est verus sacerdos, alii autem ministri eius"* – "Għalhekk Kristu waħdu hu s-saċerdot veru, l-oħrajn huma ministri tiegħu".[5]

ŻEWĠ SURIET TA' PARTEĊIPAZZJONI
FIS-SAĊERDOZJU WAĦDIENI TA' KRISTU

1546 Kristu, il-Qassis il-Kbir u l-medjatur waħdieni, għamel il-Knisja tiegħu "saltna, qassisin għal Alla tiegħu Missieru".[6] Il-komunità kollha ta' dawk li jemmnu, bħala komunità, hi komunità saċerdotali. L-Insara jeżerċitaw is-saċerdozju li rċevew fil-Magħmudija billi jieħdu sehem, kull wieħed skont is-

[1] Ara Num 11,24-25.
[2] Rit tal-Ordinazzjoni tal-Isqfijiet, 52.
[3] *Ibid.*, 177.
[4] *Ibid.*, 230.
[5] San Tumas ta' Aquino, *In ad Hebraeos*, 7, 4.
[6] Apok 1,6; ara Apok 5,9-10; 1 Piet 2,5.9.

sejħa proprja tiegħu, fil-missjoni ta' Kristu l-Qassis, il-Profeta u s-Sultan. Hu permezz tas-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni (Griżma) li l-Insara "jiġu kkonsagrati biex ikunu… saċerdozju qaddis".[1]

1547 Is-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku tal-isqfijiet u tas-saċerdoti, u s-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, għalkemm "kemm il-wieħed u kemm l-ieħor, kull wieħed fis-sura proprja tiegħu, għandu sehem mis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu",[2] huma essenzjalment differenti minn xulxin, għalkemm "ordnati wieħed għall-ieħor".[3] F'liema sens? Waqt li s-saċerdozju komuni tal-fidili kollha jseħħ billi n-Nisrani jgħix il-grazzja tal-Magħmudija b'ħajja ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba, ħajja skont l-Ispirtu, is-saċerdozju ministerjali hu għall-qadi tas-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, ħa jgħixu l-grazzja tal-Magħmudija tagħhom. Hu wieħed mill-mezzi li bih Kristu bla heda jibni u jmexxi l-Knisja tiegħu u għalhekk jingħata permezz ta' sagrament proprju, is-sagrament tal-Ordni.

"IN PERSONA CHRISTI CAPITIS…"

1548 Fil-qadi li ministru ordnat jagħmel fil-Knisja, hu Kristu nnifsu li hu preżenti fil-Knisja tiegħu bħala r-Ras tal-Ġisem, ir-Ragħaj tal-merħla, il-Qassis il-Kbir tas-sagrifiċċju tal-fidwa, l-Imgħallem tal-Verità. Il-Knisja dan tfisser meta tgħid li s-saċerdot, bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, jaqdi l-ministeru tiegħu "*in persona Christi Capitis* – fil-persuna ta' Kristu r-Ras:[4]

> Hu l-uffiċċju tal-istess qassis Kristu Ġesù li l-ministru jkun tassew jaqdi. Jekk il-ministru hu mxebbah mal-Qassis il-Kbir minħabba l-konsagrazzjoni saċerdotali li rċieva, dan jista' jaqdi l-uffiċċju tiegħu bis-setgħa ta' Kristu nnifsu u fil-persuna tiegħu (*"virtute et persona ipsius Christi"*).[5]
>
> *Christus est fons totius sacerdotii, nam sacerdos legalis erat figura ipsius, sacerdos autem novae legis in persona ipsius operatur* – Kristu hu l-għajn tas-saċerdozju kollu, għax is-saċerdozju tal-Liġi (l-qadima) kien figura tiegħu, u s-saċerdot tal-Liġi l-ġdida jaqdi l-ministeru tiegħu fil-persuna tiegħu (ta' Kristu).[6]

1549 Permezz tal-ministri ordnati, speċjalment tal-isqfijiet u tal-presbiteri, il-preżenza ta' Kristu bħala l-kap tal-Knisja tidher f'nofs il-komunità ta' dawk li jemmnu.[7] Skont espressjoni tassew sabiħa ta' San Injazju ta' Antjokja, l-isqof hu *"typos tou Patros":* qisu x-xbieha ħajja ta' Alla l-Missier.[8]

1550 Din il-preżenza ta' Kristu fil-ministru ma għandniex nifhmuha bħallikieku dan jinħeles minn kulma hu dgħajjef fil-bniedem, mill-ispirtu tal-ħakma, mill-iżbalji, u mid-dnub ukoll. Il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ma tħarisx bl-istess mod l-għemejjel kollha tal-ministri. Waqt li l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiżgura li jseħħ dak li jagħmlu s-sagramenti, b'mod li d-dnub tal-ministru mhux se jfixkel l-għoti tal-grazzja, hemm ħafna għemejjel oħra li fihom il-karattru tal-ministru bħala bniedem mhux dejjem iħalli sinjali li juru fedeltà għall-Evanġelju

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 10.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 10.
[3] *Ibid.*
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10. 28: *Sacrosanctum concilium,* 33; *Presbyterorum ordinis,* 2; 6.
[5] Piju XII, enċiklika *Mediator Dei.*
[6] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 27, 4.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 21.
[8] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Trallenses,* 3, 1; ara *Epistula ad Magnesios,* 6, 1.

u li jistgħu wkoll ikunu ta' ħsara, b'mod li l-ħidma appostolika tal-Knisja ma tagħtix il-frott tagħha.

1551 Hu *saċerdozju ministerjali.* "Dan l-uffiċċju, mogħti mill-Mulej lir-ragħajja tal-poplu tiegħu, hu veru *servizz*".[1] Hu ministeru kollu kemm hu għal Kristu u għall-bnedmin. Jiddependi għalkollox minn Kristu u mis-saċerdozju waħdieni tiegħu, u twaqqaf favur il-bnedmin u favur il-komunità tal-Knisja. Is-sagrament tal-Ordni jagħti "setgħa qaddisa" li mhijiex ħlief is-setgħa qaddisa ta' Kristu. It-tħaddim ta' din l-awtorità jrid għalhekk jitkejjel skont l-eżempju ta' Kristu li għall-imħabba tagħna sar l-aħħar wieħed u l-qaddej ta' kulħadd.[2] "Il-Mulej għamilha ċara li l-għajnuna mogħtija lill-merħla tiegħu hi prova ta' mħabba għalih".[3]

"F'ISEM IL-KNISJA KOLLHA"

1552 Is-saċerdozju ministerjali m'għandux biss id-dmir li juri 'l Kristu – ir-Ras tal-Knisja – lill-ġemgħa kollha tal-fidili; is-saċerdot ministru jkun ukoll jaqdi dmiru f'isem il-Knisja kollha meta jwassal lil Alla t-talb tal-Knisja,[4] l-aktar huwa u joffri s-sagrifiċċju ewkaristiku.[5]

1553 F'isem il-Knisja *kollha:* dan ma jfissirx li s-saċerdoti huma d-delegati tal-komunità. It-talba u l-offerta tal-Knisja ma jistgħux jinfirdu mit-talba u l-offerta ta' Kristu, ir-Ras. Hemm dejjem il-qima u l-kult ta' Kristu fil-Knisja u bil-Knisja tiegħu. Hi l-Knisja kollha, il-Ġisem ta' Kristu, li titlob u toffri "bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu" *("per ipsum, et cum ipso et in ipso")* flimkien mal-Ispirtu s-Santu, lil Alla l-Missier. Il-Ġisem kollu, "ir-ras u l-membri", jitlob u joffri, u għalhekk dawk li fil-Ġisem huma b'mod speċjali l-ministri, huma msejħin *ministri* mhux biss ta' Kristu imma tal-Knisja wkoll. Hu minħabba li s-saċerdozju ministerjali jirrappreżenta 'l Kristu, li jista' jirrappreżenta lill-Knisja wkoll.

## III. It-tliet gradi tas-sagrament tal-Ordni

1554 "Il-ministeru ekkleżjastiku, imwaqqaf minn Alla, hu mħaddem fi gradi jew ordnijiet diversi li sa mill-eqdem żminijiet issejħu isqfijiet, presbiteri (saċerdoti jew qassisin) u djakni.[6] Id-duttrina Kattolika, imfissra mil-liturġija, mill-maġisteru u mill-prattika tal-Knisja minn dejjem, tgħallem li hemm żewġ gradi ta' parteċipazzjoni ministerjali fis-saċerdozju ta' Kristu: l-episkopat u l-presbiterat. Id-djakonat qiegħed hemm biex jgħinhom u jaqdihom. Hu għalhekk li l-kelma "saċerdot" ġeneralment tintuża għall-isqfijiet u l-presbiteri, u qatt għad-djakni. Iżda d-duttrina Kattolika tgħallem li l-gradi ta' parteċipazzjoni saċerdotali (episkopat u presbiterat) u l-grad tal-qadi (djakonat), it-tlieta jingħataw permezz ta' att sagramentali msejjaħ "ordinazzjoni", jiġifieri mis-sagrament tal-Ordni:

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 24.
[2] Ara Mk 10,43-45; 1 Piet 5,3.
[3] San Ġwann Griżostmu, *De Sacerdotes* 2, 4; PG 48, 635D. Ara Ġw 21,15-17.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 33.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 10.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 28.

> Agħtu ġieħ lid-djakni bħalma tagħtu lil Ġesù Kristu, bħalma tagħtu lill-isqof, li hu xbieha tal-Missier, u agħtu ġieħ lill-presbiteri bħala s-senat ta' Alla u bħala l-kulleġġ tal-appostli: mingħajrhom ma nistgħux nitkellmu fuq Knisja.[1]

## L-ORDINAZZJONI EPISKOPALI: IL-MILJA TAS-SAGRAMENT TAL-ORDNI

1555 "Fost il-ħafna ministeri li jaqdu l-uffiċċju tagħhom fil-Knisja sa mill-ewwel żminijiet, għandu l-ewwel post, kif tixhdilna t-Tradizzjoni, il-ministeru ta' dawk li huma isqfijiet li, b'suċċessjoni li qatt ma ġiet nieqsa sa mill-bidu, huma l-friegħi li permezz tagħhom jasal it-tagħlim tal-Appostli."[2]

1556 Biex jaqdu din il-missjoni hekk għolja "l-Appostli, permezz ta' Kristu, stagħnew b'don speċjali tal-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom, u huma għaddew, bit-tqegħid tal-idejn, lill-kollaboraturi tagħhom, don spiritwali li baqa' jingħata sa żminijietna permezz tal-konsagrazzjoni episkopali".[3]

1557 Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li "bil-konsagrazzjoni episkopali tingħata *l-milja tas-sagrament tal-Ordni,* li bi drawwa liturġika tal-Knisja u b'fomm il-Missirijiet imqaddsa tagħha dejjem ġie meqjus bħala s-saċerdozju l-kbir, bħala l-quċċata *("summa")* tal-ministeru mqaddes".[4]

1558 "Il-konsagrazzjoni episkopali, flimkien mad-dmir tat-tqaddis, tagħti wkoll id-dmirijiet tat-tagħlim u tat-tmexxija... Permezz tat-tqegħid tal-idejn u tal-kliem tal-konsagrazzjoni, tingħata l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u l-marka tal-karattru, biex hekk l-isqfijiet jidhru b'mod mill-aqwa li huma qegħdin minflok Kristu stess, l-Imgħallem, ir-Ragħaj u s-Saċerdot, u dak li jagħmlu jagħmluh fil-persuna tiegħu".[5] "Barra dan, l-isqfijiet, permezz tal-Ispirtu s-Santu li ngħatalhom, huma veri għalliema awtentiċi tal-fidi, qassisin il-kbar u ragħajja.".[6]

1559 "Wieħed isir membru tal-Ordni tal-isqfijiet bil-qawwa tal-konsagrazzjoni sagramentali u permezz tax-xirka ġerarkika mal-kap tal-kulleġġ episkopali u mal-membri tiegħu".[7] Il-karattru u n-*natura kolleġġjali* tal-episkopat episkopat jidhru, fost l-oħrajn, mid-drawwa antika tal-Knisja li trid illi għall-konsagrazzjoni ta' isqof ġdid jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni għadd ta' isqfijiet.[8] Illum, biex ordinazzjoni ta' isqof tkun skont il-liġi, hu meħtieġ l-intervent speċjali tal-Isqof ta' Ruma, għax fih tidher bl-ogħla mod l-għaqda tal-Knejjes partikulari mal-Knisja waħda, u hu garanzija tal-libertà tagħhom.

1560 Kull isqof, bħala vigarju ta' Kristu, għandu l-kura pastorali tal-Knisja partikulari fdata lilu, iżda fl-istess ħin, għandu kolleġġjalment ma' ħutu kollha fl-episkopat, il-*ħerqa għall-Knejjes kollha.* "Jekk kull isqof hu biss ir-ragħaj proprju ta' dik il-parti tal-merħla fdata lilu, bħala suċċessur leġittmu tal-Appostli,

---

[1] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Trallenses,* 3, 1.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 20.
[3] *Ibid.,* 21.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.: in Eius persona agant.*
[6] Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus,* 2.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 22.
[8] *Ibid.*

permezz tal-istituzzjoni divina, hu wkoll responsabbli, flimkien mal-isqfijiet l-oħra kollha, tal-missjoni appostolika tal-Knisja".[1]

1561 Kulma għedna juri għaliex l-Ewkaristija ċċelebrata mill-isqof għandha tifsira għalkollox speċjali bħala dehra tal-Knisja madwar l-artal taħt il-presidenza ta' dak li hu r-rappreżentant li jidher ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb u r-Ras tal-Knisja.[2]

L-ORDINAZZJONI TAL-PRESBITERI – KOOPERATURI TAL-ISQFIJIET

1562 "Kristu, li l-Missier ikkonsagra u bagħat fid-dinja" permezz tal-Appostli, sieħeb lis-suċċessuri tagħhom, jiġifieri lill-isqfijiet, fil-konsagrazzjoni u l-missjoni tiegħu. Min-naħa tagħhom imbagħad l-isqfijiet għaddew leġittimament id-dmirijiet tal-ministeru tagħhom lil diversi membri tal-Knisja, skont gradi diversi".[3] "L-uffiċċju ministerjali tagħhom għaddewh lill-presbiteri fi grad taħthom: dawn jinsabu fl-Ordni tal-presbiterat biex ikunu *kollaboraturi tal-Ordni tal-isqfijiet* fil-qadi tal-missjoni appostolika fdata lilhom minn Kristu".[4]

1563 "Il-ħidma tas-saċerdoti, għax marbuta mal-Ordni tal-isqfijiet, għandha sehem mill-awtorità li biha Kristu nnifsu jibni, iqaddes u jmexxi l-Ġisem tiegħu. Hu għalhekk li s-saċerdozju tal-presbiteri, għalkemm jissopponi s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, madankollu jingħata permezz ta' sagrament partikulari li, permezz tal-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu, jimmarkahom b'karattru speċjali, u jxebbahhom ma' Kristu-Saċerdot biex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom fl-isem u fil-persuna ta' Kristu r-Ras".[5]

1564 "Għalkemm ma għandhomx il-milja tas-saċerdozju li għandhom l-isqfijiet u għalkemm jiddependu għalkollox mill-isqfijiet fit-tħaddim tas-setgħa tagħhom, il-presbiteri huma magħqudin magħhom fid-dinjità saċerdotali; u bil-qawwa tas-sagrament tal-Ordni, b'xebh ma' Kristu, il-Qassis il-Kbir u għal dejjem,[6] huma kkonsagrati biex ixandru l-Evanġelju, ikunu ragħajja tal-fidili, u jiċċelebraw il-kult divin *bħala saċerdoti veri tat-Testment il-Ġdid*".[7]

1565 Bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni l-presbiteri għandhom sehem fid-dimensjoni universali tal-missjoni mogħtija minn Kristu lill-Appostli. Id-don spiritwali li rċevew fl-ordinazzjoni jħejjihom mhux għal xi missjoni limitata u ristretta, imma għal missjoni ta' salvazzjoni universali "sa truf l-art kollha",[8] "lesti li, mill-fond ta' qalbhom, iħabbru l-Evanġelju jkun fejn ikun".[9]

1566 "Hu fil-kult jew *sinassi ewkaristika* li s-saċerdoti jeżerċitaw b'mod tassew għoli l-ministeru qaddis tagħhom: hemm ikunu flok Kristu u jħabbru l-misteru tiegħu, jgħaqqdu t-talbiet tal-fidili mas-sagrifiċċju tal-Kap tagħhom, iġeddu u japplikaw fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, sakemm il-Mulej jerġa' jiġi, is-

[1] Piju XII, enċiklika *Fidei donum;* ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 23; *Christus Dominus,* 4, 36, 37; *Ad gentes,* 5, 6, 38.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 41; *Lumen gentium,* 26.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 28.
[4] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 2.
[5] *Ibid.,* 2.
[6] Ara Lh 5,1-10; 7,24; 9,11-28.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 28.
[8] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 10.
[9] Konċ. Vatikan II, *Optatam totius,* 20.

sagrifiċċju waħdieni tat-Testment il-Ġdid, is-sagrifiċċju li Kristu bħala vittma safja offra darba għal dejjem lill-Missier għal kulħadd".[1] Minn dan is-sagrifiċċju waħdieni jikseb il-qawwa kollha tiegħu l-ministeru saċerdotali tagħhom.[2]

1567 "Il-presbiteri, kooperaturi għaqlin tal-Ordni tal-isqfijiet li tagħhom huma għajnuna u strument, imsejħin biex jaqdu l-poplu ta' Alla flimkien mal-isqof tagħhom, jagħmlu presbiterju wieħed, b'ħidmiet diversi. F'kull post fejn hemm komunità ta' fidili, il-presbiteri jagħmlu b'xi mod preżenti l-isqof, li miegħu huma marbutin b'qalb kbira u b'fiduċja liema bħalha; jagħmlu tagħhom skont il-grad li għandhom, id-dmirijiet tiegħu u l-ħerqa kollha tiegħu u jaqduhom fil-ħidma tagħhom ta' kuljum fost il-fidili".[3] Il-presbiteri ma jistgħux jaqdu l-ministeru tagħhom jekk mhux dipendenti mill-isqof u f'għaqda miegħu. Il-wegħda ta' ubbidjenza li jagħmlu lill-isqof fil-mument tal-ordinazzjoni tagħhom, u l-bewsa tal-paċi li jagħtihom l-isqof fi tmiem il-liturġija tal-ordinazzjoni, ifissru li l-isqof jikkunsidrahom bħala kollaboraturi tiegħu, uliedu, ħutu, u ħbiebu, u huma min-naħa tagħhom għandhom iħobbuh u jobduh.

1568 "Bl-ordinazzjoni, li ddaħħalhom fl-Ordni tal-presbiterat, il-presbiteri kollha huma marbutin bejniethom b'rabta liema bħala ta' fraternità sagramentali; iżda b'mod speċjali jagħmlu presbiterju wieħed fid-djoċesi fejn qegħdin jaqdu l-ministeru tagħhom taħt l-isqof tal-post".[4] L-għaqda tal-presbiterju għandha t-tifsira liturġika tagħha fid-drawwa li titlob li l-presbiteri kollha preżenti waqt ir-rit tal-ordinazzjoni, iqiegħdu idejhom fuq l-ordinandi għall-presbiterat, wara l-isqof.

L-ORDINAZZJONI TAD-DJAKNI: "GĦALL-QADI"

1569 "Fi grad inqas tal-ġerarkija jinsabu d-djakni: it-tqegħid tal-idejn isirilhom mhux għas-saċerdozju, imma għall-qadi".[5] Fl-ordinazzjoni tad-djakni l-isqof waħdu jqiegħed idejh, u hekk ifisser li d-djaknu hu b'mod speċjali marbut mal-isqof fl-uffiċċji tiegħu ta' "djakonija".[6]

1570 Id-djakni għandhom sehem b'mod speċjali fil-missjoni u fil-grazzja ta' Kristu.[7] Is-sagrament tal-Ordni jimmarkahom b'*sinjal* (karattru) li xejn ma jista' jneħħih u li jagħmilhom xebh ma' Kristu, li ried ikun "djaknu", jiġifieri qaddej ta' kulħadd.[8] Hu dmir id-djakni, fost dmirijiet oħra, li jassistu lill-isqof u lill-presbiteri fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u l-aktar tal-Ewkaristija, u li jqarbnu, li jassistu għaż-żwieġ u jberkuh, li jxandru l-Evanġelju u jippriedkaw, li jmexxu l-funerali, u li jiddedikaw ruħhom għal kull qadi ta' mħabba.[9]

1571 Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, il-Knisja Latina reġgħet waqqfet id-djakonat bħala "grad proprju u permanenti tal-ġerarkija",[10] waqt li dan dejjem żammewh il-Knejjes tal-Lvant. Dan id-*djakonat permanenti,* li jista' jingħata wkoll lill-irġiel miżżewġa, jagħni b'mod tassew

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 28.
[2] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 2.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 28.
[4] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 8.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 29; ara *Christus Dominus,* 15.
[6] Ara San Ippolitu, *Traditio apostolica,* 8.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 41; *Apostolicam actuositatem,* 16.
[8] Ara Mk 10,45; Lq 22,27; San Polikarpu ta' Smirna, *Epistula ad Philippenses,* 5, 2.
[9] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 39; *Sacrosanctum concilium,* 35, 4; *Ad gentes,* 16.
[10] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 29.

importanti l-missjoni tal-Knisja. Dan għaliex hi ħaġa adatta u tiswa li rġiel, li fil-Knisja qed jaqdu veru ministeru ta' djakonija kemm fil-ħajja liturġika u pastorali u kemm f'ħidmiet soċjali u karitattivi, jissaħħu bit-tqegħid tal-idejn li ġej minn żmien l-Appostli, u jintrabtu b'rabta aktar qawwija mal-artal biex jaqdu l-ministeru tagħhom b'mod aktar effikaċi, bl-għajnuna tal-grazzja sagramentali tad-djakonat.[1]

## IV. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament

1572 Iċ-ċelebrazzjoni tal-ordinazzjoni ta' isqof, ta' presbiteri u ta' djakni, minħabba l-importanza tagħha fil-ħajja tal-Knisja partikulari, titlob li jkun hemm għadd kemm jista' jkun kbir ta' fidili għaliha. Preferibbilment iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir f'jum il-Ħadd fil-katidral, b'solennità adatta għaċ-ċirkostanza. It-tliet ordinazzjonijiet, dik tal-isqof, dik tal-presbiteri u dik tad-djakni, għandhom l-istess struttura. Isiru waqt il-liturġija ewkaristika.

1573 Ir-*rit essenzjali* tas-sagrament tal-Ordni għat-tliet gradi hu t-tqegħid tal-idejn mill-isqof fuq ras dak li se jiġi ordnat flimkien mat-talba speċifika tal-konsagrazzjoni, li titlob lil Alla l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, bid-doni tiegħu, adatti għall-ministeru li għalih qed jiġi ordnat il-kandidat.[2]

1574 Bħal ma hemm fis-sagramenti l-oħra, iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Ordni hi mdawra b'għadd ta' riti marbutin magħha. Dawn ir-riti jvarjaw ħafna skont it-tradizzjonijiet liturġiċi differenti, iżda kollha jfittxu li jfissru l-ħafna aspetti tal-grazzja sagramentali. Hekk, fir-rit Latin, ir-riti tal-bidu – il-preżentazzjoni u l-għażla tal-ordinandi, l-allokuzzjoni tal-isqof, l-istħarriġ tal-fehma tal-ordinandi u l-litanija tal-qaddisin – kollha jixhdu li l-għażla tal-kandidati saret skont id-drawwa tal-Knisja u jħejju għall-att solenni tal-konsagrazzjoni. Wara dan, għadd ta' riti oħra jfissru u juru b'mod simboliku l-misteru li jkun seħħ: għall-isqof u għall-presbiteri d-dlik biż-żejt tal-griżma hu sinjal tal-unzjoni speċjali tal-Ispirtu s-Santu li biha l-ministeru tagħhom jagħti l-frott tiegħu; l-għoti tal-ktieb tal-Evanġelju, taċ-ċurkett, tal-mitra u tal-baklu lill-isqof huma sinjali tal-missjoni appostolika tat-tħabbir tal-kelma ta' Alla, tal-fedeltà tiegħu lejn il-Knisja l-Għarusa ta' Kristu, tal-uffiċċju tiegħu ta' ragħaj tal-merħla tal-Mulej; l-għoti tal-patena u l-kalċi lill-presbiteri hi sinjal li huma msejħin biex jippreżentaw lil Alla "l-offerta tal-poplu qaddis ta' Alla"; l-għoti tal-ktieb tal-Evanġelju lid-djakni jfisser li huma se jkollhom il-missjoni li jħabbru l-Evanġelju ta' Kristu.

## V. Min jista' jagħti dan is-sagrament?

1575 Hu Kristu li għażel lill-Appostli u tahom sehem mill-missjoni u l-awtorità tiegħu. Wara t-tlugħ tiegħu fuq il-lemin tal-Missier, hu ma ħalliex waħedha l-merħla tiegħu, iżda jżommha permezz tal-Appostli taħt il-ħarsien tiegħu li ma jieqaf qatt, u jmexxiha permezz tal-istess ragħajja li għadhom sal-lum ikomplu l-missjoni tiegħu.[3] Hu mela Kristu li jagħti "lil xi wħud" li jkunu appostli, lil xi wħud li jkunu ragħajja.[4] Hu jkompli l-ħidma tiegħu permezz tal-isqfijiet.

[1] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 16.
[2] Ara Piju XII, kostituzzjoni appostolika *Sacramentum Ordinis:* Denzinger-Schonmetzer, 3858.
[3] Ara Missal Ruman, prefazju tal-Appostli.
[4] Ara Ef 4,11.

1576 Għaliex is-sagrament tal-Ordni hu s-sagrament tal-ministeru appostoliku, hu d-dmir tal-isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli, li jgħaddu lill-oħrajn "dan id-don spiritwali",[1] "din iż-żerriegħa appostolika".[2] L-isqfijiet ordnati validament, jiġifieri fil-linja tas-suċċessjoni appostolika, jagħtu validament it-tliet gradi tas-sagrament tal-Ordni.[3]

## VI. Min jista' jirċievi dan is-sagrament?

1577 "Raġel mgħammed biss jista' jirċievi validament l-ordinazzjoni sagra".[4] Il-Mulej Ġesù għażel irġiel biex iwaqqaf il-kulleġġ ta' tnax-il Appostlu,[5] u l-istess ħaġa għamlu l-Appostli meta għażlu l-kollaboraturi tagħhom[6] li daħlu warajhom fl-uffiċċju tagħhom.[7] Il-kulleġġ tal-isqfijiet, li magħhom hemm magħqudin fis-saċerdozju l-presbiteri, jippreżenta llum il-kulleġġ tal-Appostli sa ma jerġa' jiġi l-Mulej. Il-Knisja tħoss ruħha marbuta ma' din l-għażla tal-Mulej stess. Hu għalhekk li l-ordinazzjoni tan-nisa ma tistax tkun.[8]

1578 Ħadd ma għandu d-*dritt* li jirċievi l-Ordni. Dan għaliex ħadd ma għandu jieħu għalih innifsu dan l-uffiċċju. Jissejjaħ minn Alla.[9] Min jaħseb li hu msejjaħ minn Alla għall-ministeru tal-ordinazzjoni għandu jfisser bl-umiltà kollha x-xewqa tiegħu lill-awtorità tal-Knisja li għandha r-responsabbiltà u d-dritt li ssejjaħ lil min jirċievi l-ordinazzjoni. Bħal kull grazzja, dan is-sagrament *nirċevuh* biss bħala don li ma jistħoqqilniex.

1579 Il-ministri kollha ta-Knisja Latina, barra mid-djakni permanenti, bħala regola jintgħażlu minn fost irġiel li jemmnu u qed jgħixu fiċ-ċelibat u jridu jħarsu ċ-*ċelibat* "għas-saltna tas-smewwiet" *(Mt 19,12)*. Huma jingħataw kollhom kemm huma lil Alla u lill-bnedmin, imsejħin biex jikkonsagraw ruħhom lil Alla u lill-"ħwejjeġ tiegħu"[10] bla ebda firdiet fihom infushom. Iċ-ċelibat hu sinjal ta' din il-ħajja ġdida, li għall-qadi tagħha huma kkonsagrati l-ministri tal-Knisja; iċ-ċelibat, milqugħ b'qalb hienja, iħabbar is-saltna ta' Alla b'mod tassew ferħan.[11]

1580 Fil-Knejjes tal-Lvant, minn xi sekli 'l hawn, hemm dixxiplina oħra: waqt li l-isqfijiet jintgħażlu biss minn fost dawk li jħaddnu ċ-ċelibat, irġiel miżżewġin jistgħu jiġu ordnati presbiteri u djakni. Din il-prattika ilha żmien twil meqjusa bħala leġittma; dawn il-presbiteri jaqdu ministeru li jagħti frott fil-komunitajiet tagħhom.[12] Madankollu ċ-ċelibat tal-presbiteri jingħata l-ogħla ġieħ fil-Knejjes

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 21.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 20.
[3] Ara Innoċenz III, ittra *Eius exemplo:* Denzinger-Schonmetzer, 794; Konċ. tal-Lateran IV; *ibid.* 802; CIC kan 1012; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 744, 747.
[4] CIC kan 1024.
[5] Ara Mk 3,14-19;p Lq 6,12-16.
[6] Ara 1 Tim 3,1-13; 2 Tim 1,6; Titu 1,5-9.
[7] San Klement ta' Ruma, *Epistula ad Corinthios,* 42, 4; 44, 3.
[8] Ara Ġwanni Pawlu II, *Mulieres dignitatem* 26-27; Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Inter insigniores* AAS 69 (1977) pp. 98-116.
[9] Ara Lh 5,4.
[10] Ara 1 Kor 7,32.
[11] Ara Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis,* 16.
[12] *Ibid.*

tal-Lvant, u ħafna huma s-saċerdoti li jagħżluh minn rajhom, għas-Saltna ta' Alla. Kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent, min ikun irċieva l-Ordni ma jistax jiżżewweġ.

## VII. X'jagħmel is-sagrament tal-Ordni

KARATTRU LI MA JITĦASSAR QATT

1581 Dan is-sagrament jagħti xebh ma' Kristu bi grazzja speċjali tal-Ispirtu s-Santu, biex wieħed ikun strument ta' Kristu għall-Knisja tiegħu. Bl-ordinazzjoni wieħed jikseb l-inkarigu li jagħmel ħidma bħala rappreżentant ta' Kristu, ir-Ras tal-Knisja, fit-tlett uffiċċji tiegħu ta' saċerdot, profeta u sultan.

1582 L-istess bħalma hu fil-każ tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni (Griżma), dan is-sehem fil-ħidma ta' Kristu jingħata darba għal dejjem. Is-sagrament tal-Ordni jagħti, hu wkoll, *karattru spiritwali li ma jitħassar qatt* u ma jistax jiġi mtenni jew jingħata aktar minn darba jew għal żmien meqjus.[1]

1583 Wieħed ordnat validament, żgur li għal raġunijiet gravi, jista' jiġi meħlus mill-obbligazzjonijiet tiegħu u mid-dmirijiet marbutin mal-ordinazzjoni, jew jista' jiġi pprojbit lilu li jeżerċitahom,[2] imma ma jista' qatt jerġa' jsir lajk fit-tifsir dejjaq tal-kelma[3] għax il-karattru mogħti mill-ordinazzjoni tiegħu, jibqa' jimmarkah għal dejjem. Is-sejħa u l-missjoni li rċieva meta ġie ordnat jimmarkawh b'mod permanenti.

1584 Fl-aħħar mill-aħħar huwa Kristu li jaħdem u jġib is-salvazzjoni permezz tal-ministru ordnat, u għalhekk il-fatt li dan ma jkunx jistħoqqlu dan il-ministeru ma jfixkilx il-ħidma ta' Kristu.[4] Santu Wistin dan jgħidu bil-qawwa kollha:

> Ministru kburi bih innifsu jingħadd max-xitan. Iżda madankollu d-don ta' Kristu ma jiġix b'daqshekk ipprofanat: dak li joħroġ minn Kristu jibqa' jħares is-safa tiegħu, dak li jgħaddi minnu jibqa' ċar u jasal f'art li tagħti l-frott... Il-qawwa spiritwali tas-sagrament hi bħad-dawl: dawk li jiġu mdawlin minnu jirċevuh fis-safa kollu tiegħu u jekk jgħaddi minn min hu mniġġes ma jitniġġisx.[5]

IL-GRAZZJA TAL-ISPIRTU S-SANTU

1585 Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu proprja ta' dan is-sagrament hi x-xebh ma' Kristu Saċerdot, Mgħallem u Ragħaj: min jiġi ordnat hu ministru tiegħu.

1586 Għall-isqof il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu hi l-ewwel nett grazzja ta' qawwa ("l-Ispirtu ewlieni"):[6] biex imexxi u jħares bil-qawwa kollha u bl-għaqal kollu l-Knisja tiegħu bħala missier u ragħaj b'imħabba għal kulħadd u bi predilezzjoni għall-foqra, għall-morda u għal dawk f'xi ħtieġa.[7] Din il-grazzja timbuttah biex iħabbar l-Evanġelju lil kulħadd, biex ikun eżempju għall-merħla

---

[1] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1767; Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 21; 28; *Presbyterorum ordinis,* 2.
[2] Ara CIC kan 290-293; 1336 §1 3º 5º; 1338 §2.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1774.
[4] Ara *ibid.*, 1612; Konċ. ta' Kostanza, *ibid.*, 1154.
[5] Santu Wistin *In Evangelium Joannis tractatus,* 5, 15.
[6] Talba tal-Konsagrazzjoni ta' Isqof fir-rit Latin.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus,* 13 u 16.

tiegħu, u jimxi quddiemha fit-triq tal-qdusija, huwa u jara lilu nnifsu fl-Ewkaristija, ħaġa waħda ma' Kristu Saċerdot u Vittma, mingħajr ma jibża' jagħti ħajtu għall-merħla:

> Agħti, Missier li tagħraf il-qlub, lil dan il-qaddej tiegħek li għażilt għall-episkopat, li jirgħa l-merħla qaddisa tiegħek, u bla għajb jurik il-milja tas-saċerdozju, huwa u jaqdik lejl u nhar, u ma jieqaf qatt jitlob ħarsa ta' ħniena minnek u joffrilek id-doni tal-Knisja mqaddsa tiegħek; ħa jkollu bl-ispirtu tal-milja tas-saċerdozju tiegħu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet skont l-ordni tiegħek, iqassam l-uffiċċji skont l-ordni tiegħek, u jħoll ir-rabtiet kollha bis-setgħa li tajt lill-Appostli; ħa jkun jogħġbok bit-tjieba u s-safa ta' qalbu, huwa u joffrilek fwieħa li togħġbok b'Ibnek Ġesù Kristu… [1]

1587 Id-don spiritwali li tagħti l-ordinazzjoni presbiterali hi mfissra mit-talba proprja tar-rit Biżantin. L-isqof, huwa u jqiegħed idu, jgħid fost kliem ieħor:

> Mulej, imla bid-don tal-Ispirtu s-Santu lil dak li għoġbok tgħolli għall-grad tas-saċerdozju biex ikun jixraqlu joqgħod quddiem l-artal tiegħek bla ebda għajb, iħabbar l-Evanġelju tas-Saltna tiegħek, jaqdi l-ministeru tal-kelma tal-verità, joffrilek doni u sagrifiċċji spiritwali, iġedded il-poplu tiegħek bil-ħasil tat-twelid ġdid, hekk li hu stess imur jiltaqa' mal-Kbir Alla u Salvatur tagħna Ġesù Kristu, Ibnek il-waħdieni, f'jum it-tieni miġja tiegħu u jirċievi mit-tjieba bla qies tiegħek il-premju għall-fedeltà sħiħa fl-ordni tiegħu.[2]

1588 Lid-djakni "l-grazzja sagramentali tagħtihom il-qawwa meħtieġa ħa jaqdu l-poplu ta' Alla fid-'djakonija' tal-liturġija, tal-Kelma u tal-imħabba, f'għaqda mal-isqof u mal-presbiterju tiegħu".[3]

1589 Quddiem il-kobor tal-grazzja u tal-uffiċċju saċerdotali, l-għorrief qaddisa tal-Knisja ħassew urġenti s-sejħa għall-konverżjoni biex ħajjithom kollha tkun taqbel ma' dik ta' dak li għamilhom ministri tiegħu. Hekk kiteb San Girgor Nazjanzenu, meta kien għadu saċerdot żagħżugħ:

> Trid tibda ssaffi lilek innifsek qabel issaffi l-oħrajn; trid tkun tgħallimt qabel tibda tgħallem; trid tkun sirt dawl qabel tibda ddawwal; tersaq lejn Alla biex tressaq lill-oħrajn, tkun imqaddes biex tqaddes, tmexxi b'idek u tagħti pariri bl-intelliġenza kollha.[4] Nafu ta' min aħna ministri, f'liema għoli ninsabu, u min hu dak li sejrin lejh. Nafu x'inhu l-kobor ta' Alla u x'inhi d-dgħufija tal-bniedem, imma nafu wkoll x'qawwa għandu.[5] Mela min hu s-saċerdot? Hu d-difensur tal-verità, jissieħeb mal-anġli, jagħti glorja mal-arkanġli, itella' fuq l-artal tas-sema il-vittmi tas-sagrifiċċji, jaqsam is-saċerdozju ma' Kristu, isawwar mill-ġdid il-ħlejjaq u jerġa' jagħtihom ix-xbieha ta' Alla, joħloqhom mill-ġdid għad-dinja ta' hemm fuq, u, biex ngħid dak li hu l-aqwa, hu *divinizzat u jiddivinizza*.[6]
>
> U l-Kurat ta' Ars: "Hu s-saċerdot li jkompli l-opra tal-fidwa fuq l-art"… "Jekk wieħed jifhem sewwa x'inhu s-saċerdot fuq l-art, imut mhux bil-biża' imma bl-imħabba"… "Is-saċerdozju, hu l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù".[7]

## Fil-qosor

[1] San Ippolitu ta' Ruma, *Traditio apostolica*, 3.
[2] *Eucologion* tal-Liturġija Biżantina.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 29.
[4] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes* 2, 71: PG 35, 480B.
[5] *Ibid.*, 74: PG 46, 481B.
[6] *Ibid.*, 74: PG 481A.
[7] B. Nodet, *Jean-Marie Vianney,Curé d'Ars*, 100.

1590 *San Pawl jgħid lid-dixxiplu tiegħu Timotju: "Infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla li jinsab fik bit-tqegħid ta' idejja"* (2 Tim 1,6). *"Min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ"* (1 Tim 3,1). *U lil Titu qallu: "Ħallejtek fi Kreta biex tqassam kollox bl-ordni u biex taħtar presbiteri f'kull belt skont ma ordnajtlek"* (Titu 1,5).

1591 *Il-Knisja kollha hi poplu saċerdotali. Permezz tal-Magħmudija, il-fidili kollha għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Dan it-tisħib jissejjaħ "is-saċerdozju komuni tal-fidili". Fuq il-bażi tiegħu u għall-qadi tiegħu hemm parteċipazzjoni oħra fil-missjoni ta' Kristu, dik tal-ministeru li jingħata bis-sagrament tal-Ordni, li l-ħidma tiegħu hi dik li jaqdi fi ħdan komunità, f'isem Kristu u fil-persuna ta' Kristu r-Ras.*

1592 *Is-saċerdozju ministerjali hu essenzjalment differenti mis-saċerdozju komuni tal-fidili, għax jagħti setgħa qaddisa għall-qadi tal-fidili. Il-ministri ordnati jaqdu s-servizz tagħhom mal-poplu ta' Alla bit-tagħlim* (munus docendi), *bil-kult divin* (munus liturgicum) *u bit-tmexxija pastorali* (munus regendi).

1593 *Sa mill-bidu l-ministeru ordnat ingħata u tħaddem fi tliet gradi jew ordnijiet: dak tal-isqfijiet, dak tal-presbiteri, u dak tad-djakni. L-istruttura organika tal-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajr il-ministeri mogħtija permezz tal-ordinazzjoni. Mingħajr isqfijiet, presbiteri u djakni ma nistgħux nitkellmu fuq Knisja.*[1]

1594 *L-isqof jirċievi l-milja tas-sagrament tal-Ordni li bih jidħol fil-kulleġġ tal-isqfijiet u jagħmlu kap viżibbli tal-Knisja partikulari li tiġi fdata lilu. L-isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli u membri tal-Kulleġġ episkopali, għandhom sehem fir-responsabbiltà appostolika u fil-missjoni tal-Knisja kollha taħt l-awtorità tal-Papa, is-suċċessur ta' San Pietru.*

1595 *Il-presbiteri huma mseħbin mal-isqfijiet fid-dinjità tas-saċerdozju u fl-istess ħin jiddependu minnhom fit-tħaddim tal-uffiċċji pastorali kollha tagħhom. Huma msejħin biex ikunu kollaboraturi għaqlin tal-isqfijiet; jiffurmaw madwar l-isqof tagħhom il-"presbiterju" li jġib miegħu r-responsabbiltà tal-Knisja partikulari. Jirċievu mingħand l-isqof l-uffiċċju li jmexxu komunità parrokkjali jew jaqdu ħidma ekkleżjali determinata.*

1596 *Id-djakni huma ministri ordnati għall-ħidmiet ta' qadi fil-Knisja. Ma jirċevux is-saċerdozju ministerjali, imma l-ordinazzjoni tagħtihom uffiċċju importanti fil-ministeru tal-Kelma, tal-kult divin, tat-tmexxija pastorali u tas-servizz tal-imħabba, ħidmiet li jridu jsiru taħt l-awtorità pastorali tal-isqof tagħhom.*

1597 *Is-sagrament tal-Ordni jingħata bit-tqegħid tal-idejn flimkien ma' talba ta' konsagrazzjoni solenni li fiha tintalab mingħand Alla għal dak li se jordna l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu meħtieġa għall-ministeru tiegħu. L-ordinazzjoni tħalli fir-ruħ karattru sagramentali li ma jitħassar qatt.*

1598 *Il-Knisja tagħti s-sagrament tal-Ordni lill-irġiel mgħammdin biss, wara li jkunu ġew magħrufa sewwa l-kwalitajiet li jagħmluhom adatti ħa jħaddnu l-*

[1] Ara San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Trallenses,* 3, 2.

*ministeru li jingħatalhom. L-awtorità tal-Knisja għandha r-responsabbiltà u d-dritt li ssejjaħ lil xi ħadd biex jirċievi s-sagrament tal-Ordni.*

1599 *Fil-Knisja Latina s-sagrament tal-Ordni għall-presbiterat normalment ma jingħatax jekk mhux lill-kandidati li lesti jħaddnu minn rajhom iċ-ċelibat u li juru pubblikament ir-rieda li jħarsuh għall-imħabba tas-Saltna ta' Alla u għall-qadi tal-bnedmin.*

1600 *Huma l-isqfijiet li għandhom id-dritt jagħtu s-sagrament tal-Ordni fit-tliet gradi tiegħu.*

**Is-seba' artiklu**

## IS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

1601 "Ir-rabta taż-żwieġ, li biha raġel u mara flimkien iwaqqfu komunità ta' ħajja għal għomorhom u li min-natura tagħha tfittex il-ġid tal-miżżewġin u wkoll it-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied, għall-imgħammdin ġiet mgħollija minn Kristu l-Mulej għad-dinjità ta' sagrament".[1]

### I. Iż-Żwieġ fil-pjan ta' Alla

1602 L-Iskrittura tibda bil-ħolqien tar-raġel u tal-mara fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla[2] u tagħlaq bid-dehra tat-"tieġ tal-Ħaruf" *(Apok 19, 7.9)*. Mill-bidu sal-aħħar l-Iskrittura titkellem dwar iż-żwieġ u l-"misteru" tiegħu, dwar it-twaqqif tiegħu u t-tifsir li Alla ried jagħtih, dwar il-bidu u t-tmiem tiegħu, dwar kulma seħħ bih tul il-ġrajja twila tas-salvazzjoni, dwar id-diffikultajiet li jiġu mid-dnub, u dwar "it-tiġdid tiegħu fil-Mulej" *(1 Kor 7,39)* fil-Patt il-Ġdid ta' Kristu u l-Knisja.[3]

IŻ-ŻWIEĠ FL-ORDNI TAL-ĦOLQIEN

1603 "Il-komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba tal-miżżewġin twaqqfet u ngħatat il-liġijiet proprji tagħha mill-Ħallieq. Alla nnifsu hu l-awtur taż-żwieġ".[4] Il-vokazzjoni għaż-żwieġ tinsab fin-natura stess tar-raġel u tal-mara, kif ħarġu minn id il-Ħallieq. Iż-żwieġ mhuwiex xi istituzzjoni tal-bnedmin biss, minkejja l-ħafna varjazzjonijiet li ġarrab tul iż-żminijiet f'kulturi, strutturi soċjali u qagħdiet spiritwali differenti. Dawn id-diversitajiet m'għandhomx inessuna li fis-suriet kollha li kellu ż-żwieġ, hemm xi ħaġa li tinsab fiż-żwiġijiet kollha u tibqa' dejjem. Għalkemm id-dinjità taż-żwieġ mhux dejjem tidher kullimkien ċara bl-istess mod,[5] fil-kulturi kollha nsibu ċertu sens tal-kobor tal-għaqda taż-żwieġ. "Għaliex

[1] CIC kan 1055 §1.
[2] Ara Ġen 1,26-27.
[3] Ara Ef 5,31-32.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 48.
[5] *Ibid.*, 47.

il-ġid tal-persuna u tas-soċjetà hu marbut b'rabta liema bħalha mal-qagħda hienja tal-għaqda fiż-żwieġ u tal-familja.[1]

1604 Alla ħalaq il-bniedem għax ħabbu, sejjaħlu wkoll għall-imħabba, vokazzjoni fundamentali u naturali ta' kull bniedem. Dan għaliex il-bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla,[2] li hu fih innifsu Mħabba.[3] Għaliex Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara, l-imħabba tagħhom għal xulxin hi xbieha tal-imħabba assoluta li ma tiġi nieqsa qatt ta' Alla għall-bniedem. Hi ħaġa tajba, tajba ħafna f'għajnejn il-Ħallieq.[4] U din l-imħabba, li Alla jbierek, trid tagħti l-frott tagħha u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fil-ħidma flimkien għall-ħarsien tal-ħolqien: "U berikom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru, u imlew l-art u aħkmuha'" *(Ġen 1,28)*.

1605 Ir-raġel u l-mara huma maħluqin għal xulxin: l-Iskrittura dan tgħidu b'mod ċar: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu". Il-mara "laħam minn laħmu", jiġifieri sieħba tiegħu, daqsu, l-aktar qribu, ingħatatlu minn Alla bħala "għajnuna tgħodd għalih", għax hu minnu li "l-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej" *(Salm 121,2)*. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" *(Ġen 2,18-25)*. Dan ifisser għaqda flimkien taż-żewġ ħajjiet tagħhom, għaqda li ma tintemm qatt, u dan urieh il-Mulej stess meta fakkar x'kien il-pjan ta' Alla "fil-bidu": "Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed"*(Mt 19,6)*.

IŻ-ŻWIEĠ F'QAGĦDA TA' DNUB

1606 Kull bniedem mill-esperjenza tiegħu jaf bil-ħażen li hemm madwaru u fih. Din l-esperjenza tinħass ukoll fir-relazzjonijiet bejn ir-raġel u l-mara. Tul iż-żmien kollu r-rabta tagħhom hi mhedda mill-ġlied, min-nuqqas ta' ftehim, mill-ispirtu tal-ħakma, mill-infedeltajiet, mill-għira, u minn ġlied li jista' jwassal ukoll għall-mibegħda u għall-firda. Dan id-diżordni kollu jista' juri ruħu f'suriet ftit jew wisq serji, u jista' b'xi mod jintrebaħ ftit jew wisq, skont il-kulturi, iż-żminijiet, l-individwi; imma hu x'inhu, jidher li dan id-diżordni jinsab fid-dinja kollha.

1607 Skont il-fidi, dan id-diżordni li jnikkitna mhux ġej min-*natura* tar-raġel u tal-mara, u lanqas min-natura tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, imma mid-*dnub*. L-ewwel dnub, li ġab il-firda minn Alla, bħala l-ewwel effett tiegħu kellu l-firda fl-għaqda li fil-bidu kien hemm bejn ir-raġel u l-mara. Ir-relazzjonijiet ta' bejniethom tħawdu bit-tilwim tagħhom huma u jwaħħlu f'xulxin;[5] il-ġibda għal xulxin, don proprju ta' Alla li ħalaqhom[6] tbiddlet f'ħakma u żina;[7] is-sejħa sabiħa sabiħa biex inisslu u joktru u jaħkmu fuq l-art[8] iġġarrbet bl-uġigħ tat-tqala u bl-għaraq tax-xogħol.[9]

1608 Iżda l-ordni tal-ħolqien baqa', għalkemm imħarbat sewwa. Ir-raġel u l-mara, biex ifejqu l-ġerħat tad-dnub, jeħtieġu l-għajnuna tal-grazzja ta' Alla li, fil-

[1] *Ibid.*
[2] Ara Ġen 1,27.
[3] Ara 1 Ġw 4,8.16.
[4] Ara Ġen 1,31.
[5] Ara Ġen 3,12.
[6] Ara Ġen 2,22.
[7] Ara Ġen 3,16b.
[8] Ara Ġen 1,28.
[9] Ara Ġen 3,16-19.

ħniena kbira tiegħu, qatt ma jiċħadhielhom.[1] Mingħajr din l-għajnuna r-raġel u l-mara qatt ma jirnexxilhom jaslu biex iwettqu bejniethom l-għaqda ta' ħajjithom, għaqda li Alla ħalaqhom għaliha "sa mill-bidu".

IŻ-ŻWIEĠ TAĦT IL-PEDAGOĠIJA TAL-LIĠI

1609 Alla, fil-ħniena kbira tiegħu, ma ħalliex l-bniedem midneb waħdu. Il-pwieni li ġew wara d-dnub: "l-uġigħ tat-tqala" *(Ġen 3,16)* u x-xogħol "bl-għaraq ta' ġbinek" *(Ġen 3,19)* huma wkoll rimedju biex inaqqsu l-ħsarat tad-dnub. Wara l-waqgħa, iż-żwieġ jgħin 'il-bniedem biex ma jingħalaqx fih innifsu, biex jirbaħ l-egoiżmu tiegħu, biex ma jfittixx biss il-pjaċiri tiegħu, imma biex iż-żewġ miżżewġin jinfetħu għal xulxin, jgħinu lil xulxin, jagħtu lilhom infushom lil xulxin.

1610 Il-kuxjenza morali dwar li ż-żwieġ hu wieħed u ma jinħallx (dwar l-unità u l-indissolubbiltà taż-żwieġ) żviluppat skont il-pedagoġija tal-Liġi l-qadima. Il-poligamija tal-patrijarki u tas-slaten għad mhijiex imwarrba b'mod ċar u tond. Iżda l-Liġi li ngħatat lil Mosè fittxet li tħares lill-mara mill-ħakma arbitrarja tar-raġel, għalkemm kien għad fiha sinjali, skont il-Mulej, ta' "l-ebusija tal-qalb" tar-raġel, u minħabba f'hekk Mosè ppermetta li r-raġel jibgħat lil martu.[2]

1611 Il-profeti, huma u jaraw il-Patt ta' Alla ma' Israel bħala xbieha tal-imħabba esklussiva u fidila fiż-żwieġ,[3] ħejjew il-kuxjenza tal-poplu magħżul biex biex jagħraf dejjem aktar fil-fond li ż-żwieġ hu wieħed u ma jinħallx.[4] Il-Kotba ta' ta' Rut u ta' Tobit huma xhieda mill-isbaħ tat-tifsir għoli taż-żwieġ, tal-fedeltà u tal-imħabba tal-miżżewġin. Fl-Għanja tal-Għanjiet, it-Tradizzjoni dejjem rat tifsira liema bħalha tal-imħabba tal-bniedem, bħala rifless tal-imħabba ta' Alla, imħabba "bħall-mewt qawwija", li "ilmijiet kbar mhuma qatt se jaslu biex jitfuha" *(Għan 8,6-7)*.

IŻ-ŻWIEĠ FIL-MULEJ

1612 Ir-rabta taż-żwieġ bejn Alla u Israel ħejjiet ir-rabta ġdida u għal dejjem li biha l-Iben ta' Alla, magħmul bniedem biex jagħti ħajtu għad-dinja, ingħaqad b'ċertu mod mal-umanità kollha, li hu salva[5] u hekk ħejja "t-tieġ tal-Ħaruf" *(Apok (Apok 19,7.9)*.

1613 Fuq l-għatba tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għamel l-ewwel sinjal, għat-talba ta' Ommu, waqt festa ta' tieġ.[6] Il-Knisja tagħti importanza kbira għall-preżenza ta' Ġesù fit-tieġ ta' Kana. Tara fiha xhieda tat-tjubija taż-żwieġ u tħabbira li għall-quddiem iż-żwieġ kien se jkun sinjal effikaċi tal-preżenza ta' Kristu.

1614 Fil-predikazzjoni tiegħu, Ġesù għallem bla tlaqliq it-tifsir ewlieni li kellha l-għaqda fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara, kif riedha Alla fil-bidu: il-permess

[1] Ara Ġen 3,21.
[2] Ara Mt 19,8; Dewt 24,1.
[3] Ara Hos 1-3; Is 54,62; Ġer 2-3; 31; Eżek 16,23.
[4] Ara Mal 2,13-17.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 22.
[6] Ara Ġw 2,1-11.

mogħti permezz ta' Mosè għad-divorzju, ingħata minħabba l-ebusija tal-qalb;[1] l-għaqda fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara ma tinħall qatt: Alla nnifsu riedha: "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" *(Mt 19,6)*.

1615 Din l-insistenza bla tlaqliq dwar li r-rabta taż-żwieġ ma tinħallx, setgħet tħawwad u tidher bħala xi ħaġa li ma tistax tkun.[2] Iżda Ġesù ma għabbiex il-miżżewġin b'piż tqil ħafna li ma jistgħux jerfgħuh,[3] aktar tqil mil-Liġi ta' Mosè. Meta ġie biex iwaqqaf mill-ġdid l-ordni li kien hemm fil-bidu tal-ħolqien, ordni mħarbat mid-dnub, Ġesù nnifsu ta qawwa u grazzja lill-miżżewġin biex jgħixu ż-żwieġ tagħhom fid-dimensjoni ġdida tas-Saltna ta' Alla. Il-miżżewġin biss, meta jimxu wara Kristu u jiċċaħħdu minnhom infushom, mgħobbijin bis-salib tagħhom,[4] jistgħu "jifhmu"[5] t-tifsir li kellu ż-żwieġ fil-bidu u jgħixuh bl-għajnuna għajnuna ta' Kristu. Din il-grazzja taż-żwieġ nisrani hi frott tas-salib ta' Kristu, għajn tal-ħajja nisranija kollha.

1616 Dan jifhem San Pawl meta jgħid: "Intom irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb lill-Knisja u ta ħajtu għaliha biex iqaddisha" *(Ef 5,25-26)*, u minnufih żied jgħid: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru t-tnejn ġisem wieħed: dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir" *(Ef 5,31-32)*.

1617 Il-ħajja nisranija kollha għandha s-sinjal tal-imħabba tal-għerusija ta' Kristu u l-Knisja. Il-Magħmudija, li hi d-dħul fil-poplu ta' Alla, hi ġa misteru ta' għerusija: qisha, biex ngħidu hekk, il-ħasil għaż-żwieġ[6] li jiġi qabel l-ikla tat-tieġ, l-Ewkaristija. Iż–żwieġ nisrani, min-naħa tiegħu, isir sinjal effikaċi, sagrament tal-għaqda ta' Kristu u l-Knisja. Iż-żwieġ bejn mgħammdin, għax ifisser u jagħti l-grazzja, hu verament sagrament tal-Patt il-Ġdid.[7]

IL-VERĠINITÀ GĦAS-SALTNA TAS-SMEWWIET

1618 Kristu hu ċ-ċentru tal-ħajja nisranija kollha. Ir-rabta miegħu tiġi qabel ir-rabtiet l-oħra kollha tal-familja u tas-soċjetà.[8] Sa mill-bidu tal-Knisja kien hemm irġiel u nisa li ċċaħħdu mill-ġid kbir taż-żwieġ ħa jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur,[9] biex ifittxu l-ħwejjeġ tal-Mulej, biex ifittxu li jogħġbu lilu,[10] biex imorru jiltaqgħu mal-Għarus li ġej.[11] Kristu nnifsu sejjaħ lil xi wħud biex jimxu warajh f'din is-sura ta' ħajja li Kristu jibqa' dejjem il-mudell tagħha:

> "Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minnhom infushom minħabba s-Saltna tas-smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem" *(Mt 19,12)*.

---

[1] Ara Mt 19,8.
[2] Ara Mt 19,10.
[3] Ara Mt 11,29-30.
[4] Ara Mk 8,34.
[5] Ara Mt 19,11.
[6] Ara Ef 5,26-27.
[7] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1800; CIC kan 1055 §2.
[8] Ara Lq 14,26; Mk 10,28-31.
[9] Ara Apok 14,4.
[10] Ara 1 Kor 7,32.
[11] Ara Mt 25,6.

1619 Il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet hi żvilupp tal-grazzja tal-Magħmudija, sinjal mill-aqwa li r-rabta ma' Kristu tisboq kull rabta oħra. Hi sinjal ta' tama ħerqana għat-tieni miġja tiegħu, sinjal ukoll li jfakkar li ż-żwieg huwa realtà ta' dan iż-żmien li għad jgħaddi.[1]

1620 Kemm is-sagrament taż-Żwieġ u kemm il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet, ġejjin mill-Mulej innifsu. Hu jagħtihom is-sens tagħhom, hu jagħtihom il-grazzja meħtieġa biex ngħixuhom skont ir-rieda tiegħu.[2] L-istima tal-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet[3] u s-sens nisrani taż-Żwieġ ma jinfirdux minn xulxin, imma jgħinu lil xulxin:

> L-istmerrija taż-żwieġ hi fl-istess waqt nuqqas ta' ġieħ għall-verġinità; it-tifħir taż-żwieġ hu t-tkattir tal-ġieħ li jixraq lill-verġinità... Għax fl-aħħar mill-aħħar dak li jidher tajjeb jekk tqabblu ma' xi ħaġa ħażina mhuwiex verament tajjeb, iżda dak li hu aħjar minn dak li kulħadd jaqbel li hu tajjeb hu tajjeb fuq li tajjeb.[4]

## II. Iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ

1621 Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bejn żewġ Kattoliċi, fir-rit Latin, normalment issir waqt il-Quddiesa, minħabba r-rabta li għandhom is-sagramenti kollha mal-misteru tal-Għid ta' Kristu.[5] Fl-Ewkaristija sseħħ it-tifkira tal-Patt il-Ġdid, li bih Kristu ngħaqad darba għal dejjem mal-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li għaliha ta lilu nnifsu.[6] Jaqbel għalhekk li l-miżżewġin jissiġillaw il-kunsens li jagħtu lil xulxin bl-offerta ta' ħajjithom kollha lil xulxin, huma u jgħaqqduha mal-offerta ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, imġedda fis-sagrifiċċju ewkaristiku, u jirċievu l-Ewkaristija biex, huma u jitqarbnu bl-istess ġisem u demm ta' Kristu, jagħmlu "ġisem wieħed" fi Kristu.[7]

1622 "Bħala ġest sagramentali ta' tqaddis, iċ-ċelebrazzjoni liturġika taż-żwieġ… minnha nfisha trid tkun valida, xierqa, u tagħti kotra ta' frott".[8] Jaqbel għalhekk li dawk li se jiżżewġu jħejju ruħhom għaż-żwieġ tagħhom billi jersqu għas-sagrament tal-Penitenza.

1623 Fit-Tradizzjoni Latina, huma ż-żewġ għarajjes li, bħala ministri tal-grazzja ta' Kristu, jagħtu lil xulxin is-sagrament taż-żwieġ, billi jesprimu l-kunsens tagħhom quddiem il-Knisja. Fil-liturġiji tal-Lvant, il-ministru ta' dan is-sagrament (li jissejjaħ "inkoronazzjoni") hu s-saċerdot jew l-isqof li, wara li jkun laqa' l-kunsens lil xulxin taż-żewġ għarajjes, jinkuruna l-ewwel 'l-għarus u mbagħad 'l-għarusa b'sinjal tar-rabta taż-żwieġ.[9]

1624 Il-ħafna liturġiji taż-żwieġ għandhom għana ta' talb, ta' barka u ta' epi-klesi, jitolbu lil Alla l-grazzja u l-barka fuq il-miżżewġin ġodda, u l-aktar fuq il-

---

1 Ara Mt 12,25; 1 Kor 7,31.
2 Ara Mt 19,3-12.
3 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 42; *Perfectae caritatis* 12; *Optatam totius,* 10.
4 San Ġwann Griżostmu, *De vurginitate* 10, 1: PG 48, 540A; ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio,* 16.
5 Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 61.
6 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 6.
7 Ara 1 Kor 10,17.
8 Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio,* 67.
9 Ara *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan 817; 828.

mara. Fl-epiklesi ta' dan is-sagrament il-miżżewġin ġodda jirċievu l-Ispirtu s-Santu bħala Għaqda ta' mħabba fi Kristu u l-Knisja.[1] L-Ispirtu s-Santu hu s-siġill tar-rabta tagħhom, il-bidu dejjem hemm tal-imħabba tagħhom għal xulxin, il-qawwa li fiha tiġġedded dejjem il-fedeltà tagħhom għal xulxin.

### III. Il-kunsens taż-żwieġ

1625 Dawk li jintrabtu bil-patt taż-żwieġ huma raġel u mara mgħammdin, ħielsa minn kull impediment biex jiżżewġu ma' xulxin, u li juru l-kunsens tagħhom minn rajhom. "Ħielsa" jiġifieri:

— mhumiex imġegħlin;

— mhumiex impediti minn xi liġi naturali jew ekkleżjastika.

1626 Il-Knisja tqis il-bdil tal-kunsens bejn iż-żewġ għarajjes bħala l-element għalkollox meħtieġ "li jagħmel iż-żwieġ".[2] Jekk il-kunsens jonqos, ma hemmx żwieġ.

1627 Il-kunsens hu "att uman li bih il-miżżewġin jagħtu lilhom infushom lil xulxin, u jilqgħu lil xulxin".[3] "Jiena nieħu lilek b'żewġi". "Jiena nieħu lilek b'marti".[4] Dan il-kunsens li jorbot iż-żewġ għarajjes bejniethom, isib is-sħuħija tiegħu fil-fatt li t-tnejn "isiru ġisem wieħed".[5]

1628 Il-kunsens irid ikun ġej mir-rieda ħielsa ta' kull wieħed mit-tnejn, ħieles mill-vjolenza u minn biża' gravi minn barra.[6] Ebda setgħa tal-bniedem ma tista' tieħu post dan il-kunsens.[7] Jekk tonqos din il-libertà, iż–żwieġ ma jkunx jiswa.

1629 Minħabba din ir-raġuni (u minħabba raġunijiet oħra li jagħmlu żwieġ ma jkunx jiswa jew ma kienx hemm),[8] il-Knisja tista', wara li tistħarreġ sewwa l-qagħda minn tribunal ekkleżjastiku kompetenti, tiddikjara "n-nullità ta' żwieġ", jiġifieri tgħid li ż-żwieġ qatt ma kien hemm. F'dan il-każ, dawn ikunu jistgħu jerġgħu jiżżewġu, jekk ma jkunux marbutin minn obbligi naturali ta' rabta ta' qabel.[9]

1630 Is-saċerdot (jew id-djaknu) li jassisti għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ jilqa' l-kunsens tal-għarajjes f'isem il-Knisja u jagħti l-barka tal-Knisja. Il-preżenza tal-ministru tal-Knisja (u tax-xiehda wkoll) juri viżibbilment li ż-żwieġ hu realtà ekkleżjali.

1631 Hu għalhekk li l-Knisja normalment titlob mill-fidili tagħha li jħarsu l-*forma ekkleżjastika* fiż-żwieġ tagħhom.[10]Hemm ħafna raġunijiet li jfissru din ir-regola:

---

1 Ara Ef 5,22.
2 CIC kan 1057 §1
3 Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes* 48; ara CIC kan 1057 §2.
4 Rit taż-Żwieġ 45.
5 Ara Ġen 2,24; Mk 10,8; Ef 5,31.
6 Ara CIC kan 1103.
7 Ara CIC kan 1057.
8 Ara CIC kan 1095-1107.
9 Ara CIC kan 1071.
10 Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1813-1816; CIC kan 1108.

— Iż-Żwieġ sagramentali hu att *liturġiku.* Jaqbel għalhekk li jiġi ċċelebrat skont il-liturġija pubblika tal-Knisja;

— Iż-Żwieġ idaħħal il-miżżewġin *f'ordni* ekkleżjali, jagħti drittijiet u dmirijiet fil-Knisja lill-miżżewġin u favur l-ulied.

— Għax iż-Żwieġ hu stat ta' ħajja fil-Knisja, irid ikun hemm ċertezza dwaru (għalhekk il-ħtieġa tax-xhieda).

— Il-karattru pubbliku tal-kunsens iħares l-"Iva" li tingħad darba għal dejjem u jgħin biex wieħed jibqa' fidil lejn din l-"Iva".

1632 Biex l-"Iva" tal-għarajjes tkun ħielsa u responsabbli u biex ir-rabta taż-żwieġ ikollha pedamenti umani u nsara sodi li jibqgħu, għandha importanza kbira t-*tħejjija għaż-żwieġ.*

L-eżempju mogħti mill-ġenituri u mill-qraba jibqa' dejjem it-triq privileġġjata ta' din it-tħejjija.

Il-ħidma tar-ragħajja u tal-komunità nisranija, bħala "familja ta' Alla", hi meħtieġa fuq li meħtieġa biex twassal il-valuri umani u nsara taż-żwieġ u tal-familja,[1] u dan aktar u aktar fi żmienna meta ħafna żgħażagħ għaddew mill-esperjenza ta' familji mfarrka, li ma jiżgurawx biżżejjed din it-tħejjija.

Iż-żgħażagħ iridu jiġu mgħallmin f'ħin waqtu u b'mod adatt, jekk jista' jkun fi ħdan il-familji tagħhom, dwar id-dinjità tal-imħabba fiż-żwieġ, dwar il-funzjoni tagħha, kif turi ruħha: imħejjijin b'dan il-mod għas-safa, ikunu jistgħu, meta jasal il-waqt, jiżżewġu, wara għerusija li jkunu għexu bid-dinjità kollha.[2]

IŻ-ŻWIĠIJIET IMĦALLTA U DISPARITÀ, JEW NUQQAS TA' QBIL FIL-KULT

1633 F'ħafna pajjiżi l-qagħda taż-*żwiġijiet imħallta* (bejn persuna Kattolika u oħra mgħammda imma mhux Kattolika) tidher ta' spiss ħafna. Titlob attenzjoni partikulari kemm minn dawk li jiżżewġu u kemm mir-ragħajja. Il-każ ta' żwiġijiet *fejn m'hemmx qbil fil-kult* (bejn persuna Kattolika u oħra mhux mgħammda) jitlob attenzjoni wisq akbar.

1634 Id-differenza fl-istqarrija tal-fidi nisranija ma toħloqx għaż-żwieġ tfixkil li ma jistax jingħeleb, jekk jaslu biex jaqsmu bejniethom dak li rċevew mill-komunità tagħhom u jgħallmu lil xulxin kif jgħixu l-fedeltà tagħhom lejn Kristu. Iżda min-naħa l-oħra ma għandniex innaqqsu d-diffikultajiet li jistgħu joħolqu ż-żwiġijiet imħallta. Dawn id-diffikultajiet jiġu mill-fatt li l-firda bejn l-Insara għad ma ġietx megħluba. Il-miżżewġin jistgħu jġarrbu t-traġedja tal-firda tal-Insara fi ħdan il-familja tagħhom stess. Id-differenza fil-kult tista' tkattar aktar dawn id-diffikultajiet. Differenzi dwar il-fidi, dwar dak li hu ż-żwieġ innifsu, u mentalitajiet reliġjużi differenti wkoll, jistgħu jkunu għajn ta' tensjonijiet fiż-żwieġ, l-aktar dwar l-edukazzjoni tal-ulied. Imbagħad tista' tidħol l-indifferenza reliġjuża.

1635 Skont il-liġi tal-Knisja Latina llum, iż-żwieġ bejn persuna Kattolika u oħra mgħammda mhux Kattolika biex ikun leċitu, jeħtieġ il-*permess espress* tal-awtorità tal-Knisja.[3] F'każ ta' differenza jew disparità fil-kult hi meħtieġa *dispensa espressa* mill-impediment biex iż-żwieġ ikun validu.[4] Dan il-permess, jew din id-dispensa tissopponi li ż-żewġ partijiet ikunu jafu sewwa u ma jkunux iwarrbu l-għanijiet u l-proprjetajiet essenzjali taż-żwieġ; u barra dan, li l-parti Kattolika

[1] Ara CIC kan 1063.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 49.
[3] Ara CIC kan 1124.
[4] CIC kan 1086.

twettaq id-dmirijiet, li dwarhom tkun ġiet mgħarrfa wkoll il-parti mhux Kattolika, li tgħożż il-fidi tagħha u tiżgura l-Magħmudija u l-edukazzjoni Kattolika tal-ulied fil-Knisja Kattolika.[1]

1636 F'ħafna postijiet, bis-saħħa tad-djalogu ekumeniku, il-komunitajiet insara interessati ħolqu *ħidma pastorali komuni għaż-żwiġijiet imħallta.* Din il-ħidma trid tgħin il-koppji biex jgħixu l-qagħda partikulari tagħhom fid-dawl tal-fidi. Tgħinhom jegħlbu t-tensjonijiet li jistgħu jinħolqu minħabba l-obbligazzjonijiet lejn xulxin u lejn il-komunitajiet ekkleżjali tagħhom. Trid tgħinhom iġibu 'l quddiem dak li dwar il-fidi hemm qbil bejniethom, u jirrispettaw dak li ma jaqblux fih.

1637 Fiż-żwiġijiet fejn hemm disparità ta' kult, il-parti Kattolika għandha ħidma speċjali: "Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes permezz ta' martu u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha" *(1 Kor 7,14)*. Ikun ferħ kbir għall-parti nisranija u għall-Knisja jekk dan it-"tqaddis" iwassal għall-konverżjoni ħielsa tal-parti mhux mgħammda għall-fidi nisranija.[2] Imħabba sinċiera fiż-żwieġ, il-ħarsien umli u kollu sabar tal-virtujiet tal-familja, u t-talb perseveranti jistgħu jħejju l-parti li ma temminx biex tilqa' l-grazzja tal-konverżjoni.

## IV. L-effetti tas-sagrament taż-Żwieġ

1638 "Minn żwieġ validu bejn il-miżżewġin tinħoloq *rabta* li, min-natura tagħha, hi rabta ma' ebda ħaddieħor u għal dejjem; barra dan, fiż-żwieġ nisrani, il-miżżewġin huma mqawwijin u bħal ikkonsagrati b'*sagrament speċjali* għad-dmirijiet u għad-dinjità tal-istat tagħhom".[3]

### IR-RABTA TAŻ-ŻWIEĠ

1639 Il-kunsens li bih l-għarajjes jagħtu lilhom infushom u jaċċettaw lil xulxin hu ssiġillat minn Alla nnifsu.[4] Mill-patt bejniethom, "titwieled, għall-quddiem is-soċjetà wkoll, istituzzjoni (iż-żwieġ) imwettqa mil-liġi ta' Alla".[5] Ir-rabta bejn il-miżżewġin issir parti mir-rabta ta' Alla mal-bnedmin, "l-imħabba vera tal-miżżewġin tittieħed fl-imħabba ta' Alla".[6]

1640 Ir-*rabta taż-żwieġ* mela għamilha Alla stess hekk li ż-żwieġ bejn miżżewġin mgħammdin, jekk isir l-att taż-żwieġ, ma jista' jinħall qatt. Din ir-rabta tiġi minn att liberu u uman tal-għarajjes, u mit-twettiq tal-istess att taż-żwieġ hi realtà li tibqa' għal dejjem u li tagħti bidu għal rabta ggarantita mill-fedeltà stess ta' Alla. Il-Knisja m'għandhiex is-setgħa titkellem kontra dispożizzjoni magħmula mill-għerf ta' Alla.[7]

### IL-GRAZZJA TAS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

1641 "Fl-istat tagħhom ta' ħajja u fl-ordni tagħhom (il-miżżewġin insara) għandhom id-doni proprji tagħhom fi ħdan il-poplu ta' Alla".[8] Din il-grazzja proprja tas-sagrament taż-Żwieġ trid twassal l-imħabba tal-miżżewġin għall-perfezzjoni, u ssaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom, li qatt ma tista' tinħall. B'din il-

[1] Ara *ibid.* kan 1125.
[2] Ara 1 Kor 7,16.
[3] Ara CIC kan 1134.
[4] Ara Mk 10,9.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[6] *Ibid.*
[7] Ara CIC kan 1141.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.

grazzja huma jgħinu lil xulxin biex jitqaddsu fil-ħajja tagħhom taż-Żwieġ, huma u jilqgħu u jedukaw lil uliedhom".[1]

1642 *Kristu hu l-għajn ta' din il-grazzja.* "Kif Alla fl-imgħoddi ħa l-inizjattiva biex ikun hemm patt ta' mħabba u ta' fedeltà mal-poplu tiegħu, hekk issa l-Feddej tal-bnedmin, l-Għarus tal-Knisja, jiġi jiltaqa' mal-għarajjes insara fis-sagrament taż-Żwieġ".[2] Jibqa' magħhom, jagħtihom il-qawwa jimxu warajh mgħobbijin bis-salib tagħhom, jerfagħhom mill-waqgħat tagħhom, jgħinhom jaħfru lil xulxin, joqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu *(Ef 5,21),* iħobbu lil xulxin b'imħabba sopranaturali kollha ħlewwa, imħabba li tagħti l-frott. Fil-ferħ tal-imħabba u tal-ħajja tagħhom fil-familja, Alla jagħtihom, hawn fid-dinja, li jgawdu minn qabel il-ferħ tat-tieġ tal-Ħaruf:

> Kif se nkun nista' nfisser sewwa l-hena ta' dak iż-żwieġ li l-Knisja torbot, twettaq l-offerta u tissiġilla l-barka, l-anġli jħabbruh u l-Missier iwettqu?!... X'rabta sabiħa hu ż-żwieġ ta' żewġ Insara, magħqudin flimkien bl-istess tama, bl-istess xewqat, bl-istess sura ta' ħajja, bl-istess qadi. It-tnejn aħwa, ulied l-istess Missier; it-tnejn qaddejja tal-istess Sid: ebda firda bejniethom la fir-ruħ u lanqas fil-ġisem, għaliex huma t-tnejn ġisem wieħed għax fejn il-ġisem hu wieħed hekk hi waħda r-ruħ.[3]

## V. Dak li tagħti u dak li titlob l-imħabba fiż-Żwieġ

1643 "L-imħabba tal-miżżewġin hija universali, jiġifieri fiha jidħlu l-elementi kollha tal-persuna – dak kollu li jitlob il-ġisem u l-istint, il-qawwa tas-sentimenti u tal-għożża, ix-xewqat tal-ispirtu u tar-rieda. L-għan ta' din l-imħabba hi l-għaqda sħiħa tal-persuni, għaqda li, barra l-għaqda f'ġisem wieħed, twassal biex ikun hemm ukoll qalb waħda u ruħ waħda; titlob li l-għaqda tal-miżżewġin bejniethom ma tinħall qatt u li huma jingħataw lil xulxin bil-fedeltà kollha, u li l-għaqda tagħhom tkun dejjem miftuħa għall-ħajja. F'kelma waħda dan kollu mhux ħlief dak li niltaqgħu miegħu fl-imħabba naturali tal-miżżewġin, iżda b'tifsira ġdida, li mhux biss issaffiha u tqawwiha, imma tgħolliha hekk li tkun stqarrija ta' valuri nsara kollha kemm huma".[4]

L-UNITÀ U L-INDISSOLUBBILTÀ TAŻ-ŻWIEĠ

1644 L-imħabba tal-miżżewġin, min-natura tagħha stess, titlob l-unità u l-indissolubbiltà tal-komunità tagħhom ta' persuni, u tħaddan ħajjithom kollha: għaliex "mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed".[5] "Huma msejħin biex jikbru dejjem aktar f'din l-għaqda billi minn jum għal ieħor jibqgħu fidili għall-wegħda li għamlu fiż-Żwieġ li jingħataw lil xulxin kollhom kemm huma".[6] Din l-għaqda hi hi mwettqa, imsoffija, u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fl-għaqda ma' Ġesù Kristu, għaqda li tingħata permezz tas-sagrament taż-Żwieġ. Tissaħħaħ aktar bil-mixi flimkien fit-triq tal-fidi u permezz tal-Ewkaristija li jissieħbu flimkien fiha.

---

[1] *Ibid.*, 11; ara 41.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[3] Tertulljan, *Ad uxorem* 2, 9; Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 13.
[4] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 13.
[5] Ara Mt 19,6; ara Ġen 2,24.
[6] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 19.

1645 "Id-dinjità personali ndaqs li għandhom ir-raġel u l-mara fl-imħabba sħiħa għal xulxin turi b'mod ċar l-għaqda u l-unità taż-żwieġ, imwettqa mill-Mulej".[1] Il-poligamija hi kuntrarja għall-fatt li r-raġel u l-mara għandhom l-istess dinjità bħala persuni, u fiż-żwieġ jagħtu ruħhom lil xulxin b'imħabba sħiħa liema bħalha u ebda ħadd ieħor ma għandu x'jaqsam magħha.[2]

## IL-FEDELTÀ U L-IMĦABBA FIŻ-ŻWIEĠ

1646 L-imħabba tal-miżżewġin, min-natura tagħha stess, titlob fedeltà li ma tiġi nieqsa qatt. Dan hu l-effett tal-għoti tagħhom infushom il-miżżewġin lil xulxin. L-imħabba trid tkun ħaġa definittiva. Ma tistax tkun imħabba "sakemm ikun hemm ordni ieħor". Din l-għaqda intima, li tiġi mill-għoti ta' żewġ persuni lil xulxin, flimkien mal-ġid tal-ulied, titlob il-fedeltà sħiħa tal-miżżewġin lil xulxin u għaqda li ma tinħall qatt.[3]

1647 L-ogħla raġuni ta' dan insibuha fil-fedeltà ta' Alla għall-patt tiegħu, tal-fedeltà ta' Kristu lejn il-Knisja tiegħu. Permezz tas-sagrament taż-Żwieġ, il-miżżewġin jiksbu l-qawwa li jkunu rappreżentanti ta' din il-fedeltà ta' Alla u ta' Kristu, u jagħtu xhieda għaliha. Permezz tas-sagrament, il-fatt li ż-Żwieġ ma jinħall qatt, jikseb tifsir ġdid u aktar għoli.

1648 Forsi tidher ħaġa diffiċli, jekk mhux impossibbli, tintrabat għal għomrok ma' persuna oħra. Iżda hu aktar meħtieġ tħabbar il-Bxara t-tajba li Alla jħobbna b'imħabba definittiva u li mhux se jerġa' lura minnha, li l-miżżewġin għandhom sehem minn din l-imħabba, li din l-imħabba twettaqhom, u li permezz tal-fedeltà tagħhom jistgħu jkunu xhieda ta' din l-imħabba u ta' din il-fedeltà ta' Alla. Il-miżżewġin li, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, jagħtu din ix-xhieda, xi kultant f'ċirkostanzi tassew diffiċli, jistħoqqilhom il-ħajr u l-għajnuna tal-komunità ekkleżjali kollha.[4]

1649 Iżda hemm sitwazzjonijiet, hemm qagħdiet fejn il-ħajja flimkien fiż-żwieġ issir impossibbli fil-prattika għal ħafna raġunijiet. F'dan il-każ il-Knisja tammetti s-*separazzjoni* fiżika tal-miżżewġin u tammetti wkoll li ma jibqgħux jgħixu flimkien. Iżda l-miżżewġin jibqgħu dejjem raġel u mara miżżewġin quddiem Alla; ma jistgħux ifittxu rabta ġdida. F'qagħda diffiċli bħal din, l-aħjar soluzzjoni tkun ir-rikonċiljazzjoni bejniethom, meta dan ikun possibbli. Il-komunità nisranija hi msejħa biex tgħin lil dawn il-persuni ħa jgħixu din il-qagħda tagħhom bħala Nsara, fil-fedeltà lejn ir-rabta taż-żwieġ tagħhom, li tibqa' dejjem rabta li ma tinħall qatt.[5]

1650 Illum, f'ħafna postijiet, huma ħafna l-Insara li qegħdin ifittxu d-*divorzju* skont il-liġijiet ta' pajjiżhom, u jfittxu rabta ġdida permezz ta' żwieġ ċivili. Il-Knisja trid tibqa' fidila għall-kliem ta' Ġesù Kristu: "Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra, ikun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda, u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju" *(Mk 10,11-12)*; għalhekk ma tistax tqis bħala valida din l-għaqda ġdida, jekk l-ewwel waħda tkun valida. Jekk divorzjati jiżżewġu ċivilment, isibu ruħhom f'qagħda li oġġettivament hi kontra l-liġi ta' Alla. Għalhekk ma jistgħux jersqu għat-Tqarbin, sakemm idumu f'din il-qagħda. Għall-istess raġuni ma

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 49.
[2] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 19.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[4] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 20.
[5] Ara *ibid.*, 83; CIC kan 1151-1155.

jistgħux jaqdu ċerti responsabbiltajiet ekkleżjali. Ir-rikonċiljazzjoni permezz tas-sagrament tal-Penitenza tista' tingħata biss lil dawk li jisgħobihom li kisru s-sinjal tal-Patt u tal-fedeltà lejn Kristu, u jintrabtu li jgħixu f'kontinenza sħiħa.

1651 Lill-Insara li jsibu ruħhom f'qagħda bħal din u li spiss jibqgħu jħarsu l-fidi tagħhom u jixtiequ jrabbu 'l uliedhom bħala Nsara, is-saċerdoti u l-komunità kollha għandha tagħtihom xhieda ta' mħabba ħerqana għalihom, u turihom li mhumiex mifrudin mill-Knisja, anzi bħala mgħammdin, jistgħu u għandhom jieħdu sehem fil-ħajja tal-Knisja:

> Huma mħeġġin jisimgħu l-kelma ta' Alla, imorru għall-Quddies, jipperseveraw fit-talb, ikattru l-għemejjel tagħhom ta' mħabba, u jgħinu ħa jissaħħu l-inizjattivi favur il-ġustizzja fil-komunità li fiha jinsabu, iqawwu fihom l-ispirtu u l-għemejjel ta' penitenza biex hekk kuljum jitolbu lil Alla l-grazzja tiegħu.[1]

IL-FTUĦ GĦALL-ĦAJJA

1652 "Hu min-natura tagħhom stess li ż-żwieġ u l-imħabba tal-miżżewġin għandhom bħala għan it-tnissil u t-trobbija tal-ulied, u f'dan isibu l-qofol u l-kobor sħiħ tagħhom":[2]

> L-ulied huma l-isbaħ don taż-żwieġ u jgħinu ħafna għall-ġid tal-ġenituri tagħhom stess. Alla nnifsu li qal: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" *(Ġen 2,18)* u li "mill-bidu għamilhom raġel u mara" *(Mt 19,4)*, ried jagħtihom ukoll sehem speċjali fil-ħidma tiegħu tal-ħolqien; u hekk bierek ir-raġel u l-mara meta qalilhom: "Nisslu u oktru" *(Ġen 1,28)*. Minn dak iż-żmien l-imħabba vera tal-miżżewġin, imħabba li rridu nifhmuha sewwa, u l-istruttura kollha tal-ħajja tal-familja li toħroġ minnha, dejjem fittxu, mingħajr b'daqshekk ma warrbu l-għanijiet l-oħra taż-żwieġ, li jagħmlu li l-miżżewġin ikunu dejjem lesti biex jikkooperaw bil-kuraġġ kollu mal-imħabba tal-Ħallieq u tal-Feddej li, permezz tagħhom, irid bla heda jkabbar u jagħni l-familja tiegħu.[3]

1653 Il-frott tal-imħabba tal-miżżewġin iħaddan ukoll il-frott tal-ħajja morali, spiritwali u sopranaturali li l-ġenituri jgħaddu lil uliedhom bit-trobbija li jagħtuhom. Il-ġenituri huma l-ewwel u l-ewlenin edukaturi ta' wliedhom.[4] F'dan is-sens, id-dmir fundamentali taż-żwieġ u tal-familja hu li tkun għall-qadi tal-ħajja.[5]

1654 Il-miżżewġin li lilhom Alla ma tahomx li jkollhom tfal, jista' jkollhom ħajja fiż-żwieġ li tkun tfisser ħafna għalihom kemm bħala bnedmin u kemm bħala Nsara. Iż-żwieġ tagħhom jista' jagħti kotra ta' frott ta' mħabba, ta' mġiba għal xulxin, u ta' sagrifiċċju.

## VI. Il-Knisja tad-dar

1655 Kristu ried jitwieled u jikber fi ħdan il-Familja Mqaddsa ta' Ġużeppi u Marija. Il-Knisja mhijiex ħlief "il-familja ta' Alla". Fil-bidu l-Knisja kollha spiss ma kinitx tkun ħlief dawk li flimkien ma "darhom kollha" kienu jemmnu.[6] Meta dawn kienu jikkonvertu, kienu jixtiequ li "darhom kollha" wkoll issalva.[7] Dawn

[1] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 84.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[3] *Ibid.*, 50.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gravissimum educationis*, 3.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 28.
[6] Ara Atti 18,8.
[7] Ara Atti 16,31 u 11,14.

il-familji li jkunu saru Nsara kienu jkunu qishom gżejjer żgħar ta' ħajja nisranija f'dinja bla twemmin.

1656 Illum, f'dinja li hi spiss barra mill-fidi, meta mhijiex kontra l-fidi, il-familji tal-Insara għandhom importanza kbira, bħala ċentri ta' fidi ħajja li titfa' d-dija tagħha madwar. Hu għalhekk li l-Konċilju Vatikan II sejjaħ il-familja, b'espressjoni antika ħafna, "il-knisja tad-dar" *"ecclesia domestica"*.[1] Hu fi ħdan il-familja li l-ġenituri huma, "bil-kelma u bl-eżempju tagħhom... l-ewwel ħabbara tal-fidi, għall-qadi tal-vokazzjoni proprja ta' kull wieħed u b'mod speċjali għall-qadi tal-vokazzjoni mqaddsa".[2]

1657 Hu fi ħdan il-familja li jitħaddem b'mod privileġġjat is-*saċerdozju li tagħti l-Magħmudija* tal-missier, tal-omm, tal-ulied u tal-membri kollha tal-familja, "meta jersqu lejn is-sagramenti, meta jitolbu u jroddu ħajr, huma u jagħtu xhieda ta' ħajja qaddisa biċ-ċaħdiet u bl-imħabba tagħhom bil-fatti".[3] Hekk il-familja hi l-ewwel skola ta' ħajja nisranija u "skola iktar għanja ta' umanità".[4] Hu fi ħdan il-familja li wieħed jitgħallem it-toqol u l-ferħ tax-xogħol, l-l-imħabba bejn l-aħwa, il-maħfra mill-qalb, ukoll jekk imtennija kemm-il darba u, fuq kollox, il-qima ta' Alla permezz tat-talb u tal-offerta tal-ħajja.

1658 Irridu niftakru wkoll li xi persuni, minħabba ċ-ċirkostanzi li jkollhom jgħixu fihom, spiss mingħajr ma jkunu jridu, huma qrib ħafna l-Qalb ta' Ġesù u jistħoqqilhom l-imħabba u l-ħerqa tal-Knisja, u l-aktar dik tar-ragħajja: dawn huma l-ħafna *persuni li ma żżewġux.* Ħafna jibqgħu mingħajr *familja umana*, spiss minħabba l-faqar tagħhom. Xi wħud minnhom jgħixu din il-qagħda tagħhom fl-ispirtu tal-beatitudni, jaqdu 'l Alla u l-proxxmu b'mod eżemplari. Lil dawn il-persuni kulħadd għandu jiftħilhom il-bieb tad-dar, tal-"knejjes tad-dar", ta' dik il-familja kbira li hi l-Knisja. Ebda persuna mhi bla familja f'din id-dinja: il-Knisja hi d-dar u l-familja ta' kulħadd, u b'mod partikulari ta' dawk li huma "mħabbtin u mtaqqlin" *(Mt 11,28)*.[5]

## Fil-qosor

1659 *San Pawl jgħid: "Irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja... Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir"* (Ef 5,25.32).

1660 *Ir-rabta taż-żwieġ, li biha r-raġel u l-mara jwaqqfu komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba, twaqqfet u ngħatat il-liġijiet proprji tagħha mill-Ħallieq. Min-natura tagħha hija ordnata għall-ġid tal-miżżewġin kif ukoll għat-tnissil u t-trobbija tal-ulied. Ir-rabta taż-żwieġ bejn żewġ mgħammdin ġiet mgħollija għad-dinjità ta' sagrament minn Kristu l-Mulej.*[6]

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 11; ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 21.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[3] *Ibid.*, 10.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 52.
[5] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika, *Familiaris consortio*, 85.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48; CIC kan 1055 §1.

1661 *Is-sagrament taż-Żwieġ ifisser l-għaqda ta' Kristu u l-Knisja. Lill-miżżewġin jagħtihom il-grazzja li jħobbu lil xulxin b'dik l-imħabba li biha Kristu ħabb il-Knisja tiegħu. B'hekk il-grazzja tas-sagrament twassal għall-perfezzjoni l-imħabba umana tal-miżżewġin, issaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom li ma tista' titħassar qatt, u tqaddishom fil-mixi tagħhom lejn il-ħajja ta' dejjem.*[1]

1662 *Iż-żwieġ jinbena fuq il-kunsens tat-tnejn li se jiżżewġu, jiġifieri fuq ir-rieda tagħhom li jagħtu lilhom infushom lil xulxin u għal dejjem bl-għan li jgħixu għaqda ta' mħabba bil-fedeltà kollha, għaqda ta' mħabba li tagħti l-frott.*

1663 *Għaliex iż-żwieġ iqiegħed lill-miżżewġin f'qagħda pubblika ta' ħajja fil-Knisja, jaqbel li jiġi ċċelebrat pubblikament fi ħdan ċelebrazzjoni liturġika quddiem saċerdot (jew xhud kwalifikat tal-Knisja), ix-xiehda u l-ġemgħa tal-Insara.*

1664 *L-unità, l-indissolubbiltà u l-ftuħ għall-ħajja huma essenzjali għaż-żwieġ. Il-poligamija tmur kontra l-unità taż-żwieġ; id-divorzju jifred dak li Alla għaqqad, iċ-ċaħda għall-ftuħ tal-ħajja tneħħi mill-ħajja taż-żwieġ "l-aqwa don tiegħu", it-tfal.*[2]

1665 *Iż-żwieġ mill-ġdid ta' divorzjati minn persuni li għadhom ħajjin u li magħhom kien hemm żwieġ validu, imur kontra l-pjan tal-Liġi ta' Alla li għallem Kristu. Id-divorzjati mhumiex mifrudin mill-Knisja, iżda ma jistgħux jersqu jitqarbnu. Jgħixu l-ħajja nisranija tagħhom billi jagħtu lil uliedhom trobbija tajba fil-fidi.*

1666 *Il-familja nisranija hi l-post fejn l-ulied jisimgħu l-ewwel tħabbira tal-fidi. Hu għalhekk li d-dar tal-familja bid-dritt kollu tissejjaħ "il-Knisja tad-dar", komunità ta' grazzja u ta' talb, skola ta' virtujiet umani u ta' mħabba nisranija.*

### IR-RABA' KAPITLU

## IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI L-OĦRA

### L-ewwel artiklu

## IS-SAGRAMENTALI

1667 "Ommna l-Knisja mqaddsa waqqfet is-sagramentali, li huma sinjali mqaddsa li bihom, f'ċerta xebh mas-sagramenti, jiġu mfissra u jingħataw bit-talb

[1] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1799.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et Spes*, 50.

tal-Knisja, xi effetti, l-aktar spiritwali, li bihom il-bnedmin jitħejjew biex jirċievu l-effett ewlieni tas-sagramenti, u jitqaddsu l-ħafna ċirkostanzi tal-ħajja".[1]

IL-KARATTERISTIĊI TAS-SAGRAMENTALI

1668 Twaqqfu mill-Knisja għall-qdusija ta' xi ministeri fil-Knisja, ta' xi stati ta' ħajja, tal-ħafna ċirkostanzi tal-ħajja nisranija, u wkoll ta' xi affarijiet ta' siwi li n-nies soltu jużaw. Jistgħu wkoll, b'deċiżjoni pastorali tal-isqfijiet, iwieġbu għall-ħtiġijiet, għall-kultura u għall-ġrajja proprja tal-poplu nisrani ta' xi mkien jew ta' xi żmien. Fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramentali hemm dejjem talba msieħba ma' sinjal determinat bħat-tqegħid tal-idejn, is-sinjal tas-salib, it-traxxix bl-ilma mbierek (li jfakkar il-Magħmudija).

1669 Is-sagramentali joħorġu mis-saċerdozju li jingħata fil-Magħmudija: kull min hu mgħammed hu msejjaħ biex ikun "barka"[2] u biex ibierek.[3] Hu għalhekk li xi lajċi jistgħu jippresiedu xi barkiet;[4] aktar ma barka tkun dwar ħajja ekkleżjali u sagramentali, il-presidenza tagħha aktar tkun riservata lill-ministri ordnati (isqof, saċerdot u djaknu).[5]

1670 Is-sagramentali ma jagħtux il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu kif jagħtuha s-sagramenti, imma permezz tat-talb tal-Knisja jħejju biex wieħed jirċievi l-grazzja u jiddisponuh ħa jikkoopera magħha. "Għall-Insara li għandhom dispożizzjonijiet tajba l-ġrajjiet kollha tal-ħajja, nistgħu ngħidu, huma mqaddsin bil-grazzja ta' Alla li tiġi mill-misteru tal-Għid tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu, għaliex minnu jiksbu l-qawwa tagħhom is-sagramenti kollha u s-sagramentali; u nistgħu ngħidu li m'hemmx ħaġa materjali li l-użu xieraq tagħha ma jistax jgħin għat-tqaddis tal-bniedem u għat-tifħir ta' Alla".[6]

IL-ĦAFNA SURIET TAS-SAGRAMENTALI

1671 Fost is-sagramentali hemm l-ewwel il-*barkiet* (tal-persuni, tal-mejda, tal-ħwejjeġ, tal-postijiet). Kull barka hi tifħir ta' Alla u talba għad-doni tiegħu. Fi Kristu, l-Insara huma mberkin mill-Missier "b'kull xorta ta' barka spiritwali" *(Ef 1,3)*. Hu għalhekk li l-Knisja tagħti l-barka tagħha, hija u ssejjaħ l-isem ta' Ġesù u trodd is-salib.

1672 Xi barkiet jibqgħu għaliex *jikkonsagraw* xi persuni lil Alla u jwarrbu xi ħwejjeġ u xi postijiet għaċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija. Fost dawn il-barkiet ta' persuni – li ma għandniex inħawduhom mal-ordinazzjoni sagramentali – hemm il-barka ta' abbati u ta' badessa ta' monasteru, il-konsagrazzjoni tal-verġni u dik tar-romol, ir-rit tal-professjoni reliġjuża, u l-barkiet għal xi ministeri fil-Knisja (letturi, akkolti, katekisti u l-bqija). Bħala eżempju ta' barkiet ta' oġġetti nistgħu nsemmu d-dedikazzjoni jew il-benedizzjoni ta' knisja jew ta' artal, il-benedizzjoni taż-żjut, tat-tagħmir imqaddes tal-knejjes, tal-qniepen u l-bqija.

1673 Meta l-Knisja titlob pubblikament u b'awtorità, f'isem Ġesù Kristu, biex xi persuna jew xi ħaġa tiġi mħarsa mit-theddid tal-Ħażin jew tiġi mwarrba minn taħt is-setgħa tiegħu, dan jissejjaħ *eżorċiżmu.* Kristu dan għamlu,[7] u mingħandu l-Knisja rċeviet is-setgħa u d-dmir li

[1] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 60: ara CIC kan 1166; *Corpus Canonum Ecclesia Orientalim* kan 867.
[2] Ara Ġen 12,2.
[3] Ara Lq 6,28; Rum 12,14; 1 Piet 3,9.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 49; kan 79; CIC kan 1168.
[5] Ara *De Benedictionibus*, 16; 18.
[6] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 61.
[7] Ara Mk 1,25s.

teżorċizza.[1] F'sura sempliċi l-eżorċiżmu dejjem isir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija. L-eżorċiżmu solenni, jew "l-eżorċiżmu l-kbir", jista' jsir biss minn saċerdot u bil-permess tal-isqof. Wieħed irid juża l-għaqal kollu u jħares bir-reqqa kollha r-regoli li għamlet il-Knisja. L-għan tal-eżorċiżmu hu li jkeċċi x-xjaten jew jeħles minn taħt is-setgħa tax-xitan u dan bis-saħħa tal-awtorità spiritwali li Ġesù ried jafda lill-Knisja tiegħu. Il-mard, l-aktar dak tal-moħħ (psikiku), hu ħaġa għalkollox differenti li tinteressa x-xjenza medika. Hu għalhekk importanti ħafna, qabel ma wieħed jiċċelebra eżorċiżmu, li jkun żgur dwar il-preżenza tal-Ħażin u mhux li jkun xi każ ta' mard.[2]

RELIĠJOŻITÀ POPOLARI

1674 Minbarra l-liturġija tas-sagramenti u tas-sagramentali, il-katekeżi trid tqis ukoll is-suriet ta' tjieba li jinsabu fost il-fidili u trid tqis ukoll ir-reliġjożità popolari. Is-sens reliġjuż tal-poplu nisrani, f'kull żmien, ġie mfisser minn ħafna suriet ta' tjieba li ġew miżjuda mal-ħajja sagramentali tal-Knisja, bħalma huma l-venerazzjoni tar-relikwi, iż-żjajjar lis-santwarji, il-pellegrinaġġi, il-purċissjonijiet, it-triq tas-salib (il-*"Via Crucis"*), iż-żfin reliġjuż, ir-ružarju, id-domni u l-bqija.[3]

1675 Dawn l-espressjonijiet itawlu l-ħajja liturġika tal-Knisja, iżda ma jeħdux postha. "Iridu jiġu regolati b'mod li jkunu jaqblu mal-liturġija u b'xi mod joħorġu minnha u jwasslu wkoll il-fidili għaliha, għaliex il-liturġija, min-natura tagħha, hi aqwa minnhom".[4]

1676 Hu meħtieġ ħafna għaqal pastorali biex wieħed jgħin u jġib 'il quddiem ir-reliġjożità popolari, u f'każ ta' nuqqasijiet, isaffi u jiddritta s-sens reliġjuż, li hu l-pedament ta' dawn id-devozzjonijiet ħa jingħaraf dejjem aktar il-misteru ta' Kristu.[5] Dawn id-devozzjonijiet huma fir-responsabbiltà tal-isqfijiet li jridu jistħarrġuhom u jaraw humiex skont in-normi pastorali tal-Knisja.[6]

> Ir-reliġjożità popolari essenzjalment hi ġabra ta' valuri li jwieġbu, fid-dawl tal-għerf nisrani, għall-problemi kbar tal-ħajja. Is-sens komun tal-poplu nisrani għandu l-ħila jasal għal sintesi fil-ħajja. Hu b'dan il-mod li jmorru flimkien, b'mod kreattiv, dak li hu ta' Alla u dak li hu tal-bniedem, Kristu u Marija, ir-ruħ u l-ġisem, ix-xirka u l-istituzzjoni, il-persuna u l-komunità, il-fidi u l-patrija, l-intelliġenza u s-sentiment. Dan l-għerf hu l-umaniżmu nisrani li jagħraf b'mod tassew radikali d-dinjità tal-bniedem bħala iben Alla, iġedded il-bniedem biex jgħix fundamentalment fi fraternità mal-oħrajn, jaf jgħix f'armonija man-natura u jifhem x'inhu x-xogħol, u juri għaliex wieħed jista' jgħix fl-hena u l-ferħ, ukoll f'nofs ħajja iebsa. Dan l-għerf, għall-poplu hu wkoll prinċipju ta' dixxerniment, istint evanġeliku li jwassal 'il-bniedem biex minnufih jintebaħ jekk l-Evanġelju hux dak li l-ewwel qed jiġi mħares fil-Knisja jew jekk hux nieqes u maħnuq minn interessi oħra.[7]

## Fil-qosor

[1] Ara Mk 3,15; 6,7.13; 16,17.
[2] Ara CIC kan 1172.
[3] Ara Konċ. ta' Niċea II: Denzinger-Schonmetzer, 601; 603; Konċ. ta' Trento: *ibid.*, 1882.
[4] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 13.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 54.
[6] Ara *ibid.*
[7] Dokument ta' Puebla (1979) 448; ara Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nintiandi*, 48.

1677 *Jissejħu sagramentali dawk is-sinjali mqaddsa li twaqqfu mill-Knisja bl-għan li jħejju l-bnedmin ħa jirċievu l-frott tas-sagramenti u jqaddsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja.*

1678 *Fost is-sagramentali, il-barkiet għandhom post importanti: huma fl-istess waqt tifħir lil Alla għall-opri u d-doni tiegħu, u talb tal-Knisja biex il-bnedmin ikunu jistgħu jagħmlu użu tajjeb mid-doni ta' Alla skont l-ispirtu tal-Evanġelju.*

1679 *Minbarra l-liturġija, il-ħajja nisranija titmantna b'ħafna suriet ta' tjieba popolari li għandhom l-għeruq tagħhom f'kulturi differenti. Il-Knisja, waqt li tistħarriġhom u ddawwalhom bid-dawl tal-fidi, hi favur dawk is-suriet ta' reliġjożità popolari li juru istint evanġeliku u għerf il-bnedmin u jagħnu l-ħajja nisranija.*

**It-tieni artiklu**

## IL-FUNERALI NSARA

1680 Is-sagramenti kollha, u l-aktar dawk tad-dħul fil-ħajja nisranija, għandhom bħala għan l-aħħar Għid ta' wlied Alla, dak li, bil-mewt, idaħħalhom fil-Ħajja tas-Saltna. Imbagħad iseħħ dak li nistqarru bil-fidi u bit-tama: "Nistenna l-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej".[1]

### I. L-aħħar Għid tan-Nisrani

1681 Is-sens nisrani tal-mewt juri ruħu fid-dawl tal-*misteru tal-Għid* tal-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu għall-ħajja: fih hi t-tama kollha tagħna. In-Nisrani li jmut fi Kristu Ġesù "joħroġ mill-ġisem biex imur u joqgħod għand il-Mulej" *(2 Kor 5,8)*.

1682 Għan-Nisrani jum il-mewt hu *t-tmiem tal-ħajja sagramentali tiegħu,* il-milja tat-twelid ġdid li beda bil-Magħmudija, ix-"xebh" definittiv max-"xbieha tal-Iben" mogħtija permezz tal-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu, u t-tisħib fl-ikla tas-Saltna li ġiet antiċipata fl-Ewkaristija, ukoll jekk jeħtieġlu l-aħħar tisfija biex ikun jista' jilbes il-libsa tat-tieġ.

1683 Il-Knisja bħala Omm, refgħet sagramentalment fi ħdanha n-Nisrani fil-mixi tiegħu f'din id-dinja, u tissieħeb miegħu fi tmiem il-mixi tiegħu biex tafdah "f'idejn il-Missier". Toffri lill-Missier, fi Kristu, iben il-grazzja tiegħu, u tiżra' fl-art b'tama sħiħa ż-żerriegħa tal-ġisem li għad jirxoxta fil-glorja.[2] Din l-offerta tiġi ċċelebrata fis-sħuħija kollha tagħha fis-Sagrifiċċju ewkaristiku: il-barkiet li jiġu qabel u wara huma sagramentali.

### II. Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali

[1] Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli.
[2] Ara 1 Kor 15,42-44.

1684 Il-Funeral Nisrani huwa ċelebrazzjoni liturġika tal-Knisja. Il-ministeru tal-Knisja hawnhekk ifisser ukoll ir-rabta effikaċi li hemm mal-*mejjet* u għandu l-għan li jsieħeb il-ġemgħa tal-*komunità* fil-funeral u jħabbrilha l-ħajja ta' dejjem.[1]

1685 Il-ħafna riti tal-funerali jfissru l-*karattru tal-Għid* tal-mewt tan-Nisrani u jwieġbu għat-tradizzjonijiet u l-qagħdiet ta' kull post, ukoll dwar il-kulur liturġiku li jintuża.[2]

1686 *L-Ordni tal-funerali*[3] tal-liturġija Rumana għandu tliet suriet ta' ċelebrazzjoni tal-funerali li jaqblu mat-tliet postijiet fejn isiru (id-dar, il-knisja u ċ-ċimiterju), skont l-importanza li jagħtuhom il-familja, id-drawwiet tal-post, il-kultura u r-reliġjożità popolari. Dan l-ordni fl-aħħar mill-aħħar insibuh fit-tradizzjonijiet liturġiċi kollha, u għandu erba' mumenti prinċipali:

1687 *Il-laqgħa mill-komunità.* Tislima ta' fidi tiftaħ iċ-ċelebrazzjoni. Il-qraba tal-mejjet jiġu milqugħin bi kliem ta' "faraġ" (fit-tifsir li għandha l-kelma fit-Testment il-Ġdid: il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fit-tama[4]). Il-ġemgħa li titlob madwar l-artal tistenna hi wkoll "il-kliem tal-ħajja ta' dejjem". Il-mewt ta' membru tal-komunità (jew l-anniversarju tal-mewt, jew is-seba' jew it-tletin jum tal-mewt) hu fatt li jmissu jwassal 'il-fidili biex iħarsu 'l hemm minn "din id-dinja", lejn il-veritajiet tal-fidi fi Kristu rxoxt.

1688 *Il-Liturġija tal-Kelma* fil-funerali titlob għażla wisq aktar attenta għaliex il-ġemgħa jista' jkollha fi ħdanha nies li ma tantx jieħdu sehem fil-liturġija, jew ħbieb tal-mejjet li mhumiex Insara. L-omelija, b'mod partikulari, "ma tridx tkun eloġju funebri"[5] tal-mejjet, imma trid tagħti dawl lill-misteru tal-mewt nisranija fid-dawl ta' Kristu rxoxt.

1689 *Is-Sagrifiċċju ewkaristiku.* Meta ċ-ċelebrazzjoni tal-funerali ssir fil-knisja, l-Ewkaristija tkun il-qofol tal-Għid tal-mewt nisranija.[6] F'dak il-waqt il-Knisja turi r-rabta tagħha mal-mejjet: hija u toffri lill-Missier, fl-Ispirtu s-Santu, is-sagrifiċċju tal-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja tal-Mulej; il-Knisja titlob li binha (bintha) jitnaddaf mid-dnubiet u mill-effetti kollha tagħhom u jidħol fil-milja tal-Għid tal-mejda tas-Saltna.[7] Hu permezz tal-Ewkaristija li l-fidili, u speċjalment il-qraba tal-mejjet, jitgħallmu jgħixu f'għaqda ma' dak "li raqad fil-Mulej", f'xirka mal-Ġisem ta' Kristu, li tiegħu hu membru ħaj u jitolbu għalih u miegħu.

1690 Bit-*tislima tal-aħħar* il-Knisja "tirrikkmanda" l-mejjet lil Alla. "Hija l-aħħar tislima li biha l-komunità nisranija ssellem lil wieħed mill-membri tagħha qabel ġismu jittieħed għad-difna".[8] It-tradizzjoni Biżantina dan tfissru permezz ta' bewsa lill-mejjet:

> B'din it-tislima tal-aħħar "isir kant għat-tluq tal-mejjet minn din il-ħajja u għall-firda tiegħu minna, imma wkoll għax għadna magħqudin miegħu u għad nerġgħu niltaqgħu: għaliex aħna m'aħniex mifrudin minn xulxin imma lkoll mexjin mill-istess triq u għad niltaqgħu lkoll fl-istess post. Ma nkunu qatt mifrudin minn xulxin għaliex, aħna ngħixu bi Kristu magħqudin miegħu, mexjin lejh... inkunu lkoll flimkien fi Kristu".[9]

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 81-82.
[2] Ara *ibid.*, 81.
[3] *Ordo Exsequiarum.*
[4] Ara 1 Tes 4,18.
[5] Rit tal-Funerali, 41.
[6] Ara Rit tal-Funerali, 11.
[7] *Ibid.*, 57.
[8] Rit tal-Funerali, 10.
[9] San Xmun ta' Salonika, *De ordine sepulturae:* PG 155, 685B.